Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

9 ta' Frar 2018

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2015-2016

Data tas-seduta tad 7 ta' Marzu 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 156, 18.5.2017.

SESSJONI 2016-2017

Dati tas-seduti: 8-10 ta' Marzu 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 156, 18.5.2017.

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

2018/C 050/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar ir-Rapport Annwali 2014 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE – Ġlieda kontra l-frodi (2015/2128(INI)) 2

2018/C 050/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar l-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-ħidma tal-Parlament Ewropew (2015/2230(INI)) 15

2018/C 050/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa rifuġjati u li jfittxu l-asil fl-UE (2015/2325(INI)) 25

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

2018/C 050/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI) (2016/2555(RSP)) 35

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

2018/C 050/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar il-libertà tal-espressjoni fil-Każakistan (2016/2607(RSP)) 38

MT

2018/C 050/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-Eġittu, b'mod partikolari l-każ ta' Giulio Regeni (2016/2608(RSP)) 42

2018/C 050/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2016/2609(RSP)) 45

2018/C 050/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data" (2015/2612(RSP)) 50

2018/C 050/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Eritrea (2016/2568(RSP)) 57

2018/C 050/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar ir-Rapport 2015 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2015/2895(RSP)) 64

2018/C 050/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar ir-Rapport 2015 dwar il-Montenegro (2015/2894(RSP)) 73

2018/C 050/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-Unjoni Bankarja – Rapport Annwali 2015 (2015/2221(INI)) 80

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

2018/C 050/13 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea (2016/2005(ACI)) 91

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

2018/C 050/14 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard tal-annimali li jittieħed u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (11779/1/2015 – C8-0008/2016 – 2013/0136(COD)) 98

2018/C 050/15 P8_TA(2016)0068

Skema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (COM(2014)0032 – C7-0025/2014 – 2014/0014(COD))

P8_TC1-COD(2014)0014

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari 8 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema ta' għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fi stabbilimenti edukattivi 101

2018/C 050/16 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-8 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)) 102

2018/C 050/17 P8_TA(2016)0070

L-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2494/95 (COM(2014)0724 – C8-0283/2014 – 2014/0346(COD))

P8_TC1-COD(2014)0346

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 149

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

2018/C 050/18 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 rigward it-taħriġ tal-piloti, l-ittestjar u l-kontroll perjodiku għal navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (D042244/03 – 2016/2545(RPS)) 150

2018/C 050/19 P8_TA(2016)0075

It-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (Kodifikazzjoni) (COM(2014)0466 – C8-0107/2014 – 2014/0216(COD))

P8_TC1-COD(2014)0216

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (kodifikazzjoni) 152

2018/C 050/20 P8_TA(2016)0076

Diversifikazzjoni fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti mediċini essenzjali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tiġi evitata diversifikazzjoni fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti mediċini essenzjali (test kodifikat) (COM(2014)0319 – C8-0015/2014 – 2014/0165(COD))

P8_TC1-COD(2014)0165

Pożizzjoni tal-ParlamentEwropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tiġi evitata diversifikazzjoni fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti mediċini prinċipali (kodifikazzjoni) 153

2018/C 050/21 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jipprovdi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (COM(2015)0631 – C8-0028/2016 – 2015/0285(NLE)) 154

2018/C 050/22 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għall-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) (C8-0023/2016 – 2016/0902(NLE)) 155

2018/C 050/23 P8_TA(2016)0079

Salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali (COM(2013)0822 – C7-0428/2013 – 2013/0408(COD))

P8_TC1-COD(2013)0408

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottat fl-ewwel qari fid-9 ta' Marzu bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali 156

2018/C 050/24 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2017, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2016/2004(BUD)) 157

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

2018/C 050/25 P8_TA(2016)0086

L-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tunežija ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tunežija (COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD))

P8_TC1-COD(2015)0218

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari 10 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tunežija 165

2018/C 050/26 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji (COM(2014)0558 – C8-0164/2014 – 2014/0257(COD)) 166

2018/C 050/27 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2014)0557 – C8-0142/2014 – 2014/0256(COD)) 280

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2015-2016

Data tas-seduta tad 7 ta' Marzu 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 156, 18.5.2017.

SESSJONI 2016-2017

Dati tas-seduti: 8-10 ta' Marzu 2016

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 156, 18.5.2017.

TESTI ADOTTATI

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0071

Rapport Annwali 2014 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE – Ġlieda kontra l-frodi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar ir-Rapport Annwali 2014 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE – Ġlieda kontra l-frodi (2015/2128(INI))

(2018/C 050/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti annwali preċedenti tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-31 ta' Lulju 2015 intitolat "Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali tal-2014 tal-ġlieda kontra l-frodi" (COM(2015)0386) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjawh (SWD(2015)0151, SWD(2015)0152, SWD(2015)0153, SWD(2015)0154, SWD(2015)0155 u SWD(2015)0156),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali 2014 tal-OLAF,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF għas-sena 2014,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2015, intitolata "Protezzjoni tal-Baġit tal-UE sa tmiem l-2014" (COM(2015)0503),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2015 intitolata "Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE: jiġi indirizzat it-tħassib tan-negozji u tas-soċjetà ċivili" (CCMI/132),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2014 intitolat "Rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni" (COM(2014)0038),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Hercule III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE ([1]),

([1]) ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2013 dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (COM(2013)0534),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2012 dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (COM(2012)0363),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ([3]), id-dikjarazzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ([4]) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2011 intitolata "Nissieltu kontra l-Korruzzjoni fl-UE" (COM(2011)0308),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-2015 dwar id-diskrepanza fil-VAT li ġie kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-akkwisti pubbliċi fin-nefqa ta' koeżjoni tal-UE,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-Kawża C-105/14 – *Taricco et*,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Kumitat għall-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0026/2016),

A. billi l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom responsabilità komuni għall-implimentazzjoni ta' madwar 80 % tal-baġit tal-Unjoni; billi l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-ġbir tar-riżorsi proprji, *inter alia* fil-forma ta' VAT u dazji doganali;

B. billi nefqa pubblika bil-għaqal u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE għandhom ikunu elementi ewlenin tal-politika tal-UE intiżi biex isaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini billi jiżguraw li flushom qed jintużaw b'mod korrett, effiċjenti u effikaċi; billi din il-ġestjoni finanzjarja tajba għandha tintrabat ma' approċċ li 'jagħmel l-aħjar użu minn kull Euro disponibbli';

C. billi l-kisba ta' prestazzjoni tajba tinvolvi l-inputs, l-outputs, ir-riżultati u l-impatti li jiġu evalwati regolarment permezz ta' awditi tal-prestazzjoni;

D. billi d-diversità fis-sistemi legali u amministrattivi fl-Istati Membri tirrappreżenta ambjent diffiċli fejn jiġu megħluba l-irregolaritajiet u tiġi miġġielda l-frodi, u billi l-Kummissjoni għaldaqstant għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-ġlieda kontra l-frodi tiġi implimentata b'mod effettiv u tipproduċi riżultati aktar tanġibbli u aktar sodisfaċenti;

([1]) ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([3]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 121.
([4]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 62.
([5]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

E. billi l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandu r-responsabbiltà li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jinvestiga l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra; billi l-Kumitat ta' Sorveljanza tiegħu ġie stabbilit sabiex isaħħaħ u jiggarantixxi l-indipendenza tal-OLAF permezz tal-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-funzjoni investigattiva tiegħu; billi, b'mod partikolari, il-Kumitat Superviżorju jimmonitorja l-iżviluppi dwar l-applikazzjoni ta' garanziji proċedurali u t-tul ta' tali investigazzjonijiet fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mid-Direttur Ġenerali f'konformità mal-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013;

F. billi l-korruzzjoni taffettwa lill-Istati Membri kollha u tiswa lill-ekonomija tal-UE madwar EUR 120 biljun fis-sena, kif imsemmi fl-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar il-politika tal-Unjoni Ewropea kontra l-korruzzjoni li ġie ppubblikat fi Frar 2014;

G. billi l-korruzzjoni tista' tgħin il-finanzjament tal-attivitajiet ta' netwerks ta' kriminalità organizzata jew terroriżmu fl-Ewropa; billi l-korruzzjoni timmina wkoll il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi;

H. billi flimkien mal-kunċett taċ-ċivilizzazzjoni bbażat fuq prinċipji etiċi stabbiliti fl-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni fl-ekonomija globali;

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni intitolat "Il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali tal-2014 tal-ġlieda kontra l-frodi"; jitlob li l-Kummissjoni, fir-rapporti annwali tagħha dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (rapporti PIF), twieġeb għat-talbiet tal-Parlament b'mod aktar f'waqtu;

Identifikazzjoni u rappurtar ta' irregolaritajiet

2. Jinnota li l-irregolaritajiet kollha rrapportati jinvolvu ammont totali ta' madwar EUR 3,24 biljun; jenfasizza li l-impatt finanzjarju globali tal-irregolaritajiet mhux frodulenti rrapportati fl-2014 huwa 36 % ogħla minn dak irrapportat fl-2013, filwaqt li n-numru ta' tali irregolaritajiet żdied bi 48 %; jenfasizza li EUR 2,27 biljun tal-irregolaritajiet irrappurtati huma marbuta mal-infiq, li jirrappreżenta 1,8 % tat-total ta' pagamenti;

3. Jenfasizza li 1 649 irregolarità minn total ta' 16 473 irrapportati lill-Kummissjoni fl-2014 kienu frodulenti, u li dawn jinvolvu ammont ta' EUR 538,2 miljuni; jinnota li irregolaritajiet frodulenti relatati man-nefqa involvew EUR 362 miljun, li jirrappreżentaw 0,26 % tat-total tal-pagamenti, u li dawk relatati ma' dħul involvew EUR 176,2 miljun, li jirrappreżentaw 0,88 % tal-ammont gross ta' riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) miġbur fl-2014;

4. Jenfasizza li l-impatt finanzjarju globali tal-irregolaritajiet mhux frodulenti rrapportati fl-2014 huwa 47 % ogħla minn dak irrapportat fl-2013, filwaqt li n-numru ta' tali irregolaritajiet naqas b'5 %; jinnota wkoll li l-irregolaritajiet mhux frodulenti relatati mal-infiq affettwaw 1,54 % tal-pagamenti totali, u li dawk relatati mad-dħul laqtu 3,66 % tar-RPT miġbura fl-2014;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni terfa' r-responsabilità sħiħa għall-irkupru tal-fondi mħallsin indebitament mill-baġit tal-UE, kif ukoll biex tiġbor b'mod aħjar ir-riżorsi proprji, u biex tistabbilixxi prinċipji ta' rapportar uniformi fl-Istati Membri kollha bil-għan li tinġabar data relevanti, komparabbli u preċiża;

6. Jenfasizza li l-irregolaritajiet mhux frodulenti spiss huma marbuta ma' għarfien insufficjenti ta' regoli u rekwiżiti kumplessi; jemmen li s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri mill-Istati Membri u l-Kummissjoni se tnaqqas l-għadd ta' tali irregolaritajiet; iqis li l-ġlieda kontra l-irregolaritajiet, inkluża l-frodi, tirrikjedi s-sensibilizzazzjoni fost il-korpi istituzzjonali kollha fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali u fost il-pubbliku ġenerali; jinnota li l-istabbiliment ta' kultura li tiffaċilita l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi huwa ta' importanza vitali fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-Fondi u jistieden lill-Istati Membri jħeġġu l-iskambju ta' prattiki tajba;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

7. Ifakkar li, bl-għan li l-finanzi jinġiebu fuq bażi aktar sostenibbli, l-Istati Membri huma involuti fi proċess li għadu għaddej ta' konsolidazzjoni u trażżin fiskali, u jemmen bis-sħiħ li r-riżorsi disponibbli kollha huma meħtieġa għall-investiment fl-Istati Membri bl-għan li jiġi stimulat tkabbir ekonomiku sostenibbli; jemmen li għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex tiġi evitata u titwaqqaf kwalunkwe attività frodulenti fil-qasam tal-politika kummerċjali u l-approprjazzjonijiet assoċjati magħha, billi jiġu kkombinati l-istrumenti tal-politiki rilevanti kollha (bħall-investigazzjonijiet kriminali, l-iżvilupp ta' mudelli affidabbli ta' analiżi, u sforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u l-fallimenti relatati ma' politika difettuża tal-Kummissjoni); jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforz akbar biex jiżguraw li flus mill-baġit tal-UE jintużaw b'mod korrett għal proġetti li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa, u għall-irkupru ta' dejn doganali wara li jinstab li kien hemm frodi; jenfasizza, b'mod aktar ġenerali, li l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-flussi finanzjarji illeċiti għandha tibqa' prijorità għolja għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri;

8. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' strateġija pluriennali ta' kontra l-frodi li qed tgħin biex jiġu kkoreġuti d-differenzi sinifikanti fil-għadd ta' irregolaritajiet notifikati minn kull Stat Membru;

Dħul – Riżorsi proprji

9. Jinnota bi tħassib li l-ammont ta' RPT affettwati minn frodi fl-2014 kien 191 % ogħla milli kien fl-2013, u li l-ammont affettwat minn irregolaritajiet mhux frodulenti kien 146 % ogħla fl-2014 milli kien fis-sena ta' qabel;

10. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-rata medja ta' rkupru tal-RPT għal kull Stat Membru, kemm tal-irregolaritajiet frodulenti u dawk mhux frodulenti, għall-2014 hija ta' 24 %, li storikament hi l-aktar baxxa li qatt kienet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirkupraw l-ammonti dovuti aktar malajr, u, b'mod partikolari, iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għandhom bżonn jirkupraw l-akbar ammonti biex itejbu l-irkupru tagħhom;

11. Hu mħasseb dwar id-diskrepanza fil-VAT u t-telf stmat mill-ġbir tal-VAT li fl-2013 ammontaw għal EUR 168 biljun; jenfasizza l-fatt li fi 13 mis-26 Stat Membru eżaminati fl-2014, il-valur medju stmat ta' telf tal-VAT kien ta' aktar minn 15,2 %; jirrimarka li l-Kummissjoni m'għandhiex aċċess għall-informazzjoni skambjata bejn l-Istati Membri bil-għan li tipprevjeni u tiġġieled kontra l-hekk imsejħa frodi karusell; jistieden lill-Istati Membri kollha jipparteċipaw f'kull wieħed mill-oqsma ta' attività tal-Eurofisc sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bil-għan li tiġi megħjuna l-ġlieda kontra l-frodi; itenni li l-Kummissjoni għandha l-awtorità li tikkontrolla u tissorvelja l-miżuri meħuda mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mis-setgħat eżekuttivi tagħha biex tikkontrolla u tgħin lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi tal-VAT u l-evitar tat-taxxa; jieħu nota li, sa mill-2013, il-Kummissjoni qed tuża l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida biex tindirizza r-rata għolja ħafna u f'daqqa ta' frodi tal-VAT;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmu li jħeġġeġ l-kumpaniji jħallsu taxxi regolari minflok jevitawhom;

13. Jinnota n-numru dejjem jikber ta' ċentri ta' koordinazzjoni appoġġjati mill-Eurojust u l-Europol; jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati ta' operazzjonijiet transkonfinali Vertigo 2 u 3 u l-kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji fil-Ġermanja, il-Polonja, in-Netherlands, ir-Renju Unit, il-Belġju, Spanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Isvizzera, li wassal għal newtralizzazzjoni ta' netwerks kriminali responsabbli li ffrodaw madwar EUR 320 miljun fi dħul fiskali, inkluża l-VAT;

14. Jesprimi tħassib fir-rigward ta' kontrolli doganali u l-ġbir relatat tad-dazji tad-dwana, li huma waħda mir-riżorsi proprji fil-baġit tal-UE; jinnota li huma l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li jwettqu spezzjonijiet biex jivverifikaw li l-importaturi jkunu konformi mar-regoli dwar it-tariffi u l-importazzjoni, u jenfasizza li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kwalità tal-ispezzjonijiet tvarja minn Stat Membru għal ieħor; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Gwida għall-Awditjar Doganali, ippubblikata fl-2014, sabiex jiġu eliminati n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri, bħal pereżempju dawk li jikkonċernaw l-immaniġġjar tal-importazzjonijiet rilaxxati mid-dwana fi Stat Membru ieħor;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Nefqa

15. Jinnota bi tħassib li l-għadd ta' irregolaritajiet relatati man-nefqa rrappurtati bħala frodulenti fl-2014 naqas biss b'4 %, wara żieda ta' 76 % fl-2013; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex inaqqsu n-numru ta' irregolaritajiet frodulenti, għalkemm mhux għad-detriment tal-istandards ta' kontroll;

16. Huwa mħasseb dwar iż-żieda kostanti fin-numru rrapportat ta' irregolaritajiet mhux frodulenti relatati ma' fondi tal-UE ġestiti b'mod dirett, kemm mil-lat ta' numru ta' każijiet, u kemm mil-lat ta' ammonti involuti; huwa sorpriż li n-numru ta' irregolaritajiet frodulenti fl-2014 żdied b'erba' darbiet meta mqabbel mas-sena ta' qabel u jitlob lill-Kummissjoni tagħti spjegazzjonijiet dettaljati u tieħu l-azzjoni meħtieġa biex titreġġa' lura din ix-xejra;

17. Huwa mħasseb, għaldaqstant, li fl-2014 is-settur tal-iżvilupp rurali kien jirrappreżenta l-akbar għadd ta' irregolaritajiet frodulenti rrapportati, li juri l-ikbar żieda meta mqabbel mal-2013; jinnota li madwar 71 % tan-numru totali ta' irregolaritajiet frodulenti nnotifikati għal riżorsi naturali (agrikoltura, żvilupp rurali u sajd) kienu fl-Ungerija, fl-Italja, fil-Polonja u fir-Rumanija;

18. Jirrikonoxxi li l-irkupru tal-Istati Membri għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) hu taħt il-medja globali, u inqas minn nofs l-irregolaritajiet misjuba fl-2009 kienu ġew irkuprati sal-aħħar tal-2014; jinnota differenzi sinifikanti fil-ħila tal-Istati Membri li jirkupraw somom ta' flus fir-rigward ta' ħlasijiet irregolari misjuba taħt il-politika agrikola komuni, u jħeġġeġ lill-Bulgarija, Franza, il-Greċja u s-Slovakkja biex itejbu r-riżultati tagħhom b'mod sinifikanti; jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu ta' approvazzjoni (ir-regola 50/50) tipprovdi inċentiv qawwi għall-Istati Membri biex jirkupraw ħlasijiet mhux dovuti mill-benefiċjarji tal-FAEG malajr kemm jista' jkun; jiddispjaċih li l-2014 kienet it-tielet sena konsekuttiva kkaratterizzata minn żieda fl-għadd ta' każijiet ta' irregolaritajiet frodulenti fir-rigward tal-FAEG, u r-raba' sena konsekuttiva kkaratterizzata minn żieda fl-għadd ta' każijiet frodulenti rrappurtati fir-rigward tal-iżvilupp rurali; jenfasizza l-ħtieġa għal irkupru iktar rapidu ta' fondi;

19. Jinnota li l-irregolaritajiet marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd fl-2014 reġgħu ġew lura għal livell komparabbli mal-2012 wara li, għal sena, laħqu l-quċċata fl-2013; jinnota li l-aktar kategorija fejn instabu irregolaritajiet matul il-perjodu 2010-2014 kienet dik tan- "Nuqqas ta' eliġibbiltà għall-għajnuna għall-azzjoni/proġett", segwita minn "Ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku";

20. Jinnota li fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2007–2013, in-numru ta' irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulenti naqas b'5 % fl-2014 meta mqabbel mal-2013, b'306 każijiet irrappurtati; huwa mħasseb serjament dwar iż-żieda ta' aktar minn EUR 115 miljun (76 %) fl-ammonti affettwati minn irregolaritajiet frodulenti fl-2014 meta mqabbel mal-2013, l-iktar minħabba żieda qawwija (660 %) fl-ammonti involuti taħt il-Fond ta' Koeżjoni; jinnota li minn 74 każ ta' frodi stabbiliti fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni bejn l-2008 u l-2014, 61 (82 %) ġew irrapportati minn tliet Stati Membri – il-Ġermanja (42 każ), il-Polonja (11-il każ) u s-Slovakkja (8 każijiet); jesprimi tħassib li 14-il Stat Membru għandhom proporzjon ta' frodi stabbilita ta' 0 % għal dak il-perijodu, li tista' tqajjem mistoqsijiet dwar l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll tagħhom;

21. Huwa mħasseb, barra minn hekk, li, fil-qasam tal-koeżjoni, l-intervall taż-żmien bejn l-okkorrenza ta' irregolarità, l-identifikazzjoni tagħha u r-rappurtar finali tagħha lill-Kummissjoni żdied għal 3 snin u 4 xhur; ifakkar li meta tiġi identifikata irregolarità jidħlu fis-seħħ proċeduri ulterjuri (ordnijiet ta' rkupru, investigazzjonijiet tal-OLAF, eċċ.); iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex titjieb l-effiċjenza tal-identifikazzjoni u r-rappurtar tagħhom;

22. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tnaqqis globali tal-irregolaritajiet irrappurtati fl-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni; jiddispjaċih dwar ix-xejra ta' irregolaritajiet dejjem jiżdiedu relatati mal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) sa mill-2010, kemm fl-ammonti kif ukoll fl-għadd ta' każijiet, bit-Turkija bħala l-akbar kontributur għal dan l-iżvilupp negattiv, u jitlob lill-Kummissjoni tagħmel dak kollu li tista' biex titjieb is-sitwazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-isforzi biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Problemi identifikati u miżuri meħtieġa

Rappurtar aħjar

23. Jinnota bi tħassib li, minkejja diversi talbiet mill-Parlament għall-istabbiliment ta' prinċipji uniformi tar-rappurtar fl-Istati Membri kollha, is-sitwazzjoni għadha mhijiex waħda sodisfaċenti u għad hemm differenzi sinifikanti fin-numru ta' irregolaritajiet frodulenti u mhux frodulenti rrappurtati minn kull Stat Membru; iqis li din il-problema toħloq stampa konfuża tas-sitwazzjoni reali rigward il-livell ta' ksur u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel sforzi serji biex tissolva l-problema ta' approċċi differenti tal-Istati Membri fil-kxif ta' irregolaritajiet, u fl-interpretazzjonijiet mhux omogenji tal-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UE;

24. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li tippubblika rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni darbtejn fis-sena, u jistenna bil-ħerqa li jaqra r-rapport li jmiss fil-bidu tal-2016; jitlob lill-Kummissjoni żżid kapitolu dwar il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'aktar analiżi mwettqa fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-politiki implimentati, ħalli jiġu identifikati fatturi kritiċi inerenti, oqsma vulnerabbli u fatturi ta' riskju li jwasslu għall-korruzzjoni;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tarmonizza l-qafas tar-rappurtar ta' każijiet ta' "suspett ta' frodi" u biex tistabbilixxi regoli dwar ir-rappurtar ta' kull azzjoni ġudizzjarja meħuda fl-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam ma' frodi potenzjali fl-użu tar-riżorsi tal-UE, li jeħtieġu li r-rapportar jindika b'mod speċifiku l-azzjonijiet ġudizzjarji meħuda fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema ta' indikaturi stretti u ta' kriterji uniformi faċilment applikabbli abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Programm ta' Stokkolma biex jitkejjel il-livell ta' korruzzjoni fl-Istati Membri u jiġu evalwati l-politiki tal-Istati Membri kontra l-korruzzjoni; jinsab imħasseb dwar l-affidabbiltà u l-kwalità tad-data ġejja mill-Istati Membri; jappella għalhekk lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri sabiex tiggarantixxi data komprensiva, preċiża u affidabbli, mingħajr ma tinsa l-għan ta' implimentazzjoni sħiħa tal-Iskema ta' Awditu Uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indiċi ta' korruzzjoni għall-kategorizzazzjoni tal-Istati Membri;

27. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-evalwazzjoni annwali tar-riżultati miksuba fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tagħti linji gwida preċiżi lill-Istati Membri dwar kif tista' tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni gradwali u kontinwa tal-obbligi meħuda minn kull Stat Membru fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

28. Jistieden mill-ġdid lill-Kummissjoni tippromwovi rapidament leġiżlazzjoni dwar il-livell minimu ta' protezzjoni għall-informaturi fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kunsill sabiex jemenda r-Regolamenti tal-Persunal biex jiġi żgurat li dawn mhux biss formalment jobbligaw lill-uffiċjali biex jirrapportaw irregolaritajiet, iżda wkoll jistabbilixxu protezzjoni xierqa għall-informaturi; jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lil korpi oħrajn jimplimentaw l-Artikolu 22(c) tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr dewmien, f'każ li għadhom m'għamlux dan; jitlob bil-qawwa li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jadottaw regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni minn impjegati u dwar l-obbligi tagħhom, li jiffokaw fuq il-protezzjoni għall-informaturi; jemmen li dawn ir-regoli għandhom jiġu estiżi b'mod espliċitu sabiex l-informaturi jikxfu frodi fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali, inklużi ftehimiet kummerċjali;

29. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess għall-informazzjoni u t-trasparenza tal-lobbying, u li l-finanzjament tal-UE jintuża biex jappoġġa l-ħidma ta' organizzazzjonijiet indipendenti f'dan il-qasam;

30. Jemmen li l-livell ta' trasparenza jista' jogħla permezz tal-ħolqien ta' footprint leġiżlattiva għal-lobbying tal-UE, bl-objettiv li jkun hemm bidla minn reġistru volontarju għal wieħed obbligatorju tal-UE għall-attivitajiet kollha tal-lobbying għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE;

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm l-politika stretta tagħha dwar l-interruzzjoni u s-sospensjoni ta' pagamenti skont il-bażi legali rilevanti; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija (STB); jistenna bil-ħerqa l-ħolqien ta' sistema komprensiva ta' identifikazzjoni u esklużjoni bikrija li se jiġu proposti mill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali informati aħjar dwar l-implimentazzjoni tal-politika tagħha, waqt li jitqies li dan il-proċess ma jridx jiġi ppreġudikat minn konsiderazzjonijiet politiċi;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

32. Jitlob, għalhekk, li l-Artikolu 325 tat-TFUE jiġi implimentat b'mod trasversali fl-ispettru kollu tal-politiki tal-Unjoni, u jitlob għal azzjoni, mhux biss bħala rispons għall-każijiet ta' frodi, imma wkoll biex jiġu evitati; jitlob li jkun hemm konformità mal-Artikolu 325 tat-TFUE, u b'mod partikolari mal-paragrafu 5 dwar ir-rapporti annwali, li bħalissa qed jiffaċċja dewmien ta' sena; jitlob għal simplifikazzjoni, speċjalment tal-mod li bih jintużaw is-sussidji tal-UE fil-politika ta' koeżjoni; jitlob li jiġu segwiti l-proċeduri miftiehma u għar-ratifika tal-ftehimiet li ġew konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi jew organizzazzjonijiet terzi rigward il-ġlieda kontra l-frodi fil-livell reġjonali u internazzjonali; jitlob li jkun hemm segwitu għar-rakkomandazzjonijiet għal pjan ta' azzjoni stabbiliti fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar "Il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu" ([1]), b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni 130 dwar il-viżibbiltà tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi u l-kriminalità organizzata u l-paragrafu 131dwar pjan ta' azzjoni ġenerali għall-perjodu 2014-2019 biex jiġu eliminati l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus (punti i-xxi); jitlob li jsiru disponibbli r-riżultati inizjali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Iffalsifikar tal-Munita; jitlob, barra minn hekk, li tingħata aktar informazzjoni dwar l-istrumenti użati mill-OLAF fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-Istati Membri għall-irkupru ta' flejjes żburżati b'riżultat ta' frodi;

33. Jitlob li l-UE tapplika għal sħubija fil-Grupp tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Istati kontra l-Korruzzjoni (GRECO);

34. Jilqa' l-fatt li fl-2014 kien hemm 48 ftehim fis-seħħ li jinkludu assistenza amministrattiva reċiproka, li jkopru 71 pajjiż, b'49 pajjiż ieħor f'negozjati, inklużi sħab kummerċjali ewlenin bħall-Istati Uniti u l-Ġappun, u jitlob li l-Parlament jinżamm infurmat b'mod kostanti dwar l-iżviluppi f'dawn in-negozjati; jenfasizza li, sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE u tiġi miġġielda b'mod effikaċi l-frodi, jeħtieġ li l-ewwel nett jiġi żgurat li tiġi applikata l-leġiżlazzjoni u li l-partijiet kollha josservaw il-ftehimiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-klawsoli rilevanti kontra l-frodi u l-korruzzjoni li jipprevedu sanzjonijiet; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tikkoopera ma' pajjiżi oħra dwar miżuri kontra l-frodi u tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinkludi dispożizzjonijiet ta' kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet internazzjonali kollha tal-UE sabiex twitti t-triq għal kooperazzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar u kummerċ ieħor illegali jew illeċitu;

35. Jilqa' r-rwol ewlieni li għandu l-programm tal-UE ta' assistenza makrofinanzjarja li jħeġġeġ riformi min-naħa tas-sħab kummerċjali li huma l-eqreb tal-UE; jitlob li l-Kummissjoni tkompli tirrapporta lill-Parlament u lill-Istati Membri bl-għan li jiġi żgurat li l-fondi kollha jintefqu f'konformità sħiħa mar-regolament ta' bażi u b'mod konsistenti mal-koeżjoni reġjonali u mal-promozzjoni tal-istabbiltà reġjonali, biex b'hekk jiġi limitat ir-riskju ta' użu ħażin ta' self li jitħallas lura; jitlob valutazzjoni fit-tul tal-effetti tal-programmi ta' assistenza makrofinanzjarja fir-rigward tal-isforzi biex jiġu miġġielda l-korruzzjoni u l-frodi fil-pajjiżi benefiċjarji;

36. Itenni t-talba tiegħu li l-qrati tal-awdituri rispettivi ta' kull Stat Membru jippubblikaw dikjarazzjonijiet nazzjonali li jagħtu rendikont tal-infiq tal-fondi tal-UE;

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw, fil-livelli rispettivi tagħhom, bażijiet ta' data kollegati dwar irregolaritajiet fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-akkwist pubbliku, peress li tali bażijiet ta' data kapaċi jipprovdu bażi għal analiżi siewja u komprensiva tal-frekwenza, is-serjetà u l-kawżi tal-irregolaritajiet, u tal-ammonti involuti fl-irregolaritajiet frodulenti; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw li l-Kummissjoni tingħata data preċiża u komparabbli b'mod xieraq u fil-ħin, mingħajr żieda sproporzjonata fil-piż amministrattiv;

Kontrolli aħjar

38. Jenfasizza n-natura kumplessa tal-irregolaritajiet; hu tal-fehma li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jieħdu azzjoni soda kontra irregolaritajiet frodulenti; jemmen li l-irregolaritajiet mhux frodulenti għandhom jiġu trattati permezz ta' miżuri amministrattivi, u b'mod partikolari, permezz ta' rekwiżiti aktar trasparenti u aktar sempliċi, aktar għajnuna teknika tal-Kummissjoni lill-Istati Membri, u skambji msaħħa tal-aħjar prattiki u tat-tagħlimiet misluta; jemmen li l-metodoloġija għall-kalkolu tar-rati ta' erruri għandha tiġi armonizzata fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0444.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

39. Jilqa' l-fatt li l-"Kontrolli Komunitarji"*ex-ante* u *ex-post* qed iwasslu dejjem aktar għal sejbiet ta' każijiet ta' irregolaritajiet, u għalhekk iqis li dawn il-kontrolli għandhom jiġu promossi aktar;

40. Jistieden lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jwettqu kontrolli aħjar u biex jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli sabiex jiġu evitati żbalji u pagamenti irregolari li jinvolvu fondi tal-UE;

41. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha permezz ta' attivitajiet ta' awditjar, kontroll u spezzjoni, pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju u ittri ta' twissija bikrija; jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom u jisfruttaw il-potenzjal tagħhom biex jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jagħmlu talbiet għal rimborż mill-Kummissjoni; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-valur partikolari ta' azzjonijiet preventivi biex jiġu evitati żborżamenti u b'hekk tiġi eliminata l-ħtieġa għal azzjonijiet sussegwenti biex ikunu rkuprati fondi miżapproprjati;

42. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti sabiex tippermetti kontroverifika tad-data tal-kontijiet bejn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex jiġu evitati frodi transnazzjonali fir-rigward tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, biex b'hekk jiġi żgurat approċċ trasversali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

43. Jilqa' l-fatt li s-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw u implimentaw l-istrateġiji tagħhom kontra l-frodi fl-2014; jistieden lill-aġenziji tal-UE, l-aġenziji eżekuttivi u l-impriżi konġunti biex jagħmlu l-istess; jenfasizza r-rwol tas-Servizzi ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) fil-ġlieda kontra l-frodi; jilqa' l-adozzjoni ta' strateġiji nazzjonali kontra l-frodi mill-Bulgarija, il-Greċja, il-Kroazja, Malta u s-Slovakkja, u jistieden lill-Istati Membri kkonċernati jressqu strateġiji nazzjonali ta' kontra l-frodi (NAFS) malajr kemm jista' jkun; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi;

44. Jinsab ħerqan, barra minn hekk, li jara kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar il-modi kif jiġu ġestiti l-fondi; jitlob li jingħata taħriġ komprensiv lill-persunal tal-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni tal-fondi, b'mod partikolari l-persunal tal-AFCOS, sabiex jiżviluppaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom stess ta' kontra l-frodi;

45. Jilqa' r-riżultati pożittivi tal-ewwel ħarsa ġenerali annwali tal-programm Hercule III; jesprimi tħassib li l-baġit riżervat għal dan jista' jkun insufiċjenti; jitlob informazzjoni ulterjuri bbażata fuq il-prestazzjoni, b'mod partikolari dwar il-kontribuzzjoni tal-55 konferenza u sessjoni ta' taħriġ għall-effikaċja tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-Istati Membri biex jiġġieldu l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE;

46. Itenni li, skont l-Artikolu 325(2) tat-TFUE, l-Istati Membri "għandhom jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħal ma jieħdu sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess"; huwa tal-opinjoni li din id-dispożizzjoni mhijiex qed titħares fl-UE; huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa politika orizzontali dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni; jenfasizza li l-Kummissjoni hija responsabbli wkoll mill-infiq effikaċi ta' fondi, u jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti ta' prestazzjoni interni;

47. Iqis li fl-istadji tal-ipprogrammar u tal-kontroll hemm bżonn ta' involviment akbar taċ-ċittadini tal-UE, u dan permezz ta' għodod ta' informazzjoni faċilment aċċessibbli, speċjalment fejn qed tiġi ffinanzjata infrastruttura importanti; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-idea ta' bbaġitjar parteċipattiv biex iċ-ċittadini jiġu involuti fil-monitoraġġ tal-infiq tal-fondi tal-UE, u biex toħloq uffiċċju elettroniku aċċessibbli għar-rappurtar ta' każijiet ta' frodi;

48. Jinnota li d-definizzjoni, il-klassifikazzjoni u l-identifikazzjoni, kif ukoll ir-rapportar ta' irregolaritajiet għadhom ivarjaw bejn u fi ħdan l-Istati Membri, l-aktar minħabba d-definizzjonijiet differenti ta' irregolaritajiet; huwa tal-fehma li armonizzazzjoni ulterjuri hija meħtieġa, u jilqa', f'dan il-kuntest, ir-regolament delegat tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2015 dwar ir-rapportar ta' irregolaritajiet li jissupplimenta r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji koerenti biex jiġu trattati l-irregolaritajiet u tiġi miġġielda l-frodi fi ħdan il-politika ta' koeżjoni; jenfasizza l-miżuri preventivi u korrettivi meħuda mill-Kummissjoni biex jiġu evitati irregolaritajiet frodulenti, inkluża l-interruzzjoni ta' 193 pagament skont il-politika ta' koeżjoni;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

49. Ifakkar li r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jirrikjedi li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jistabbilixxu miżuri effikaċi u proporzjonati kontra l-frodi, li għandhom ikunu inkorporati fi strateġiji nazzjonali kontra l-frodi; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-azzjoni preventiva tagħha; jilqa' b'rabta ma' dan l-istabbiliment ta' sistema ta' identifikazzjoni bikrija ta' riskji, u b'mod partikolari jitlob li l-kapaċitajiet tekniċi u amministrattivi tal-awtoritajiet ta' ġestjoni jissaħħu sabiex jiġu żgurati sistemi ta' kontroll aktar sodi li jkunu kapaċi jnaqqsu r-riskji ta' frodi u jżidu l-kapaċità ta' detezzjoni, inkluż fir-reġjuni anqas żviluppati, mingħajr l-impożizzjoni ta' piż finanzjarju u amministrattiv żejjed; jenfasizza li l-prevenzjoni għandha tinvolvi taħriġ u appoġġ kostanti għall-persunal responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll skambji ta' informazzjoni u prattiki tajba; ifakkar fir-rwol kruċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-sħab fil-ġlieda kontra l-frodi, filwaqt li jiżguraw it-trasparenza u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess;

50. Japprezza d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twettaq valutazzjoni ta' nofs it-term fl-2018 sabiex tistabbilixxi jekk l-istruttura regolatorja ġdida għall-politika ta' koeżjoni tipprevjenix u tnaqqasx ulterjorment ir-riskju ta' irregolaritajiet inkluża l-frodi, u huwa ħerqan li jirċievi informazzjoni dettaljata dwar l-impatt tar-regoli ġodda dwar sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, kemm fir-rigward tar-riskju ta' irregolaritajiet u frodi kif ukoll tal-implimentazzjoni ġenerali tal-politika;

51. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri jiffaċilitaw it-trasparenza tad-data tal-awditi permezz tar-rilaxx ta' informazzjoni aktar dettaljata fir-rigward tal-Istati Membri li għandhom l-aħjar u l-agħar prestazzjoni f'kull qasam ta' politika u f'kull settur, sabiex jippermettu lill-atturi jidentifikaw l-oqsma li hemm bżonn l-aktar għajnuna u sabiex ifasslu azzjonijiet xierqa;

Id-Direttiva PIF u r-Regolament UPPE

52. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fir-Rapport Annwali tagħha tal-2014 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji (rapport PIF), li tfakkar li kemm id-Direttiva PIF u r-Regolament dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (Regolament UPPE) "se tikkumplimenta u ssaħħaħ il-qafas ġuridiku u ssaħħaħ b'mod konsiderevoli l-ġlieda kontra l-frodi"; itenni l-fehma tiegħu li hemm bżonn urġenti li malajr kemm jista' jkun tiġi adottata d-Direttiva PIF, bil-VAT inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u b'definizzjoni ċara tar-reati fil-qasam tal-PIF, regoli minimi għall-pieni massimi ta' ħabs applikabbli u regoli minimi dwar l-istatut tal-limitazzjonijiet; ifakkar fil-kawża *Taricco*, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-frodi fil-qasam tal-VAT hi tabilħaqq inkluża fid-definizzjoni ta' frodi rigward il-PIF fil-Konvenzjoni tal-1995 dwar il-PIF;

53. Jisħaq fuq il-fatt li r-Regolament UPPE wkoll għandu jiġi adottatat mill-aktar fis, u jitlob b'insistenza li l-Kunsill jispjega r-raġunijiet tiegħu għalfejn dewwem in-negozjati;

Akkwist pubbliku

54. Jinnota li l-livell ta' irregolaritajiet u frodi minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku għadu għoli; jistieden lill-Istati Membri jittrasponu malajr fil-liġi nazzjonali d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku ([1]), li tagħmel mandatorju l-akkwist elettroniku u tintroduċi obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar biex jitrażżnu l-frodi uirregolaritajiet serji oħra fl-akkwist; jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha obbligatorja li tiġi ppubblikata d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-benefiċjarji, u b'mod partikolari għas-sottokuntratturi;

55. Jitlob lill-Kummissjoni tapplika miżuri stretti rigward id-diskrezzjoni u l-esklużjoni kwantu għall-akkwist pubbliku, b'verifiki xierqa kwantu għall-isfond imwettqa f'kull każ, u li tapplika l-kriterji tal-esklużjoni ħalli l-kumpaniji ma jitħallewx joperaw f'każ ta' kunflitt ta' interess, billi dan hu essenzjali għall-ħarsien tal-kredibilità tal-istituzzjonijiet;

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

56. Jenfasizza li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku kien sors importanti ta' żbalji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, inkluż l-evitar ta' akkwist pubbliku billi l-kuntratti jinqasmu f'offerti iżgħar biex b'hekk jevitaw li jaqbżu s-sollijiet, u bl-użu ta' proċeduri mhux xierqa; jirrimarka li d-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku għandhom jiġu implimentati sa mhux aktar tard minn April 2016; jenfasizza li biex tonqos l-inċidenza ta' irregolaritajiet jeħtieġ ikun hemm implimentazzjoni korretta tad-direttivi mill-Istati Membri; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni, biex tfassal linji gwida għall-implimentazzjoni korretta tad-Direttivi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi; jemmen li l-kundizzjonalitajiet *ex-ante* għandhom il-potenzjal li jtejbu l-akkwist pubbliku; jenfasizza l-ħtieġa għal regoli trasparenti u aċċessibbli;

57. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' trasparenza sħiħa fir-rigward tal-finanzjament ta' proġetti infrastrutturali kbar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra tippreżenta proposta li tagħmel obbligatorja l-pubblikazzjoni tar-rapporti finanzjarji u l-proġetti kollha relatati ma' xogħlijiet pubbliċi kbar, inkluża dokumentazzjoni dwar is-sottokuntratturi;

58. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel pubblika d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-proġett ferrovjarju b'veloċità għolja bejn Lyon u Turin u l-finanzjament tiegħu;

59. Jistieden lill-Kummissjoni telabora bażi ta' data għall-irregolaritajiet li tkun tista' tkun ta' sies għal analiżi siewja u komprensiva tal-frekwenza, is-serjetà u l-kawżi ta' żbalji fl-akkwist pubbliku; jistieden lill-awtoritajiet relevanti fl-Istati Membru biex jiżviluppaw u janalizzaw il-bażi ta' data għall-irregolaritajiet tagħhom stess, fosthom dawk li jsiru fl-akkwist pubbliku u biex jikkoperaw mal-Kummissjoni biex jipprovdu tali data f'mod u fi żmien li jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Kummissjoni;

60. Jistaqsi dwar in-natura mhux frodulenti tal-għadd dejjem jikber ta' żbalji serji li saru fil-kuntest ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku, u jitlob lill-Kummissjoni tkun partikularment viġilanti f'dan ir-rigward, mhux biss billi tinvolvi ruħha fi djalogu mal-Istati Membri bil-għan li jkun hemm applikazzjoni aħjar ta' direttivi eżistenti u ġodda dwar l-akkwist pubbliku, iżda wkoll billi jitressqu każijiet rilevanti quddiem l-OLAF għal aktar kunsiderazzjoni;

61. Jirrimarka li f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħal pereżempju l-użu ta' fondi għar-refuġjati, spiss ikun hemm eżenzjonijiet minn proċeduri normali ta' akkwist, li jinvolvu aċċess dirett għal fondi; jiddispjaċih li, għal din ir-raġuni, spiss kien hemm każijiet ta' kondotta ħażina; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod aktar effettiv l-użu ta' tali eżenzjonijiet u l-prattika mifruxa ta' qsim ta' kuntratti ta' akkwist sabiex ma jaqbżux il-limiti minimi, biex b'hekk jiġu evitati proċeduri tal-akkwist regolari;

62. Jinnota li fir-Rapport Speċjali Nru 10/2015 intitolat "L-isforzi biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-akkwist pubbliku fin-nefqa tal-UE għall-Koeżjoni għandhom jiġu intensifikati", il-Qorti tal-Awdituri tanalizza proċeduri konnessi mal-akkwist pubbliku; jinnota li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku jwassal għal żbalji li jistgħu jirriżultaw f'dewmien tal-implimentazzjoni u korrezzjonijiet finanzjarji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw konformità sħiħa mal-kondizzjonalità ex-ante dwar l-applikazzjoni effettiva tad-dritt dwar l-akkwist pubbliku sa tmiem l-2016; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw traspożizzjoni xierqa u rapida tal-pakkett tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku tal-2014;

63. Iħeġġeġ l-Istati Membri u l-Kummissjoni jisfruttaw b'mod sħiħ l-opportunitajiet mogħtija mill-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni fl-akkwist pubbliku, inklużi għodod għall-akkwist elettroniku, skambju ta' prattiki tajba u valutazzjoni preventiva tar-riskju; japprezza l-għodda għat-twissija tal-frodi bbażata fuq l-internet ARACHNE żviluppata mill-Kummissjoni, li hija mmirata għall-identifikazzjoni tal-aktar proġetti riskjużi abbażi ta' sett ta' indikaturi tar-riskju, u jistieden lill-Istati Membri jużaw din l-għodda;

Ibbaġitjar ibbażat fuq riżultati u l-approċċ "valur għall-flus"

64. Jenfasizza l-importanza ta' tmexxija bl-eżempju, u jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ interistituzzjonali li jimplimenta l-ibbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tadotta l-fażi tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-qafas finanzjarju pluriennali skont il-prinċipju tal-ibbaġitjar ibbażat fuq ir-riżultati;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

65. Jinnota l-importanza ta' aktar riċerka u miżuri kontinwi biex jiġu evitati irregolaritajiet frodulenti, iżda jtenni wkoll it-talba tiegħu għall-adozzjoni ta' metodoloġija ġdida ffukata aktar fuq il-prestazzjoni milli fuq l-evalwazzjoni formalistika tal-programmi, f'konformità mal-prinċipju ta' baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-attivitajiet tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni ta' indikaturi ta' effiċjenza u effettività fil-programmi kollha tagħha, u ma tikkonċentrax biss fuq ir-rata ta' erruri; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex ma taħdimx biss fuq it-tliet kategoriji ewlenin — ekonomija, effiċjenza u effikaċja — iżda tibda tiffoka wkoll fuq it-trittiku l-ġdid (ekoloġija, ugwaljanza u etika);

66. Jappella sabiex jiġu inklużi b'mod obbligatorju valutazzjonijiet ex-ante dwar il-valur miżjud ambjentali, ekonomiku u soċjali fil-proċess għall-għażla ta' proġetti għall-finanzjament, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, u li r-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet u l-indikaturi użati jsiru pubbliċi u jkunu għalkollox aċċessibbli;

67. Jinnota li r-rappurtar dwar il-prestazzjoni għadu dgħajjef, u li hemm bżonn li jiġu vvalutati b'mod regolari l-parametri tal-input (finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' programm), l-output (riżultati tal-programm), ir-riżultati (l-effetti immedjati tal-programm) u l-impatti (bidliet fuq perjodu twil fis-soċjetà);

68. Jilqa' l-istabbiliment ta' netwerk ta' Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istati Membri u l-inkorporazzjoni ta' għanijiet kontra l-korruzzjoni fil-proċess tas-Semestru Ewropew tal-governanza ekonomika;

69. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex b'mod immedjat tippubblika l-valutazzjoni tagħha ta' kull ftehim ma' kumpaniji tat-tabakk, bil-għan li tiġi stabbilita l-effiċjenza tagħhom fil-ġlieda kontra l-frodi u l-attivitajiet ta' falsifikazzjoni, li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, u tivvaluta kemm hu xieraq li dawn it-tipi ta' ftehimiet jiġġeddu.

70. Jenfasizza r-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar, il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet ta' ġestjoni fil-kontroll tar-regolarità u l-prestazzjoni tal-infiq pubbliku; jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar fl-Istati Membri sabiex jitwessgħu l-ambitu u l-proporzjon tal-fondi u l-proġetti awditjati;

Kuntrabandu ta' tabakk u ta' prodotti ffalsifikati

71. Jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tal-Ombudsman Ewropew ([1]), li ddikjara li, bl-eċċezzjoni tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa, il-Kummissjoni ma kinitx qed "timplimenta b'mod sħiħ li r-regoli u l-linji gwida tad-WHO-NU dwar it-trasparenza u l-lobbying tal-industrija tat-tabakk"; huwa tal-opinjoni, għaldaqstant, li l-kredibbiltà u s-serjetà tal-Kummissjoni ġew kompromessi;

72. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet relevanti kollha jimplimentaw l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet li hemm fil-linji gwida tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika minnufih il-valutazzjoni tagħha tal-ftehimiet ma' kumpaniji tat-tabakk, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt dwar l-implimentazzjoni tal-FCTC; jistieden lill-Kummissjoni turi trasparenza sħiħa rigward ftehimiet dwar it-tabakk u t-tiġdid possibbli tagħhom, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jirrapportaw regolarment dwar in-nefqa mġarrba fir-rigward ta' fondi riċevuti b'riżultat ta' ftehimiet bħal dawn;

73. Jilqa' r-riżultati pożittivi ta' bosta operazzjonijiet doganali konġunti li jinvolvu l-kooperazzjoni tal-OLAF u tal-Istati Membri ma' bosta servizzi ta' pajjiżi terzi, li rriżultaw fil-qbid ta', fost l-oħrajn, 1,2 miljun prodott iffalsifikat fosthom fwieħa, partijiet tal-karozzi, apparat elettroniku u 130 miljun sigarett; jissottonlinja l-fatt li l-kuntrabandu ta' prodotti intaxxati ħafna jikkawża telf ta' dħul sinifikanti għall-baġits tal-UE u tal-Istati Membri, u li t-telf dirett mid-dħul doganali bħala riżultat tal-kuntrabandu tas-sigaretti waħdu huwa stmat li huwa aktar minn EUR 10 biljun kull sena; jirrimarka li t-traffikar ta' prodotti ffalsifikati hu ta' ħsara għad-dħul tal-UE u l-Istati Membri tagħha u għall-kumpaniji Ewropej;

([1]) http://www.ombudsman.europa.eu/en/press/release.faces/en/61027/html.bookmark

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

74. Jinsab imħasseb ħafna biż-żieda ta' każijiet ta' kuntrabandu, traffikar u ta' forom oħra ta' kummerċ illegali u illeċitu, li mhux biss għandhom impatt fuq il-ġbir tad-dazji doganali mill-Istati Membri, u b'hekk fuq il-baġit tal-UE, iżda huma wkoll assoċjati b'mod qawwi mal-kriminalità internazzjonali organizzata, mat-theddid għall-konsumatur u ma' effetti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq uniku, u li jimminaw kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni għall-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs; jitlob, għaldaqstant, koordinament aħjar bejn l-OLAF, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex mhux biss jiġġieldu kontra dawn il-problemi iżda wkoll inaqqsu l-kummerċ fl-UE ta' prodotti li jiksru l-liġijiet dwar il-proprjetà intellettwali;

75. Jenfasizza l-importanza li ssir distinzjoni bejn il-mediċina ġenerika leġittima u l-mediċini falsifikati frodulenti sabiex jiġi evitat li l-produzzjoni u l-kummerċ leġittimu tal-mediċini ġeneriċi jiġu interrotti, u jistieden għal darb'oħra, lil dawk l-Istati Membri kollha li ffirmaw iżda għadhom ma rratifikawx il-Protokoll tan-NU biex jiġi eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk sabiex jikkonkludu mingħajr dewmien il-proċess ta' ratifikazzjoni;

Investigazzjonijiet u r-rwol tal-OLAF

76. Jinnota r-rwol tal-OLAF fi ħdan l-ODK differenti fil-prevenzjoni ta' telf għall-baġit tal-UE, u jitlob lill-OLAF jinkludi fir-rapporti annwali futuri tiegħu aktar informazzjoni u ċifri konkreti dwar il-kontribut tiegħu biex jiġi protett il-lat tad-dħul tal-baġit tal-UE;

77. Jilqa' l-laqgħat annwali interistituzzjonali bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament, l-OLAF u l-Kumitat ta' Sorveljanza tiegħu; jinsisti fuq presidenza b'rotazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-inizjattiva tal-Parlament u jħeġġeġ lill-Kunsill jikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni negattiva tiegħu dwar din il-kwistjoni;

78. Itenni t-talba tiegħu dwar ir-Rapport Annwali 2013 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE ([1]) għal riżoluzzjoni ta' malajr tal-kwistjonijiet li għad fadal bejn l-OLAF u l-Kumitat Sorveljanza tiegħu; itenni li la l-OLAF u lanqas il-Kumitat ta' Sorveljanza tiegħu ma jistgħu jissodisfaw id-dmirijiet legali tagħhom b'mod effettiv taħt il-kondizzjonijiet ta' kooperazzjoni limitata attwali tagħhom; jinnota bi ħassib in-nuqqas ta' progress u għalhekk iqis is-sitwazzjoni attwali bħala inaċċettabbli; jistieden lill-Kummissjoni twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha u taħdem b'mod attiv fuq soluzzjoni fit-tul li għandha tiġi stabbilita mingħajr dewmien;

79. Hu tal-opinjoni li l-Kumitat ta' Sorveljanza għandu, bħala kwistjoni ta' konsistenza mal-mandat tiegħu, ikollu persunal awtonomu li jkun separat mill-persunal tal-amministrazzjoni tal-OLAF, kif ukoll awtonomija finanzjarja; jistieden lill-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF li jagħti aċċess għad-dokumenti li l-Kumitat ta' Sorveljanza jqis li huma meħtieġa sabiex iwettaq il-kompitu tiegħu skont il-mandat tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta biex jinbidel ir-Regolament OLAF kif xieraq;

80. Jinnota li hemm diskrepanza bejn l-informazzjoni miġbura mill-OLAF dwar il-frodi minn sorsi pubbliċi u privati fl-Istati Membri (Rapport tal-OLAF 2014), u l-irkupru finanzjarju nieqes ħafna mill-uniformità rakkomandat mill-OLAF lill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa inizjattivi mmirati għaż-żieda tar-rata ta' rkupru f'każijiet ta' frodi;

81. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi trasparenza sħiħa rigward it-talbiet kollha minn prosekuturi nazzjonali biex tneħħi l-immunità tal-persunal tal-OLAF, fosthom id-Direttur Ġenerali tiegħu;

82. Jilqa' l-effikaċja pprovata tal-investigazzjonijiet tal-oriġini mill-OLAF dwar l-eliġibbiltà ta' miżuri ta' tariffi preferenzjali, u jistieden lill-Istati Membri jieħdu kont ta' dawn is-sejbiet u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji u xierqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, bl-għan li jiġi evitat telf mill-baġit tal-UE minħabba l-importazzjoni ta' oġġetti li mhumiex intitolati għat-trattament ta' tariffi preferenzjali skont il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali, tkompli tivverifika li l-Istati Membri qegħdin itejbu l-effikaċja tas-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju u l-istrateġiji ta' kontroll tagħhom abbażi ta' komunikazzjoni ta' għajnuna reċiproka; jitlob lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tagħti segwitu għall-impenn tagħha li twettaq evalwazzjonijiet ex post tal-ftehimiet kummerċjali preferenzjali li għandhom impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali sinifikanti, inkluż sistema ta' rappurtar perjodiku mill-pajjiżi benefiċjarji dwar l-immaniġġjar u l-kontroll tagħhom tal-oriġini preferenzjali;

([1]) Testi adottati tal-11 ta' Marzu 2015, P8_TA(2015)0062.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

83. Jinnota li l-prosekuzzjoni komprensiva ta' reati, fosthom frodi, korruzzjoni, ħasil tal-flus, il-kriminalità orgaanizzata u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, huma kundizzjoni *sine qua non* għal funzjonament effikaċi tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata segwitu sistemiku għar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF; huwa tal-fehma li s-segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet jeżiġi drittijiet proċedurali għall-OLAF fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali biex jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet jiġu rispettati u kkunsidrati mill-awtoritajiet nazzjonali;

84. Jitlob lill-Kummissjoni tikkjarifika r-raġunijiet ewlenin għaliex l-Istati Membri mhumiex qed jagħtu segwitu għall-każijiet allegati ta' frodi li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE, hekk kif ġew ippreżentati lilhom mill-OLAF;

o

o o

85. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0072

L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar l-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-ħidma tal-Parlament Ewropew (2015/2230(INI))

(2018/C 050/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995, id-dokumenti ta' eżitu sussegwenti adottati fis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing + 5 (2000), Beijing + 10 (2005) u Beijing + 15 (2010) u d-dokument ta' eżitu tal-konferenza ta' rieżami Beijing + 20,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar il-Ġeneri fl-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tal-21 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Gender Equality and Women's Empowerment: Transforming the Lives of Girls and Women through EU External Relations 2016-2020" (L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: it-Trasformazzjoni tal-Ħajjiet ta' Bniet u Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020) (SWD(2015)0182), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, li tiddefinixxi 'ġeneru' bħala "ir-rwoli, imġibiet, attivitajiet u attributi mibnija soċjalment li soċjetà partikolari tikkunsidra xierqa għan-nisa u l-irġiel",

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2010 bl-isem "Impenn imsaħħaħ għall-ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel: Karta f'Isem il-Mara" (COM(2010)0078),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bit-titolu "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bl-isem "Strategic engagement for gender equality 2016-2019" (Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019) (SWD(2015)0278),

— wara li kkunsidra rapport ta' riċerka tal-Kummissjoni bit-titolu "Evaluation of the strengths and weaknesses of the strategy for equality between women and men 2010-2015" (Valutazzjoni tal-punti b'saħħithom u l-punti dgħajfa tal-istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015)

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2014-2017,

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) dwar "Advancing women in political decision-making – Way forward" (Il-progress tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi – It-triq 'il quddiem), ippubblikat fl-2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-EIGE dwar "Gender-Sensitive Parliaments: A Global Review of Good Practice" (Parlamenti Sensittivi għall-Perspettiva tal-Ġeneri: Rieżami Globali ta' Prattika Tajba), ippubblikat fl-2011,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009 ([1]), tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2010 ([2]), tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2011 ([3]), u tal-10 ta' Marzu 2015 dwar il-progress fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea fl-2013 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2003 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Parlament Ewropew ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2007 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-kumitati ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2009 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet tiegħu ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u fil-bini tal-paċi u tan-nazzjonijiet ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2012 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi – kwalità u ugwaljanza ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-Istrateġija l-Ġdida għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Ewropa wara l-2015 ([11]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 1996 bit-titolu "L-inkorporazzjoni ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fil-politiki u fl-attivitajiet kollha tal-Komunità" (COM(1996)0067), li fiha hija impenjat ruħha li tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet u l-politiki kollha tagħha fil-livelli kollha, u b'hekk speċifikat il-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri,

— wara li kkunsidra l-istudju bl-isem "Evaluation of the Strategy for Equality between women and men 2010-2015 as a contribution to achieve the goals of the Beijing Platform for Action" (Valutazzjoni tal-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015 bħala kontribut għall-ksib tal-miri tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing) ippubblikat fl-2014 mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ċ tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-istudju bl-isem "Gender Mainstreaming in Committees and Delegations of the European Parliament" (L-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Kumitati u d-Delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew) ippubblikat fl-2014 mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki Ċ tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-istudju bl-isem "The EU Budget for Gender Equality" (Il-Baġit tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi) ippubblikat fl-2015 mid-Dipartiment Tematiku għall-Politiki D tal-Parlament Ewropew,

---

([1]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 35.
([2]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 65.
([3]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 1.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0050.
([5]) ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 384.
([6]) ĠU C 244 E, 18.10.2007, p. 225.
([7]) ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 18.
([8]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 32.
([9]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 11.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2015)0218.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2016)0042.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra n-nota bl-isem "Guidance on the development of gender equality and the empowerment of women policies" (Gwida dwar l-iżvilupp tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tal-politiki tan-nisa) ippubblikata mill-UN Women f'Mejju 2014,

— wara li kkunsidra d-dokument bl-isem "Advances in EU Gender Equality: Missing the mark?" (Il-Progress fl-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: Ma lħaqniex l-objettivi?) ippubblikat fl-2014 min-Netwerk Ewropew tal-Istituti għall-Politiki,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tar-Riżorsi Umani 2014 ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0034/2016),

A. billi l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala prinċipju orizzontali u billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistabbilixxi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala valur tal-Unjoni;

B. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prinċipju orizzontali tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-Artikolu 6 tat-TUE jirrikonoxxi li l-Karta għandha l-istess valur ġuridiku bħat-Trattati;

C. billi l-ksib tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa element ċentrali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-funzjonament tad-demokrazija, l-osservanza tal-istat tad-dritt, it-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u s-sostenibilità;

D. billi l-progress fil-ksib tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE qed jistaġna u billi b'din ir-rata fadlilha xi żmien biex tinkiseb;

E. billi, fl-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019, il-Kummissjoni ntrabtet li tkompli bl-azzjonijiet favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, anke permezz ta' eżerċizzji ta' valutazzjoni u monitoraġġ; billi wara l-2015 il-Kummissjoni ddeklassifikat l-impenn strateġiku tagħha għall-ugwaljanza bejn is-sessi għal dokument ta' ħidma tal-persunal;

F. billi l-ħames objettiv tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huwa l-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi sal-2030;

G. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tfisser l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri f'kull aspett tal-politika tal-UE – it-tħejjija, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki, il-miżuri ġuridiċi u l-programmi ta' nfiq – bl-għan li tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ([1]);

H. billi l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneri għandha tinkludi d-drittijiet, il-perspettivi u l-benesseri tal-persuni LGBTIQ u persuni ta' kull identità;

I. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għandha tkun għodda proattiva u reattiva biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi;

J. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri mhix mira politika fiha nnifisha, iżda mezz kruċjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, dejjem flimkien ma' azzjonijiet u politiki speċifiċi oħra bil-mira li javvanzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi;

K. billi waħda mill-kompetenzi tal-kumitat responsabbli hija li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha tal-politika;

L. billi l-maġġoranza tal-kumitati parlamentari ġeneralment jagħtu importanza lill-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri (pereżempju fil-ħidma leġiżlattiva tagħhom, fir-relazzjonijiet ta' ħidma mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u meta jfasslu pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza), filwaqt li xi kumitati għandhom ftit jew l-ebda interess f'din il-kwistjoni;

([1]) SWD(2015)0278.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

M. billi, mill-aħħar mandat parlamentari, il-kumitat responsabbli żviluppa prattika li jagħti kontributi ffukati għar-rapporti ta' kumitati oħra permezz ta' "emendi li jintegraw il-pespettiva tal-ġeneri"; billi skont studju ppubblikat fl-2014 ([1]), 85 % tal-emendi li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri mressqa bejn Lulju 2011 u Frar 2013 ġew inkorporati fir-rapporti finali adottati mill-kumitati prinċipali; billi data ulterjuri minn Frar 2013 'il quddiem hija meħtieġa għal valutazzjoni aġġornata li trid issir dwar is-sitwazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Parlament;

N. billi, bħala segwitu għar-riżoluzzjoni tal-2003 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, kull kumitat parlamentari jaħtar wieħed mill-Membri tiegħu bħala responsabbli għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u b'hekk jiġi stabbilit "in-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri"; billi r-riżoluzzjonijiet sussegwenti dwar dan is-suġġett talbu l-iżvilupp kontinwu ta' dan in-netwerk u biex jiġi stabbilit netwerk simili fid-delegazzjonijiet interparlamentari; billi n-netwerk hu appoġġjat minn netwerk fil-livell tal-persunal fis-segretarjati tal-kumitati;

O. billi mtela' kwestjonarju mill-membri tan-netwerk sabiex jiġi vvalutat l-istat attwali tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom;

P. billi l-QFP (qafas finanzjarju pluriennali) hu akkumpanjat minn dikjarazzjoni konġunta mit-tliet istituzzjonijiet, li qablu li l-proċeduri baġitarji annwali applikati għall-QFP 2014-2020 se jintegraw, kif xieraq, elementi sensittivi għall-ġeneri, filwaqt li jitqiesu l-modi li bihom il-qafas finanzjarju ġenerali tal-Unjoni jikkontribwixxi għal aktar ugwaljanza bejn is-sessi (u jiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri); billi, minkejja dan, l-impenn reali li jitkomplew l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa għandu jissaħħaħ, peress li l-politiki eżistenti ġew implimentati biss sa ċertu punt u ma ġewx allokati riżorsi baġitarji biżżejjed speċifikament għal kwistjonijiet dwar il-ġeneri;

Q. billi l-ibbaġitjar skont il-ġeneri ma ġiex applikat b'mod konsistenti minn ebda istituzzjoni tal-UE;

R. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) ġie stabbilit biex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jsaħħaħha, inkluża l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-UE u fil-politiki nazzjonali li jirriżultaw minnhom; billi l-EIGE żviluppa Pjattaforma dwar l-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri kif ukoll Glossarju u Teżawru dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jappoġġja lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, lill-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE u lill-korpi governattivi fir-rigward tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tagħhom;

S. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tinvolvi kemm li tiġi integrata perspettiva tal-ġeneri fil-kontenut tal-politiki differenti, kif ukoll li tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-rappreżentanza tan-nisa u l-irġiel f'oqsma partikolari ta' politika; billi ż-żewġ dimensjonijiet għandhom jitqiesu fil-fażijiet kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politiki;

T. billi l-politiki interni u esterni kollha tal-UE għandhom jitfasslu biex jibbenefikaw lis-subien u lill-bniet, u lill-irġiel u lin-nisa, kif ukoll lill-identitajiet l-oħra kollha tal-ġeneru bl-istess mod;

U. billi l-implimentazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri hija elenkata fost in-nuqqasijiet ewlenin fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi 2010–2015;

V. billi Parlament sensittiv għall-ġeneri għandu rwol kruċjali sabiex jiġu rimedjati l-iżbilanċi bejn il-ġeneri, għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-parteċipazzjoni ekonomika, soċjali u politika u l-espansjoni tal-qafas tal-politika dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;

W. billi taħriġ għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għall-Membri tal-PE u għall-persunal tal-Parlament, partikolarment dawk f'pożizzjonijiet ta' maniġment, huwa importanti għall-promozzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma u l-istadji kollha tal-politika;

([1]) "Gender Mainstreaming in Committees and Delegations of the European Parliament" (L-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Kumitati u d-Delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew), Dipartiment Tematiku għall-Politiki C tal-Parlament Ewropew.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

X. billi mhux qed jiġu allokati biżżejjed fondi u riżorsi umani biex jiġi żgurat progress reali fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet tal-Parlament;

Y. billi l-ġbir sistematiku u perjodiku ta' data u statistika diżaggregata skont il-ġeneru fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fil-proċess tat-tfassil tal-politika huwa indispensabbli għall-analiżi tal-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi; billi aktar riċerka kwalitattiva għandha titwettaq fi ħdan il-Parlament sabiex tiġi stabbilita l-importanza u l-impatt ta' strumenti għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fuq l-eżiti tal-politika, riżoluzzjonijiet u testi leġiżlattivi;

Z. billi r-rappreżentanza femminili f'pożizzjonijiet ewlenin ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell politiku u dak amministrattiv, inklużi fil-gruppi politiċi tal-Parlament, għadha baxxa; billi n-nisa għandhom it-tendenza li jippresjedu kumitati li huma inqas konnessi mal-allokazzjoni ta' riżorsi u mat-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi; billi sabiex tittejjeb il-kwalità tad-deċiżjonijiet li jittieħdu, il-Parlament jeħtieġ li jiżgura li l-allokazzjoni ta' pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet tkun mifruxa b'mod ugwali bejn is-sessi; billi l-irġiel għandhom jimpenjaw ruħhom biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha u fil-livelli kollha u Membri tal-PE irġiel għandhom jiġu mħeġġa jinvolvu ruħhom fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fix-xogħol tagħhom;

AA. billi l-Parlament għandu l-istruttura organizzattiva fis-seħħ biex tiġi promossa l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet tiegħu, u din l-istruttura għandha tkun koordinata aħjar, imsaħħa u mwessa', b'rieda politika u amministrattiva friska, sabiex jintlaħaq grad ogħla ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

AB. billi hija meħtieġa aktar kooperazzjoni interistituzzjonali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li l-perspettivi tal-ġeneri jkunu jistgħu jiġu introdotti fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-politika, li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-Parlament stess;

AC. billi kontribut minn partijiet interessati esterni, bħalma huma l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, gruppi lokali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi, istituzzjonijiet internazzjonali, is-settur akkademiku u l-parlamenti nazzjonali, huwa importanti għat-titjib tal-proċessi tal-Parlament għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u sabiex jitrawmu l-iskambji reċiproċi għall-promozzjoni tal-aħjar prattika;

AD. billi r-riżoluzzjoni dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tal-Parlament, adottata fl-2007, talbet li ssir valutazzjoni li għandha ssir kull sentejn dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tiegħu;

Valutazzjoni ġenerali tal-qafas istituzzjonali eżistenti

1. Huwa tal-fehma li, sabiex tiġi integrata perspettiva tal-ġeneri fi proċess ta' politika, għandhom jiġu kkunsidrati żewġ aspetti differenti: il-kontenut tal-politika u r-rappreżentanza tal-ġeneri differenti fl-amministrazzjoni u fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jinnota wkoll li data ċara dwar l-impatti tal-politika huma kruċjali għat-titjib kontinwu tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

2. Jinnota li fl-istruttura organizzattiva tal-Parlament, entitajiet differenti huma responsabbli mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri kemm fil-livell ta' politika kif ukoll fil-livell tal-ħajja tax-xogħol:

— il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità, li huwa responsabbli mill-promozzjoni ta' ugwaljanza sħiħa bejn in-nisa u l-irġiel f'kull aspett tal-ħajja tax-xogħol fis-Segretarjat tal-Parlament;

— il-kumitat responsabbli għal azzjoni speċifika mmirata lejn l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-kumitati u d-delegazzjonijiet l-oħra;

— in-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

— is-servizzi responsabbli mill-implimentazzjoni b'suċċess ta' rappreżentanza bilanċjata tal-ġeneri differenti fir-rigward tal-pożizzjonijiet kollha fl-organigramma;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

3. Jiddispjaċih li l-attivitajiet ta' dawn il-korpi differenti responsabbli mill-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri mhumiex qed jiġu koordinati jew integrati fil-Parlament jew ma' istituzzjonijiet oħra (l-ebda mekkaniżmu ta' kooperazzjoni interistituzzjonali għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri); jintrabat li jistabbilixxi kooperazzjoni effettiva bejn l-atturi kollha f'dan il-qafas istituzzjonali, abbażi ta' mekkaniżmi speċifiċi bħall-monitoraġġ u l-feedback dwar il-prestazzjoni;

4. Itenni l-impenn tiegħu li regolarment jadotta u jimplimenta pjan ta' politika għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Parlament, bl-għan ġenerali li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel permezz tal-inkorporazzjoni effettiva tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u l-attivitajiet, inklużi l-istrutturi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-amministrazzjoni;

5. Jitlob li n-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, li jirrappreżenta kumitati iżda wkoll delegazzjonijiet interparlamentari, jiġi żviluppat kontinwament u li jkun involut bis-sħiħ fil-monitoraġġ regolari tas-sitwazzjoni attwali tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika; jinnota l-ħtieġa għal parteċipazzjoni akbar u parteċipazzjoni attiva mill-Membri tal-PE fin-netwerk u jitlob li s-sostituti tal-Membri tal-PE jiġu miżjuda fin-netwerk sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni, bħalma jsir għall-kumitati u d-delegazzjonijiet;

6. Jenfasizza li, skont l-istudju tal-2014 imsemmi hawn fuq dwar din il-kwistjoni, l-aktar għodda effettiva biex tiddaħħal perspettiva tal-ġeneri fil-proċess ta' politika kien l-użu ta' proċeduri li jinvolvu kooperazzjoni ma' kumitati oħra; jenfasizza l-ħtieġa li l-kumitati l-oħra jappoġġjaw il-ħidma dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u jimplimentawha fl-attivitajiet tagħhom;

7. Jistieden lis-servizzi responsabbli jkomplu jaħdmu fuq miżuri speċifiċi li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jiddispjaċih li fost l-uffiċjali tal-PE, in-nisa għadhom fil-maġġoranza fil-grupp ta' funzjoni tal-assistenti (AST); jitlob li jkun hemm analiżi annwali tal-qagħda attwali tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Parlament, ibbażata fuq data diżaggregata skont il-ġeneri, fil-livelli kollha tal-persunal u l-korpi politiċi, inklużi l-assistenti parlamentari, u li dan ir-rappurtar isir pubbliku;

8. Jitlob li jiġu indirizzati l-ostakli strutturali, u biex jinħoloq ambjent favorevoli li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha, bħal miżuri ta' rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u miżuri ta' azzjoni pożittiva, li permezz tagħhom l-għadd tal-ġeneru sottorappreżentat ikun jista' jiżdied f'pożizzjonijiet li huma ddominati minn nisa jew mill-irġiel; jitlob lill-partiti politiċi biex jagħrfu r-responsabilitajiet tagħhom favur il-promozzjoni tan-nisa, peress li s-setgħa li jirreklutaw, jagħżlu u jinnominaw il-kandidati tinsab f'idejn dawn il-partiti;

9. Jiddeplora l-fatt li l-miri għall-bilanċ bejn is-sessi fil-livell tal-maniġment intermedju u superjuri adottati mill-Bureau fl-2006 (ir-rapport Kaufmann) ma ntlaħqux sal-iskadenza tal-2009, u lanqas sal-lum; jinnota li dawn il-miri ġew sussegwentement ikkonfermati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità għas-snin sussegwenti; iħeġġeġ it-teħid ta' miżuri effettivi, korrettivi u estensivi sabiex jintlaħqu dawn il-miri tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-iqsar żmien possibbli;

10. Jinnota li l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità huwa responsabbli mill-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza u d-Diversità fil-Parlament u mill-iżgurar tal-implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-grupp ta' livell għoli, bl-appoġġ tas-servizzi kompetenti, jippreżenta pjan direzzjonali komprensiv għall-ugwaljanza bejn is-sessi li juri kif għandha tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' maniġment intermedju u superjuri għal 40 % sal-2020; jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u lill-gruppi politiċi biex jikkunsidraw li jipproponu kemm mara kif ukoll raġel għal pożizzjonijiet ta' Kap ta' Unità meta jkun hemm pożizzjonijiet vakanti;

11. Jirrakkomanda li r-rapporteur permanenti dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, ladarba dik il-pożizzjoni tkun ġiet stabbilita, għandu jaħdem flimkien mal-Grupp ta' Livell Għoli biex jiżgura li jintlaħqu l-miri tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għas-Segretarjat tal-Parlament u l-persunal tiegħu;

12. Jistieden lill-gruppi politiċi jikkunsidraw li jipproponu kemm mara kif ukoll raġel għall-pożizzjoni ta' President tal-kumitati u l-gruppi;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

13. Jinnota li r-rappreżentanza indaqs bejn il-ġeneri f'kull kumitat hija mixtieqa, sa fejn jippermettu ċ-ċirkostanzi; jistieden lill-gruppi politiċi jikkunsidraw in-nomina ta' Membri tal-PE mill-ġeneru sottorappreżentat f'kull Kumitat, b'mod ikkoordinat; jistieden lill-gruppi politiċi biex jaħtru numru ugwali ta' Membri tal-PE irġiel u nisa bħala membri u sostituti tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, biex jinkoraġġixxu l-involviment tal-irġiel fil-politika tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

Għodod għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri

14. Jenfasizza li l-prattika li jintużaw emendi li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri wriet li hi aktar effettiva mill-opinjonijiet peress li jkunu aktar konċiżi, jistgħu jitressqu malajr u jikkonċernaw kwistjonijiet ewlenin, speċifiċi u delimitati; itenni l-istedina tiegħu lill-kumitat kompetenti biex jinkludi din il-prattika ta' emendi li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fir-Regoli ta' Proċedura, b'kunsiderazzjoni għar-rwol speċifiku tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri bħala prinċipju orizzontali; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni eqreb bejn il-kumitati u koordinazzjoni effettiva bejn in-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-kumitat kompetenti kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak amministrattiv, bl-għan li tinkiseb dimensjoni tal-ġeneru sostanzjali fir-rapporti; jenfasizza l-importanza tar-rwol tal-membri tan-netwerk f'kull kumitat fl-iffaċilitar ta' kontribut effettiv mill-kumitat kompetenti permezz ta' emendi li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri u opinjonijiet, u jitlob koordinazzjoni effettiva bejn il-membri responsabbli tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u membri tan-netwerk tal-proċedura tal-emendi li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri; itenni l-ħtieġa ta' koordinazzjoni mill-qrib bejn il-kumitat kompetenti u l-kumitati ewlenin dwar emendi li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri u opinjonijiet, biex jiġi żgurat l-aħjar skedar u ppjanar għal kontribut effettiv għar-rapport tal-kumitat ewlieni;

15. Jiddispjaċih li, minkejja d-dikjarazzjoni interistituzzjonali dwar l-iżgurar tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri mehmuża mal-QFP, s'issa ma ttieħdet l-ebda miżura dwar l-ibbaġitjar għall-perspettiva tal-ġeneri; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi sorveljat mill-qrib kif il-prinċipji tad-dikjarazzjoni konġunta ġew implimentati fir-rigward tal-proċeduri baġitarji annwali, u jitlob li l-kumitat responsabbli jingħata rwol formali fir-reviżjoni tal-QFP;

16. Jenfasizza li bbaġitjar sensittiv għall-ġeneri fil-forma ta' ppjanar, ipprogrammar u bbaġitjar li jikkontribwixxi għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-twettiq tad-drittijiet tan-nisa huwa waħda mill-għodod ewlenin li jintużaw minn dawk li jfasslu l-politika biex jindirizzaw disparitajiet bejn is-sessi; jiddispjaċih li l-eżerċizzju ta' bbaġitjar għall-perspettiva tal-ġeneri wera li l-perspettiva tal-ġeneri għadha 'l bogħod milli tiddaħħal fil-politiki kollha, fil-livelli kollha u f'kull stadju tal-proċess ta' tfassil ta' politiki; jinnota li, f'dan il-kuntest, huwa kruċjali b'mod partikolari li tinbena kapaċità interna dwar ibbaġitjar sensittiv għall-perspettiva tal-ġeneri sabiex jissaħħaħ ir-rwol ta' skrutinju tal-Parlament dwar dawn il-kwistjonijiet; jinnota li l-implikazzjonijiet ta' deċiżjonijiet ta' nfiq u dħul għandhom impatt estremament differenti fuq in-nisa u l-irġiel u jenfasizza li l-Membri tal-PE fuq il-kumitati rilevanti għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni dawn l-effetti differenti fit-tfassil tal-baġits; jenfasizza li bbaġitjar sensittiv għall-perspettiva tal-ġeneri jippromwovi r-responsabilità u t-trasparenza fir-rigward tal-impenn tal-Parlament lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi;

17. Jieħu nota li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri billi tinkorpora kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fl-evalwazzjonijiet b'konformità mal-prinċipji tar-Regolamentazzjoni Aħjar u qed tikkunsidra li toħroġ rapport dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Kummissjoni fl-2017;

18. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu allokati biżżejjed riżorsi wkoll fil-livell tal-Parlament sabiex jiġu żviluppati valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneru u analiżijiet imsejsa fuq il-perspettiva tal-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi abbażi tal-ġeneru fuq proposti leġiżlattivi jew ta' politika ġodda, abbażi tal-valutazzjoni msaħħa tal-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali u biex ikun garantit li l-UE qed tirrispetta d-drittijiet tan-nisa; jenfasizza li tali analiżijiet u metodi użati għall-ġbir ta' data għandhom ikunu sensittivi għall-esperjenzi ta' persuni LGBTIQ; jissottolinja li l-kumitati għandhom jiġu mħeġġa jieħdu vantaġġ minn kompetenzi esperti interni kif ukoll kompetenzi esperti esterni ta' istituzzjonijiet u korpi oħra mis-settur pubbliku jew privat li huma attivi fil-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

19. Jistieden lill-EIGE jippreżenta informazzjoni b'mod regolari lil kull kumitat bl-għan li l-perspettiva tal-ġeneri tiġi enfasizzata f'kull settur tat-tfassil ta' politiki u biex jagħmel id-data u l-għodod li żviluppa disponibbli, bħall-pjattaforma għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, bħala parti minn eżerċizzju usa' ta' bini ta' kapaċitajiet indirizzat ukoll għall-persunal u l-assistenti parlamentari; jistieden lis-Servizz ta' Riċerka biex iwettaq riċerka kwalitattiva u kwantitattiva dettaljata regolari dwar il-progress tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Parlament u l-funzjonament tal-istruttura organizzattiva ddedikati għalih;

20. Jiddispjaċih li, attwalment, l-EIGE m'għandux biżżejjed riżorsi biex iwettaq ix-xogħol kollu li huwa mitlub li jagħmel, u għalhekk jenfasizza li hemm ħtieġa li jiġi żgurat li l-baġit tal-EIGE jiġi emendat f'konformità mal-mandat estensiv tiegħu;

21. Jinnota li, fir-risposti għall-kwestjonarji dwar is-sitwazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kumitati parlamentari, għodod speċifiċi ġew enfasizzati bħala effettivi fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-kumitati, fosthom:

— id-distribuzzjoni ta' dokumenti ewlenin u l-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi f'termini ta' riferenza ta' studji kkummissjonati;

— l-enfasi fuq l-użu ta' terminoloġija u ta' definizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi;

— il-promozzjoni ta' valutazzjoni ex-ante u ex-post tal-abbozzi ta' proposti għal leġiżlazzjoni relatati ma' ftehimiet futuri;

— it-taħriġ u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-Membri, il-persunal, il-konsulenti politiċi u l-assistenti;

u jirrakkomanda bil-qawwa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri ta' dawn l-għodod fil-ħidma tal-Parlament;

22. Ifakkar li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-valutazzjonijiet u l-programmi teħtieġ ukoll miżura ta' segwitu effettiva li għandha titwettaq sabiex jiġu indirizzati l-effettività u l-problemi possibbli ta' kull azzjoni; jenfasizza li huwa importanti li jiġu implimentati miżuri korrettivi fejn ikun meħtieġ, u li tiġi żviluppata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jekk jiġi nnutat nuqqas ta' progress wara l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi;

23. Jirrakkomanda li d-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Parlament jinkludi perspettiva tal-ġeneri aktar b'saħħitha fir-rappurtar tiegħu fit-tfassil tal-politika tal-Parlament;

24. Jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-iżvilupp immirat u regolari ta' taħriġ għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, b'riżorsi adegwati u mfassal apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Parlament, indirizzat għall-membri kollha tal-persunal tal-Parlament li jaħdmu f'oqsma politiċi, b'taħriġ aktar estensiv previst għall-maniġment medju u superjuri, b'mod partikolari l-Kapijiet tal-Unità; jitlob li jkun magħmul disponibbli taħriġ tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għall-Membri tal-PE, l-assistenti parlamentari u l-persunal tal-gruppi politiċi; jitlob li jiġi organizzat taħriġ dwar it-tmexxija għan-nisa, filwaqt li n-nisa jiġu offruti l-esperjenza ta' pożizzjonijiet ta' tmexxija; jirrakkomanda li sessjonijiet ta' taħriġ ikunu jinkludu informazzjoni dwar il-forom ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-servizzi kollha tiegħu jkunu konxji mir-responsabilitajiet tagħhom fl-implimentazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inklużi dawk inkarigati mir-riżorsi umani, is-sigurtà u l-faċilitajiet; jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' linji gwida speċifiċi ta' riżorsi umani li jimplimentaw b'mod effettiv l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri sabiex itejbu l-benesseri tal-persunal kollu, inklużi nies LGBTIQ, fil-post tax-xogħol;

L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-kumitati

25. Itenni t-talba li jiġi onorat l-impenn li jinħareġ rapport biannwali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-ħidma tal-Parlament; huwa konxju mir-rwol li għandu n-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-valutazzjoni tal-istat attwali tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'kull qasam ta' politika u jirrakkomanda li l-kwestjonarju li jservi bħala bażi għar-rapport imsemmi hawn fuq isir metodu ta' monitoraġġ annwali;

26. Jinnota li, fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarji, il-membri tan-netwerk ġeneralment wieġbu li, fil-qasam ta' politika speċifiku tagħhom, il-bżonnijiet speċifiċi għall-ġeneru kienu qed jiġu kkunsidrati f'diversi attivitajiet bħal rapporti, emendi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, studji, seduti ta' smigħ, missjonijiet u skambji ta' fehmiet;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

27. Jilqa' l-inizjattivi speċifiċi meħuda minn diversi kumitati parlamentari f'dan il-qasam; jiddispjaċih li maġġoranza kbira tal-kumitati la adottaw u lanqas iddiskutew pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għal ħidmithom; jenfasizza kemm huwa importanti li l-korpi kompetenti kollha jaħdmu mal-kumitati u d-delegazzjonijiet kollha sabiex jaqsmu l-aħjar prattiki, fosthom, permezz tan-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u biex jistabbilixxu proċedura ċara, li tkun inkorporata fir-Regoli ta' Proċedura, dwar l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi minn kull kumitat u delegazzjoni; jirrakkomanda li kull kumitat jorganizza seduta ta' smigħ dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-qasam tiegħu ta' politika darba kull sentejn, biex jikkoinċidi mat-tfassil ta' rapport dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

28. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evalwat bir-reqqa l-funzjonament tan-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u li jiġu identifikati modi kif jiġi żgurat involviment aktar mill-qrib u aktar għarfien fost il-membri tan-netwerk; jirrakkomanda li l-membri u s-sostituti tan-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jieħdu impenn għall-ugwaljanza bejn is-sessi, iżda jirrimarka li dawn mhux neċessarjament iridu jkunu membri tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, billi dan jippermetti li grupp akbar ta' Membri tal-PE jaħdem fuq l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jirrakkomanda kuntatt u skambji regolari bejn il-kumitat responsabbli u n-netwerk;

29. Jirrakkomanda li n-netwerk għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri jkun kopresjedut mill-kumitat responsabbli ma' membru ieħor tan-netwerk, u li dan tal-aħħar jinħatar fuq bażi ta' rotazzjoni minn fost il-kumitati differenti sabiex jingħata l-messaġġ li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tikkonċerna lill-kumitati kollha;

30. Hu tal-fehma li jeħtieġ li jinħoloq korp ta' monitoraġġ intern sabiex ikun hemm segwitu u evalwazzjoni ex-post tal-implimentazzjoni ta' għodod u azzjonijiet; jappella għall-formulazzjoni ta' deskrizzjonijiet speċifiċi tal-funzjonijiet għall-membri tal-persunal responsabbli mill-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kumitati; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jevalwaw il-progress tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kumitati u d-delegazzjonijiet darbtejn fis-sena;

Kooperazzjoni interistituzzjonali bħala appoġġ għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri

31. Jemmen li relazzjonijiet interistituzzjonali aktar b'saħħithom se jtejbu l-bilanċ bejn il-ġeneri fit-tfassil tal-politiki tal-UE; jinnota li għadha ma ġie stabbilita l-ebda kooperazzjoni strutturata dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ma' sħab istituzzjonali oħra, bħall-Kummissjoni u l-EIGE; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas adegwat għall-istabbiliment ta' kooperazzjoni interistituzzjonali għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u wkoll li jinvolvu partijiet interessati oħra f'dan il-qasam;

32. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u l-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill billi tadotta immedjatament komunikazzjoni dwar Strateġija ġdida għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Drittijiet tan-Nisa wara l-2015 li tindirizza kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri f'konformità mal-aġenda internazzjonali;

33. Jirrakkomanda li d-data tiġi pprovduta annwalment mill-Ombudsman Ewropew lill-Grupp ta' Livell Għoli tal-Parlament dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Diversità, f'dak li jirrigwarda l-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina relatata mal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Parlament, bir-rispett dovut għad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman;

34. Jemmen li l-iskambju tal-aħjar prattika ma' organizzazzjonijiet oħra se jsaħħaħ il-bini tal-kapaċitajiet tal-Parlament u l-effettività fl-implimentazzjoni tal-intergrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jitlob li jiġu organizzati skambji tal-aħjar prattika fil-livelli kollha ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħra bħall-UN Women, il-Kunsill tal-Ewropa, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet interessati involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, bħal korpi tal-ugwaljanza bejn is-sessi, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi; iħeġġeġ il-parteċipazzjoni fil-programmi speċifiċi ta' bini ta' kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u l-ksib tal-appoġġ tagħhom fl-organizzazzjoni ta' programmi mfassla apposta għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

35. Jitlob li d-Direttorat Ġenerali għall-Persunal jagħmel skambju tal-aħjar prattiki b'rabta mal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità u tal-assistenza teknika, pereżempju mal-Kungress tal-Istati Uniti u korpi nazzjonali għall-ugwaljanza, dwar il-promozzjoni ta' komunitajiet ta' minoranzi etniċi u razzjali sottorappreżentati fi proċeduri ta' reklutaġġ għal perjodu qasir ta' żmien u f'kompetizzjonijiet tal-EPSO; jitlob li jkun hemm enfasi fuq apprendisti, u biex jiġu żviluppati inizjattivi u programmi dedikati għall-promozzjoni ta' programmi ta' apprendistati taż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari n-nisa, minn gruppi sottorappreżentati ta' minoranza etnika u razzjali;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

36. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm djalogu miftuħ u kontinwu mal-parlamenti nazzjonali sabiex jiġu stabbiliti skambji regolari ta' opinjonijiet, skambju ta' tekniki ġodda u rappurtar lura dwar valutazzjoni tal-impatt tal-politiki, bl-għan ta' promozzjoni ta' approċċ komuni u l-iżvilupp ulterjuri tal-aħjar prattiki għall-avvanz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jirrakkomanda li jiġu organizzati laqgħat interparlamentari regolari dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

o

o o

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0073

Is-sitwazzjoni tan-nisa rifuġjati u li jfittxu l-asil fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa rifuġjati u li jfittxu l-asil fl-UE (2015/2325(INI))

(2018/C 050/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 78 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 32 tal-14 ta' Novembru 2014 tal-Kumitat CEDAW dwar id-dimensjoni relatata mal-ġeneru tal-istatus ta' rifuġjat, l-asil, iċ-ċittadinanza u l-apolidija tan-nisa,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u d-dokumenti ta' eżitu sussegwenti adottati fis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing + 5, Beijing + 10, Beijing + 15 u Beijing + 20,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015 bl-isem "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)0240),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti (2015 – 2020)" (COM(2015)0285),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-migrazzjoni tat-12 ta' Ottubru 2015, u b'mod partikolari l-impenn espress fihom lejn id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/JHA,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali,

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri tal-UE għall-iskopijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u li jemenda d-Direttiva 2013/32/UE (COM(2015)0452),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali depożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill bl-isem "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020" tas-26 ta' Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-affarijiet barranin u l-politika ta' sigurtà tal-25 ta' Marzu 2015 bl-isem "Implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-2014" (SWD(2015)0076),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta fuq inizjattiva proprja OI/5/2012/BEH-MHZ li tikkonċerna l-Frontex ([1])

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0024/2016),

A. billi numru straordinarju u li dejjem qed jikber ta' rġiel, nisa u tfal qed ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-UE minħabba kunflitti kontinwi, instabilità reġjonali u ksur ta' drittijiet tal-bniedem, inkluż vjolenza sessista u stupru bħala armi tal-gwerra;

B. billi hemm grad għoli ta' inugwaljanza bejn is-sessi tal-applikanti għal asil fl-Unjoni Ewropea; billi n-nisa jikkostitwixxu madwar terz tal-persuni li japplikaw għal asil; billi bejn il-bidu tal-2015 u Novembru tal-istess sena, madwar 900 000 ruħ qasmu l-Baħar Mediterran biex jilħqu x-xtut tal-Ewropa, u n-nisa u t-tfal ammontaw għal madwar 38 % tat-total; billi l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) irrapporta li, minn Jannar 2016, in-nisa u t-tfal jikkostitwixxu 55 % ta' dawk li jaslu l-Greċja biex ifittxu asil fl-UE; billi wisq nies tilfu ħajjithom matul dawn il-vjaġġi ta' tama u ħafna minnhom kienu nisa;

C. billi n-nisa kif ukoll il-persuni LGBTI huma soġġetti għal forom speċifiċi ta' persekuzzjoni bbażata fuq il-ġeneru, li spiss għadha mhijiex rikonoxxuta fil-proċeduri għall-asil;

D. billi r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà ma laħqitx l-objettiv primarju tagħha li tħares lin-nisa u żżid sostanzjalment il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi politiċi u tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

E. billi, skont l-UNHCR, madwar 20 000 mara u tifla minn pajjiżi ta' oriġini li jipprattikaw il-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF) jfittxu asil fi Stati Membri tal-UE kull sena; billi numru kbir ta' nisa li jippreżentaw talba għal asil ikunu qed jagħmlu hekk abbażi ta' biża' mill-MĠF;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0422.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

F. billi, skont stima tal-UNHCR, 71 % tal-applikanti nisa għal asil fl-UE minn pajjiżi li jipprattikaw il-MĠF huma vittmi tal-MĠF; billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ħadet deċiżjonijiet li jwaqqfu t-tkeċċija ta' bniet f'riskju li jiġu furzati jsofru mutilazzjoni ġenitali, minħabba l-ħsara irreparabbli li probabbli ssirilhom fis-saħħa fiżika u psikoloġika tagħhom;

G. billi n-nisa u l-bniet li jfittxu asil għandhom ħtiġijiet speċifiċi ta' protezzjoni u tħassib differenti mill-irġiel, li jirrikjedu li l-implimentazzjoni tal-politiki u proċeduri tal-asil kollha, inkluża l-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal asil, ikunu sensittivi għad-differenzi bejn il-ġeneri u jkunu individwali; billi t-talbiet għal asil relatati ma' vjolenza għandhom jiġu ttrattati b'mod li jipproteġi lin-nisa minn vittimizzazzjoni sekondarja waqt il-proċess tal-asil;

H. billi l-proċess ta' integrazzjoni u d-drittijiet tan-nisa u l-bniet jiġu mminati meta l-istatus ġuridiku tagħhom ikun dipendenti fuq il-konjuġi tagħhom;

I. billi l-atti rilevanti li jagħmlu s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għandhom ikunu trasposti u implimentati skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u strumenti rilevanti oħra;

J. billi t-trattament tan-nisa u l-bniet li qed ifittxu asil fl-Istati Membri huwa inkonsistenti, u fadal ħafna nuqqasijiet sinifikanti;

K. billi n-nisa rifuġjati u dawk li jfittxu asil ikunu ta' spiss soġġetti għal diversi forom ta' diskriminazzjoni u huma aktar vulnerabbli għall-vjolenza sesswali u sessista fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni tagħhom; billi n-nisa u l-bniet mhux akkumpanjati, in-nisa kapijiet ta' unità domestika, in-nisa tqal, il-persuni b'diżabilità u l-anzjani huma partikolarment vulnerabbli;

L. billi r-rifuġjati nisa mhux biss jiffaċċjaw theddid għas-sikurezza personali tagħhom (vjaġġi twal u perikolużi lejn eżilju, fastidju, indifferenza uffiċjali u, ta' sikwit, abbuż u vjolenza sesswali, anke meta jkunu laħqu post li jidher sikur u l-istigmatizzazzjoni soċjali li tirriżulta), iżda huma wkoll responsabbli għas-sigurtà fiżika, is-sigurtà soċjali u s-sopravivenza tal-familji tagħhom;

M. billi bosta rifuġjati li waslu fl-Ewropa jgħixu f'kundizzjonijiet improvizzati f'kampijiet jew fit-toroq, u n-nisa u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli;

N. billi n-netwerks kriminali qegħdin japprofittaw ruħhom min-nuqqas ta' passaġġ sikur lejn l-UE għall-persuni li jfittxu asil u r-rifuġjati, l-instabilità reġjonali, il-kunflitt u l-vulnerabilità tan-nisa u l-bniet li jippruvaw jaħarbu, sabiex jisfruttawhom permezz tat-traffikar u l-isfruttament sesswali;

O. billi n-nisa li huma vittmi tal-vjolenza u t-traffikar huma aktar esposti għar-riskju ta' mard trażmess sesswalment;

P. billi l-Uffiċċju tal-UNHCR irrapporta każijiet ta' vjolenza u abbuż, inkluża vjolenza sesswali, kontra rifuġjati nisa u tfal, matul il-vjaġġ tagħhom u inkluż fiċ-ċentri ta' akkoljenza affollati fl-UE;

Q. billi n-nisa u l-bniet li jfittxu kenn fl-UE sikwit jaħarbu minn reġimi oppressivi fir-rigward tan-nisa, li ma jirrikonoxxux l-ugwaljanza tan-nisa mal-irġiel, li jittolleraw il-vjolenza kontra n-nisa, l-abbuż u ż-żwiġijiet tat-tfal, bikrija u furzati;

R. billi ta' spiss, iċ-ċentri ta' akkoljenza ma jkun fihom l-ebda żoni interni li jkunu xierqa għall-ommijiet li jokkupawhom u li jkollhom isostnu u jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom; billi, barra minn hekk, il-faċilitajiet ta' assistenza legali ma jagħtux appoġġ adegwat fl-għoti ta' informazzjoni u fl-għajnuna fit-tiftix għall-membri tal-familja;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

S. billi l-ħtiġijiet l-aktar bażiċi għall-prevenzjoni ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneri, li huma kmamar tal-banju, doċoċ u arranġamenti tal-irqad separati għan-nisa, mhumiex rispettati fil-faċilitajiet ta' akkoljenza u ta' transitu madwar l-Unjoni Ewropea;

T. billi l-bniet li qed jaħarbu l-kunflitt u l-persekuzzjoni huma f'riskju akbar ta' żwieġ tat-tfal bikri u furzat, ta' stupru u abbuż sesswali u fiżiku, u ta' prostituzzjoni;

U. billi s-separazzjoni mill-membri tal-familja, inkluż meta jkunu detenuti, tesponi lin-nisa u t-tfal għal riskji akbar;

V. billi r-riunifikazzjoni tal-familja, għalkemm huwa dritt bażiku tal-bniedem, hija sistematikament imdewma u saħansitra miksura, u billi n-nisa u t-tfal huma l-ewwel vittmi taċ-ċaħda u d-dewmien ta' dan id-dritt;

W. billi n-nisa huma ta' sikwit furzati jaċċettaw xogħol mhux dikjarat f'kundizzjonijiet degradanti sabiex ikunu jistgħu joqogħdu fil-pajjiż tal-wasla tagħhom;

X. billi l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing enfasizzat il-ħtieġa li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-ħtieġa li nisa rifuġjati, spustati u migranti jiġu involuti kif jixraq f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom;

Y. billi l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5 huwa intiż sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien għan-nisa sal-2030;

1. Jemmen li, biex tittejjeb is-sigurtà u s-sikurezza tar-rifuġjati nisa u bniet, alternattivi sikuri u legali lejn l-UE għandhom ikunu disponibbli għal dawk li qed jaħarbu l-kunflitt u l-persekuzzjoni, u li għandha titqies l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza b'mod partikolari li aktar Stati Membri għandhom jipparteċipaw fi Programmi ta' Risistemazzjoni tal-UE; jemmen li l-leġiżlazzjoni u l-politiki dwar l-immigrazzjoni irregolari m'għandhomx jipprevjenu l-aċċess għall-proċeduri ta' asil tal-UE; jenfasizza li d-dritt għal asil huwa stabbilit fl-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

2. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jinfetħu immedjatament alternattivi sikuri u legali ta' asil, sabiex jiġu miġġielda n-netwerks ta' kuntrabandu kif ukoll sabiex kulma jmur in-nisa, it-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu ifittxu kenn bla ma jissugraw ħajjithom; huwa mħasseb ħafna dwar l-imwiet, il-pushbacks u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-fruntieri esterni tal-UE; iqis li r-responsabilitajiet u l-ispejjeż u l-benefiċċji jridu jinqasmu mit-28 Stat Membru kollha u mhux biss mill-pajjiżi tal-ewwel wasla; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' solidarjetà fost l-Istati Membri;

3. Jenfasizza l-importanza li n-nisa rifuġjati jkunu reġistrati individwalment u jingħatawlhom id-dokumenti li jiggarantixxu s-sikurezza personali tagħhom, il-libertà tal-moviment u l-aċċess għal servizzi essenzjali, kif mitlub mill-UNHCR;

4. Jenfasizza li l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri għandu jiġi osservat fil-kumitati ta' koordinazzjoni u kull tip ieħor ta' korp li jirrappreżenta r-rifuġjati, kemm f'żoni urbani kif ukoll rurali, u fil-kampijiet tar-rifuġjati, inkluż f'żoni fejn ir-rifuġjati jiġu mibgħuta lura, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tan-nisa rifuġjati u li jkunu qed ifittxu asil jiġu rispettati u li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu ssodisfati;

5. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri kollha u lill-Unjoni Ewropea biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa (il-Konvenzjoni ta' Istanbul);

6. Jitlob lill-Istati Membri biex, f'kollaborazzjoni mal-UE, jiggarantixxu konsulenza għat-trawma u kura psikoloġika speċjalizzati għan-nisa li jkunu esperjenzaw ħsara abbażi tal-ġeneru, bl-involviment dirett ta' nisa kwalifikati li jkunu speċjalisti fil-qasam, u li jkunu disponibbli fl-istadji kollha tal-proċess tal-asil;

7. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar rapporti li nisa u tfal qed jinvolvu rwieħhom f'sess għas-sopravvivenza biex iħallsu l-kuntrabandisti sabiex ikomplu l-vjaġġ tagħhom u jfittxu asil fl-UE; jenfasizza mill-ġdid li alternattivi sikuri u legali lejn l-Ewropa huma essenzjali biex din ir-realtà tiġi evitata b'mod effikaċi;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

8. Iħeġġeġ lill-UE tinkludi perspettiva sensittiva għall-ġeneri fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-ilmenti fi ħdan l-uffiċċju tal-uffiċjal tal-Frontex għad-Drittijiet Fundamentali u tindirizza ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Frontex, mill-Istati Membri u minn uffiċjali f'pajjiżi terzi waqt li jikkooperaw mal-Frontex, kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-2 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta fuq inizjattiva proprja OI/5/2012/BEH-MHZ dwar il-Frontex;

9. Jitlob miżuri mmirati biex jiżguraw l-integrazzjoni sħiħa tan-nisa rifuġjati u li jkunu qed ifittxu asil, billi tiġi evitata kull forma ta' sfruttament, abbuż, vjolenza u traffikar;

10. Jenfasizza li l-politiki u l-miżuri kollha tal-migrazzjoni u l-asil fl-UE għandhom iqisu l-ġeneru fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tagħhom;

Id-dimensjoni tal-ġeneri fid-determinazzjoni tal-istatus ta' rifuġjat

11. Jitlob li, bħala parti minn riformi usa' lejn il-politika tal-migrazzjoni u l-asil, tiġi adottata ġabra komprensiva ta' linji gwida dwar il-ġeneru fl-UE kollha, li tqis bis-sħiħ id-dimensjonijiet soċjali, kulturali u politiċi tal-persekuzzjoni u tinkludi miżuri ta' akkoljenza u integrazzjoni;

12. Jissottolinja li anke f'pajjiżi meqjusa sikuri, in-nisa jistgħu jsofru persekuzzjoni sessista, filwaqt li l-persuni LGBTI jistgħu ukoll jiġu soġġetti għal abbuż, u b'hekk ikollhom talba leġittima għall-protezzjoni; jistieden lill-Istati Membri kollha jadottaw proċeduri tal-asil u jagħmlu ħilithom biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ li jkunu sensittivi għall-ħtiġijiet tan-nisa b'identitajiet emarġinati multipli, inklużi nisa LGBTI; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jiġġieldu l-isterjotipi dwar l-imġiba u l-karatteristiċi ta' nisa LGBTI u biex japplikaw b'mod sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fir-rigward tat-talbiet għal asil tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' faċilitajiet ta' akkoljenza sensittivi għal-LGBTI fl-Istati Membri kollha; jenfasizza li l-vjolenza kontra individwi LGBTI hija komuni fil-faċilitajiet ta' akkoljenza;

13. Jenfasizza li forom ta' vjolenza bbażati fuq il-ġeneri, inklużi iżda mhux limitati għall-istupru u l-vjolenza sesswali, il-MĠF, iż-żwieġ furzat, il-vjolenza domestika, l-hekk imsejħa reati tal-unur u diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru approvata mill-istat, jikkostitwixxu persekuzzjoni u diskriminazzjoni bejn is-sessi u għandhom ikunu raġunijiet validi għat-tfittxija ta' asil fl-UE u li dan għandu jkun rifless f'linji gwida ġodda dwar il-ġeneri;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor statistiċi bir-reqqa dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali bl-għan li jiżdiedu aktar kategoriji ta' data disaggregata skont il-ġeneri, b'mod partikolari fir-rigward tal-istadji fil-proċess tal-asil wara li tkun ittieħdet deċiżjoni inizjali;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida interpretattivi dwar il-MĠF li jikkunsidraw b'mod sħiħ il-Linji Gwida tal-UNHCR dwar il-persekuzzjoni sessista u n-Nota ta' Gwida dwar il-MĠF u li jiddeskrivu b'mod ċar l-obbligi tal-Istati Membri, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u l-komunikazzjoni ma' persuni vulnerabbli li jkunu qed ifittxu asil; jenfasizza li vittmi tal-MĠF jista' jkollhom diffikultà biex jesprimu t-trawma tagħhom mill-MĠF; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluża l-MĠF, ikunu jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala forma ta' persekuzzjoni u li l-vittmi jkunu jistgħu għalhekk jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta mill-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, f'konformità mal-Artikolu 60 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul;

16. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-proċeduri ta' asil fil-fruntieri jikkonformaw mal-Linji Gwida tal-UNHCR dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-persekuzzjoni relatata mal-ġeneru, u mal-Linji Gwida tal-UNHCR dwar it-Talbiet tar-Refuġjati relatati mal-Orjentazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru, li jispjegaw b'mod ċar l-obbligi tal-Istati Membri;

17. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta, twettaq rieżami tal-finanzjament miżjud u tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-Programmi Daphne u Odysseus, u tivvaluta jekk dawn il-programmi jistgħux jiġu adattati għas-sitwazzjoni attwali, sabiex jiġu protetti r-rifuġjati nisa;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

18. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi stabbilita lista tal-UE komuni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri; jitlob li jittieħdu l-passi xierqa kollha biex ikun żgurat li dan l-approċċ ikun konsistenti mal-prinċipju tan-non-refoulement u li d-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u ta' gruppi vulnerabbli oħra ma jiġux imminati; jitlob li jiġi applikat id-divrenzjar fuq il-bażi tal-ġeneru; jemmen li kwalunkwe lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri m'għandhiex tirriżulta fi trattament proċedurali anqas favorevoli għan-nisa li t-talbiet tagħhom għal asil ikunu bbażati fuq biża' jew esperjenza ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati deċiżjonijiet mgħaġġlin li ma jqisux kif jixraq il-perikli, u anke t-theddida ta' mewt, li qed jiffaċċjaw in-nisa li jkunu sofrew vjolenza sessista jekk l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda u jkunu furzati jirritornaw lejn pajjiżhom;

19. Jitlob approċċi aktar objettivi u sensittivi għall-ġeneri għall-valutazzjoni ta' kredibilità fl-Istati Membri kollha u taħriġ imsaħħaħ fil-valutazzjoni ta' kredibilità li jinkorpora dimensjoni tal-ġeneri għal min jieħu d-deċiżjonijiet; jenfasizza li l-valutazzjonijiet ta' kredibilità qatt ma jistgħu ikunu kompletament preċiżi u m'għandhomx jintużaw bħala l-unika bażi għal deċiżjoni tal-asil negattiva; jirrakkomanda li meta jiġu vvalutati t-talbiet għal asil min-nisa, il-profili kulturali, soċjali u psikoloġiċi inklużi l-isfond kulturali, l-edukazzjoni, it-trawma, il-biża', il-misthija u/jew l-inugwaljanzi kulturali bejn l-irġiel u n-nisa, għandhom jiġu kkunsidrati;

20. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu raġunijiet għal deċiżjonijiet pożittivi dwar l-asil sabiex issir disponibbli d-data meħtieġa dwar il-kunsiderazzjoni li tingħata lill-vjolenza sessista u tiġi żgurata trasparenza fil-konfront tar-raġunijiet li abbażi tagħhom ikunu ġew approvati l-applikazzjonijiet għal asil skont il-Konvenzjoni;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu lin-nisa informazzjoni dwar il-proċeduri tal-asil, id-drittijiet tagħhom u s-servizzi speċifiċi disponibbli għal nisa li japplikaw għal asil; jissottolinja d-dritt tan-nisa li jippreżentaw talba għal asil indipendenti mill-konjuġi tagħhom bħala element ewlieni għall-emanċipazzjoni tan-nisa u l-prinċipju tan-non-refoulement; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinfurmaw lin-nisa kollha bid-dritt tagħhom li jagħmlu talba indipendenti għal asil u b'hekk jippermettu lin-nisa japplikaw għall-istatus ta' rifuġjat jew ta' persuna tfittex l-asil, u li jżommu dan l-istatus, tkun xi tkun is-sitwazzjoni tal-membri l-oħrajn tal-familja tagħhom;

22. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ kemm id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu kif ukoll id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità;

23. Huwa tal-fehma li għandha tittieħed azzjoni immedjata f'termini ta' għajnuna umanitarja kull meta tkun issuspettata vjolenza sessista, minħabba espożizzjoni għolja ħafna ta' gruppi vulnerabbli bħan-nisa u t-tfal għal forom ta' vjolenza fiżika u koerċizzjoni morali tul ir-rotot migratorji illegali, fejn it-tipi kollha ta' drittijiet huma miċħuda;

24. Jenfasizza li n-nisa u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament mill-kuntrabandisti; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija tagħhom, inkluż mal-Europol, il-Frontex, l-Eurojust u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-kuntrabandu u t-traffikar ta' migranti;

25. Jenfasizza l-importanza kruċjali li jingħataw indukrar tat-tfal u kura ta' persuni dipendenti matul l-iskrinjar u l-intervisti tal-asil, sabiex tiġi żgurata opportunità ġusta li ssir talba għal asil;

Il-ħtiġijiet tan-nisa fi proċeduri ta' asil

26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri debitament jinfurmaw lin-nisa li jkunu qed ifittxu asil dwar id-drittijiet tagħhom u b'mod partikolari dwar id-dritt li jitolbu intervistatur u interpretu ta' ġeneru femminili u li jkollhom intervista personali separatament minn kwalunkwe parti terza; iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu taħriġ komprensiv u obbligatorju għall-intervistaturi u l-interpreti dwar il-vjolenza sesswali, it-trawma u l-memorja; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li dawn id-drittijiet jiġu rispettati; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkunu konformi mal-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

27. Jinnota bi tħassib li ħafna assistenti soċjali ta' asil fl-UE mhumiex midħla tal-MĠF; jistieden lill-Istati Membri jaħdmu fuq livell nazzjonali mal-awtoritajiet tal-asil tagħhom biex jistabbilixxu proċeduri aħjar biex jappoġġjaw u jassistu n-nisa u l-bniet li jkunu sofrew jew li qegħdin f'riskju ta' MĠF;

28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni aġġornata u aċċessibbli dwar il-proċess tal-asil, drittijiet u intitolamenti speċifiċi għan-nisa li jfittxu asil;

29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess sħiħ għad-drittijiet u għas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż aċċess għal abort sikur u jallokaw riżorsi addizzjonali għall-għoti ta' kura tas-saħħa b'urġenza;

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu l-protezzjoni u l-assistenza tan-nisa matul il-permanenza tagħhom f'kampijiet tar-rifuġjati, fil-kontrolli fuq il-fruntieri u naturalment wara d-dħul tagħhom fl-UE;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u biex japplikaw l-Artikolu 59 tagħha, li jiddikjara b'mod ċar li l-partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jissospendu l-proċedimenti ta' espulsjoni u/jew jagħtu permess ta' residenza awtonomu fl-eventwalità ta' xoljiment taż-żwieġ lil dawk il-migranti nisa li l-istatus ta' residenza tagħhom jiddependi fuq il-konjuġi tagħhom;

32. Jitlob li n-nisa li jfittxu asil u li jkunu migranti jingħataw status legali indipendenti minn dak tar-raġel tagħhom, sabiex jiġi evitat l-isfruttament, titnaqqas il-vulnerabilità u tinkiseb ugwaljanza akbar;

33. Jenfasizza li n-nisa u l-bniet li jkunu migranti mingħajr dokumenti għandu jkollhom aċċess sħiħ għad-drittijiet fundamentali bażiċi tagħhom u li alternattivi legali ta' migrazzjoni għandhom jiġu żviluppati;

34. Jenfasizza l-ħtieġa għal proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familji li jagħtu drittijiet individwali għan-nisa u l-bniet li jkunu qed jingħaqdu mal-familji tagħhom fl-UE, biex b'hekk ma jkollhomx għalfejn jiddependu minn relazzjoni possibbilment abbużiva mal-membru tal-familja ta' ġeneru maskili għal aċċess għas-saħħa, l-edukazzjoni jew ix-xogħol;

35. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-vjolenza sesswali fuq in-nisa bħala arma tal-gwerra; iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-migranti nisa u bniet abbużati fil-kunflitti, billi jiġi żgurat aċċess għall-għajnuna medika u psikoloġika;

36. Jilqa' l-iżvilupp ta' modulu ġdid ta' taħriġ dwar il-Ġeneru, l-Identità tal-Ġeneru u l-Orjentazzjoni Sesswali mill-EASO; jitlob l-inkorporazzjoni sħiħa tal-integrazzjoni tal-ġeneri u l-ibbaġittjar tal-ġeneri fil-ħidma tal-EASO permezz ta' punti fokali dwar il-ġeneri u kollegament formali mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE); jitlob informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini li tinkludi s-sitwazzjoni tan-nisa, kemm legalment kif ukoll de facto, inkluża l-informazzjoni dwar il-persekuzzjoni tan-nisa, jew it-theddida tagħha, minn partijiet mhux statali;

37. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jagħmlu użu sħiħ mir-Regolament ta' Dublin biex jiżguraw li l-familji jkunu jistgħu ikunu flimkien u li t-talbiet tagħhom għal asil jiġu pproċessati mill-istess awtoritajiet;

Akkoljenza u detenzjoni

38. Jitlob għat-tmiem tad-detenzjoni kollha tat-tfal fl-UE, u jitlob li l-ġenituri jkunu jistgħu jgħixu ma' wliedhom f'faċilitajiet xierqa mfassla apposta waqt li jistennew id-deċiżjoni tagħhom rigward asil;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

39. Jissottolinja li d-detenzjoni ta' persuni li jfittxu asil għandha tiġi evitata, u tkun tista' tiġi applikata biss meta l-għan tagħha jkun leġittimu u jkun ġie determinat li hi kemm meħtieġa kif ukoll proporzjonata f'kull każ individwali, u qatt ma tista' tkun ġustifikata fil-każ ta' kwalunkwe persuna taħt l-età ta' 18-il sena; iqis li r-rispett tad-dritt li jintalab asil jimplika l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' akkoljenza miftuħa u umani għal dawk li jfittxu asil, inkluż trattament sikur, dinjituż u kompatibbli mad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati alternattivi għad-detenzjoni inklużi approċċi ffukati fuq l-involviment li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli;

40. Jenfasizza li ħafna nisa li qed ifittxu asil u rifuġjati esperjenzaw vjolenza estrema u li d-detenzjoni tista' tkompli tiggrava t-trawma tagħhom; jenfasizza li d-detenzjoni ta' dawk li jfittxu asil għas-sempliċi konvenjenza amministrattiva tikser id-dritt għal-libertà kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; jitlob tmiem immedjat, fl-Istati Membri kollha, tad-detenzjoni tat-tfal, tan-nisa tqal u li qed ireddgħu u ta' vittmi ta' stupru, vjolenza sesswali u traffikar, u li jsir disponibbli appoġġ psikoloġiku xieraq;

41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jnaqqsu l-limiti massimi tad-dewmien ta' detenzjoni qabel ir-ritorn sa taħt il-limitu stipulat fid-Direttiva dwar ir-Ritorn; jikkunsidra li d-detenzjoni fit-tul tagħmel ħsara lill-gruppi vulnerabbli b'mod sproporzjonat;

42. Iħeġġeġ biex in-nisa li jkunu qed ifittxu asil u jkunu f'detenzjoni li jkunu ġew soġġetti għal abbuż sesswali jingħataw pariri mediċi u konsulenza, inkluż f'każijiet li jirriżultaw fi tqala, u jingħataw il-kura tas-saħħa u mentali, l-appoġġ u l-għajnuna legali meħtieġa; Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri immedjati biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, transitu u detenzjoni jkunu sikuri, umani u adegwati, b'faċilitajiet ta' akkomodazzjoni u faċilitajiet sanitarji separati għan-nisa u l-familji; jirrimarka li l-forniment ta' kits bażiċi xierqa għall-iġjene għan-nisa u t-tfajliet kollha għandu jkun prattika standard fil-programmi ta' assistenza;

43. Jirrimarka li l-involviment tan-nisa rifuġjati direttament jew indirettament fil-ġestjoni tad-distribuzzjoni ta' oġġetti tal-ikel u mhux jiżgura li l-prodotti inkwistjoni jiġu distribwiti u kkontrollati direttament min-nisa adulti membri ta' unitajiet domestiċi, u b'hekk ikun garantit li dawn jitqassmu b'mod ġust;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħammru ċ-ċentri ta' akkoljenza għar-rifuġjati u l-persuni li jfittxu asil b'żoni adatti għall-appoġġ u l-indukrar tat-tfal tagħhom;

45. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw jew isaħħu mekkaniżmi għall-monitoraġġ taċ-ċentri ta' akkoljenza ffullati fl-UE, fejn l-istandards minimi biex tittaffa l-vjolenza sessista mhux neċessarjament japplikaw, sabiex jiġi evitat li l-fastidju tan-nisa u t-tfal jitkompla wkoll fil-pajjiż tal-wasla;

46. Jenfasizza li l-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli bħal nisa vittmi tal-vjolenza u bniet, b'mod partikolari bniet mhux akkumpanjati, għandhom jingħataw prijorità fil-proċeduri ta' akkoljenza;

47. Jenfasizza l-importanza li l-faċilitajiet ta' akkoljenza jiġu mgħammra b'assistenza legali adegwata għan-nisa sabiex jingħataw appoġġ siewi f'termini ta' informazzjoni u t-tiftix għal membri tal-familja;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tal-impożizzjoni ta' żwiġijiet furzati fuq in-nisa u l-bniet ladarba jkunu kisbu l-istatus ta' rifuġjati, minn irġiel li jkunu qed jittamaw li jiggarantixxu aċċess sikur għalihom infushom u li mingħajr iż-żwieġ ma jkunux intitolati għal tali aċċess;

49. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal investigazzjonijiet indipendenti dwar l-allegazzjonijiet kollha, inkluż l-abbuż sesswali u l-vjolenza sessista f'postijiet ta' detenzjoni tal-immigranti jew fuq il-fruntieri, u biex jingħata aċċess lill-ġurnalisti u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili xierqa;

50. Iqis li, meta n-nisa li jfittxu asil jinżammu detenuti, ikunu jinħtieġu faċilitajiet u materjali biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' iġjene speċifiċi tan-nisa, l-użu ta' gwardji u gwardjani nisa għandu jiġi promoss u l-persunal kollu assenjat biex jaħdem mad-detenuti nisa għandu jirċievi taħriġ dwar il-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-bniedem speċifiċi għall-ġeneru tan-nisa;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

51. Huwa tal-fehma li n-nisa li jkunu qed ifittxu asil u jkunu f'detenzjoni għandhom jingħataw protezzjoni, appoġġ u konsulenza immedjati, u t-talbiet tagħhom iridu jiġu investigati minn awtoritajiet kompetenti u indipendenti, b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità, inkluż fejn in-nisa jkunu qed jinżammu flimkien ma' żwieġhom/seħibhom/qraba oħra tagħhom; iqis li l-miżuri ta' protezzjoni għandhom iqisu speċifikament ir-riskji ta' ritaljazzjoni;

52. Jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali biex jaħdmu flimkien mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem sabiex itaffu l-kundizzjoni ħażina tar-rifuġjati li jgħixu f'kundizzjonijiet improvizzati, b'mod partikolari fir-rigward ta' nisa u bniet vulnerabbli;

Inklużjoni soċjali u integrazzjoni

53. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri speċifiċi biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa rifuġjati u li qed ifittxu asil, inklużi l-korsijiet tal-lingwa, it-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jiżguraw id-dritt tal-aċċess għall-edukazzjoni lir-rifuġjati bniet; jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni informali u mhux formali u ta' skambju kulturali fl-inklużjoni u l-emanċipazzjoni tat-tfajliet u l-bniet; jenfasizza l-importanza tat-twessigħ tal-aċċess għall-edukazzjoni għolja għar-rifuġjati nisa; jitlob proċeduri robusti u trasparenti fil-proċeduri għar-rikonoxximent ta' kwalifiki miksuba minn barra;

54. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli finanzjament u riżorsi oħra għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem li jagħtu l-assistenza, jippromwovu l-inklużjoni, u jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tar-rifuġjati u ta' dawk li jfittxu asil fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-indirizzar tal-ostakli u l-vulnerabilitajiet li jġarrbu n-nisa u l-bniet;

55. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu lill-mexxejja nisa li ġew persegwitati fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u li issa huma rifuġjati, garanziji li jistgħu jwettqu l-attivitajiet politiċi u soċjali tagħhom favur id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod sikur fl-UE;

56. Jenfasizza l-importanza kritika tal-aċċessibilità, tal-indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja u ta' kura għal dipendenti oħra biex jippermettu l-emanċipazzjoni ekonomika u soċjali tar-rifuġjati nisa;

57. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kif ukoll mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni biex jippromwovu l-integrazzjoni tar-rifuġjati fis-suq tax-xogħol, b'enfasi partikolari fuq l-indukrar tat-tfal;

58. Jitlob proċeduri aktar rapidi u effiċjenti għar-riunifikazzjoni tal-familja u l-ġbir ta' data disaggregata skont il-ġeneru dwar deċiżjonijiet relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja; jenfasizza l-importanza tal-aċċess għall-għajnuna legali f'każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

59. Jemmen li r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet pożittivi ta' asil jippermetti opportunitajiet aħjar għal impjiegi, integrazzjoni u riunifikazzjoni tal-familja;

60. Jenfasizza li l-pajjiżi ospitanti għandhom jiggarantixxu d-dritt għal edukazzjoni pubblika ta' kwalità mingħajr ħlas, għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, speċjalment is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, għal impjieg li jaqbel mal-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tar-rifuġjati nisa, u għal akkomodazzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet tar-rifuġjati nisa u bniet; jenfasizza li l-politiki soċjali huma essenzjali għall-integrazzjoni;

61. Jitlob programmi komprensivi u li jkollhom riżorsi adegwati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-saħħa mhux sodisfati fuq perjodu qasir u twil ta' rifuġjati nisa, inkluża konsulenza psikosoċjali u għat-trawma;

62. Jenfasizza r-rwol pożittiv importanti li intrapriżi soċjali u mudelli kummerċjali alternattivi, bħal soċjetajiet mutwi u kooperattivi, jista' jkollhom sabiex ir-rifuġjati nisa jiġu emanċipati ekonomikament u integrati fis-swieq tax-xogħol, kif ukoll fl-oqsma soċjali u kulturali;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

63. Jinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri dwar l-involviment ta' organizzazzjonijiet lokali bbażati fil-komunità u l-parteċipazzjoni diretta tar-rifuġjati fir-rappreżentazzjoni tal-opinjonijiet tan-nisa rifuġjati u li qed ifittxu asil ma' min ifassal il-politika;

64. Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol vitali fl-inklużjoni tan-nisa rifuġjati u li qed ifittxu asil, speċjalment rigward l-inklużjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ lil dawk l-awtoritajiet sabiex irawwmu d-djalogu u d-dibattitu bejn nisa rifuġjati u nisa lokali;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-UNHCR.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0082

Il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI) (2016/2555(RSP))

(2018/C 050/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Kontra l-Kuntrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International (PMI) u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li jħassar id-Direttiva 2001/37/KE ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (id-"WHO FCTC") u l-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, adottat matul il-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għad-WHO FCTC bid-Deċiżjoni FCTC/COP5(1) tat-12 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2015 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk, meta jkunu kkonċernati d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll li jaqgħu taħt it-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2015)0193),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2016 intitolat "Technical assessment of the experience made with the Anti-Contraband and Anti-Counterfeit Agreement and General Release of 9 July 2004 among Philip Morris International and affiliates, the Union and its Member States" ("Valutazzjoni teknika dwar l-esperjenza tal-Ftehim Kontra l-Kuntrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha") (SWD(2016)0044),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar l-implikazzjonijiet tal-ftehim bejn il-Komunità, Stati Membri u l-kumpanija Philip Morris dwar l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu tas-sigaretti u dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar is-Sistema tat-Tranżitu Komunitarju ([2]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI) (O-000010/2016 — B8–0109/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, u billi l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk, b'mod partikolari l-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni ta' sigaretti lill-baġits nazzjonali u tal-UE jiġi jqumilhom aktar minn EUR 10 biljun, bħala stima konservattiva, fi dħul pubbliku mitluf kull sena;

B. billi l-kummerċ illeċitu huwa delitt serju li jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' attivitajiet oħra tal-kriminalità organizzata internazzjonali, fosthom it-traffikar ta' bnedmin, drogi u armi, u, f'xi każijiet, għall-finanzjament ta' gruppi terroristiċi;

C. billi l-għan ewlieni tal-Ftehim PMI hu li jnaqqas il-prevalenza tal-kuntrabandu ta' prodotti PMI fis-suq illeċitu tat-tabakk tal-UE;

([1]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.
([2]) ĠU C 227 E, 4.9.2008, p. 147.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

D. billi l-Ftehim PMI se jiskadi fid-9 ta' Lulju 2016;

E. billi l-valutazzjoni teknika tal-Kummissjoni dwar il-Ftehim PMI jikkonkludi li dan l-objettiv ewlieni ntlaħaq b'mod effikaċi, imma jikkontesta l-kawżalità ta' dan ir-riżultat u jirrimarka li t-tnaqqis tal-kuntrabandu ta' prodotti PMI ma wassalx għal tnaqqis kumplessiv tal-prodotti illeċiti fis-suq tal-UE;

F. billi l-Ftehim PMI pprovda benefiċċji finanzjarji lill-introjtu pubbliku li jammontaw għal madwar USD 1 biljun f'pagamenti annwali u EUR 68,2 miljun f'pagamenti ta' sekwestri, maqsuma bejn il-Kummissjoni (madwar 10 %) u l-Istati Membri (madwar 90 %); billi ma hemm l-ebda data dwar kif l-Istati Membri nefqu l-introjtu li rċevew taħt il-Ftehim,

G. billi seħħew bidliet sinifikanti sew fil-qafas ġuridiku u sew fl-ambjent tas-suq tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk minn meta kien ġie ffirmat il-Ftehim, b'mod partikolari rigward iż-żieda fil-preżenza ta' sigaretti bla marka, spiss magħrufa bħala "cheap whites", u l-iżvilupp tas-settur il-ġdid tal-bejgħ tan-nikotina likwida għas-sigaretti elettroniċi;

H. billi l-Każijiet C-358/14 *il-Polonja* v *il-Parlament u l-Kunsill*, C-477/14 *Pillbox 38 (UK) Limited*, u C-547/14 *Philip Morris Brands SARL u Oħrajn*, li jikkontestaw id-Direttiva 2014/40/UE, bħalissa jinsabu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u għandhom jiġu rtirati mill-manifatturi tat-tabakk konċernati mal-ewwel opportunità;

I. billi l-Kummissjoni impenjat ruħha favur ir-ratifika tal-Protokoll tad-WHO FCTC biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, li huwa pass importanti lejn it-tisħiħ tal-qafas ġuridiku għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk; billi l-Kummissjoni impenjat ruħha li tistieden lil pajjiżi terzi jirratifikaw il-Protokoll;

J. billi l-kuntrabandu tat-tabakk jimmina l-politiki tas-saħħa pubblika tal-UE u jfisser li l-prodotti illeċiti tat-tabakk huma disponibbli – anke għaż-żgħażagħ – bi skont illegali sostanzjali f'ħafna postijiet; billi s-sigaretti ffalsifikati mhux biss jiġu manifatturati u importati illegalment, iżda fihom ingredjenti mhux magħrufa, u b'hekk jikkostitwixxu riskju serju għas-saħħa;

1. Jilqa' l-Protokoll tad-WHO FCTC biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, u jappella biex il-proċess ta' ratifikazzjoni jiġi kkompletat mill-aktar fis;

2. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tirratifika l-Protokoll, u l-impenn tagħha li tistieden lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi jirratifikawh; jieħu nota li 15-il pajjiż irratifikaw il-Protokoll sal-lum, fosthom ħames Stati Membri tal-UE, u li l-UE bħalissa qed tħejji biex tirratifikah;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem biex il-Protokoll jiġi rratifikat bla dewmien; jemmen, madankollu, li t-tiġdid tal-Ftehim ikollu l-effett li jibgħat messaġġ ħażin u kontraproduċenti lejn pajjiżi terzi li l-UE tinvolvi ruħha f'interazzjonijiet mhux xierqa mal-industrija tat-tabakk, minkejja li l-Protokoll jipprojbixxi dawn l-interazzjonijiet b'mod ċar;

4. Jesprimi t-twemmin tiegħu li l-Ftehim PMI jista' ma jkunx kompatibbli mal-obbligi tal-UE skont l-Artikolu 5(5.3) tad-WHO FCTC, b'mod li jista' jikkawża dannu għar-reputazzjoni tal-UE bħala mexxejja globali f'dak li jirrigwarda l-kontroll tat-tabakk;

5. Jirrimarka li l-Linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5.3 tad-WHO FCTC jistqarru li "hemm kunflitt fundamentali u irrikonċiljabbli bejn l-interessi tal-industrija tat-tabakk u dawk tal-politika tas-saħħa pubblika";

6. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk); jenfasizza li d-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk diġà tipprevedi rekwiżit ġuridiku li l-kumpaniji tat-tabakk jintroduċu u jżommu sistema ta' traċċar u rintraċċar li trid tkun operattiva għas-sigaretti u għall-prodotti tat-tabakk tal-brim mill-20 ta' Mejju 2019, u għal prodotti oħra tat-tabakk mill-20 ta' Mejju 2024;

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

7. Jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tieħu passi immedjati biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk fl-Istati Membri kollha; jieħu nota li diversi Stati Membri indikaw lill-Kummissjoni b'mod informali li l-proċess ta' traspożizzjoni tad-Direttiva ġie kkompletat; jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni sħiħa dwar l-istat attwali tat-traspożizzjoni wara l-iskadenza tal-20 ta' Mejju 2016;

8. Ifakkar li, f'Mejju 2015, il-Kummissjoni wiegħdet li tagħti l-valutazzjoni tagħha tal-ftehim ma' PMI mill-aktar fis possibbli; jenfasizza li l-Kummissjoni pposponiet il-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni diversi drabi u li din fl-aħħar ġiet ippubblikata fl-24 ta' Frar 2016, ġurnata qabel ma l-Parlament kellu jagħmel dibattitu dwar il-kwistjoni fil-plenarja; jemmen sod li pubblikazzjoni hekk tard tikkostitwixxi nuqqas serju min-naħa tal-Kummissjoni milli taqdi l-obbligi tagħha ta' trasparenza, fil-konfront kemm tal-Parlament kif ukoll taċ-ċittadini, u b'hekk jimmina l-kapaċità tal-Parlament li jesprimi fehmtu f'waqtha dwar din il-kwistjoni kumplessa u delikata;

9. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-Ftehim PMI laħaq b'mod effikaċi l-objettiv tiegħu li jnaqqas il-prevalenza tal-kuntrabandu PMI fis-suq tat-tabakk illeċitu tal-UE, kif muri mill-fatt li l-volum ta' sigaretti PMI ġenwini sekwestrati mill-Istati Membri naqas b'madwar 85 % bejn l-2006 u l-2014; jieħu nota, madankollu, li l-Kummissjoni tikkontesta l-kawżalità ta' dan ir-riżultat, u tenfasizza wkoll il-fatt li t-tnaqqis tal-kuntrabandu ta' prodotti PMI ma wassalx għal tnaqqis kumplessiv ta' prodotti illeċiti fis-suq tal-UE; jieħu nota li l-kuntrabandu li kien jikkonsisti fi prodotti mill-manifatturi l-kbar ġie progressivament sostitwit minn prodotti oħra, fosthom sigaretti bla marka ("cheap whites") tipikament manifatturati f'pajjiżi terzi;

10. Huwa mħasseb ħafna li l-baġit tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa parzjalment iffinanzjat minn pagamenti annwali tal-industrija tat-tabakk, kif imsemmi fil-ftehimiet tat-tabakk, minħabba li dan jista' jwassal għal ċertu kunflitt ta' interessi;

11. Jenfasizza li, meta ġie konkluż fl-2004, il-Ftehim PMI kien strument innovattiv fl-indirizzar tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk, iżda jenfasizza li s-suq u l-ambjent regolatorju ġarrbu bidliet sostanzjali minn dak iż-żmien 'l hawn; jenfasizza li l-Ftehim ma jindirizzax karatteristiċi importanti tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk tal-lum, b'mod partikolari l-proporzjon għolja tal-kummerċ li issa hija magħmula minn "cheap whites"; huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-elementi kollha koperti b'dan il-Ftehim PMI se jkunu koperti b'qafas ġuridiku ġdid magħmul mid-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk u l-Protokoll tad-WHO FCTC;

12. Jikkonkludi, għalhekk, li l-Ftehim PMI m'għandux jiġu mġedded, estiż jew innegozjat mill-ġdid; jitlob li l-Kummissjoni ma ġġeddux, ma testendihx u ma tinnegozjahx mill-ġdid lil hinn mid-data ta' skadenza attwali tiegħu;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fil-livell tal-UE u sad-data tal-iskadenza tal-Ftehim PMI, timplimenta l-miżuri kollha meħtieġa biex tittraċċa u tirrintraċċa l-prodotti tat-tabakk PMI, u tistitwixxi proċedimenti ġuridiċi għal kwalunkwe qbid illegali ta' prodotti ta' dan il-manifattur sakemm id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk isiru infurzabbli bis-sħiħ, b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda lakuna regolatorja bejn l-iskadenza tal-Ftehim PMI u d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk u l-FCTC;

14. Jitlob li PMI tkompli tapplika d-dispożizzjonijiet dwar it-traċċar u r-rintraċċar u dwar id-diligenza dovuta ("kun af il-klijent tiegħek") li hemm fil-Ftehim tal-lum, indipendentement minn jekk dan jiġix estiż jew le;

15. Jesprimi tħassib li l-erba' ftehimiet ma' manifatturi tat-tabakk ma jittrattawx il-kwistjoni taċ-"cheap whites"; jitlob li l-Kummissjoni, għaldaqstant, tressaq pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi miżuri ġodda intiżi biex jindirizzaw din il-problema b'urġenza;

16. Jitlob li l-Kummissjoni tressaq regolament ġdid u addizzjonali li jistabbilixxi sistema indipendenti ta' traċċar u rintraċċar u li tapplika dispożizzjonijiet ta' diligenza dovuta ("kun af il-klijent tiegħek") għat-tabakk mhux ipproċessat, għall-filtri u għall-karti użati mill-industrija tat-tabakk, bħala strument addizzjonali fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu u l-prodotti ffalsifikati;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0083

Il-libertà tal-espressjoni fil-Każakistan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar il-libertà tal-espressjoni fil-Każakistan (2016/2607(RSP))

(2018/C 050/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Każakistan, inklużi dawk tat-18 ta' April 2013 ([1]), tal-15 ta' Marzu 2012 ([2]), tat-22 ta' Novembru 2012 li jinkludu fihom ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati għal Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan ([3]), tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali ([4]), u tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-każ ta' Yevgeny Zhovtis fil-Każakistan ([5]),

— wara li kkunsidra l-kummenti tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Federica Mogherini, wara li ġie ffirmat il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan fil-21 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra s-seba' ċiklu tad-Djalogu annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Każakistan f'Astana fis-26 ta' Novembru 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2015 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali,

— wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tat-13 ta' Jannar 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali adottata fl-2007,

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, Maina Kiai, ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2015, wara l-missjoni tiegħu fil-Każakistan,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni ffirmat fil-21 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tal-Kostituzzjoni tal-Każakistan,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fil-21 ta' Diċembru 2015, l-Unjoni Ewropea u l-Każakistan iffirmaw Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni mmirat biex jipprovdi qafas wiesa' għal djalogu politiku msaħħaħ u kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni u f'bosta oqsma oħra; billi dan il-ftehim jagħmel enfasi qawwija fuq id-demokrazija u l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-iżvilupp sostenibbli, u fuq il-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili;

([1]) ĠU C 45, 5.2.2016, p. 85.
([2]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 93.
([3]) ĠU C 419, 16.12.2015, p. 159.
([4]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 91.
([5]) ĠU C 224 E, 19.8.2010, p. 30.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

B. billi l-Każakistan huwa attur internazzjonali importanti u għandu rwol sinifikanti fl-iżvilupp politiku u soċjoekonomiku, u fis-sitwazzjoni tas-sigurtà tar-reġjun kollu kemm hu; billi l-Każakistan kellu rwol pożittiv fl-Asja Ċentrali u ħadem biex jiżviluppa relazzjonijiet ta' ġirien tajba mal-pajjiżi li jinsabu mal-fruntiera tiegħu, ikompli l-kooperazzjoni reġjonali u jsolvi l-kwistjonijiet bilaterali kollha b'mod paċifiku; billi l-UE għandha interess kruċjali li tintensifika l-kooperazzjoni politika, ekonomika u tas-sigurtà mar-reġjun tal-Asja Ċentrali permezz ta' relazzjoni b'saħħitha, miftuħa u strateġika bejn l-UE u l-Każakistan;

C. billi l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni jeħtieġ jiġi ratifikat mill-parlamenti tat-28 Stat Membru tal-UE kollha u mill-Parlament Ewropew; billi dan il-Ftehim mhux biss se jsaħħaħ id-djalogu politiku bejn l-UE u l-Każakistan u jservi bħala mezz biex jiġu promossi l-kummerċ u l-investiment reċiproċi, iżda wkoll jagħmel enfasi kbira fuq l-obbligi internazzjonali; billi jista' jiġi rikonoxxut li tul in-negozjati tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni sar xi titjib rigward il-parteċipazzjoni min-naħa tas-soċjetà ċivili permezz ta' miżuri li ttieħdu biex is-soċjetà ċivili tiġi involuta fit-tfassil tal-politiki pubbliċi;

D. billi s-sitwazzjoni ġenerali f'dak li jikkonċerna l-libertà tal-espressjoni f'dan l-aħħar snin marret lura; billi, f'Diċembru 2015, l-awtoritajiet Każakistani ddetenew lil Guzal Baidalinova, ġurnalista u sidt Nakanune.kz, website tal-aħbarijiet online, b'rabta ma' każ kriminali, bl-akkuża li "ppubblikat informazzjoni falza b'mod deliberat"; billi, wara l-arrest ta' Guzal Baidalinova, ġie espress tħassib dwar l-intimidazzjoni tal-mezzi tax-xandir indipendenti fil-Każakistan; billi, fid-29 ta' Frar 2016, qorti lliberat lill-ġurnalista Yulia Kozlova, li tikteb għal Nakanune.kz;

E. billi bħalissa għaddejja investigazzjoni kriminali kontra Seytkazy Matayev, il-kap tal-Għaqda tal-Istampa Nazzjonali u l-unjoni tal-ġurnalisti, li huwa akkużat bl-approprjazzjoni indebita ta' miljuni ta' tenge Każakistani f'fondi pubbliċi; billi, fit-22 ta' Frar 2016, Seytkazy Matayev, li jiċħad l-akkużi, u ibnu Aset Matayev, li huwa d-direttur tal-aġenzija tal-aħbarijiet indipendenti KazTag, ġew detenuti; billi Aset Matayev inħeles wara li ġie interrogat;

F. billi, fit-22 ta' Jannar 2016, qorti ddikjarat ħatja lil Ermek Narymbaev u Serikzhan Mambetalin – bloggers li kienu ġew arrestati f'Ottubru 2015 bl-akkuża li "inċitaw kunflitt nazzjonali" – u kkundannathom għal tliet snin u sentejn ħabs rispettivament; billi l-blogger Bolatbek Blyalov inżamm taħt detenzjoni domiċiljari limitata;

G. billi l-awtoritajiet Każakistani għalqu xi mezzi tax-xandir indipendenti u tal-oppożizzjoni, inkluż *Assandi Times*, *Pravdivaya* u l-ġurnali *ADAM bol* u *ADAM*; billi, lejn l-aħħar tal-2012, l-awtoritajiet Każakistani ħarrku lil xi mezzi tax-xandir indipendenti u tal-oppożizzjoni, b'mod partikolari l-gazzetti *Golos Respubliki* u *Vzglyad*, kif ukoll il-gazzetti u l-websites affiljati tagħhom, u l-portali televiżivi online K+ u Stan.TV;

H. billi, f'Ottubru 2014, qorti f'Almaty imponiet multa ta' KZT 34 miljun fuq Havas Worldwide Kazakhstan;

I. billi l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) huwa għodda finanzjarja importanti intiża biex tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-demokratizzazzjoni kemm fil-pajjiż kif ukoll fir-reġjun;

J. billi skont l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali, Transesswali u Intersesswali (ILGA), il-persuni LGBTI fil-Każakistan iħabbtu wiċċhom ma' sfidi legali u diskriminazzjoni li residenti mhux LGBTI ma jesperjenzawx; billi l-attività sesswali bejn persuni tal-istess sess – kemm nisa kif ukoll irġiel, hija legali fil-Każakistan, iżda koppji tal-istess sess u unitajiet domestiċi mmexxija minn koppji tal-istess sess mhumiex eliġibbli għall-istess protezzjonijiet legali disponibbli għal koppji miżżewġa tas-sess oppost;

K. billi, fl-20 ta' Marzu 2016, fil-Każakistan se jsiru elezzjonijiet parlamentari bikrija li għandhom jiġu preċeduti minn garanziji f'dak li jikkonċerna l-libertà tal-espressjoni fis-soċjetà u r-reġistrazzjoni faċili u trasparenti tal-partiti politiċi li huma meqjusa ħielsa u ġusti; billi, skont ir-Rapport Finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) ippubblikat fit-3 ta' April 2012, l-elezzjonijiet tal-2012 kienu mtebbgħin minn "irregolaritajiet sinifikanti" ([1]);

([1]) http://www.osce.org/odihr/elections/89401?download=true

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

L. billi Kodiċi Kriminali ġdid, Kodiċi ta' Reati Amministrattivi ġdid u Kodiċi ta' Proċedura Kriminali ġdid daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015;

M. billi l-Każakistan hu klassifikat fil-160 post minn 180 pajjiż fl-Indiċi tal-Libertà tal-Istampa tal-Reporters Mingħajr Fruntieri 2015;

N. billi l-UE ħadmet b'mod konsistenti mal-Każakistan fil-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, ħidma li issa rriżultat fil-konklużjoni tan-negozjati biex il-pajjiż jissieħeb fil-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; billi huwa importanti li l-Każakistan isegwi l-istat tad-dritt, jonora l-obbligi internazzjonali tiegħu u jiggarantixxi ċ-ċertezza legali għall-kumpaniji internazzjonali li joperaw fil-pajjiż, flimkien mal-protezzjoni tal-investimenti tagħhom;

O. billi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-Każakistan tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċita tal-gvern reġjonali u lokali, l-appoġġ tar-riforma tas-settur tal-ġustizzja u t-titjib fil-kapaċità tas-settur pubbliku li jintroduċi riformi soċjali u ekonomiċi;

1. Jisħaq fuq l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Każakistan u tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ekonomika u politika fl-oqsma kollha; jenfasizza l-interess kbir tal-UE f'relazzjoni sostenibbli mal-Każakistan f'dak li jikkonċerna l-kooperazzjoni politika u ekonomika;

2. Jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-mezzi tax-xandir u l-libertà tal-kelma fil-Każakistan; jinsab imħasseb ferm dwar il-pressjoni fuq il-mezzi tax-xandir indipendenti u l-implikazzjonijiet negattivi li jista' jkollu l-abbozz ta' leġiżlazzjoni ġdid dwar il-finanzjament tal-organizazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; josserva li l-libertà tal-kelma għall-mezzi tax-xandir indipendenti, il-bloggers u ċ-ċittadini individwali hija valur universali li ma jistax jiġi nnegozjat;

3. Jiddispjaċih li l-mezzi tax-xandir, il-midja soċjali u websites oħra ġew ibblokkati għar-raġuni li jippreżentaw kontenut illegali, u jistieden lill-awtoritajiet Każakistani jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda biex tillimita l-aċċess għall-internet tkun appoġġata mil-liġi; jinsab imħasseb dwar l-emendi għal-Liġi dwar il-Komunikazzjoni adottati fl-2014;

4. Jinsab imħasseb ħafna dwar id-diżrispett u l-ksur tad-drittijiet tal-priġunieri fis-sistema tal-ħabsijiet tal-Każakistan; jinsab imħasseb dwar il-benesseri fiżiku u mentali tal-priġunieri Vladimir Kozlov, Vadim Kuramshin (li rebaħ il-Premju Internazzjonali Ludovic Trarieux tad-Drittijiet tal-Bniedem 2013) u Aron Atabek, li ġew ikkundannati għal raġunijiet politiċi, u jitlob li dawn jingħataw aċċess immedjat għat-trattament mediku meħtieġ kif ukoll awtorizzazzjoni li jkollhom żjarat regolari, fosthom minn membri tal-familja, rappreżentanti legali u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-priġunieri;

5. Jirrikonoxxi "l-programm ta' 100 pass" bħala tentattiv biex jiġu indirizzati riformi urġenti fil-Każakistan; jistieden lill-Każakistan jimplimenta l-Mekkaniżmu Nazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tortura u jagħti bidu għal dibattitu dwar il-Kodiċi Penali u l-Kodiċi Kriminali;

6. Jisħaq li rabtiet politiċi u ekonomiċi aktar profondi mal-UE, kif previsti mill-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni ffirmat dan l-aħħar, iridu jkunu bbażati fuq valuri kondiviżi u jikkorrispondu ma' impenn attiv u konkret min-naħa tal-Każakistan li jwettaq riformi politiċi u demokratiċi li jidderivaw mill-obbligi u l-impenji internazzjonali tiegħu;

7. Jilqa' l-helsien, mill-aħħar Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li sar 'il hawn, lil għadd ta' attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem u l-ħaddiem li kienu qed jinżammu l-ħabs;

8. Jenfasizza li l-ġlieda leġittima kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu m'għandhiex tintuża bħala skuża sabiex tiġi pprojbita l-attività tal-oppożizzjoni, biex timpedixxi l-libertà tal-espressjoni jew ixxekkel l-indipendenza tal-ġudikatura;

9. Jitlob li jsir rieżami tal-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li jistgħu jintużaw biex jikkriminalizzaw imġiba legali protetta mil-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Artikolu 174 dwar "l-inċitament ta' kunflitt soċjali, nazzjonali, bejn klann u ieħor, bejn ir-razez, il-klassijiet u r-reliġjonijiet";

10. Jitlob lill-awtoritajiet Każakistani jannullaw il-kundanni tal-bloggers, inklużi Ermek Narymbaev, Serikzhan Mambetalin u Bolatbek Blyalov; jappella għall-ħelsien ta' Guzal Baidalinova; jappella biex tieqaf l-intimidazzjoni ta' Seytkazy u Aset Matayev; josserva, b'rabta ma' dan, li l-każijiet li jinvolvu l-ġurnalisti għandhom ikunu pubbliċi u li m'għandux ikun hemm intimidazzjonijiet waqt il-proċedimenti;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

11. Jappella għall-ħelsien tal-mexxej tal-oppożizzjoni Vladimir Kozlov, li attwalment qed jinżamm taħt kundizzjonijiet ta' detenzjoni stretti, fl-istennija ta' rieżami indipendenti u imparzjali tal-każ tiegħu;

12. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu fir-rigward tal-Liġi dwar l-NGOs, li timmina l-eżistenza u l-indipendenza tal-NGOs; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Każakistani jiggarantixxu, f'kull ċirkostanza, li l-attivisti u l-NGOs li jaħdmu favur id-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet leġittimi tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem minghajr il-biża' ta' rappreżalji, u ħielsa minn kwalunkwe restrizzjoni;

13. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Każakistan li jimpenja ruħu attivament bħala medjatur/faċilitatur fi kwistjonijiet ta' sigurtà internazzjonali li jikkonċernaw ir-reġjun kollu kemm hu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Każakistani jonoraw l-impenji internazzjonali li ffirmaw, inklużi dawk relatati mal-istat tad-dritt u mal-indipendenza tal-ġudikatura;

14. Jilqa' d-Djalogi regolari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn il-Każakistan u l-UE; jissottolinja l-importanza tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-awtoritajiet Każakistani; jitlob li d-djalogi jissaħħu sabiex iwasslu għat-twaqqif ta' forum fejn il-kwistjonijiet ikunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod miftuħ; jisħaq li dawn id-djalogi għandhom ikunu effikaċi u orjentati lejn ir-riżultati;

15. Jistieden lill-UE, u b'mod partikolari lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, biex iwettqu monitoraġġ mill-qrib tal-iżviluppi fil-Każakistan, jindirizzaw it-tħassib mal-awtoritajiet tal-Każakistan fejn meħtieġ, joffru assistenza, u jirrapportaw regolarment lill-Parlament; jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE f'Astana tkompli tiżvolġi rwol attiv fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni u tqajjem il-kwistjoni tal-libertà tal-espressjoni fil-laqgħat bilaterali kollha rilevanti mal-Każakistan;

16. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Każakistani jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem qabel l-elezzjonijiet parlamentari li jmiss, u biex jieħdu passi konkreti ħalli jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni; ifakkar lill-Każakistan fl-ambizzjoni tiegħu li jkun kandidat għal siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2017-2018;

17. Jistieden lill-awtoritajiet Każakistani jimpenjaw ruħhom biex jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli li ġew adottati dan l-aħħar fil-livell internazzjonali;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-gvern u lill-parlament tal-Każakistan.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0084

L-Eġittu, b'mod partikolari l-każ ta' Giulio Regeni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-Eġittu, b'mod partikolari l-każ ta' Giulio Regeni (2016/2608(RSP))

(2018/C 050/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu, b'mod partikolari dawk tal-17 ta' Diċembru 2015 ([1]) u tal-15 ta' Jannar 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB) tal-Unjoni Ewropea dwar l-Eġittu tal-21 ta' Awwissu 2013 u tal-10 ta' Frar 2014,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, dwar it-Tortura, dwar il-Libertà ta' Espressjoni u dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra t-tweġiba tas-27 ta' Ottubru 2015 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) għall-Mistoqsija bil-Miktub E-010476/2015 dwar appoġġ militari mill-UE u l-Istati Membri lill-Eġittu,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Eġittu, u b'mod partikolari l-Artikoli 52 (dwar it-tortura) u 93 (dwar in-natura vinkolanti tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura, li l-Eġittu hija stat parti tagħhom,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Eġizzjana għad-Drittijiet u l-Libertajiet, li rrapportat l-għajbien ta' 1 700 persuna mwettqa mill-forzi tas-sigurtà tal-istat fl-2015,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont l-informazzjoni disponibbli, Giulio Regeni, student Taljan ta' 28 sena li kien qiegħed jistudja għal dottorat fl-Università ta' Cambridge, għeb fil-25 ta' Jannar 2016 wara li ħareġ minn daru fil-Kajr; billi l-katavru tiegħu nstab fit-3 ta' Frar 2016 maġenb triq fil-periferija tal-Kajr;

B. billi l-awtoritajiet Eġizzjani ordnaw awtopsja qabel ir-ripatrijazzjoni tal-katavru tiegħu fl-Italja, fejn l-investigaturi Taljani għamlu awtopsja min-naħa tagħhom; billi r-riżultati għad iridu jsiru pubbliċi; billi l-awtoritajiet Eġizzjani affermaw li ma għandhom xejn x'jaħbu rigward dan il-qtil, li huma ugwalment interessati li tiġi stabbilita l-verità u li huma lesti li jikkooperaw bis-sħiħ mal-kontropartijiet Taljani tagħhom fl-investigazzjoni li għaddejja;

C. billi, skont ir-rapporti tal-midja u l-Ambaxxatur Taljan fil-Kajr, instab li l-katavru tas-Sur Regeni kien ġarrab swat gravi u bosta forom ta' tortura; billi l-Ministru għall-Intern Taljan qal li l-katavru wera sinjali ta' "xi ħaġa inumana, annimaleska, vjolenza inaċċettabbli";

D. billi s-Sur Regeni kien qed jagħmel riċerka fil-Kajr dwar l-iżvilupp ta' trade unions indipendenti fl-Eġittu ta' wara Mubarak u ta' wara Morsi, u kien f'kuntatt ma' avversarji tal-gvern;

E. billi l-każ ta' Giulio Regeni jsegwi lista twila ta' każijiet ta' għajbien furzat li seħħew fl-Eġittu minn Lulju 2013 'il hawn; billi dawn il-każijiet ta' għajbien jibqgħu għaddejjin b'impunità;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0463.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0012.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

F. billi l-Gvern attwali tal-Eġittu mexxa kampanja fuq skala kbira ta' detenzjoni arbitrarja ta' kritiċi tal-gvern, inklużi ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u membri ta' movimenti politiċi u soċjali; billi skont l-awtoritajiet Eġizzjani, minn Lulju 2013, ġew detenuti 'l fuq minn 22 000 persuna;

G. billi ċ-Ċentru El Nadeem għall-Ġestjoni u r-Riabilitazzjoni tal-Vittmi ta' Vjolenza qiegħed f'riskju li jingħalaq mill-awtoritajiet bħala riżultat ta' akkużi foloz relatati ma' ksur ta' regoli tas-saħħa; billi r-rwol taċ-ċentru kien essenzjali għat-trattament ta' vittmi ta' vjolenza u tortura, u kien kruċjali għall-għoti ta' informazzjoni dwar tortura, qtil u l-agħar abbużi waqt detenzjoni;

H. billi l-Eġittu ilu sieħeb strateġiku tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil; billi l-livell ta' impenn tal-UE fil-konfront tal-Eġittu għandu jkun ibbażat fuq inċentivi, skont il-prinċipju "aktar għal aktar" tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, u għandu jiddependi fuq il-progress fir-riforma tal-istituzzjonijiet demokratiċi u fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; billi fil-21 ta' Awwissu 2013 il-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB) tal-UE inkariga lill-VP/RGħ biex teżamina mill-ġdid l-assistenza tal-UE lill-Eġittu; billi l-KAB iddeċieda li l-kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu għandha tkun aġġustata mill-ġdid skont l-iżviluppi fil-post;

I. billi l-konklużjonijiet tal-KAB tal-21 ta' Awwissu 2013 iddikjaraw li l-Istati Membri qablu wkoll li jissospendu l-liċenzji tal-esportazzjoni lejn l-Eġittu ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jintuża għar-ripressjoni interna u li jerġgħu jivvalutaw il-liċenzji tal-esportazzjoni ta' tagħmir koperti mill-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK u jeżaminaw mill-ġdid l-assistenza ta' sigurtà tagħhom mal-Eġittu; billi l-KAB tenna dawn il-konklużjonijiet fi Frar 2014; billi l-VP/RGħ fit-tweġiba tagħha tas-27 ta' Ottubru 2015 għall-Mistoqsija bil-Miktub E-010476/2015 ikkonfermat li dawn il-konklużjonijiet kienu jikkostitwixxu "impenn politiku kontra kwalunkwe appoġġ militari lill-Eġittu";

J. billi l-Kostituzzjoni tal-Eġittu adottata fl-2014 tħaddan id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

K. billi l-Eġittu jiffaċċja terroriżmu minn bosta organizzazzjonijiet ġiħadisti li huma attivi fl-Eġittu, b'mod partikolari fis-Sinaj, u li għandhom rabtiet mal-Istat Iżlamiku u organizzazzjonijiet terroristiċi oħra attivi fil-kriżi Libjana; billi l-kunflitt li għaddej fil-Libja għandu impatt dirett fuq is-sigurtà tal-Eġittu; billi l-kriżi li għaddejja bħalissa hija ta' tħassib serju għall-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari għall-Italja;

1. Jikkundanna bil-qawwa t-tortura u l-qtil f'ċirkostanzi suspettużi taċ-ċittadin tal-UE Giulio Regeni, u jesprimi s-solidarjetà profonda u l-kondoljanzi tiegħu lill-familja;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jipprovdu lill-awtoritajiet Taljani d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa kollha biex issir possibbli investigazzjoni konġunta rapida, trasparenti u imparzjali tal-każ tas-Sur Regeni f'konformità mal-obbligi internazzjonali, u biex isir kull sforz ħalli l-awturi tad-delitt jitressqu quddiem il-ġustizzja malajr kemm jista' jkun;

3. Jissottolinja bi tħassib serju li l-każ ta' Giulio Regeni mhuwiex inċident iżolat, iżda li seħħ f'kuntest ta' tortura, mewt taħt arrest u każijiet ta' għajbien furzat madwar l-Eġittu f'dawn l-aħħar snin, bi ksur ċar tal-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu, li jiddikjara li r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu huma msejsa fuq ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li huwa element essenzjali tal-ftehim; jistieden, għaldaqstant, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri biex iqajmu mal-awtoritajiet Eġizzjani, il-kwistjoni tal-prattiki ta' għajbien furzat u ta' tortura li jseħħu b'mod regolari u biex jagħmlu pressjoni għal riforma effettiva fuq l-amministrazzjoni tas-sigurtà u fuq il-ġudikatura tal-Eġittu;

4. Jinsab imħasseb ħafna dwar it-theddida imminenti tal-għeluq furzat taċ-Ċentru El Nadeem għall-Ġestjoni u r-Riabilitazzjoni tal-Vittmi ta' Vjolenza u Tortura; jitlob l-irtirar rapidu tal-ordni għall-għeluq amministrattiv tiegħu;

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-intimidazzjoni kontinwa tal-Kummissjoni Eġizzjana għad-Drittijiet u l-Libertajiet minħabba r-rwol apparenti tagħha fil-kampanja "Waqqfu l-Għajbien Furzat" fl-Eġittu;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

6. Ifakkar lill-awtoritajiet Eġizzjani fl-obbligi nazzjonali u internazzjonali tagħhom, u jistedinhom jagħtu prijorità lill-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u jiżguraw responsabilità għall-ksur ta' dawn id-drittijiet; jitlob mill-ġdid ir-rilaxx immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-persuni kollha li jinsabu detenuti u sentenzjati biss minħabba li eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda paċifika, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, professjonisti tal-midja u bloggers; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżguraw id-dritt għal proċess ġust skont l-istandards internazzjonali;

7. Jistieden lill-Gvern tal-Eġittu jiggarantixxi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u internazzjonali u t-trade unions indipendenti jkunu jistgħu joperaw liberament, mingħajr indħil jew intimidazzjoni mill-gvern fil-pajjiż; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jirtiraw il-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti fuq għadd ta' difensuri ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem tal-Eġittu;

8. Jistenna li l-Kostituzzjoni l-ġdida, adottata fl-14 u l-15 ta' Jannar 2014, u b'mod partikolari l-Artikoli 52, 73 u 93 tagħha, tikkostitwixxi pass importanti l-quddiem fit-transizzjoni tal-pajjiż lejn id-demokrazija;

9. Jieħu nota tal-formazzjoni tal-Assemblea tal-Poplu l-ġdida, u jitlobha teżamina mill-ġdid b'urġenza l-Liġi ripressiva dwar il-Protesti ta' Novembru 2013, li ntużat biex teqred il-forom kollha ta' dissens paċifiku, kif ukoll il-Liġi dwar l-Assemblea tal-1914; jitlob ukoll ir-rieżami tal-leġislazzjoni ripressiva l-oħra kollha adottata li tikser il-Kostituzzjoni tal-Eġittu, inkluża l-Liġi dwar l-Atti Terroristiċi u l-Liġi dwar l-Entitajiet Terroristiċi, li jistgħu jintużaw ħażin bl-iskop ta' ripressjoni interna minflok biex itejbu s-sigurtà kollettiva; jenfasizza r-rieda tiegħu, fi sħubija mal-awtoritajiet tal-pajjiż, li jistudja l-possibilità li jiżviluppa programm għall-bini tal-kapaċità fil-parlament Eġizzjan;

10. Jinsisti li huwa biss permezz tal-bini ta' soċjetà realment pluralista, li tkun tirrispetta d-diversità tal-fehmiet u l-istili ta' għajxien, li jkunu jistgħu jiġu żgurati l-istabilità u s-sigurtà fit-tul fl-Eġittu, u jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jimpenjaw ruħhom għal djalogu ta' rikonċiljazzjoni li jressaq flimkien il-forzi mhux vjolenti, fosthom Iżlamisti mhux vjolenti, sabiex terġa' tinbena l-fiduċja fil-politika u fl-ekonomija fi proċess politiku inklużiv;

11. Jissottolinja l-importanza li l-Unjoni Ewropea tagħti lill-kooperazzjoni mal-Eġittu bħala ġar u sieħeb importanti, u r-rwol tal-Eġittu li jiżgura l-istabilità fir-reġjun; jikkondividi t-tħassib tal-poplu Eġizzjan dwar l-isfidi ekonomiċi, politiċi u ta' sigurtà li qed jiffaċċja l-pajjiż u r-reġjun tagħhom; jikkundanna l-attakki terroristiċi fuq iċ-ċivili u l-militar Eġizzjani;

12. Jitlob lill-UE, b'mod partikolari l-VP/RGħ u d-Delegazzjoni tal-UE fil-Kajr, biex tiżgura skambju regolari mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ilħna oħra ta' dissens, tappoġġja lill-persuni li jinsabu f'riskju jew li huma miżmuma f'detenzjoni u tissorvelja l-proċessi tagħhom b'mod komprensiv;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaderixxu b'mod sħiħ mal-konklużjonijiet tal-KAB ta' Awwissu 2013 rigward l-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari u ta' sigurtà; jitlob li l-esportazzjonijiet ta' tagħmir ta' sorveljanza jiġu sospiżi meta jkun hemm provi li tali tagħmir ikun jista' jintuża f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-VP/RGħ tirrapporta dwar l-istat attwali tal-kooperazzjoni militari u ta' sigurtà mill-Istati Membri tal-UE mal-Eġittu, u biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew li jiddeskrivi passi konkreti li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet Eġizzjani biex itejbu b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u jwettqu riforma ġudizzjarja komprensiva qabel ma tkun tista' tiġi kkunsidrata valutazzjoni mill-ġdid tal-konklużjonijiet tal-KAB ta' Awwissu 2013;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Gholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-President u lill-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu u lill-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0085

Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2016/2609(RSP))

(2018/C 050/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), b'mod partikolari dawk tad-9 ta' Lulju 2015 ([1]) u tas-17 ta' Diċembru 2015 ([2]),

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta għall-istampa tas-16 ta' Frar 2016 tal-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Internazzjonali *La Francophonie* dwar il-ħtieġa ta' djalogu politiku inklużiv fir-RDK u l-impenn tagħhom li jappoġġaw atturi Kongoliżi fl-isforzi tagħhom għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni lokali tal-UE tad-19 ta' Novembru 2015 wara t-tnedija tad-djalogu nazzjonali fir-RDK,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tad-9 ta' Novembru 2015 dwar is-sitwazzjoni fir-RDK,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni lokali tal-UE tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-kelliem għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna tat-12 ta' Ottubru 2015 dwar ir-riżenja tal-kap tal-Kummissjoni Elettorali fir-RDK,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar ir-RDK, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet 2198 (2015) dwar it-tiġdid tar-reġim ta' sanzjonijiet tar-RDK u l-mandat tal-Grupp ta' Esperti u 2211 (2013), li ġeddet il-mandat tal-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tan-NU fir-RDK (MONUSCO),

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta għall-istampa tat-2 ta' Settembru 2015 tal-Tim ta' Mibgħuta u Rappreżentanti Internazzjonali għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar tal-Afrika dwar l-elezzjonijiet fir-RDK,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Lulju 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivitajiet tal-Uffiċċju Konġunt tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem fir-RDK (UNJHRO),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-25 ta' Jannar 2015 tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, insegwitu tal-adozzjoni tal-liġi elettorali l-ġdida fir-RDK,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-12 ta' Jannar 2015 tal-Grupp ta' Esperti tan-NU dwar ir-RDK,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet ta' Najrobi ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni għar-RDK u r-Reġjun, iffirmat f'Addis Ababa fi Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli ta' Ġunju 1981,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Kongo tat-18 ta' Frar 2006,

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0278.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0475.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali li jmiss, li huma skedati li jsiru f'Novembru 2016, jistgħu jikkostitwixxu opportunità ulterjuri għal tranżizzjoni demokratika tal-poter;

B. billi l-mandat tal-President tar-RDK huwa kostituzzjonalment limitat għal żewġ termini;

C. billi l-President Joseph Kabila, li ilu fil-poter sa mill-2001, ġie akkużat mill-avversarji tiegħu li rrikorra għal mezzi amministattivi u tekniċi biex jipprova jdewwem l-elezzjonijiet u jibqa' fil-poter lil hinn mill-mandat tiegħu, u għad irid jiddikjara pubblikament li se jirriżenja fit-tmiem tal-mandat tiegħu; billi din is-sitwazzjoni kkawżat tensjoni politika, kunflitti u vjolenza li dejjem qed jikbru fil-pajjiż kollu;

D. billi ġew espressi dubji dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti (CENI);

E. billi minn Jannar 2015, uffiċjali tas-sigurtà u tal-intelligence Kongoliżi wettqu azzjonijiet repressivi fir-rigward ta' attivisti paċifiċi, mexxejja politiċi u oħrajn li jopponu t-tentattivi tal-President Kabila li jimmodifika l-Kostituzzjoni sabiex jibqa' fil-poter lil hinn mil-limitu ta' żewġ termini previst mill-Kostituzzjoni; billi l-gruppi tad-drittijiet tal-bniedem qed jirrappurtaw b'mod kontinwu d-deterjorament tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda fir-RDK, inkluż l-użu ta' forza eċċessiva kontra dimostranti paċifiċi u żieda fin-numru ta' proċessi politikament motivati; billi l-MONUSCO rreġistrat aktar minn 260 każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-elezzjoni, l-aktar kontra avversarji politiċi, is-soċjetà ċivili u ġurnalisti, matul is-sena li għaddiet; billi l-UNJHRO fir-RDK iddikjara li rreġistra aktar minn 400 każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi 52 arrest, sa mill-bidu tal-2016;

F. billi f'Ġunju 2015 il-President Kabila ħabbar it-tnedija ta' djalogu nazzjonali; billi t-tħejjijiet formali għal tali djalogu għadhom ma bdewx, peress li żewġ gruppi kbar tal-oppożizzjoni ddeċidew li ma jipparteċipawx għaliex huma jqisu li din hija tattika ta' dewmien;

G. billi f'Settembru 2015 seba' persuni politiċi ta' livell għoli tkeċċew mill-koalizzjoni fil-gvern tar-RDK għar-raġuni li huma ffirmaw ittra lill-President Kabila li tħeġġu jikkonforma mal-Kostituzzjoni u ma jibqax iggranfat mal-poter wara li jintemm it-terminu tiegħu; billi fl-istess xahar kien hemm ġlied vjolenti f'Kinshasa, fejn dimostranti li kienu qed jopponu kwalunkwe tentattiv għat-tielet mandat antikostituzzjonali ġew attakkati b'mod vjolenti;

H. billi dawk detenuti arbitrarjament jinkludu lil Yves Makwambala u Fred Bauma, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem tal-moviment Filimbi ("Whistle"), u t-tnejn li huma ġew arrestati talli ppartecipaw f'workshop maħsub biex jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ Kongoliżi jwettqu d-dmirijiet ċiviċi tagħhom b'mod paċifiku u responsabbli, u li issa ilhom il-ħabs għal 11-il xahar u r-rilaxx tagħhom diġà ġie mitlub mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tad-9 ta' Lulju 2015;

I. billi l-mexxejja tal-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni tal-Kongo, organizzazzjonijiet mhux governattivi u movimenti taż-żgħażagħ favur id-demokrazija appellaw liċ-ċittadini Kongoliżi biex jibqgħu d-dar u ma jmorrux fil-post tax-xogħol u l-iskola fis-16 ta' Frar 2016 għal "Ville Morte" (Ġurnata ta' Belt Mejta) b'tifkira ta' dawk maqtula matul il-marċ favur id-demokrazija tas-16 ta' Frar 1992 u biex jipprotestaw kontra d-dewmien fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali u n-nuqqas allegat tal-gvern li jikkonforma mal-Kostituzzjoni;

J. billi tmien attivisti żgħażagħ u mill-inqas 30 persuna politika li jappoġġaw l-oppożizzjoni ġew arrestati fis-16 ta' Frar 2016 b'konnessjoni mal-istrajk nazzjonali, filwaqt li attivisti oħra rċevew theddid f'messaġġi minn numri tat-telefon mhux magħrufa u l-Ministru għall-Impjiegi Willy Makiashi pprojbixxa lill-impjegati pubbliċi milli jipparteċipaw fl-istrajk; billi sitt membri tal-moviment LUCHA ngħataw sentenza ta' sitt xhur ħabs; billi l-kummerċjanti u l-uffiċjali li osservaw il-"Jum il-Belt Mejta" spiċċaw bil-ħwienet tagħhom magħluqa jew ingħataw sanzjonijiet dixxiplinarji;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

K. billi l-Unjoni Afrikana, in-NU, l-UE u l-Organizzazzjoni Internazzjonali *La Francophonie* enfasizzaw b'mod konġunt l-importanza ta' djalogu u l-iltiħuq għal ftehim bejn l-atturi politiċi li jirrispetta d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u ħeġġew lill-atturi politiċi kollha tal-Kongo biex jestendu l-kooperazzjoni sħiħa tagħhom lill-medjaturi maħtura mill-komunità internazzjonali;

L. billi s-sitwazzjoni marret għall-agħar minħabba l-persistenza u l-konsolidazzjoni tal-impunità fir-RDK; billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà qed tkompli tiddeterjora fir-RDK, b'mod partikolari fil-Lvant tal-pajjiż, minħabba l-vjolenza kkawżata minn 'il fuq minn 30 grupp armat barrani u nazzjonali, b'rapporti kostanti ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali, inklużi attakki mmirati kontra persuni ċivili, vjolenza sesswali u sessista mifruxa, reklutaġġ sistematiku u abbuż tat-tfal minn gruppi armati, u eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji;

M. billi dan l-aħħar kien hemm deterjorament fil-libertà tal-medja fir-RDK; billi uffiċjali tal-gvern imblukkaw il-libertà tal-espressjoni bl-għeluq ta' mezzi tal-midja (immiraw speċifikament lil dawk li xandru messaġġi dwar il-protesti), tas-servizzi ta' messaġġi testwali u tal-internet; billi fi Frar 2016 il-gvern għalaq żewġ stazzjonijiet televiżivi privati f'Lubumbashi; billi fl-aħħar rapport annwali tagħha, maħruġ f'Novembru 2015, *Journalists in Danger*, l-organizzazzjoni msieħba ma' *Reporters Without Borders*, elenkat 72 każ ta' attakki kontra ġurnalisti u l-midja fir-RDK u żvelat li 60 % tal-ksur tal-libertà tal-istampa twettqet minn aġenti tas-servizz militari jew tas-sigurtà, mill-ANR (Aġenzija tal-Intelligence Nazzjonali) jew mill-pulizija; billi t-trażmissjoni ta' xandiriet ta' *Radio France International* kienet sospiża biex taħbat mal-protesta "Dead City Day" (Jum il-Belt Mejta);

N. billi l-Programm Indikattiv Nazzjonali 2014-2020 għar-RDK, b'finanzjament ta' EUR 620 miljun mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, jagħti prijorità lit-tisħiħ tal-governanza u l-istat tad-dritt, inklużi r-riformi tal-ġudikatura, tal-pulizija u tal-armata;

1. Jistieden lill-awtoritajiet tar-RDK biex jimpenjaw ruħhom b'mod espliċitu li jikkonformaw mal-kostituzzjoni u jiżguraw iż-żamma fil-ħin tal-elezzjonijiet sa tmiem l-2016, f'konformità sħiħa mal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza, u biex jiggarantixxu ambjent li jwassal għal elezzjonijiet trasparenti, kredibbli u inklużivi; jenfasizza li ż-żamma b'suċċess tal-elezzjonijiet se tkun kruċjali għall-istabilità fit-tul u l-iżvilupp tal-pajjiż;

2. Jesprimi tħassib kbir dwar id-deterjorament tas-sigurtà u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK, u b'mod partikolari dwar ir-rapporti kontinwi ta' vjolenza politika dejjem akbar u dwar restrizzjonijiet u intimidazzjoni gravi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-avversarji politiċi u l-ġurnalisti qabel iċ-ċiklu elettorali li jmiss; jinsisti dwar ir-responsabilità tal-gvern li jipprevjeni kwalunkwe deterjorament tal-kriżi politika attwali jew żieda fil-vjolenza, u li jirrispetta, jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet ċivili u politiċi taċ-ċittadini tiegħu;

3. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe użu ta' forza kontra dimostranti paċifiċi u mhux armati; ifakkar li l-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda huma l-bażi ta' ħajja politika u demokratika dinamika; jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fir-restrizzjonijiet tal-ispazju demokratiku u r-ripressjoni mmirata fuq il-membri tal-oppożizzjoni, is-soċjetà ċivili u l-midja; jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha, inkluż Yves Makwambala, Fred Bauma u ta' attivisti u partitarji oħrajn tal-movimenti Filimbi u LUCHA, u tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Christopher Ngoyi;

4. Jikkunsidra l-ġlieda kontra l-impunità bħala prerekwiżit għall-istabbiliment mill-ġdid tal-paċi fir-RDK; jitlob għal investigazzjoni sħiħa, bir-reqqa u trasparenti li għandha tiġi mnedija mill-gvern tar-RDK, flimkien mas-sħab internazzjonali, fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seħħ waqt il-protesti relatati mal-elezzjonijiet, bl-għan li tiġi identifikata kwalunkwe azzjoni illegali jew ċaħda tad-drittijiet jew libertajiet; iħeġġeġ it-teħid ta' miżuri biex jiġi żgurat li dawk li huma ħatja minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem, delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità u vjolenza sesswali fuq in-nisa, flimkien ma' dawk responsabbli mir-reklutaġġ ta' suldati tfal, jiġu rappurtati, identifikati, imħarrka u kkastigati skont id-dritt kriminali nazzjonali u internazzjonali;

5. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti tal-politika kollha, inklużi r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE tal-2011 u fir-rapport dwar il-missjoni ta' segwitu tal-2014, u biex jagħmlu pressjoni politika fl-ogħla livell, sabiex tiġi evitata l-firxa ta' vjolenza elettorali fir-RDK u kwalunkwe destabbilizzazzjoni ulterjuri tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

6. Jieħu nota tar-rieda tal-UE u tal-komunità internazzjonali li jappoġġaw il-proċess elettorali Kongoliż, sakemm jiġi ppubblikat kalendarju elettorali validu u jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali; iqis li dan l-appoġġ għandu jikkonċentra fuq ir-reġistrazzjoni tal-votanti, it-taħriġ u s-sigurtà elettorali; jinsisti li n-natura u l-ammont ta' appoġġ mill-UE għall-proċess elettorali fir-RDK iridu jiddependu mill-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-2011 u l-2014, b'mod partikolari fir-rigward ta' garanziji tal-independenza tas-CENI, ir-reviżjoni tar-reġistru elettorali, rekwiżiti baġitarji u konformità mal-kalendarju kostituzzjonali;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Kongoliżi jirratifikaw il-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza malajr kemm jista' jkun;

8. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Unjoni Afrikana (UA) fil-prevenzjoni ta' kriżi politika fl-Afrika Ċentrali u jistieden lill-istati membri tal-UA, b'mod partikolari l-Afrika t'Isfel, biex jimpenjaw ruħhom favur il-konformità mal-Kostituzzjoni tar-RDK; iħeġġeġ lill-UE tuża l-għodod dipomatiċi u ekonomiċi kollha tagħha, inkluż l-iffirmar futur tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, biex jintlaħaq dan l-għan;

9. Ifakkar li l-parteċipazzjoni sħiħa tal-oppożizzjoni, tas-soċjetà ċivili indipendenti u ta' esperti elettorali fis-CENI hija fattur importanti biex jiġi leġittimizzat il-proċess elettorali; ifakkar li s-CENI għandu jkun istituzzjoni imparzjali; jenfasizza li l-awtoritajiet għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-CENI r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jippermettu proċess komprensiv u trasparenti;

10. Jistieden lill-VP/RGħ biex tintensifika d-djalogu mal-awtoritajiet tar-RDK skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, bl-objettiv li tinkiseb kjarifika definittiva dwar il-proċess elettorali; ifakkar fl-impenn li ħadet ir-RDK fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou li tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu l-libertà ta' -espressjoni, il-libertà tal-midja, il-governanza tajba u t-trasparenza f'karigi politiċi; iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDK jirrispetta dawn id-dispożizzjonijiet skont l-Artikoli 11b, 96 u 97 tal-Ftehim ta' Cotonou u, fin-nuqqas ta' dan, jitlob lill-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura rilevanti skont l-Artikoli 8, 9 u 96 tal-Ftehim ta' Cotonou;

11. Jistieden lill-UE tikkunsidra li timponi sanzjonijiet immirati fuq dawk responsabbli mir-ripressjoni vjolenti fir-RDK, inklużi projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u iffriżar ta' assi, sabiex jgħinu fil-prevenzjoni ta' aktar vjolenza;

12. Iħeġġeġ lid-delegazzjoni tal-UE timmonitorja l-iżviluppi u tuża l-għodod u l-istrumenti kollha xierqa, inkluż l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex tappoġġa d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-movimenti favur id-demokrazija;

13. Jitlob biex jinħatar mill-ġdid rapporteur tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-RDK;

14. Ifakkar li l-paċi u s-sigurtà huma prekondizzjonijiet għal elezzjoni b'suċċess; jinnota, f'dan ir-rigward, it-tiġdid tal-mandat tal-MONUSCO, u jitlob għat-tisħiħ tal-kompetenzi tagħha fil-qasam tal-protezzjoni taċ-ċivili fil-kuntest elettorali;

15. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar s-sitwazzjoni umanitarja allarmanti fir-RDK, ikkawżata b'mod partikolari mill-kunflitti armati vjolenti fil-provinċji tal-Lvant tal-pajjiż; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jagħtu l-għajnuna tagħhom lin-nies tar-RDK bil-ħsieb li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-iktar popolazzjonijiet vulnerabbli u jindirizzaw il-konsegwenzi ta' spostament, nuqqas ta' sikurezza tal-ikel, epidemiji u diżastri naturali;

16. Jikkundanna l-atti kontinwi ta' vjolenza sesswali fil-Lvant tal-Kongo; jinnota li l-awtoritajiet Kongoliżi organizzaw 20 proċess f'dawn l-aħħar xhur rigward il-vjolenza sesswali fil-Lvant tal-Kongo, fejn ikkundannaw 19-il uffiċjal tal-armata, u li għad fadal ħafna xi jsir; iħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet Kongoliżi biex ikomplu l-ġlieda tagħhom kontra l-impunità billi jinvestigaw każijiet ta' vjolenza sesswali u jieħdu passi legali kontra l-awturi tar-reati;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

17. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Kongoliżi li jeżaminaw il-każijiet ta' adozzjoni imblukkati sa mill-25 ta' Settembru 2013; jieħu nota tal-ħidma tal-Kumitat Interministerjali Kongoliż dwar l-għoti sporadiku ta' permessi ta' ħruġ għal tfal adottati; jistieden lill-Kumitat Interministerjali biex tkompli l-ħidma tiegħu b'mod diligenti u koerenti f'atmosfera trankwilla; jistieden lid-delegazzjoni tal-Unjoni u lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw is-sitwazzjoni mill-qrib;

18. Jistieden lill-Unjoni Afrikana u lill-UE jiżguraw djalogu politiku permanenti fost il-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar biex tiġi evitata kwalunkwe destabbilizzazzjoni ulterjuri;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-President, lill-Prim Ministru u lill-parlament tar-RDK, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0089

Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data" (2015/2612(RSP))

(2018/C 050/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2014 bit-titolu "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-dejta" (COM(2014)0442),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar "Lejn ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data" (O-000021/2016 – B8-0116/2016),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-cloud computing fl-Ewropa ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-rata ta' tkabbir fis-suq tal-big data sal-2017 se tkun sitt darbiet aktar rapida minn dik fis-suq ġenerali tal-ICT u se tlaħħaq total ġenerali ta' EUR 50 biljun, skont il-Previżjoni għall-2013-2017 tas-Servizzi u t-Teknoloġija tal-Big Data Dinjija tal-Korporazzjoni Internazzjonali tad-Data, li skont is-Sħubija Pubblika-Privata tal-Valur tal-Big Data, sal-2017 tista' twassal għal 3,75 miljun impjieg ġdid;

B. billi l-volum tad-data qed jikber b'rata bla preċedent, biex ikun hemm 16-il triljun gigabyte ta' data sal-2020, li jikkorrispondi għal rata ta' tkabbir annwali ta' 236 % f'ġenerazzjoni ta' data;

C. billi deċiżjonijiet ibbażati fuq l-għarfien iġġenerat mill-Big Data jistgħu joħolqu żieda sostanzjali fil-produttività u l-kompetittività, u billi l-benefiċċji ta' ekonomija mmexxija mid-data jiġġeneraw 1,9 % fi tkabbir addizzjonali tal-PDG sal-2020;

D. billi l-iżvilupp tal-Big Data huwa parti integrali ta' suq diġitali ġdid u għandu jiżgura l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju innovattivi u kompetittivi filwaqt li jikkonforma mal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, peress li l-Big Data tista' twassal għal riskji u sfidi sinifikanti, partikolarment fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, (inklużi l-protezzjoni tad-data u l-privatezza);

E. billi ekonomija ta' suċċess immexxija mid-data fil-futur tista' tirrappreżenta opportunità kemm għat-tkabbir kif ukoll għall-impjiegi, anke billi tippermetti mudelli ġodda ta' negozju, servizzi u produttività mtejba; billi jrid jinkiseb bilanċ tajjeb sabiex jinħoloq il-qafas tajjeb għat-tkabbir ekonomiku, biex tinżamm il-fiduċja filwaqt li jiġu salvagwardjati u rispettati d-drittijiet tal-konsumatur permezz ta' monitoraġġ effikaċi, valutazzjoni u reazzjonijiet xierqa, b'mezzi leġiżlattivi jekk ikun meħtieġ;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0535.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

F. billi l-Big Data toffri wkoll opportunitajiet għall-konsumaturi (eż. konvenjenza, effiċjenza u tfaddil), għan-negozji (industrija 4.0) u għall-gvern (gvern elettroniku), u fir-rigward tal-housing (bliet intelliġenti), ix-xjenza, il-mediċina (Mhealth), ir-rispons għad-diżastri u l-ġlieda kontra l-kriminalità;

Ir-rwol tal-ekonomija mmexxija mid-data fl-istrateġija għal Unjoni Diġitali

1. Jistenna li l-benefiċċji ta' ekonomija mmexxija mid-data fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew ikollhom impatt fuq is-soċjetà u fuq it-tipi kollha ta' intrapriża fil-katina tal-valur; iqis li l-ħolqien ta' ekonomija mmexxija mid-data jinsab fil-qalba tal-istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, u japprezza l-potenzjal tagħha li tgħin lill-Ewropa terġa' tikseb il-kompetittività fis-setturi avvanzati u li taċċellera l-irkupru ekonomiku tal-Ewropa, it-tkabbir fl-investiment u fl-innovazzjoni tul is-setturi kollha, li jistgħu jinkisbu biss jekk ikun hemm l-ambjent kummerċjali xieraq u l-mezzi biex tiġi attivata t-trasformazzjoni diġitali, u jekk dawn it-tekonoloġiji jikkonformaw mal-qafas ġuridiku tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data sabiex jiġu indirizzati r-riskji u l-isfidi assoċjati, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, u speċjalment il-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

2. Jenfasizza li l-ekonomija mmexxija mid-data teħtieġ ħiliet avvanzati u mistennija toħloq numru sinifikanti ta' impjiegi fl-Ewropa fis-snin li ġejjin;

3. Jirrikonoxxi l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi assoċjati mal-użu integrat tad-data fis-setturi kollha tal-ekonomija Ewropea u fl-oqsma kollha tar-riċerka Ewropea, u jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-valur u l-użu tad-data miġbura, ir-regoli tal-ġestjoni u l-modi li bihom id-data tinġabar u tiġi pproċessata; jenfasizza li l-individwi għandu jkollhom drittijiet aġġornati u sinifikanti ta' aċċess għal informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data; jenfasizza l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li tinġabar statistika eżatta dwar il-livell ta' sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija hija xprun importanti tal-iżvilupp fil-qasam tal-Big Data, u għalhekk teħtieġ approċċ orizzontali sabiex l-ekonomija tad-data tkun tista' tikber;

4. Jemmen li d-data tirrappreżenta assi ta' valur għall-kumpaniji, li l-valur tiegħu jista' jiżdied b'mod sinifikanti permezz tal-iżvilupp ta' modi innovattivi u intelliġenti li jippermettu l-integrazzjoni ta' data li tkun proprjetà tal-kumpaniji ma' data miftuħa; jitlob li jiġu varati inizjattivi biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni tal-SMEs dwar il-valur tad-data tagħhom u kif tista' tintuża biex jiġu żviluppati mudelli ġodda ta' negozju sabiex jitrawwem it-tkabbir u l-SMEs jiġu stabbiliti bħala atturi ewlenin fil-Big Data;

5. Jenfasizza li l-ipproċessar ta' ċerti tipi ta' data, b'mod partikolari data personali, jaqa' fl-ambitu tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, l-adozzjoni rapida tal-Pakkett dwar il-Protezzjoni tad-Data;

6. Jirrimarka li l-protezzjoni tad-data u l-opportunitajiet li joħorġu mill-użu integrat tad-data ma jeskludux lil xulxin, peress li l-użu intelliġenti tal-opportunitajiet jista' jiżgura kompatibbiltà mal-protezzjoni tad-data; iqis li l-iżgurar ta' fiduċja f'dawn it-teknoloġiji għandu jkun fiċ-ċentru kemm tal-politika pubblika u kemm tal-mudelli ta' negozju, billi nuqqas ta' fiduċja jista' jkun ferm ta' ħsara għat-tkabbir u l-innovazzjoni fis-settur diġitali; jemmen li hemm ħtieġa essenzjali għal qafas ġuridiku b'validità għall-futur u uniformi għall-protezzjoni tad-data sabiex irawwem it-tkabbir u l-innovazzjoni u jirrikonoxxi l-karattru miftuħ u globali tal-internet; jirrikonoxxi li l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data hija teknoloġikament newtrali u diġà tapplika bis-sħiħ għall-attivitajiet tal-Big Data li joperaw fl-UE, u għaldaqstant trid tiġi rispettata bis-sħiħ; iħeġġeġ li l-politika pubblika tinkludi l-privatezza fid-disinn u l-privatezza prestabbilita fil-ġenerazzjoni tad-data u fiċ-ċiklu tal-analiżi, filwaqt li taħtaf kwalunkwe opportunità biex trawwem l-iżvilupp tal-potenzjal tal-Big Data;

7. Iqis li huwa essenzjali li jiġi żviluppat qafas regolatorju biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi, teknoloġiċi, soċjali u kulturali ta' ekonomija mmexxija mid-data, bħall-aċċess għal, u l-kontroll u s-sjieda ta', data, b'mod partikolari data pubblika; iqis li s-sigurtà u l-protezzjoni tad-data huma bażi fundamentali għal tkabbir industrijali mmexxi mid-data; jenfasizza li s-sejbien ta' sinerġija bejn il-Big Data, il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà tad-data u d-data miftuħa huwa l-bażi għal bidu ġdid diġitali fl-Ewropa; jitlob li l-isfidi li ġejjin jiġu indirizzati: is-sjieda tad-data, il-pussess, il-ġestjoni, l-aċċess u s-

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

sigurtà, l-interoperabbiltà, il-limitazzjoni u l-ħżin tad-data, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data madwar l-Ewropa, l-interrutturi innovattivi fil-kapital intellettwali, l-aċċessibbiltà u l-infrastruttura, ir-regoli tat-trasport trasparenti, il-mekkaniżmi transfruntieri u, fejn applikabbli, il-ħolqien u d-disseminazzjoni ta', u l-aċċess għal, data miftuħa, u d-disponibbiltà tagħha għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-forniturі tas-servizzi;

Investiment f'ekonomija mmexxija mid-data (infrastruttura u R&Ż)

8. Jinnota li, biex tirnexxi, ekonomija mmexxija mid-data tiddependi fuq ekosistema tal-ICT usa', inklużi l-Internet tal-Oġġetti (IoT) għall-forniment ta' data, netwerks tal-broadband b'veloċità għolja għat-trasport tagħha u cloud computing għall-ipproċessar tagħha, kif ukoll impjegati tas-sengħa, aċċess għad-data u interoperabbiltà; jirrimarka li dan is-settur jeħtieġ investimenti enormi fl-iżvilupp tal-clouds, is-super-computing u l-broadband b'veloċità għolja, li huma prerekwiżiti għal ekonomija diġitali ta' suċċess; jitlob qafas regolatorju u ambjent aħjar li jindirizzaw kemm is-settur privat kif ukoll dak pubbliku; ifakkar li l-investiment tas-settur privat fl-infrastruttura tan-netwerks jibqa' essenzjali; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistimulaw investimenti fl-infrastruttura tan-netwerks permezz ta' qafas regolatorju pożittiv u biex ikomplu jappoġġjaw l-infrastruttura tal-broadband permezz ta' programmi eżistenti bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-Fond ta' Koeżjoni, iżda biss f'żoni b'nuqqasijiet identifikati tas-suq;

9. Jesprimi tħassib li l-qasma diġitali, investimenti insuffiċjenti u nuqqas ta' standardizzazzjoni teknika u leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tad-data b'validità għall-futur jistgħu jwasslu sabiex l-Ewropa taqa' lura mil-lat teknoloġiku u dak ekonomiku fl-iżvilupp ta' ekonomija mmexxija mid-data;

10. Jirrikonoxxi l-importanza tal-interoperabbiltà u tal-istandards biex tingħata spinta lill-kompetittività fis-settur tal-ICT, u ta' rwol proattiv għall-Kummissjoni fl-għoti ta' mandat lill-korpi ta' standardizzazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija dwar l-Istandards tal-Big Data biex tidentifika distakki fl-istandards fl-industrija Ewropea tal-Big Data, anke fir-rigward tal-SMEs u s-setturi Ewropej ewlenin; jappoġġja l-iżvilupp ta' standards immexxija mis-suq, volontarji, newtrali mil-lat tat-teknoloġija, trasparenti, kompatibbli internazzjonalment u rilevanti għas-suq;

11. Iqis li l-programm "ISA[2]" joffri opportunità li jiġu żviluppati standards ta' interoperabbiltà għall-ġestjoni tal-Big Data fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi u fit-trattattivi tagħhom ma' negozji u ċittadini;

12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi żviluppata inizjattiva dwar il-moviment liberu tad-data; jilqa' t-tħabbir ta' inizjattiva Ewropea dwar il-"Fluss Liberu tad-Data", li jetiġilha tneħħi l-ostakli eżistenti għas-suq uniku għad-data; jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami wiesa' u trasparenti tal-ħolqien ta' ekonomija mmexxija mid-data bl-għan li jiġu antiċipati l-bżonnijiet fir-rigward tat-teknoloġiji meħtieġa u li jitneħħew l-ostakli għall-innovazzjoni fl-Ewropa; jitlob li din l-inizjattiva tindirizza l-isfidi li ġejjin: is-sigurtà tad-data, l-interoperabbiltà, is-sjieda tad-data, il-limitazzjoni u l-ħżin, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data madwar l-Ewropa, regoli trasparenti dwar it-trasportazzjoni, il-mekkaniżmi transfruntieri, u l-iskambju ta' data miftuħa bejn l-amministrazzjoni, in-negozji u s-soċjetà ċivili;

13. Jinnota li biex tirnexxi, il-Big Data tiddependi fuq ekosistema tal-ICT usa', inklużi l-IoT għall-forniment ta' data, in-netwerks tal-broadband għat-trasport tagħha u l-cloud computing għall-ipproċessar tagħha;

14. Jemmen li l-UE trid tiffaċilita l-proċeduri għall-allokazzjoni tal-għotjiet u żżid il-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-użu integrat tad-data, l-innovazzjoni diġitali u l-iżvilupp tas-suq f'oqsma identifikati li jġibu valur miżjud għaċ-ċittadini, is-soċjetà u l-ekonomija u li jrawmu b'mod effikaċi id-dħul fis-suq ta' prodotti u servizzi innovattivi; iqis, f'dan ir-rigward, li hemm bżonn li jitfassal pjan direzzjonali Ewropew konġunt għall-Istati Membri u l-UE għal perjodu medju u fit-tul, flimkien ma' qafas ta' finanzjament stabbli li jagħmilha possibbli li nersqu lejn ir-riċerka elettronika; jemmen li s-software bla ħlas jista' jkollu rwol importanti fl-ilħuq ta' dawn l-għanijiet;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

15. Jirrikonoxxi l-inizjattivi tal-Kummissjoni li toħloq sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs) ibbażati fuq l-iżvilupp tal-ekonomija mmexxija mid-data, peress li l-kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati hija kruċjali għall-identifikazzjoni tal-ostakli għall-iżvilupp tat-teknoloġiji meħtieġa; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni u l-industrija Ewropea tad-data impenjaw ruħhom li jinvestu EUR 2,5 biljun f'PPP biex issaħħu s-settur tad-data u jpoġġu lill-Ewropa fuq quddiem nett fit-tellieqa tad-data globali billi jimmassimizzaw il-potenzjal tal-ekonomija diġitali; jirrimarka li l-aċċess għal portali tad-data miftuħa u għal infrastruttura elettronika relatata mar-riċerka huwa mod wieħed possibbli biex jitnaqqsu l-iżvantaġġi li r-riċerkaturi u l-SMEs ibbażati f'reġjuni mbiegħda jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom;

16. Jilqa' l-ħolqien ta' spazji għall-innovazzjoni – żoni fejn hemm preżenti u tista' tiżdied konċentrazzjoni ta' negozji u ħiliet preeżistenti, li jippermettu sperimentazzjoni ma' teknoloġiji relatati mad-data fi ħdan raggruppamenti innovattivi li jipproduċu ekosistemi u proġetti tal-pjattaforma industrijali transsettorjali għall-kisba tan-netwerking tal-ekonomija reali u diġitali; jenfasizza li dawn l-ispazji għandhom iservu bħala inkubaturi tan-negozju, li jedukaw lin-negozji dwar kif isarrfu l-użu tad-data f'opportunitajiet ta' negozju u jappoġġjaw it-tkabbir u l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u negozji ġodda innovattivi; jitlob li jiġu stabbiliti sħubijiet aktar mill-qrib bejn in-negozji u l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka sabiex titrawwem l-innovazzjoni fil-Big Data; jinnota, f'dan ir-rigward, l-investiment li sar f'inizjattivi bħall-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali u l-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Elettroniċi;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu qafas regolatorju modern u b'validità għall-futur li jistimola u jinkoraġġixxi l-investimenti fl-infrastrutturi tan-netwerks meħtieġa għall-ħtiġijiet futuri tal-ekonomija diġitali konnessa, biex jadottaw politiki li jippermettu lill-IoT jiffjorixxi, u biex jiżguraw kapaċitajiet u veloċitajiet adegwati ta' data, filwaqt li jespandu t-teknoloġija mobbli u jinkoraġġixxu l-introduzzjoni tal-IPv6;

18. Jenfasizza li tinħtieġ aktar koordinazzjoni sabiex l-istandards u l-interoperabbiltà jkollhom aktar ftuħ fi pjattaformi ta' sistemi u ta' kollaborazzjoni;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tadotta politiki li jneħħu l-ostakli eċċessivi fis-setturi innovattivi, tinċentivizza investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u l-istandardizzazzjoni Ewropea u tindirizza l-problema attwali tal-ksur ta' privattivi ta' invenzjonijiet użati biex jissodisfaw standard tekniku; iqis li jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ xieraq bejn dawk li jinvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni bl-għan li jiġu żviluppati tali privattivi essenzjali u dawk li jibbenefikaw mill-eżistenza ta' dawk il-privattivi; jenfasizza li l-privattivi ta' invenzjonijiet użati biex jissodisfaw standard tekniku huma element importanti tal-istandardizzazzjoni u, għal għadd sinifikanti ta' impriżi Ewropej tal-ICT, huma komponent tal-mudell tan-negozju tagħhom; jitlob miżuri biex tiġi preservata sistema ta' standardizzazzjoni ta' kwalità għolja li tista' tattira l-aħjar kontribuzzjonijiet fit-teknoloġija, twassal servizzi u applikazzjonijiet diġitali interoperabbli u innovattivi u tippermetti ftehimiet ta' liċenzjar tal-privattivi fuq termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND); iqis, madankollu, li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess u jitneħħew l-ostakli diġitali għall-persuni b'diżabilità;

20. Jemmen li, sabiex jinħasdu l-akbar benefiċċji minn innovazzjoni fil-qasam tal-Big Data, il-prinċipju tal-Orizzont 2020 ta' "innovazzjoni responsabbli" għandu jiggwida l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet biex jiġi aċċellerat id-dħul fis-suq, speċjalment għall-SMEs;

21. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura investiment fl-infrastruttura u l-iżvilupp b'validità għall-futur tas-servizzi cloud fl-Ewropa billi ttejjeb iċ-ċertezza ġuridika dwar l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' kull parti, tiggarantixxi t-twettiq tal-miżuri komuni ta' sigurtà u protezzjoni tad-data, tippermetti li d-data tgħaddi bejn il-fruntieri u trawwem l-ambjent tan-negozju xieraq fejn ikun jista' jiżviluppa suq effiċjenti, miftuħ u globali;

Il-ħolqien ta' ekonomija mmexxija mid-data għas-suq tal-UE

22. Huwa tal-opinjoni li l-Big Data għandha l-potenzjal tagħti spinta lill-produttività tal-ekonomija u ttejjeb is-servizzi tal-konsumatur u tal-gvern; jirrikonoxxi li l-Big Data jaf iġġib aktar opportunitajiet ta' negozju u aktar disponibbiltà tal-għarfien u l-kapital, sakemm il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati jaħdmu flimkien b'mod kostruttiv; jenfasizza, madankollu, li s-suq uniku frammentat attwali qed idgħajjef l-iżvilupp ta' ekonomija mmexxija mid-data, il-Big Data, il-cloud computing, l-IoT u teknoloġiji oħra mmexxija mid-data;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

23. Jemmen li l-impedimenti teknoloġiċi ewlenin għall-iżvilupp ta' ekonomija mmexxija mid-data jinkludu n-nuqqas ta' interoperabbiltà u ta' qafas ta' interfaċċa komuni biex jiġu ffaċilitati l-komunikazzjoni tad-data tas-sensuri u tal-magni kif ukoll il-komunikazzjoni bejn id-dinja virtwali u dik fiżika, id-disponibbiltà insufficjenti ta' data miftuħa u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet tas-suq li jippermettu lill-intrapendituri jinnovaw u jikbru; jitlob lill-Kummissjoni tixpruna l-kondiviżjoni tar-riċerka biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet;

24. Jitlob lill-Kummissjoni tixpruna u tippromwovi l-kondiviżjoni tar-riċerka dwar il-ħolqien ta' qafas ta' interfaċċa komuni sabiex tnaqqas l-istandards duplikati u tiżgura interoperabbiltà teknika u semantika bl-għan li jiġi segwit proċess ta' ffissar ta' standards immexxi mill-ħtiġijiet tal-konsumatur u tan-negozju;

25. Jilqa' t-tħabbir ta' inizjattiva Ewropea dwar il-"Fluss Liberu tad-Data", li jetiġilha tneħħi l-ostakli eżistenti għas-suq uniku għad-data;

26. Jitlob ambjent regolatorju li jibqa' validu fil-futur u li jadatta għan-natura li tinbidel tas-settur, ikun newtrali mil-lat tat-teknoloġija, iħeġġeġ il-ħolqien ta' negozji ġodda u d-dħul fis-suq ta' operaturi ġodda, joħloq kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta filwaqt li jevita piż regolatorju eċċessiv, u jiżgura konformità sħiħa mal-istandards tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza; jilqa', f'dan il-kuntest, il-pjanijiet tal-Kummissjoni għal rieżami tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika; jinnota li azzjoni regolatorja għandha tkun mmexxija mis-suq; jemmen li għandu jkun hemm kundizzjonijiet ekwi li permezz tagħhom l-operaturi kollha, kbar u żgħar, ikunu jistgħu jinvestu, jinnovaw u jikkompetu għall-benefiċċju tal-utenti aħħarin Ewropej f'termini ta' għażla u aċċessibbiltà mil-lat finanzjarju;

27. Jinnota l-importanza tad-data miftuħa bħala materja prima ta' kwalità għolja għall-iżvilupp ta' servizzi u prodotti ta' informazzjoni b'valur miżjud; jenfasizza li d-data ġġenerata mill-istituzzjonijiet pubbliċi u mill-programmi ta' riċerka Ewropej bl-użu ta' fondi pubbliċi taħt programmi bħal Copernicus u Galileo għandha ssir disponibbli għaċ-ċittadini Ewropej skont mudell ta' aċċess miftuħ u għandha tkun aċċessibbli għal amministrazzjonijiet pubbliċi u negozji privati biex ikun jistgħu jtejbu l-kwalità tas-servizzi tagħhom filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet ta' proprjetà intelletwali fis-seħħ;

28. Jinnota li aktar data għanda tkun disponibbli, bl-għan ta' ekonomija iktar kompetittiva u innovattiva mmexxija mid-data, u li għaldaqstant il-pjattaformi tal-internet għandhom ikunu inkoraġġuti jirrilaxxaw is-settijiet tad-data tagħhom bħala data miftuħa f'forma anonimizzata u aggregata, b'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data;

29. Jemmen li jeħtieġ li jsir sforz akbar fir-rigward tal-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni tad-data bħala prekundizzjoni għal innovazzjoni kreattiva tad-data u pass kbir fit-tnaqqis tal-ostakli għad-dħul fis-suq għan-negozji ġodda u l-SMEs; jemmen li l-użu tat-teknoloġiji, inkluża l-estrazzjoni ta' test u ta' data (text and data mining) ikun fattur importanti sabiex jinkiseb valur miżjud minn settijiet ta' data miftuħa; jirrimarka, madankollu, li trid issir distinzjoni ċara bejn l-ipproċessar ta' data personali u tipi oħra ta' data, u li jridu jitfasslu soluzzjonijiet teknoloġiċi li jsaħħu l-privatezza fid-disinn;

30. Jenfasizza li l-prinċipji kollha stabbiliti fil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, bħall-korrettezza u l-legalità, il-limitazzjoni tal-iskop, il-bażi ġuridika għall-ipproċessar, il-kunsens, il-proporzjonalità, l-eżattezza u l-perjodi limitati għaż-żamma ta' data, iridu jiġu rispettati mill-forniturі tal-Big Data meta tiġi pproċessata d-data personali; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-privatezza u l-kompetittività fl-era tal-Big Data;

It-trawwim ta' negozji ġodda u SMEs fl-ekonomija mmexxija mid-data

31. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi żviluppata bażi soda ta' forniturі ta' servizzi, biex jiġu promossi l-benefiċċji u l-assi tal-użu integrat tad-data għall-ekonomija u s-soċjetà, u li titrawwem il-fiduċja fost l-SMEs fit-teknoloġiji relatati mal-Big Data; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-applikazzjoni mifruxa tas-servizzi tal-Big Data bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza f'setturi ekonomiċi differenti, u li jiġu appoġġjati forniturі ta' servizzi ġodda; jitlob li jitwaqqfu punti uniċi ta' servizz li jgħinu lill-SMEs jużaw aħjar id-data tagħhom stess u dik pubblika filwaqt li jaderixxu għal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

32. Jiddispjaċih għall-fatt li ħafna ideat u opportunitajiet qegħdin jintilfu jew jiġu realizzati barra mill-Ewropa minħabba kwistjonijiet ta' skala xprunati minn ostakli bħal piżijiet amministrattivi u aċċess għall-finanzi, li kollha kemm huma jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività tal-Ewropa; jitlob li l-akkwist ta' kapital privat jiġi ffaċilitat billi jiġu pprovduti l-inċentivi ġusti, inklużi sforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi li joriginaw minn regoli nazzjonali, amministrattivi, regolatorji u fiskali differenti; jitlob li jiġi stimulat l-iżvilupp ta' ekosistemi li jlaqqgħu istituzzjonijiet pubbliċi u privati li jipprovdu teknoloġija u infrastruttura ma' negozji ġodda li qed jipprovdu ideat ta' applikazzjoni;

33. Ifakkar li huma biss 1,7 % tal-kumpaniji li jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġiji diġitali avvanzati minkejja l-benefiċċji li jistgħu jġibu magħhom l-għodod diġitali fis-setturi ekonomiċi kollha; għaldaqstant, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jvaraw strateġija għall-intraprenditorija diġitali;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu ċentri Ewropej tal-ekonomija diġitali li jinkludu l-użu tal-Big Data u teknoloġiji oħra tad-data minn intraprendituri, SMEs u kumpaniji innovattivi kif ukoll iħaddnu r-riċerkaturi u l-ekonomija usa'; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu t-twaqqif ta' spazji għall-innovazzjoni u raggruppamenti sabiex jgħinu fl-iżvilupp ta' ħiliet, joħolqu vantaġġ kompetittiv fil-qasam tal-kapital intellettwali u biex jiġu mifhuma aħjar il-perspettivi u l-limitazzjonijiet tat-teknoloġija tal-Big Data;

35. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jtejbu l-isforzi koordinati tagħhom fil-faċilitajiet tal-iskola u edukattivi biex jagħmlu l-ICT attraenti fil-qasam vokazzjonali, b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet, u jemmen li tali sforzi għandhom jinkludu miżuri biex irawmu spirtu aktar imprenditorjali u jiffaċilitaw id-dħul fl-intraprenditorija tal-Big Data billi jwaqqfu negozji ġodda f'dan il-qasam, fejn b'hekk joħolqu aktar opportunitajiet ta' impjieg; jirrimarka dwar l-importanza li jiġi adottat approċċ multidixxiplinari għat-taħriġ ta' professjonisti u l-bini ta' tim;

36. Jitlob li jiġu varati inizjattivi, u jiġu rakkomandati mudelli ta' finanzjament, li jrawmu t-tagħlim tul il-ħajja u miżuri mfasslin apposta għal kulħadd, inklużi l-anzjani, u li jiffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni għall-professjonisti biex iwessgħu ħiliethom fl-ICT u l-ipproċessar tad-data, sabiex iżidu l-għadd ta' professjonisti b'ħiliet diġitali; jappella biex it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji tingħata post aktar prominenti fl-edukazzjoni kontinwa, u biex jitfasslu programmi ta' tmexxija elettronika; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat il-moviment tal-ħaddiema tas-sengħa madwar l-UE u miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet, inklużi miżuri speċifiċi biex jattiraw it-talent;

37. Jappoġġja inizjattivi biex il-kodifikazzjoni u suġġetti relatati mat-trattament tad-data jiddaħħlu fil-kurrikula nazzjonali; jenfasizza d-diversi vantaġġi ta' software bla ħlas fl-edukazzjoni, u jitlob attenzjoni partikolari fuq l-iżgurar li dawn il-kurrikula ġodda jimmotivaw lit-tfal jiskopru t-talenti tagħhom u jipparteċipaw fix-xjenza u l-kodifikazzjoni tad-data;

38. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jevitaw l-eżodu ta' mħuħ ta' esperti b'edukazzjoni għolja u kwalifikati lejn reġjuni oħra barra mill-Ewropa;

39. Jitlob li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' għodod "front end" li jippermettu li utenti finali każwali fl-SMEs jiżviluppaw mudelli tan-negozju ġodda mmexxija mid-data;

Involviment tas-soċjetà

40. Jitlob li jiġu stimulati inizjattivi li jżidu s-sensibilizzazzjoni u dibattiti pubbliċi fl-Istati Membri, f'livell Ewropew u internazzjonali dwar il-benefiċċji u l-valur b'mod partikolari rigward dawk il-gruppi li għad m'għandhomx aċċess għat-teknoloġiji diġitali jew mhumiex familjari sew magħhom; jitlob inizjattivi li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini vis-à-vis l-użu u l-valur tad-data tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' servizzi innovattivi ġodda, u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji u l-valur tal-Big Data għas-soċjetà;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

41. Jirrimarka li l-analitika tal-Big Data għandha l-potenzjal li taċċellera b'mod sinifikanti l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi innovattivi abbażi tal-użu ta' data tal-gvern miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku; jilqa', għaldaqstant, l-opportunitajiet li l-infrastruttura diġitali u l-użu integrat tad-data joffru biex jiżdiedu l-parteċipazzjoni u l-involviment popolari permezz ta' diversi forom ta' governanza elettronika u demokrazija elettronika;

42. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-azzjonijiet biex jiżviluppaw governanza elettronika; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, il-valur tal-IoT, u jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-qafas għal Suq Uniku Diġitali mal-miri eżistenti tal-Ewropa 2020; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu sfruttati bis-sħiħ ukoll il-vantaġġi tal-ekonomija kondiviża u tal-involviment inklużiv tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini;

o

o o

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0090

Is-sitwazzjoni fl-Eritrea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar is-sitwazzjoni fl-Eritrea (2016/2568(RSP))

(2018/C 050/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eritrea, b'mod partikulari dawk tas-7 ta' Frar 2002 ([1]), tat-18 ta' Novembru 2004 ([2]) u tal-15 ta' Settembru 2011 ([3]) dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, inkluż il-każ ta' Dawit Isaak,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 751 (1992), Nru 1882 (2009), Nru 1907 (2009), Nru 2023 (2011) u Nru 2244 (2015), li estendew l-embargo tal-armi impost fuq l-Eritrea sal-15 ta' Novembru 2016, u r-rapport tad-19 ta' Ottubru 2015 tal-Grupp ta' Monitoraġġ dwar is-Somalja u l-Eritrea,

— wara li kkunsidra r-rapport ippreżentat lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-19 ta' Ġunju 2015 mir-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea, Sheila B. Keetharuth,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (il-Ftehim ta' Cotonou), kif rivedut fl-2005 u fl-2010, li l-Eritrea hija firmatarja tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/127/PESK tal-1 ta' Marzu 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Eritrea ([4]), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/414/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 ([5]) u emendata ulterjorment bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/632/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju A tal-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-18 ta' Settembru 2014 mill-kelliem għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar il-priġunieri politiċi fl-Eritrea,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-SEAE dwar is-Sħubija bejn l-Eritrea u l-Unjoni Ewropea tal-2015,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Pajjiż ta' Ġunju 2014 tal-UN Women, li jirrigwarda l-Gvern tal-Istat tal-Eritrea,

— wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Nazzjonali għall-Eritrea taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp tat-3 ta' Frar 2016,

— wara li kkunsidra l-istqarrija lill-midja li saret mill-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea fit-8 ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-23 ta' Novembru 2011 u tal-25 ta' Ġunju 2013 tal-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea,

— wara li kkunsidra d-dibattitu tiegħu tas-27 ta' Mejju 2015 dwar l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE lill-Eritrea, fid-dawl ta' abbużi dokumentati tad-drittijiet tal-bniedem,

---

([1]) ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 359.
([2]) ĠU C 201 E, 18.8.2005, p. 123.
([3]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 146.
([4]) ĠU L 51, 2.3.2010, p. 19.
([5]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 74.
([6]) ĠU L 282, 16.10.2012, p. 46.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Eritrea adottata fl-1997, li tiggarantixxi l-libertajiet ċivili inkluża l-libertà ta' reliġjon,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 29 dwar ix-xogħol furzat, Nru 105 dwar l-abolizzjoni tax-xogħol furzat u Nru 87 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-protezzjoni tad-dritt ta' organizzazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tal-1981,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE ilha tappoġġja lill-Eritrea mindu ħadet l-indipendenza mill-Etjopja fl-1993; billi l-wegħda inizjali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt wara l-indipendenza tal-pajjiż inżammet lura mill-Gvern tal-Eritrea, bl-iskuża tad-difiża nazzjonali u s-servizz nazzjonali; billi l-elezzjonijiet presidenzjali ppjanati għall-1997 ma seħħew qatt, u billi l-kostituzzjoni rratifikata fl-istess sena qatt ma ġiet implimentata; billi l-elezzjonijiet reġjonali tal-2009 għad iridu jsiru; billi anke qabel ma xoljiet l-Assemblea Nazzjonali fl-2002, il-liġijiet kienu jgħaddu b'digriet tal-gvern;

B. billi l-indipendenza tal-Eritrea mill-Etjopja fl-1993 ħolqot aspettattivi fi ħdan il-komunità internazzjonali, kif ukoll fost il-poplu tal-Eritrea, li din kienet se tgħin lil dan tal-aħħar jibni pajjiż li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u ħieles mir-repressjoni; billi dan ma seħħx, iżda minflok kien hemm saħansitra aktar repressjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

C. billi r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU nnota li l-Eritrea għandha wieħed mill-agħar rekords tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, bi ksur ripetut tad-drittijiet tal-bniedem li jseħħ kuljum, u li ma ġie rreġistrat l-ebda titjib f'dawn l-aħħar snin; billi bosta żgħażagħ ħarbu mill-pajjiż biex jeħilsu mill-gvern repressiv u mil-lieva militari obbligatorja, li spiss tibda minn età żgħira ħafna, u billi l-istatut ta' perjodu ta' 18-il xahar servizz spiss jinkiser, b'tali mod li l-biċċa l-kbira tal-Eritreani jservu b'mod indefinit, u billi din il-lieva militari obbligatorja estiża timpedixxi t-tkabbir ekonomoku potenzjali tal-pajjiż; billi kwalunkwe żieda fis-salarji tas-servizz nazzjonali ma tfisser xejn peress li l-iżvalutazzjoni reċenti tan-nakfa u r-restrizzjonijiet bankarji wasslu għan-nuqqasijiet attwali fil-pajjiż; billi ħafna suldati tal-lieva jintużaw fix-xogħol furzat jew jingħataw dmirijiet ċivili; billi l-parti l-kbira ta' dawk fis-servizz nazzjonali jibqgħu f'sitwazzjoni ta' skjavitù, fejn kull xogħol, applikazzjoni għal xogħol kif ukoll il-possibbiltà li wieħed ikollu ħajja tal-familja huma kkontrollati; billi l-libertà ta' qima reliġjuża u ta' kuxjenza, il-libertà tal-midja u l-libertà ta' espressjoni mhumiex garantiti;

D. billi l-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea sabet li l-ksur fl-oqsma tal-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, it-tortura (inkluża t-tortura u l-iskjavitù sesswali), is-servizz nazzjonali bħala forma ta' skjavitù, ix-xogħol furzat u l-politika ta' "spara biex toqtol" fil-fruntiera jistgħu jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità;

E. billi Human Rights Watch tenfasizza li ma hemm l-ebda libertà ta' reliġjon fl-Eritrea; billi l-gvern jippersegwita strettament lil dawk iċ-ċittadini li jipprattikaw reliġjonijiet oħra barra l-erbgħa li jirrikonoxxi; billi anke fil-każ ta' reliġjonijiet rikonoxxuti, il-gvern xorta waħda jindaħal fil-prattika reliġjuża tan-nies;

F. billi l-attivitajiet omosesswali huma illegali fl-Eritrea, u l-gvern jirrifjuta li jimplimenta leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni li tipproteġi lil persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI);

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

G. billi d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa huma preżenti fl-oqsma kollha tas-soċjetà tal-Eritrea; billi n-nisa mhux biss huma f'riskju estrem ta' vjolenza sesswali fi ħdan l-armata u f'kampijiet ta' taħriġ militari, iżda anke fis-soċjetà ġenerali, fejn il-vjolenza kontra n-nisa titwettaq f'ambjent ta' impunità; billi huwa stmat li 89 % tal-bniet fl-Eritrea saritilhom Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF); billi f'Marzu 2007 il-gvern ħareġ proklama li fiha ddikjara li l-MĠF hija delitt, ipprojbixxa l-prattika tagħha u sponsorja programmi edukattivi li jiskoraġġixxu l-prattika matul dik is-sena; billi n-nisa jistgħu jitilfu l-intitolament tagħhom għal kupuni tal-ikel u aċċess għall-art;

H. billi għadd kbir ta' persuni Eritreani jiġu arrestati għal diversi raġunijiet mhux ġustifikabbli, bħal pereżempju talli esprimew fehmiet indipendenti, jew mingħajr ebda ġustifikazzjoni espliċita, u għaldaqstant għal perjodi ta' żmien mhux speċifikati; billi d-detenuti, inklużi t-tfal, jinżammu f'kundizzjonijiet estramament ħorox li f'xi każijiet jammontaw għal tortura u ċaħda ta' kura medika; billi d-detenuti nisa spiss jiġu mgħassa minn uffiċjali rġiel, u b'hekk dan iżid ir-riskju ta' vjolenza sesswali u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru; billi skont l-Indiċi tal-Freedom House (ir-rapport tal-2015), l-Eritrea għadha kklassifikata fost l-iżjed ambjenti repressivi tal-midja u rċeviet l-aktar punteġġ baxx possibbli li kklassifikaha bħala "l-agħar fost l-agħar", u għandha l-inqas rati ta' aċċess għall-internet – 1 % biss – fid-dinja;

I. billi d-dikjarazzjoni maħruġa fi Brussell fit-18 ta' Settembru 2014 mill-kelliem għas-SEAE esprimiet tħassib dwar id-detenzjoni ta' grupp ta' 11-il membru tal-parlament u membri eminenti tal-Front Popolari għad-Demokrazija u l-Ġustizzja (FPDĠ) mit-18 ta' Settembru 2001, mingħajr akkuża, sentenza jew il-possibbiltà li jaraw avukat, u dwar id-detenzjoni illegali ta' 10 ġurnalisti indipendenti mit-23 ta' Settembru 2001, fosthom Dawit Isaak, ċittadin tal-Iżvezja u l-uniku priġunier ta' kuxjenza Ewropew; billi l-Patrijarka Abune Antonios għadu f'iżolament u taħt detenzjoni domiċiljari minn Jannar 2006;

J. billi m'hemmx libertà tal-istampa, minħabba li l-midja indipendenti hija pprojbita fl-Eritrea, filwaqt li l-Indiċi Dinjija tal-Libertà tal-Istampa tal-Organizzazzjoni Reporters Without Borders ikklassifika lill-Eritrea fl-aħħar post fost il-170-180 pajjiż evalwat, u dan għal tmien snin konsekuttivi;

K. billi skont ir-Rapport tal-Iżvilupp tal-Bniedem tal-Programm ta' Żvilupp tan-NU tal-2015, l-Eritrea hija kklassifikata fil-182 post minn 188 pajjiż fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem għall-2015;

L. billi skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea hemm tliet oqsma ewlenin ta' tħassib, li huma: it-tgawdija tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata; il-kuntrabandu u t-traffikar; u ż-żieda fl-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati li jagħmlu parti minn aktar minn 5 000 persuna li qed jaħarbu mill-pajjiż kull xahar;

M. billi fis-26 ta' Ġunju 2015 mijiet ta' rifuġjati Eritreani pprotestaw quddiem il-kwartieri ġenerali tal-Unjoni Afrikana, fejn talbu li l-organizzazzjoni reġjonali tagħmel pressjoni favur riformi demokratiċi f'pajjiżhom; billi dimostranti akkużaw lil Isaias Afewerki – li ilu żmien twil jokkupa l-kariga ta' President tal-Eritrea – li huwa dittatur, u ħeġġew lill-Unjoni Afrikana tieħu azzjoni;

N. billi f'Novembru 2015 in-NU wissiet dwar nixfa serja fil-Qarn tal-Afrika, b'riżultat tal-evoluzzjoni attwali tal-El Niño; billi n-NU f'Diċembru 2015 iddikjarat li din in-nixfa hija l-akbar li qatt ġiet rreġistrata fir-reġjun, bl-għelejjel jonqsu b'bejn 50 % u 90 %; billi b'riżultat ta' dan, l-Eritrea hija wieħed mill-pajjiżi li se jiffaċċja l-isfida konsiderevoli li jiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel għall-popolazzjoni tiegħu;

O. billi, f'kontradizzjoni totali mar-realtà tan-nixfa, il-President tal-Eritrea ċaħad il-biżgħat ta' kriżi tal-ikel, filwaqt li qal li l-pajjiż mhuwiex se jħabbat wiċċu ma' kriżi, minkejja produzzjoni agrikola mnaqqsa;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P. billi l-UE hija donatur importanti lill-Eritrea f'termini ta' għajnuna għall-iżvilupp u assistenza;

Q. billi l-Gvern Eritrean issospenda unilateralment l-għajnuna fl-2011 u ma jirrikonoxxix pubblikament il-kollaborazzjoni u s-sħubija tiegħu mal-UE; billi l-Eritrea ma tiffaċilitax il-possibilità li l-MPE jżuru l-Eritrea liberament u mingħajr kontrolli;

R. billi t-telf tal-għajxien tagħhom iħeġġeġ lin-nisa u lit-tfal jaħarbu mill-pajjiż; billi fl-2015 l-Eritreani li ħarbu minn pajjiżhom kienu jikkostitwixxu r-raba' l-akbar numru ta' nies li ssugraw il-vjaġġ perikoluż lejn l-Ewropa (wara s-Sirjani, l-Iraqini u l-Afgani), li jgħaddu minn taħt idejn traffikanti bla ħniena biex jagħmlu l-qsim perikoluż tal-Mediterran; billi għaldaqstant is-sitwazzjoni fl-Eritrea taffettwa direttament lill-Ewropa, billi kieku d-drittijiet tal-bniedem kellhom jiġu rispettati u miżmuma fil-pajjiż, u n-nies ikunu jistgħu jgħixu hemmhekk mingħajr biża', l-Eritreani kienu jkunu jistgħu jirritornaw lejn pajjiżhom;

S. billi skont il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati ħarbu aktar minn 400 000 Eritrean, jew 9 % tal-popolazzjoni totali; billi l-UNHCR jikkalkula li madwar 5 000 Eritrean jitilqu mill-pajjiż kull xahar, u li fil-maġġorparti dan huwa minħabba l-persistenza ta' każijiet serji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi fl-2015 f'69 % tal-każijiet ta' asil li jikkonċernaw l-Eritreani, ingħata l-istatus ta' rifuġjat fl-UE, filwaqt li 27 % oħra tal-applikanti rċevew protezzjoni sussidjarja, ċifri li juru l-gravità tal-persekuzzjoni fl-Eritrea;

T. billi t-traffikar tal-bnedmin għar-riskatt akkumpanjat minn prattiki ta' tortura ħarxa fis-Sinaj huwa l-kaġun ta' bosta każijiet ta' qtil u ta' għajbien ta' rifuġjati Eritreani li ġew maħtufa, filwaqt li dawk li baqgħu ħajjin u li kienu severament ittrawmatizzati ma rċevew l-ebda kura jew appoġġ; billi teżisti impunità totali, filwaqt li dawk responsabbli għadhom ma tressqux quddiem il-ġustizzja; billi għandha tingħata attenzjoni partikulari lit-tfal mhux akkumpanjati li jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, peress li dawn jeħtieġu assistenza u appoġġ speċifiċi minħabba s-sitwazzjoni tagħhom ta' vulnerabbiltà partikulari;

U. billi fit-22 ta' Frar 2016 l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) fl-ambitu tal-Programm tas-Settur tas-Sigurtà (SSP) nediet uffiċjalment f'Addis Ababa (l-Etjopja) rapport ta' studju intitolat "Human Smuggling and Trafficking on the Horn of Africa-Central Mediterranean Route" (Il-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin tul ir-rotta mill-Qarn tal-Afrika għall-Mediterran Ċentrali);

V. billi l-Eritrea hija favur il-Proċess ta' Khartoum (inizjattiva tal-UE u l-Unjoni Afrikana mnedija fit-28 ta' Novembru 2014 bl-għan li tindirizza l-kwistjoni tal-migrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin), li jinkludi l-implimentazzjoni ta' proġetti konkreti, inkluż il-bini tal-kapaċità għall-ġudikatura u s-sensibilizzazzjoni;

W. billi l-UE inizjalment imponiet sanzjonijiet fuq l-Eritrea f'Marzu 2010 biex timplimenta r-Riżoluzzjoni Nru 1907 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u billi din kienet tinkludi embargo tal-armi, restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi relatati ma' persuni li jikkostitwixxu theddida għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali;

X. billi l-UE għandha interess qawwi li tara lill-Eritrea stabbilizzata, peress li s-sitwazzjoni attwali qiegħda tisforza parti mdaqqsa mill-popolazzjoni biex taħrab, u eluf ta' persuni qed jitilfu ħajjithom b'riżultat ta' attivitajiet kriminali, inkluż id-dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin;

Y. billi r-reġim jestendi l-ħakma totalitarja tiegħu fuq id-dijaspora Eritreana, billi jikseb b'mod vjolenti fondi mill-membri tiegħu permezz ta' taxxa ta' 2 % fuq id-dħul barrani, jispjuna fuqhom u jimmira fuq membri tal-familja li baqgħu fl-Eritrea fuq il-bażi ta' perċezzjoni ta' għemil ħażin; billi fit-28 ta' Jannar 2016 il-Ministru tal-Iżvilupp Nazzjonali tal-Eritrea kif ukoll il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE ffirmaw il-Programm Indikattiv Nazzjonali (PIN) taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) f'Asmara, b'valur ta' EUR 200 miljun għall-ħames snin li ġejjin; billi l-azzjonijiet għandhom jiffukaw fuq l-enerġija rinnovabbli, il-governanza u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikulari fis-settur tal-enerġija;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Z. billi fit-13 ta' Novembru 2015 il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament talab lill-Kummissjoni u lis-SEAE jqisu l-konklużjonijiet mibgħuta lill-Kumitat tal-FEŻ dwar l-abbozz tal-Programm Indikattiv Nazzjonali għall-Eritrea, li rrefera għall-iskala u s-serjetà tal-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mir-reġim tal-Eritrea, in-nuqqas ta' affidabbiltà ta' dan ir-reġim bħala sieħeb fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-korruzzjoni mifruxa u n-nuqqas kważi totali ta' trasparenza fil-ġestjoni finanzjarja pubblika fil-pajjiż, u r-riskju tal-użu ħażin tal-fondi tal-FEŻ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni; billi l-Kumitat għall-Iżvilupp talab lill-Kumitat tal-FEŻ ma jadottax il-PIN sakemm isiru aktar diskussjonijiet; billi l-pożizzjoni tal-Parlament ġiet injorata;

AA. billi l-FPDĠ stabbilixxa kontroll u sorveljanza fuq il-komunitajiet ta' rifuġjati u ta' diaspora permezz tal-ambaxxati, li huma involuti fl-estorsjoni fir-rigward ta' taxxi tad-dijaspora u kontribuzzjonijiet "volontarji" bi skambju għal servizzi, bħal karti tal-identità, passaporti, ċertifikati tat-twelid u dokumenti essenzjali li r-rifuġjati jaf ikunu jiddependu fuqhom; billi dawn il-prattiki jikkostitwixxu ksur tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi; billi l-mexxejja tal-organizzazzjoni taż-żgħażagħ tal-FPDĠ fin-Netherlands bdew kampanji legali kontra akkademiċi, midja u istituzzjonijiet governattivi Netherlandiżi, bl-appoġġ tal-mexxejja politiċi f'Asmara, preżumibbilment biex isikktu lil dawk li jikkritikaw ir-reġim; billi anke r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea kienet suġġetta għal theddid;

1. Jinnota bi ħassib kbir li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għadha deplorabbli u li l-istat tad-dritt u l-libertà tal-midja fl-Eritrea ma jeżistux;

2. Jenfasizza li l-indirizzar tad-defiċit ta' ġustizzja, governanza demokratika u r-ristawr tal-istat tad-dritt jeħtieġ jiġu pprijoritizzati billi tintemm it-tmexxija awtoritarja bil-biża' ta' detenzjoni arbitrarja u incommunicado, tortura u forom oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li wħud minnhom jistgħu jitqiesu bħala delitti kontra l-umanità;

3. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Eritrea jtemm is-sistema ta' servizz nazzjonali indefinit billi jiddemobilizza s-suldati tal-lieva li jkunu lestew it-18-il xahar ta' servizz obbligatorji u jtemm il-prattika li jinvolvi lis-suldati tal-lieva f'xogħol furzat wara dak il-perjodu, jipprevedi oġġezzjoni kuxjenzjuża, u jtemm il-prattika obbligatorja li l-istudenti kollha tal-iskola jqattgħu l-aħħar sena ta' skola tagħhom f'kamp ta' taħriġ militari; jitlob lill-gvern Eritrean jiżgura li ħadd ma jwettaq taħriġ militari qabel ma jagħlaq 18-il sena u li persuni ta' età ikbar mill-età normali tal-lieva ma jinqabdux biha; jinnota li l-awtoritajiet Eritreani fakkru, fi Frar 2016, li l-ftehim mal-UE ma kienx se jwassal għal xi riforma tal-politika dwar is-servizz militari tal-Eritrea;

4. Jemmen li l-Kumitat tal-FEŻ missu qies ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp li l-PIN ma jiġix adottat u li jsiru diskussjonijiet ulterjuri; iqis li d-deċiżjoni li jiġi adottat il-PIN għall-Eritrea minkejja l-oppożizzjoni tal-Parlament turi defiċit demokratiku u ddgħajjef gravament ir-rwol tal-Parlament fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-għanijiet tal-iżvilupp tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Parlament jingħata setgħat ta' skrutinju fuq il-FEŻ permezz ta' ftehim interistituzzjonali vinkolanti taħt l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp dwar abbozzi ta' dokumenti ta' programmar għandhom jintbagħtu awtomatikament mill-Kummissjoni lir-Rappreżentanzi Permanenti tal-Istati Membri;

5. Jieħu nota tal-allokazzjoni ta' EUR 200 miljun tul il-ħames snin li ġejjin għall-PIN taħt il-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, sabiex ikun promoss tnaqqis fil-faqar u l-iżvilupp soċjoekonomiku, jiġu indirizzati l-kawżi ekonomiċi u politiċi fundametnali tal-migrazzjoni, u jiġu ffinanzjati proġetti relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-governanza ekonomika; ifakkar li dan il-pakkett jikkomplementa oqsma oħra ta' kooperazzjoni bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR);

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi allokati ma jitgawdewx mill-Gvern tal-Eritrea iżda jkunu assenjati strettament biex jinqdew il-ħtiġijiet tal-poplu tal-Eritrea għall-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u s-sigurtà, u l-libertà tal-espressjoni, tal-istampa u tal-għaqda; iħeġġeġ lill-UE tiżgura l-kundizzjonalità tal-għajnuna li ntlaħaq qbil dwarha reċentement, u wkoll tiżgura li l-PIN jappoġġa lill-Eritrea biex tagħmel bidla importanti fil-politika tagħha tal-enerġija sabiex din tkun aċċessibbli għal kulħadd, speċjalment fiż-żoni rurali, li bħalissa għadhom mingħajr elettriku; jemmen, barra minn hekk, li l-komponent tal-PIN li jirrigwarda l-governanza għandu jiffoka ħafna fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali dwar id-drittijiet tal-bniedem immexxi min-NU;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

7. Ifakkar li l-minorenni mhux akkumpanjati huma l-ewwel u qabel kollox tfal li potenzjalment jinsabu fil-periklu, u li l-prinċipju fundamentali għall-Istati Membri u l-UE fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun il-protezzjoni tat-tfal aktar milli l-politiki tal-immigrazzjoni, biex b'hekk jiġi rispettat il-prinċipju ewlieni tal-aħjar interessi tat-tfal; ifakkar li, mingħajr eċċezzjoni, kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena għandha titqies bħala tifel jew tifla u għaldaqstant bħala minorenni; jindika li l-minorenni mhux akkumpanjati, b'mod partikulari l-bniet, huma doppjament suxxettibbli għall-problemi u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom minorenni oħra;

8. Jappella lill-komunità internazzjonali u lis-sħab għall-iżvilupp tal-Eritrea jintervjenu f'din is-sitwazzjoni u jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern Eritrean biex jippermetti l-għajnuna barranija għall-appoġġ ta' komunitajiet vulnerabbli qabel ma l-kriżi tmur għall-aghar; iħeġġeġ lill-UE tieħu miżuri urġenti u effettivi sabiex tgħin lill-poplu Eritrean isaħħaħ ir-reżiljenza tiegħu għall-fenomenu klimatiku magħruf bħala El Niño sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà tal-ikel, l-aċċess għall-ilma u s-sanità;

9. Jibqa' mħasseb sew dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet tal-Eritrea biex jeħilsu immedjatament u bla ebda kundizzjonjiet lill-membri parlamentari, ġurnalisti (inkluż iċ-ċittadin Żvediż Dawit Isaak, li ilha ma tinstema' aħbaru mill-2005), il-priġunieri politiċi u l-priġunieri ta' kuxjenza;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfittex garanziji ċari min-naħa tal-Gvern tal-Eritrea li se jimplimenta riformi demokratiċi u jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom billi jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet li saru mit-18-il sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Eżami Perjodiku Universali, li l-gvern Eritrean aċċetta fis-7 ta' Frar 2014; jitlob lill-gvern jippermetti aċċess għall-pajjiż lill-esperti indipendenti tan-NU u tal-Unjoni Afrikana, inkluż ir-Rapporteur Speċjali tan-NU, u jippermetti lill-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea teżerċita l-mandat tagħha bis-sħiħ u jikkoopera magħha, anke rigward kwistjonijiet ta' finanzi pubbliċi;

11. Ifakkar li l-libertà tar-reliġjon hija dritt fundamentali, u jikkundanna bil-qawwa kull tip ta' vjolenza jew diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon;

12. Jilqa' l-miżuri li ħa l-Gvern Eritrean fil-ġlieda kontra l-MĠF; jistieden lill-gvern isaħħaħ b'mod ġenerali l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa, fost l-oħrajn billi jieħu miżuri ulterjuri biex jiġġieled prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal, bikri u furzat, u jtemm l-impunità f'każijiet ta' vjolenza sesswali; jitlob lill-Gvern tal-Eritrea biex jirrispetta lill-unitajiet domestiċi mmexxija minn nisa weħidhom u jiżgura li dawn ikunu appoġġati u protetti;

13. Jikkundanna l-użu mill-Gvern tal-Eritrea "tat-taxxa tad-dijaspora", li tinġabar permezz ta' estorsjoni u mezzi illegali oħra mingħand l-Eritreani li jinsabu barra minn pajjiżhom u tintuża, bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tan-NU, biex tiffinanzja gruppi armati f'pajjiżi ġirien u b'hekk tiddestabbilizza r-reġjun; Iħeġġeġ lill-gvern biex itemm il-politiki ta' "ħtija b'assoċjazzjoni" li jolqtu lill-qraba ta' dawk li jevadu s-servizz nazzjonali, ifittxu li jaħarbu mill-Eritrea jew jonqsu milli jħallsu t-taxxa fuq id-dħul ta' 2 % imposta mill-gvern fuq l-espatrijati tal-Eritrea;

14. Jitlob li l-Eritrea tiffirma u timplimenta minnufih il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti u tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li t-tnejn li huma jipprojbixxu t-tortura; jinnota bi ħassib li l-atturi pubbliċi u privati, inklużi l-kumpaniji, huma ristretti ħafna minħabba l-kontroll min-naħa tal-gvern; jirrikonoxxi li n-nuqqas ta' kwalunkwe ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż in-nuqqas ta' baġit nazzjonali, jagħmel impossibbli l-kontroll baġitarju, u li l-funġibilità tar-riżorsi finanzjarji minħabba l-kontrolli tal-bank ċentrali min-naħa tal-gvern tista' tinkoraġġixxi x-xiri militari u b'hekk tikkontribwixxi għat-terroriżmu u d-destabbilizzazzjoni fir-reġjun;

15. Iħeġġeġ lill-kumpaniji internazzjonali kollha li jinvestu fl-Eritrea biex jaġixxu b'rispett tat-twettiq sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u biex ma jagħmlu l-ebda ħsara;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jinvestigaw ir-rwol tal-FPDĠ u l-fergħat varji tiegħu, inkluża l-fergħa taż-żgħażagħ, u jipprojbixxu l-forom kollha ta' assoċjazzjoni u attività li b'mod dirett jappoġġaw eżerċizzji ta' kontroll u sorveljanza fl-Ewropa, jimminaw il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, u joħolqu forom ta' intimidazzjoni u estorsjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġixxu ħalli jtemmu t-taxxa tad-dijaspora u biex jinvestigaw it-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati ma' kwalunkwe "kontribuzzjoni" magħmula minn assoċjazzjonijiet barranin marbutin mal-gvern Eritrean, u biex jipproteġu għalkollox id-drittijiet ta' asil tar-rifuġjati Eritreani kollha fl-Ewropa;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lill-Kunsill tal-Unjoni Afrikana, lill-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-awtoritajiet tal-Eritrea.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0091

Ir-Rapport 2015 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar ir-Rapport 2015 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (2015/2895(RSP))

(2018/C 050/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nri 817 (1993) u 845 (1993),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-Applikazzjoni tal-Ftehim Interim tat-13 ta' Settembru 1995,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 li jagħti lill-pajjiż l-istatus ta' kandidat għal sħubija fl-UE, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra t-12-il laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn il-pajjiż u l-UE, li saret fl-20 ta' Lulju 2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tal-President tas-Summit dwar il-Balkani tal-Punent, li sar fi Vjenna fis-27 ta' Awwissu 2015, u r-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għas-Summit ta' Vjenna 2015,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Lvant tal-Mediterran dwar ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, li saret fil-Lussemburgu fit-8 ta' Ottubru 2015, kif ukoll l-Istqarrija tal-Mexxejja maħruġa wara l-Laqgħa tal-Mexxejja dwar il-flussi ta' rifuġjati tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, li saret fi Brussell fil-25 ta' Ottubru 2015,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Missjoni ta' Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet tal-OSKE/ODIHR tas-27 ta' Novembru 2015,

— wara li kkunsidra l-prijoritajiet ta' riforma urġenti tal-Kummissjoni għall-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ta' Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar kwistjonijiet sistemiċi ta' stat tad-dritt fir-rigward tal-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet żvelata fir-rebbiegħa tal-2015,

— wara li kkunsidra l-ħames laqgħa tad-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni, li saret fi Skopje fit-18 ta' Settembru 2015,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2015 bit-titolu "L-istrateġija ta' tkabbir tal-UE" (COM(2015)0611), akkumpanjata mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport tal-2015 dwar l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" (SWD(2015)0212),

— wara li kkunsidra l-ftehim politiku (l-hekk imsejjaħ "Ftehim ta' Przhino") milħuq bejn l-erba' partiti politiċi ewlenin fi Skopje fit-2 ta' Ġunju u fil-15 ta' Lulju 2015,

— wara li kkunsidra t-13-il laqgħa tal-Kumitat Parlamentari Konġunt (KPK) bejn l-UE u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li saret fi Skopje fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2015,

([1]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Frar 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-pajjiż,

— wara li kkunsidra x-xogħol ta' Ivo Vajgl bħala rapporteur permanenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin għall-pajjiż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-prospett tal-adeżjoni mal-UE huwa inċentiv ewlieni għal aktar riformi, b'mod partikolari fir-rigward tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u huwa sors ta' tama għal futur prosperu għall-ġenerazzjonijiet żgħażagħ; billi l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika juri ammont konsiderevoli ta' appoġġ pubbliku favur sħubija fl-UE fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

B. billi l-istat tad-dritt, il-libertà tal-midja, il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajba ta' viċinat huma partijiet essenzjali mill-proċess ta' tkabbir tal-UE;

C. billi l-pajjiż ilu għaxar snin pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE u għadu meqjus bħala fost l-aktar kandidati avvanzati fir-rigward tal-allinjament mal-acquis;

D. billi l-pajjiżi kandidati (potenzjali) jiġu ġġudikati fuq il-merti tagħhom stess, u r-rapidità u l-kwalità tar-riformi meħtieġa jiddeterminaw il-kalendarju għall-adeżjoni;

E. billi l-Kummissjoni, appoġġata mill-Parlament, ripetutament appellat għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni, filwaqt li enfasizzat l-importanza tan-negozjati bħala mutur ewlieni għall-proċess ta' riformi meħtieġa;

F. billi l-Kunsill kien qed jimblokka l-progress fil-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiż parzjalment minħabba l-kwistjoni mal-Ġreċja dwar l-isem, li għad mhijiex solvuta; billi l-kwistjonijiet bilaterali m'għandhomx jintużaw biex ixekklu l-proċess ta' adeżjoni iżda għandhom jiġu indirizzati fi spirtu kostruttiv kemm jista' jkun kmieni fil-proċess ta' adeżjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipji u l-valuri tan-NU u tal-UE;

G. billi hemm kunsens bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament li ż-żamma tar-rakkomandazzjoni pożittiva biex jinfetħu n-negozjati dwar l-adeżjoni għandha tkun tiddependi mill-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim politiku ta' Ġunju/Lulju 2015 u progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti; billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim politiku toħloq ambjent li fih ikun hemm prospett realistiku ta' soluzzjoni negozjata għall-kwistjoni dwar l-isem mal-Ġreċja;

H. billi l-mentalità politika diviżiva, in-nuqqas ta' kompromess u l-kollass ta' djalogu ħadu l-forma ta' kriżi politika, li wasslet għall-ibbojkottjar tal-parlament tal-pajjiż mill-akbar partit tal-oppożizzjoni u kompliet timmina l-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi; billi hija r-responsabilità komuni kemm tal-gvern kif ukoll tal-oppożizzjoni li jiżguraw kooperazzjoni politika sostenibbli, li hija essenzjali għall-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż, għat-twettiq tal-aġenda Ewropea u għall-ġid komuni taċ-ċittadini tiegħu;

I. billi l-pajjiż qed iħabbat wiċċu ma' sfidi serji relatati ma' komunikazzjonijiet interċettati, li enfasizzaw nuqqasijiet u preokkupazzjonijiet kruċjali; billi l-kriżi politika ta' dan l-aħħar uriet in-nuqqas ta' sistema effettiva ta' kontrolli u bilanċi ġewwa l-istituzzjoinjiet tal-Maċedonja u l-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza u r-responsabilità pubblika, inkluż mekkaniżmi adegwati għas-superviżjoni tas-servizzi ewlenin u tal-istrutturi interni;

J. billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim politiku bejn il-mexxejja tal-erba' partiti politiċi prinċipali hija kruċjali għall-istabilità tal-pajjiż; billi dan il-ftehim kien jipprevedi, *inter alia*, soluzzjoni għall-istaġnar politiku, ir-ritorn tal-oppożizzjoni fil-parlament, l-implimentazzjoni ta' riformi sistemiċi dwar l-istat tad-dritt, it-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat, ir-riżenja tal-gvern preżenti u tal-Prim Ministru mill-anqas 100 jum qabel l-elezzjonijiet parlamentari bikrija, it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali u elezzjonijiet parlamentari bikrija ħielsa u ġusti;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

K. billi fost il-kwistjonijiet kritiċi fil-proċess ta' riforma hemm l-influwenza politika fil-midja, il-ġudikatura u l-amministrazzjoni pubblika, il-korruzzjoni u t-tlestija tar-reviżjoni tal-Ftehim ta' Ohrid;

L. billi l-pajjiż ilu jiffaċċja fluss bla preċedent ta' rifuġjati li jittranżitaw mit-territorju tiegħu;

M. billi, wara aktar minn 10 snin, il-pajjiż u l-Greċja stabbilew mill-ġdid reċiprokament żjarat bilaterali fil-livell tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim bejn l-erba' partiti tat-2 ta' Ġunju u tal-15 ta' Lulju 2015 u l-faċilitazzjoni tiegħu mill-Kummissarju għat-Tkabbir, mit-tliet Membri tal-Parlament Ewropew u mill-medjatur tal-UE fuq il-post; iħeġġeġ lill-partiti politiċi biex jassumu r-responsabilitajiet rispettivi tagħhom lejn iċ-ċittadini u jiżguraw mingħajr dewmien u b'mod kostruttiv l-implimentazzjoni fil-ħin tal-impenji kollha tagħhom b'mod sostenibbli u negozjat, inkluż l-impenn tagħhom li jsaħħu r-relazzjonijiet tajba ta' viċinat, anke sabiex tinżamm ir-rakkomandazzjoni pożittiva biex jinfetħu n-negozjati dwar sħubija fl-UE; iħeġġiġhom ukoll biex jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fi djalogu politiku u jkomplu jagħmlu sforzi kontinwi ħalli jerġa' jkun hemm il-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet sabiex tinżamm l-istabilità politika u titħaffef l-aġenda tar-riforma bil-għan li tiżgura l-integrazzjoni Ewro-Atlantika u l-perspettiva Ewropea tal-pajjiż;

2. Jieħu nota tal-fatt li numru ta' obbligi previsti fil-Ftehim ta' Ġunju/Lulju 2015 twettqu skont l-iskadenzi u l-objettivi maqbula, iżda jiddispjaċih dwar it-tendenza li jiddewmu xi wħud mill-impenji u dwar xi passi lura fir-rigward tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti; jenfasizza l-aspetti tal-Ftehim li jirreferu għal riformi strutturali, u l-ħtieġa li l-partijiet kollha jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fil-Grupp ta' Ħidma organizzata mill-medjatur tal-UE fuq bażi kontinwa u dwar il-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni tal-ftehim, anki waqt il-perjodu tal-elezzjoni; jistieden lill-partijiet kollha biex ipoġġu l-interessi tal-pajjiż qabel l-interessi tal-partit u jinsisti li qbil bejn il-partiti kollha jibqa' essenzjali sabiex jiġu ssodisfatti l-elementi kollha tal-Ftehim ta' Ġunju/Lulju 2015, li jqiegħed lill-pajjiż lura fit-triq it-tajba lejn perspettiva Ewro-Atlantika; jilqa' r-ritorn fil-parlament tal-partit ewlieni tal-oppożizzjoni, l-SDSM, fl-1 ta' Settembru 2015; jilqa' l-ħatra ta' Prosekutur Speċjali fil-15 ta' Settembru 2015 biex imexxi investigazzjonijiet indipendenti u bir-reqqa; jinnota li l-emendi għall-kodiċi elettorali l-ġdid, il-liġi li tistabbilixxi Kumitat ta' Inkjesta, il-liġi dwar il-gvern u l-liġi dwar il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Elettorali tal-Istat il-ġdida ġew adottati b'dewmien;

3. Jilqa' l-impenn tal-mexxejja tal-partiti politiċi ewlenin, skont il-ftehim tat-2 ta' Ġunju 2015, biex jaħdmu lejn it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat bħala element essenzjali biex il-pajjiż jitqarreb aktar lejn l-Unjoni Ewropea;

4. Jinnota li, skont il-Ftehim ta' Ġunju/Lulju 2015, il-gvern il-ġdid se jieħu l-ġurament fil-15 ta' Jannar 2016, 100 jum qabel id-data miftiehma għal elezzjonijiet parlamentari bikrin; jieħu nota tal-votazzjoni tal-Parlament tal-Maċedonja fit-23 ta' Frar 2016 li tistabbilixxi data ġdida għal elezzjonijiet parlamentari bikrija tal-5 ta' Ġunju 2016; jiddispjaċih madankollu li ntilfet opportunità biex jinstab kunsens bejn il-partijiet kollha; ifakkar li dawn l-elezzjonijiet se jkunu test importanti għall-proċess demokratiku tal-pajjiż; jinsisti li l-partiti politiċi kollha jagħmlu sforzi biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet kredibbli, u jenfasizza l-importanza kbira li dawn l-elezzjonijiet ikunu liberi, ġusti, f'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li l-elezzjonijiet jitħejjew skont l-ogħla standards internazzjonali, inkluż l-iżgurar ta' proċeduri ta' elezzjoni ħielsa u ġusti u t-tisħiħ tal-libertà tal-midja; jesprimi preokkupazzjoni dwar il-pass bil-mod tal-verifika tal-lista tal-votanti u r-riforma tal-midja; jenfasizza li l-Kummissjoni Elettorali tal-Istat għandu jkollha kapaċità sħiħa li twettaq ħidmitha, u li metodoloġija għall-verifika tal-lista tal-votanti għandu jintlaħaq qbil dwarha mill-partiti kollha, b'livell miftiehem ta' kontrolli fuq il-post biex jiżgura l-leġittimità; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li l-atturi politiċi kollha jirrispettaw ir-riżultati tal-elezzjoni u jipparteċipaw attivament fl-attivitajiet parlamentari; jinnota r-responsabilità kondiviża tal-forzi politiċi ewlenin għall-proċess ta' tħejjija tal-elezzjonijiet; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tkun preżenti għal osservazzjoni elettorali;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

6. Iqis li huwa ta' importanza strateġika li tiġi żgurata l-kontinwità fl-appoġġ għall-progress Maċedonjan lejn sħubija fl-UE; jinnota li r-rakkomandazzjoni biex jinfetħu n-negozjati dwar l-adeżjoni għandha ssir bil-kundizzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim politiku ta' Ġunju/Lulju 2015 u progress sostanzjali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti; jistieden lill-Kunsill biex jindirizza din il-kwistjoni mill-aktar fis possibbli wara l-elezzjonijiet parlamentari bikrija, kif indikat mill-Kummissjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu l-prekundizzjonijiet għal elezzjonijiet demokratiċi u ġusti, inter alia permezz tat-tħejjija ta' reġistru ta' votanti affidabbli u l-libertà tal-midja; jilqa' l-livell għoli ta' allinjament mal-acquis leġiżlattiv u l-fatt li l-pajjiż għamel progress tul din l-aħħar sena f'25 minn fost it-33 kapitolu tal-acquis;

7. Iqis li huwa essenzjali għall-proċess demokratiku li l-Prosekutur Speċjali tingħata appoġġ sħiħ biex twettaq il-funzjonijiet maqbula tagħha u żżomm awtonomija sħiħa, u r-riżorsi kollha meħtieġa biex tinvestiga nuqqasijiet li nkixfu mill-interċettazzjonijiet telefoniċi; jitlob li jintemmu l-ostruzzjonijiet fil-qrati kontra r-riferiment ta' provi lill-Prosekutur Speċjali, u li jiġu appoġġati emendi fil-liġi bl-għan li tiġi żgurata l-awtorità awtonoma tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tax-xhieda f'każijiet li l-uffiċċju tagħha jkun responsabbli għalihom;

8. Iqis li huwa essenzjali għall-proċess demokratiku li l-Prijoritajiet Ta' Riforma Urġenti dwar riformi sistemiċi dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu implimentati mingħajr dewmien; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lura lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim politiku u l-Prijoritajiet Ta' Riforma Urġenti wara l-elezzjonijiet parlamentari bikrin, u tagħti valutazzjoni dwar it-tmexxija tal-elezzjonijiet;

9. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-parlament tal-pajjiż fl-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż u bħala forum għal djalogu politiku u rappreżentanza politika; jitlob li l-funzjonijiet leġiżlattivi u ta' sorveljanza tal-pajjiż jittejbu u jissaħħu; jitlob li l-kumitati parlamentari rilevanti jitlaqqgħu b'mod regolari u jitħaddmu mingħajr xkiel rigward l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sigurtà u l-kontrospjunaġġ; jinnota li l-iskadenzi stabbiliti fil-Ftehim Politiku fil-każ ta' rapporti li jsiru mill-kumitati parlamentari ma ġewx sodisfatti; jitlob il-finalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar l-avvenimenti li seħħew fil-parlament fl-24 ta' Diċembru 2012; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kumitat ikollu aċċess mingħajr xkiel għat-tagħrif, xhieda u għajnuna teknika meħtieġa, kif ukoll li jkun hemm kontroll parlamentari kredibbli tax-xogħol tas-sevizzi ta' intelligence, inklużi l-verifiki u l-bilanċi neċessarji tal-poter eżekuttiv;

10. Huwa mħasseb dwar ir-rata baxxa ħafna ta' kontrolli u sorveljanza interni u esterni tas-servizzi ta' intelligence; jitlob b'mod urġenti li jissaħħaħ ir-rwol ta' sorveljanza tal-istituzzjonijiet rilevanti fuq dawn is-servizzi u għal implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar kwistjonijiet sistemiċi ta' stat tad-dritt fir-rigward tal-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet żvelata fir-rebbiegħa tal-2015;

11. Huwa mħasseb li l-amministrazzjoni pubblika Maċedonjana baqgħet suġġetta għal influwenza politika; iħeġġeġ lill-gvern biex isaħħaħ il-professjonaliżmu, in-newtralità u l-indipendenza fil-livelli kollha u jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji tar-responsabilità, tat-trasparenza u tal-mertu; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw b'mod sostenibbli l-Liġi dwar il-Uffiċjali Amministrattivi u l-Liġi dwar l-Impjegati Pubbliċi, b'konformità sħiħa mal-prinċipji tat-trasparenza, il-meritokrazija u r-rappreżentanza ugwali, u jadottaw strateġija komprensiva għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika għall-2016–2020, inkluż pjan ta' azzjoni, u programm ta' riforma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika;

12. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u t-tfassil ta' politika inklużiv u bbażat fuq il-provi, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tal-politiki u l-linji ta' responsabilità; jitlob għall-iżvilupp ta' programm ta' taħriġ magħżul għall-persunal tal-amministrazzjoni pubblika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza u possibilitajiet ta' skambju f'dan ir-rigward;

13. Jappoġġa l-pjanijiet tal-gvern biex tiżdied l-aċċessibilità għas-servizzi pubbliċi billi jipprijoritizza l-iżvilupp tas-servizzi elettroniċi; jissuġġerixxi li l-gvern ifittex opportunitajiet ta' ġemellaġġ u jieħu kont tal-aħjar prattiki eżistenti; jinnota li s-servizzi elettroniċi inaqqsu l-piż burokratiku għall-Istat, għaċ-ċittadini u meta jkun qed isir in-negozju; iqis, barra minn hekk, li s-servizzi elettroniċi jkunu jistgħu jtejbu l-prestazzjoni ekonomika tal-pajjiż u jippermettu t-tisħiħ fit-trasparenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

14. Jinnota l-qafas legali stabbilit sew u l-miżuri preċedenti fir-rigward tar-riforma ġudizzjarja, iżda jiddeplora l-każijiet ta' ġustizzja selettiva, b'mod partikolari permezz tal-użu ħażin tal-Artikolu 353 tal-Kodiċi Kriminali; jitlob, għal darba oħra, li jkun hemm rieda politika biex titneħħa l-influwenza politika fil-ħatra u l-promozzjoni ta' mħallfin u prosekuturi, u biex jiġu żgurati il-professjonaliżmu u l-indipendenza tal-Kunsill Ġudizzjarju; jenfasizza l-ħtieġa għal funzjonament effiċjenti, persunal suffiċjenti, persunal suffiċjenti u l-indipendenza tal-qrati amministrattivi u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Akkademja għall-Imħallfin u l-Prosekuturi; jitlob it-tħejjija u l-konsultazzjoni xierqa tal-partijiet interessati dwar Strateġija ta' Riforma Ġudizzjarja 2015-2020 u pjan ta' azzjoni ġodda;

15. Iqis li s-soċjetà ċivili hi organizzata tajjeb, iżda jibqa' mħasseb dwar il-klima diffiċli li topera fiha u l-attakki pubbliċi minn politiċi u mill-midja fuq organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ); jistieden lill-awtoritajiet biex ma jiddiskriminawx kontra l-OSĊ abbażi ta' affiljazzjoni politika, fehmiet reliġjużi jew kompożizzjoni etnika; jiddispjaċih dwar il-kooperazzjoni insuffiċjenti mal-OSĊ, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, fit-tfassil tal-politika u tal-liġijiet; jistieden lill-awtoritajiet biex jinkoraġġixxu lill-OSĊ biex jipparteċipaw b'mod attiv fis-superviżjoni tal-proċess elettorali kollu; iħeġġeġ lill-gvern biex jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-OSĊ billi jikkonsulta magħhom matul il-proċess ta' tfassil ta' leġiżlazzjoni u ta' politika, jiżviluppa l-pjan ta' azzjoni 2015-2017 rilevanti, jistabbilixxi l-Kunsill ta' Kooperazzjoni mal-OSĊ, jiffaċilita d-djalogu meħtieġ u jinkludi l-OSĊ fit-tfassil tal-politika b'mod regolari u strutturat; jinnota bi preokkupazzjoni l-ġlied vjolenti bejn id-dimostranti u l-pulizija waqt id-dimostrazzjonijiet ta' Mejju 2015 u jistieden lill-gvern biex jiżgura r-rispett sħiħ tal-libertà ta' assemblea;

16. Itenni li l-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili għandhom jieħdu miżuri xierqa biex tintlaħaq ir-rikonċiljazzjoni storika sabiex tingħeleb il-firda bejn u fi ħdan id-diversi gruppi etniċi u nazzjonali, inklużi ċ-ċittadini ta' identità Bulgara;

17. Iħeġġeġ lill-pajjiż biex iwaqqaf kumitati esperti konġunti mal-ġirien tiegħu dwar l-istorja u l-edukazzjoni u biex joqgħod lura milli juża materjali edukattiv li jista' jkun fih lingwaġġ offensiv lejn pajjiżi oħra, bl-għan li jikkontribwixxi għal interpretazzjoni tal-istorja oġġettiva u bbażata fuq il-fatti, għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni akkademika u l-promozzjoni ta' attitudnijiet pożittivi fiż-żgħażagħ fir-rigward tal-ġirien tagħhom;

18. Jilqa' l-isforzi li saru sa issa mill-awtoritajiet biex jirkupraw l-arkivji tas-servizzi sigrieti Jugoslavi rilevanti mis-Serbja, u jħeġġiġhom biex jiffinalizzaw il-proċess, li jikkostitwixxi pass importanti lejn il-firda mill-passat Komunista u t-triq lejn aktar demokratizzazzjoni, responsabilità u saħħa istituzzjonali;

19. Jibqa' mħasseb dwar il-korruzzjoni mifruxa, b'mod partikolari fi ħdan l-amministrazzjoni tal-istat u dik lokali, fl-akkwist pubbliku u fil-finanzjament ta' partiti politiċi; iħeġġeġ lill-gvern biex jiġġieled il-korruzzjoni b'mod mhux selettiv sabiex jiżviluppa rekord kredibbli kemm fil-prevenzjoni kif ukoll fil-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni fuq livell għoli, u biex jiżgura li l-korpi kollha li jinfurzaw il-liġi u superviżorji jkollhom l-awtonomija suffiċjenti biex jaġixxu b'mod indipendenti; jieħu nota tal-adozzjoni tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi f'Novembru 2015 u jħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħha f'konformità mal-istandards Ewropej; iħeġġeġ lil OSĊ indipendenti u lill-midja biex jixkfu kwistjonijiet ta' korruzzjoni u jappoġġaw investigazzjonijiet u proċessi indipendenti u imparzjali; jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-pulizija, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, u għat-tisħiħ tal-persunal u l-kapaċitajiet tekniċi tal-Ministeru tal-Intern biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni; jappella għal aktar skrutinju ta' kunflitti potenzjali ta' interess u tal-assi ta' uffiċjali eletti u maħtura bl-istabbiliment ta' reġistru ċentrali ta' tali uffiċjali;

20. Jilqa' l-fatt li l-pulizija u l-Uffiċċju Tal-Prosekutur Pubbliku ġew imsaħħa fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u li ttieħdu passi, fosthom operazzjonijiet reġjonali/internazzjonali, biex jipprevjenu u jiġġieldu t-traffikar tal-bnedmin; ifaħħar il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ġirien, l-Istati Membri tal-UE u l-Eurojust fl-iżmantellar ta' diversi netwerks ta' kriminalità organizzata; iħeġġeġ aktar titjib fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, inkluż dawk f'pajjiżi ġirien, u t-tisħiħ tas-setgħat u r-riżorsi tal-qrati u l-Aġenzija għall-Ġestjoni tal-Propjetà Sekwestrata; jitlob li jibda jitħaddem iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fil-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u biex jiġi stabbilit rekord ta' mġiba tajba fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; ifaħħar il-parteċipazzjoni tal-pajjiż f'inizjattivi reġjonali fil-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' armi u splussivi; iħeġġeġ it-tisħiħ ulterjuri fil-kooperazzjoni f'dan il-qasam bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Maċedonja, kif ukoll il-gvernijiet fir-reġjun;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

21. Jinnota l-kontribut importanti għall-isforzi reġjonali biex jiġi miġġieled ir-radikalizzazzjoni Iżlamika; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' strateġija komprensiva u pjan ta' azzjoni biex ir-radikalizzazzjoni tiġi evitata u miġġielda, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' mexxejja u komunitajiet reliġjużi, u biex jitkomplew l-isforzi biex jiġu identifikati, evitati u mxekkla ġellieda terroristiċi barranin; itenni bil-qawwa l-ħtieġa li l-gvern jiddefinixxi strateġija proattiva komuni għall-politika barranija tas-sigurtà u d-difiża, minħabba t-theddida terroristika internazzjonali attwali;

22. Jinsisti li investigazzjonijiet dwar l-avvenimenti f'Kumanovo jiġu kkumpletati; jilqa' d-dikjarazzjonijiet minn atturi politiċi li l-avvenimenti f'Kumanovo ma għandhomx ikunu marbuta ma' relazzjonijiet interetniċi;

23. Ifakkar lill-gvern u lill-partiti politiċi fir-responsabilità tagħhom li joħolqu kultura ta' inklużjoni u tolleranza; itenni t-talba tiegħu biex il-liġi kontra d-diskriminazzjoni tiġi allinjata mal-acquis rigward id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru; jinnota li l-Kummissjoni l-ġdida kontra d-diskriminazzjoni fiha biss membru mara u li l-membri tagħha ġew eletti fuq il-bażi tal-affiljazzjoni politika mal-koalizzjoni fil-poter, li jqajjem il-kwistjoni dwar jekk tistax tiffunzjona b'manjiera imparzjali u effikaċi; jikkundanna l-użu ta' kull tip ta' vjolenza kontra l-komunità LGBTI u jtenni t-talba tiegħu li dawk responsabbli għal dawn l-atti ta' vjolenza jitressqu quddiem il-ġustizzja; jenfasizza l-ħtieġa biex jiġu miġġielda l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni bbażati fuq kwalunkwe raġuni kontra r-Rom, u biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom u l-aċċess tagħhom għas-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol; jilqa' b'sodisfazzjon il-liġi l-ġdida dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, iżda jinnota li din tonqos milli tirrikonoxxi l-forom kollha ta' vjolenza; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti biex jipprovdu servizzi ta' appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza domestika u biex jiġi allokat baġit suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni favur l-ugwaljanza bejn is-sessi;

24. Jafferma mill-ġdid li l-liġi kontra d-diskriminazzjoni għandha tiġi emendata biex issir konformi mal-acquis rigward il-kategoriji kollha ta' diskriminazzjoni elenkati fl-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jikkundanna diskors ta' mibegħda kontra gruppi diskriminati u jitlob investigazzjoni u prosekuzzjoni fil-pront, imparzjali u effettivi tad-delitti u attakki kollha tal-mibegħda kontra persuni għal raġunijiet diskriminatorji;

25. Jilqa' f'dan il-kuntest id-"Dikjarazzjoni ta' Pristina" li titlob lill-gvernijiet u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u tas-soċjetà ċivili japplikaw bir-reqqa l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ugwaljanza meta jaħdmu u jieħdu azzjoni f'dak li jikkonċerna l-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tar-Rom u l-glieda kontra l-anti-Żingariżmu fil-Balkani tal-Punent;

26. Jieħu nota tal-progress li sar fit-titjib tar-rispett tad-drittijiet tat-tfal; jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied u tiġi monitorata r-reġistrazzjoni f'faċilitajiet ta' żvilupp fit-tfulija bikrija, speċjalment għal dawk it-tfal l-aktar vulnerabbli; jenfasizza l-importanza li tittejjeb l-inklużjoni tat-tfal b'diżabilità permezz ta' servizzi integrati; jenfasizza l-ħtieġa li tinġabar data affidabbli u diżaggregata dwar is-sitwazzjoni tat-tfal Rom u li jkun hemm bidliet leġiżlattivi sabiex jiġu evitati ż-żwiġijiet tat-tfal; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni fost il-professjonisti għall-prevenzjoni ta' u r-rispons għal vjolenza kontra t-tfal;

27. Jinnota bi preokkupazzjoni li l-koeżistenza bejn il-gruppi etniċi tibqa' waħda fraġli; jistieden lill-partiti politiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha biex jippromwovu b'mod attiv soċjetà inklużiva u tolleranti multietnika u multireliġjuża; jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ iżjed proattiv biex jisaħħu l-koeżistenza u d-djalogu, u biex tinkiseb koeżjoni bejn id-diversi komunitajiet etniċi, nazzjonali u reliġjużi; ifakkar lill-gvern, lill-istituzzjonijiet u lill-mexxejja politiċi dwar l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid (OFA) u biex ilestu l-analiżi tiegħu, inkluż rakkomandazzjonijiet ta' politika; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-qagħda b'rabta mal-koeżistenza bejn gruppi etniċi fil-pajjiż u dwar l-implimentazzjoni tal-OFA; jappella għal koordinament aħjar tal-programm ta' deċentralizzazzjoni strateġika għall-2015-2020 u l-pjan ta' azzjoni tiegħu;

28. Ifakkar li l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jgħinu biex tinħoloq kultura ta' tolleranza u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni bejn id-diversi gruppi etniċi; itenni r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu rigward l-edukazzjoni integrata, u jistieden lill-gvern u lill-awtoritajiet lokali kompetenti biex jiżguraw proċess trasparenti u inklużiv rigward l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija dwar l-Edukazzjoni Integrata billi jiġu allokati biżżejjed fondi u jiġu inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' reviżjoni u ta' implimentazzjoni tagħha;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

29. Jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet tal-uffiċċju tal-Ombudsman u korpi konsultattivi oħra jiġu segwiti minn korpi statali kollha b'rispett sħiħ tal-liġi u tal-prinċipju ta' responsabilità, jiżguraw sanzjonijiet legali effikaċi għal non-konformità ma' talbiet u rakkomandazzjonijiet ta' korpi indipendenti u jiżguraw li l-Liġi dwar l-Ombudsman tkun emendata biex tkun kompletament konformi mal-prinċipji ta' Pariġi definiti min-NU dwar l-istatus u t-tħaddim tal-istituzzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

30. Itenni l-importanza tal-libertà u l-indipendenza tal-midja bħala waħda tal-valuri fundamentali tal-UE u l-pedament ta' kull demokrazija; jiddeplora d-deterjorazzjoni ulterjuri tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja; jiddispjaċih f'dan il-kuntest li, fl-indiċi kkompilat minn Ġurnalisti Mingħajr Fruntieri, il-pajjiż niżel mill-34 post fl-2009 għall-117-il post fl-2015; huwa mħasseb ħafna dwar il-pressjoni politika, diskors ta' mibegħda, it-tkomplija tal-polarizzazzjoni, in-nuqqas ta' indipendenza u pluraliżmu fil-midja, l-interċezzjoni illegali tal-ġurnalisti, il-każijiet ta' vjolenza u theddid kontra l-ġurnalisti u l-intimidazzjoni u l-awtoċensura, l-interferenza politika sistemika fil-politiki editorjali u l-istandards professjonali u etiċi dgħajfa ta' xi ġurnalisti, kif ukoll in-nuqqas ta' rappurtar investigattiv u bilanċjat;

31. Iħeġġeġ it-teħid ta' passi biex tissaħħaħ il-libertà tal-midja; jistieden lill-partiti kollha biex jiftiehmu dwar riforma urġenti tal-midja li se tiżgura korp regolatorju indipendenti rappurtar oġġettiv u professjonali; iħeġġeġ lill-gvern jinforza kriterji trasparenti u oġġettivi fuq it-tħabbir mis-servizzi pubbliċi, u biex jiżgura l-implimentazzjoni trasparenti u mhux arbitrarja tal-liġi l-ġdida dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi tal-midja awdjoviżivi, fosthom it-tisħiħ tal-indipendenza u tal-kapaċità tar-regolatur tal-midja; jitlob li l-membri tal-kunsill tar-regolatur tas-servizzi tal-midja awdjoviżivi jingħataw setgħat sħaħ ta' teħid ta' deċiżjonijiet għall-ħatriet f'dak il-kunsill u għas-servizz tax-xandir pubbliku fuq bażi mhux partiġġjana u f'konsultazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-ġurnalisti; jitlob li tiġi żgurata l-indipendenza editorjali u finanzjarja tax-xandir tas-servizz pubbliku, flimkien ma' aċċess sħiħ u ugwali għall-midja għall-partiti politiċi kollha; jitlob, fil-kuntest tal-elezzjonijiet li ġejjin, għal kundizzjonijiet indaqs anki fir-rigward tal-midja;

32. Jilqa' l-livell tajjeb ta' tħejjija għall-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona, inkluż is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju li kompliet issaħħaħ l-ambjent tan-negozju b'mod ġenerali; jinnota, madankollu, li l-infurzar dgħajjef tal-istat tad-dritt, is-sistema ġudizzjarja ineffiċjenti, l-ekonomija informali mdaqqsa u l-korruzzjoni huma ostakoli serji għan-negozju; jenfasizza li t-tisħiħ ulterjuri taċ-ċertezza legali għall-investituri barranin kif ukoll il-kumpaniji domestiċi, l-evitar ta' prattiki diskriminatorji, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-aġenziji regolatorji u superviżorji u t-titjib tal-kwalità tar-regolamentazzjoni, l-istat tad-dritt u l-infurzar tal-kuntratti jibqgħu sfidi importanti; jitlob, barra minn hekk, li jiġi rivedut l-Artikolu 353 tal-Kodiċi Kriminali dwar l-abbuż mill-kariga uffiċjali u l-awtorità f'konformità mal-acquis tal-UE u l-prinċipji ta' ekonomija tas-suq; jinkoraġġixxi t-tneħħija ta' ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ; jenfasizza l-potenzjal kbir u l-vantaġġ strateġiku tal-agrikoltura u tat-turiżmu fl-iżvilupp ulterjuri tal-pajjiż;

33. Huwa mħasseb dwar il-livell għoli ta' dejn pubbliku; jitlob li tissaħħaħ id-dixxiplina fiskali u jinkoraġġixxi l-prinċipju ta' baġit bilanċjat; jitlob l-implimentazzjoni baġitarja u trasparenza mtejba;

34. Jilqa' ż-żieda fil-PDG ta' 3,9 % f'termini reali fl-ewwel trimestru tal-2015, iżda jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-qgħad għadu għoli b' 27,4 % u li l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija baxxa ħafna, speċjalment fost iż-żgħażagħ u n-nisa; ifakkar li l-impjiegi ma għandhomx ikunu influwenzati minn affiljazzjoni politika jew użati għal pressjoni u intimidazzjoni ta' ċittadini matul il-kampanji elettorali, kif enfasizzat mill-OSKE/ODIHR; iħeġġeġ lill-gvern biex jistabbilixxi djalogu soċjali li jiffunzjona, biex isegwi politika biex jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul u l-qgħad strutturali, biex jippromwovi l-kooperazzjoni dwar il-politika ekonomika, jallinja aħjar l-edukazzjoni mad-domandi tas-suq tax-xogħol u biex jiżviluppat strateġija mmirata dwar kif għandha tittejjeb l-integrazzjoni taż-żgħażagħ u tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jitlob lill-gvern jiddedika attenzjoni partikolari biex jitjiebu l-perspettivi taż-żgħażagħ;

35. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-esodu tal-imħuħ, b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ; jieħu nota tal-isfidi li tiffaċċja s-sistema edukattiva tal-pajjiż u jenfasizza l-ħtieġa għal analiżi komprensiva f'dan ir-rigward; jirrakkomanda l-ippjanar strateġiku għal riformi futuri u bidliet leġiżlattivi permezz tal-involviment ta' movimenti u organizzazzjonijiet tal-istudenti, sabiex jitnaqqas il-fluss ta' migranti b'edukazzjoni għolja u professjonisti; fir-rigward tad-data u l-analiżi tal-Eurostat

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, li jindikaw it-tendenzi ta' migrazzjoni serja, speċjalment fost iż-żgħażagħ, jirrakkomanda l-evalwazzjoni tal-istrateġija nazzjonali 2013-2020 għal netwerking, kooperazzjoni u tnaqqis fil-flussi 'l barra ta' persuni b'edukazzjoni għolja u professjonisti, u li d-dokumentazzjoni u l-istatistika ta' dawn ix-xejriet ikunu disponibbli pubblikament;

36. Jinnota bi preokkupazzjoni li l-isfidi li tiffaċċja s-sistema edukattiva tal-pajjiż u jenfasizza l-ħtieġa għal analiżi komprensiva f'dan ir-rigward; jirrakkomanda l-ippjanar strateġiku għal riformi futuri u bidliet leġiżlattivi permezz tal-involviment ta' organizzazzjonijiet u movimenti rilevanti tal-istudenti, li jippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bis-sħiħ f'dan il-proċess;

37. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tal-pajjiż għaż-Żgħażagħ u l-iSport tirrikonoxxi r-rwol u l-appoġġ ta', u tistabbilixxi mekkaniżmu permanenti għall-kooperazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ tal-pajjiż; jilqa' l-proċess ta' ħolqien ta' Strateġija Nazzjonali taż-Żgħażagħ għall-2016-2025 u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi allokat finanzjament xieraq għall-implimentazzjoni tagħha;

38. Jilqa' l-pjan biex jiġu mtejba u mmodernizzati partijiet tan-netwerk ferrovjarju, u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Maċedonjani jkomplu jtejbu t-trasport pubbliku b'kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien;

39. Jiddispjaċih li l-miri tal-enerġija ma ġewx issodisfati fir-rigward, b'mod partikolari, tal-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u jitlob li jkun hemm adozzjoni rapida tal-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir progress fil-ftuħ tas-suq intern tal-elettriku, u li jkun hemm konformità sħiħa mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli; jinsab imħasseb dwar il-livelli allarmanti tat-tniġġis tal-arja u jħeġġeġ lill-gvern biex jaġixxi immedjatament biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, speċjalment f'żoni urbani;

41. Itenni l-preokkupazzjoni tiegħu dwar il-livelli għoljin tat-tniġġis tal-arja u tal-ilma fil-pajjiż; josserva li huma meħtieġa sforzi sinifikanti fil-qasam tal-ambjent u b'mod partikolari fil-qasam tal-kwalità tal-arja;

42. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija Alimentari u Veterinarja baqgħet taġġorna s-sistemi għall-kontroll tal-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali, u b'hekk ittejbu l-kontrolli dwar l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-moviment tal-annimali; jilqa' d-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni addizzjonali dwar il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali tal-kumpanija u kwistjonijiet żooteknici, kif ukoll leġiżlazzjoni ġdida dwar il-benessri tal-annimali;

43. Jibqa' mħasseb dwar in-nuqqas ta' kapaċità li jiġu pprogrammati u assorbiti l-fondi tal-iStrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA); iħeġġeġ lill-gvern biex isaħħaħ il-kapaċitajiet amministrattivi u ta' finanzjament għall-akkwist u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE b'mod xieraq u f'waqtu; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-proġetti ffinanzjati mill-UE biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-flus pubbliċi Ewropej għal skopijiet politiċi u oħrajn mhux xierqa;

44. Jinnota li l-pajjiż ilu jiffaċċja fluss migratorju bla preċedent, b'aktar minn 500 000 persuna li ttranżitaw minnu fl-2015; jirrikonoxxi li huwa aġixxa bħala sieħeb responsabbli fil-ġestjoni tal-influss kbir ta' migranti u rifuġjati u fl-istabbiliment ta' miżuri ta' ġestjoni effettiva tal-fruntieri; huwa konxju mis-sitwazzjoni ta' tensjoni dejjem ikbar fil-fruntiera mal-Greċja, u jistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-UE dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni; iħeġġeġ l-intensifikazzjoni ta' miżuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri biex jiġu miġġielda l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin; jinnota l-piż ekonomiku maħluq minn dan l-influss; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-appoġġ għall-kapaċità ta' ġestjoni tal-fruntiera u tippermetti aċċess għal strumenti u programmi rilevanti tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jevitaw u jżommu lura minn kwalunkwe tip ta' azzjonijiet, inkluż il-vjolenza u l-użu tal-forza, li tista' tiddiskrimina kontra, u tpoġġi f'riskju l-ħajjiet ta' rifuġjati u migranti; jinnota li kull tip ta' azzjoni għandha tkun skont il-valuri u l-prinċipji tal-UE, u għandha tirrispetta d-dinjità tal-bnedmin u l-ħajja umana; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jsaħħu, bl-għajnuna tal-UE, il-faċilitajiet ta' lqugħ u ta' akkomodazzjoni, il-koordinazzjoni reġjonali u l-iskambju ta'

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

informazzjoni u l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri, jestendu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin; iħeġġeġ lill-pajjiż biex jagħmel dak kollu possibbli biex jiżgura faċilitajiet għal rifuġjati u migranti, jiddefendi kundizzjonijiet umani, ma jwettaqx respinġimenti vjolenti u jiżgura osservanza stretta tal-liġi tal-pajjiż u tad-dritt internazzjonali dwar ir-rifuġjati u l-asil; jinnota li l-għadd totali ta' applikazzjonijiet għall-asil bla bażi ppreżentati fil-pajjiżi membri taż-żona Schengen naqas; ifakkar li għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni vulnerabbli tat-tfal u minorenni mhux akkumpanjati rifuġjati u migranti li jivvjaġġaw madwar il-pajjiż kollu, billi jingħataw servizzi bażiċi u bl-iżgurar tal-involviment ta' ħaddiema soċjali li jipprovdu protezzjoni xierqa;

45. Iqis li n-negozjati tal-UE jistgħu biss jinfluwenzaw b'mod pożittiv l-isforzi biex jissolva t-tilwim bilaterali, filwaqt li jiġġeneraw ukoll l-ispinta u l-ingranaġġ fir-rigward tar-riformi tant meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-koeżjoni multietnika u s-salvagwardja tal-kredibilità tal-politika ta' tkabbir tal-UE;

46. Ifaħħar il-ftehim mal-Greċja dwar 11-il miżura għall-bini tal-fiduċja prinċipalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kultura, tal-enerġija u tal-affarijiet interni; jinnota li l-kooperazzjoni hija l-aħjar miżura għall-bini tal-fiduċja; jilqa' bħala sinjal pożittiv il-konsultazzjonijiet ta' livell għoli bejn iż-żewġ Ministri tal-Affarijiet Barranin fil-bliet kapitali rispettivi tagħhom u l-ħolqien ta' task force konġunta li għandha l-għan li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri; jistieden liż-żewġ naħat biex jibnu fuq l-eżitu ta' dawn il-laqgħat u jimpenjaw ruħhom f'diskussjoni kostruttiva f'livell politiku għoli, inkluż dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-bini tal-fiduċja, bl-għan li tarrikkixxi l-kooperazzjoni bilaterali u t-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka; jinkoraġġixxi liż-żewġ gvernijiet biex jużaw dan il-momentum biex jieħdu passi konkreti sabiex tkompli tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, inkluż fir-rigward tal-kwistjoni tal-isem; jistieden lill-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) u lill-Kummissjoni biex jappoġġjaw l-ispirtu ta' kooperazzjoni u jiżviluppaw inizjattivi ġodda sabiex jegħlbu d-differenzi li fadal b'konformità mas-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tal-5 ta' Diċembru 2011, sabiex jaħdmu, b'kooperazzjoni maż-żewġ pajjiżi u r-Rappreżentant Speċjali tan-NU, favur soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku dwar il-kwistjoni tal-isem u biex jirrapportaw lura dwarhom lill-Parlament;

47. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali u jemmen li hija element essenzjali fil-proċess tal-adeżjoni mal-UE, li ġġib l-istabilità u l-prosperità fir-reġjun; jilqa' r-rwol kostruttiv tal-pajjiż fil-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali, kif ukoll ir-rieda tiegħu li jipparteċipa fi żjarat ta' livell għoli mal-pajjiżi tal-viċinat bħala mezz ta' trawwim tal-kooperazzjoni reġjonali; jinnota li għadhom jeżistu kwistjonijiet pendenti fir-relazzjonijiet mal-Bulgarija u jtenni l-importanza li jiġu finalizzati n-negozjati dwar trattat ta' ħbiberija, ir-relazzjonijiet tajba mal-viċinat u l-kooperazzjoni; itenni l-preokkupazzjoni tiegħu dwar l-użu ta' argumenti storiċi fid-dibattitu attwali mal-ġirien, u jilqa' kull sforz favur ċelebrazzjonijiet konġunti ta' avvenimenti storiċi komuni mal-Istati Membri ġirien tal-UE; iqis li dan jista' jikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-istorja u għal relazzjonijiet ta' viċinat tajba;

48. Jilqa' b'sodisfazzjon il-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiż fl-aġenda tal-konnettività 6 tal-Balkani tal-Punent billi iffirma ftehim dwar in-netwerk tat-trasport reġjonali ewlieni u impenji oħra meħuda bħala parti mill-proċess ta' Berlin; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti biex jimplimentaw b'mod rapidu "miżuri rotob" miftiehma waqt is-Summit tal-Balkani tal-Punent fi Vjenna fl-2015 (pereżempju simplifikazzjoni/allinjament tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri, riformi fis-settur ferrovjarju, sistemi ta' informazzjoni) qabel is-summit tal-Balkani tal-Punent li jmiss, li se jsir fl-2016 fi Franza;

49. Jistieden lill-gvern biex itejjeb il-livell ġenerali ta' allinjament mal-politika barranija tal-UE peress li r-rata ta' allinjament (68 %) baqgħet baxxa; jistieden lill-Gvern jikkonforma mal-pożizzjonijiet komuni tal-UE dwar l-integrità tal-Istatut ta' Ruma;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill jinkludu lill-pajjiż fl-istrateġiji makroreġjonali tal-UE għall-Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa; joffri l-kongratulazzjoni għat-tlestija b'suċċess tal-Presidenza Maċedonjana tal-Inizjattiva Ewropea Ċentrali;

51. Huwa tal-fehma li s-sħubija man-NATO tal-Maċedonja tista' tikkontribwixxi biex tinkiseb aktar sigurtà u stabilità politika fix-Xlokk tal-Ewropa; jittama li n-negozjati dwar l-adeżjoni jinfetħu dalwaqt; ifakkar, madankollu, li l-proċessi ta' adeżjoni tal-UE u n-NATO huma indipendenti minn xulxin;

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-gvern u lill-parlament tal-pajjiż.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0092

Ir-Rapport 2015 dwar il-Montenegro

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar ir-Rapport 2015 dwar il-Montenegro (2015/2894(RSP))

(2018/C 050/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 u l-anness tagħhom bit-titolu "L-Aġenda ta' Tessaloniki għall-Balkani tal-Punent: lejn integrazzjoni Ewropea",

— wara li kkunsidra l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u l-Montenegro, min-naħa l-oħra, tad-29 ta' Marzu 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-eżitu tas-Seba' Laqgħa fuq Livell Ministerjali tal-Konferenza dwar l-Adeżjoni bejn l-UE u l-Montenegro tal-21 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u r-Rakkomandazzjonijiet tal-11-il Laqgħa tal-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Montenegro li saret fi Strasburgu fis-16 u s-17 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar il-progress tal-Montenegro fl-implimentazzjoni tar-riformi (COM(2012)0222), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012 li ddeċidew li jinfetħu n-negozjati ta' adeżjoni mal-Montenegro fid-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Novembru 2015 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar it-Tkabbir" (COM(2015)0611), akkumpanjata mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport 2015 dwar il-Montenegro" (SWD(2015)0210),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tal-President tas-Summit ta' Vjenna dwar il-Balkani tal-Punent tas-27 ta' Awwissu 2015,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-15 ta' Diċembru 2015 dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni li ttieħdet waqt il-laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tan-NATO tat-2 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Montenegro,

— wara li kkunsidra x-xogħol ta' Charles Tannock bħala r-rapporteur permanenti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin għall-Montenegro,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi sar aktar progress fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro, u fil-Konferenza Intergovernattiva li saret fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2015, infetħu żewġ kapitoli tan-negozjati dwar it-trasport u l-enerġija; billi fost il-pajjiżi tat-tkabbir, il-Montenegro jinsab fl-aktar stadju avvanzat tal-proċess tan-negozjati;

B. billi djalogu sostenibbli u kooperazzjoni kostruttiva bejn il-koalizzjoni li qiegħda tiggverna u l-oppożizzjoni huma kruċjali sabiex jinżamm progress fil-proċess ta' adeżjoni;

([1]) ĠU L 108, 29.4.2010, p. 1.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

C. billi elezzjonijiet parlamentari ħielsa, ġusti u trasparenti huma kruċjali għall-ġejjieni demokratiku tal-Montenegro;

D. billi l-Montenegro għandu jiżviluppa aktar riżultati b'saħħithom fir-rigward tal-istat tad-dritt, li huwa prerekwiżit fundamentali għall-adeżjoni mal-UE;

E. billi soċjetà ċivili b'saħħitha ssaħħaħ ir-responsabbiltà politika u s-solidarjetà fi ħdan il-pajjiż u tippromwovi fehim aħjar u sens ta' appartenenza tar-riformi relatati mal-UE;

F. billi l-korruzzjoni għadha problema serja, u billi għad hemm tħassib dwar il-kriminalità organizzata u dwar theddid għal-libertà ta' espressjoni;

G. billi għandhom jittieħdu aktar passi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-qgħad, id-diskriminazzjoni soċjali u l-faqar u tat-tisħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema u tad-drittijiet tat-trade unions f'konformità mal-istandards tal-UE;

1. Jilqa' l-progress kostanti fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro, u jinnota li s'issa infetħu 22 kapitolu tan-negozjati, inkluż il-kapitoli 23 u 24, li tnejn minnhom ingħalqu b'mod proviżorju; jinkoraġġixxi l-progress tanġibbli sabiex jintlaħqu l-kriterji fissi għall-għeluq ta' kapitoli li diġà qegħdin jiġu nnegozjati u għall-ftuħ ta' kapitoli ġodda; jenfasizza li l-progress fin-negozjati jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn implimentazzjoni rigoruża tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-istrateġiji rilevanti; itenni li l-progress ġenerali fin-negozjati jiddependi fuq il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-istat tad-dritt u riżultati tanġibbli miksuba f'dan il-qasam;

2. Iħeġġeġ aktar skrutinju parlamentari fuq il-proċess tal-adeżjoni; jilqa' l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2015 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza parlamentari, iżda jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rinforzati l-kapaċitajiet tal-parlament Montenegrin u jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni relatata mal-adeżjoni; jilqa' l-Kodiċi ta' Etika li għadu kemm ġie adottat u jappella għal aktar miżuri biex titjieb il-fiduċja pubblika fil-parlament Montenegrin;

3. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-klima nazzjonali polarizzata u l-bojkott tal-attivitajiet parlamentari minn faxxa tal-oppożizzjoni; iħeġġeġ lill-forzi politiċi kollha, kemm fil-gvern kif ukoll fl-oppożizzjoni, jerġgħu jinvolvu ruħhom fi djalogu sostenibbli u kooperazzjoni kostruttiva fi ħdan il-parlament Montenegrin; jieħu nota tal-vot ta' sfiduċja li m'għaddiex mill-parlament Montenegrin fis-27 ta' Jannar 2016 ud-djalogu parlamentari ta' wara rigward il-holqien ta' kundizzjonijiet għal elezzjonijiet liberi u ġusti; ifakkar li d-djalogu u l-kompromess huma s-sisien ta' kwalunkwe proċess demokratiku tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jilqa' f'dan ir-rigward il-pjan ippreżentat sabiex tingħeleb il-kriżi politika; jappella lill-partiti kollha fl-oppożizzjoni biex jikkunsidraw l-istedina biex jidħlu fil-gvern sal-elezzjonijiet f'Ottubru 2016 b'mod li jiżguraw, mingħajr dewmien ulterjuri, li l-kundizzjonijiet għal elezzjonijiet liberi u ġusti jkunu garantiti, inklużi l-ikkompletar tal-modifika tal-liġijiet elettorali u l-iżgurar li l-ebda riżorsa pubblika ma tintuża għall-finijiet ta' partit; iqis li huwa essenzjali għal demokrazija li tiffunzjona sew li kwalunkwe forma ta' protesta titwettaq b'mod paċifiku u skont il-liġijiet rilevanti; jistenna li l-awtoritajiet kompetenti jinvestigaw bir-reqqa u f'waqthom l-inċidenti kollha ta' vjolenza li seħħew matul il-protesti, inklużi kwalunkwe allegazzjoni dwar l-użu eċċessiv ta' forza minn xi membri tal-forza tal-pulizija; jieħu nota tal-modifiki adottati f'Diċembru 2015 għal-liġi dwar għaqdiet pubbliċi;

4. Jistieden lill-Gvern jimplimenta bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni elettorali l-ġdida qabel kwalunkwe elezzjoni ġdida u jsaħħaħ aktar il-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali, li jeħtieġ li twettaq il-mandat tagħha b'mod effikaċi; jinsisti għal darb'oħra l-ħtieġa għal segwitu politiku xieraq dwar l-"iskandlu tar-reġistrazzjoni ta' smigħ", filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar fis-segwitu ġudizzjarju;

5. Jinnota ċertu progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika li l-Gvern qiegħed iwettaq għall-perjodu 2011-2016, u jappella għall-adozzjoni tempestiva ta' strateġija li tkopri l-perjodu 2016-2020; jinkoraġġixxi aktar depolitiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika; iqis li huwa essenzjali li jiġu rispettati l-prinċipji ta' mertu, id-depolitiċizzazzjoni, ir-responsabbiltà u t-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika kif ukoll li jiġi żgurat id-dritt taċ-ċittadini għal amministrazzjoni tajba li tkun ħielsa mill-korruzzjoni; jilqa' l-emendi għal-Liġi dwar l-Ombudsman; jinsab imħasseb li l-kapaċitajiet tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li jindirizza b'mod effikaċi l-ilmenti għadhom limitati; jenfasizza l-ħtieġa ta' numru akbar ta' aġenziji statali li jkunu speċjalizzati u indipendenti;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

6. Jilqa' l-progress tajjeb li sar fir-rigward tat-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv biex tissaħħaħ l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-professjonalità tal-ġudikatura, u jistenna bil-ħerqa l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli rilevanti fil-prattika; jinnota b'sodisfazzjon li kompla jonqos l-akkumulu ta' ċerti tipi ta' kawżi; jappella sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudikatura u jilqa' ż-żieda fl-effiċjenza tagħha; jibqa' mħasseb dwar l-influwenza indebita fuq l-indipendenza tal-ġudikatura, b'mod partikolari dwar il-ħatra tal-imħallfin; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rinforzata l-kapaċità tal-Kunsilli Ġudizzjarji u tal-Prosekuzzjoni, sabiex titjieb aktar l-effiċjenza tal-Qorti Kostituzzjonali, tissaħħaħ l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ċivili u amministrattivi u jiġu implimentati bis-sħiħ is-sistemi l-ġodda ta' reklutaġġ, evalwazzjoni u promozzjoni professjonali;

7. Jappella għal titjib tal-kapaċità leġiżlattiva u amministrattiva fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ għal dan l-għan; ifaħħar lill-gvern tal-Montenegro għall-passi li ħa biex jgħin persuni minghajr Stat li jinsabu fit-territorju tiegħu biex isibu soluzzjoni dwar l-istatus tagħhom; jinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli bl-isforzi tiegħu f'dan il-qasam, partikolarment fir-rigward tat-tfal, inkluż billi tiġi ffaċilitata aktar ir-reġistrazzjoni tat-twelid u r-reġistrazzjoni sussegwenti jew mill-ġdid fir-reġistri ċivili;

8. Jistieden lill-Gvern u lis-servizz tal-prosekuzzjoni jintensifikaw l-isforzi tagħhom għall-ġlieda kontra l-impunità tad-delitti tal-gwerra u juru approċċ aktar proattiv fis-segwitu tal-allegazzjonijiet pendenti ta' delitti tal-gwerra, b'mod partikolari fir-rigward tal-uffiċjali responsabbli li huma fl-ogħla livelli fil-linja ta' kmand, sabiex jiżguraw, f'konformità mal-istandards internazzjonali, li d-deċiżjonijiet tal-qorti jiġu eżegwiti, b'garanzija ta' indennifikazzjoni ekwa u ġusta, u li l-vittmi tal-gwerra jkollhom aċċess għall-ġustizzja u jiksbu kumpens għad-dannu li ġarrbu; jappella li jkun hemm ħarsien sħiħ tax-xhieda; itenni l-ħtieġa li tiġi riżolta kwalunkwe kwistjoni li mhijiex f'konformità mal-pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-integrità tal-Istatut ta' Ruma jew mal-prinċipji gwida tal-UE fir-rigward tal-ftehimiet bilaterali ta' immunità;

9. Jilqa' l-evalwazzjoni bejn il-pari reċenti tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u l-monitoraġġ tal-politiki u l-liġijiet relatati mat-tfal fil-livelli kollha; jenfasizza l-ħtieġa li l-politiki u s-servizzi relatati mat-tfal fil-livell nazzjonali u lokali jkollhom riżorsi xierqa u li jiġu msaħħa l-kapaċitajiet sabiex jipproduċu u jużaw data ta' kwalità, diżaggregata u ffokata fuq it-tfal għat-tfassil ta' politika u pprogrammar li jkunu bbażati fuq l-evidenza;

10. Ifaħħar l-impenn tal-gvern li jespandi l-edukazzjoni bikrija ta' kwalità għat-tfal, u jilqa' ż-żieda fir-reġistrazzjonijiet għal edukazzjoni preprimarja wara kampanja mmirata; jilqa' l-isforzi biex titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni b'mod ġenerali u tal-edukazzjoni bikrija b'mod partikolari permezz tal-iffissar ta' standards, tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' dawk li jipprovdu l-edukazzjoni, u tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza u tal-garanzija tal-kwalità; jilqa' l-ħidma pijuniera biex jiġu żviluppati ħiliet soċjoemozzjonali u ħiliet personali oħra fost l-istudenti tal-iskejjel primarji;

11. Jirrikonoxxi l-impenn tal-gvern u r-riżultati miksuba fir-riforma tas-sistema soċjali u tal-kura tat-tfal, u jenfasizza l-ħtieġa li dawn ir-riformi jiġu implimentati b'mod effikaċi miċ-ċentri għall-assistenza soċjali permezz ta' ġestjoni ta' każijiet individwali u koordinazzjoni tas-servizzi; jirrimarka li l-emenda legali reċenti li tippermetti lill-adulti jużaw s-servizzi ta' ċentri ta' kura ta' matul il-jum flimkien ma' tfal b'diżabbiltà mhijiex konformi mal-istandards internazzjonali; jilqa' l-impenn tal-gven li jiżgura li mill-2017 l-ebda minuri taħt it-tliet snin ma titpoġġa f'istituti residenzjali tal-Istat; ifaħħar l-emendi proposti għall-Liġi tal-Familja ta' Montenegro li jipprojbixxu l-piena korporali fil-kuntest tal-familja; jappella għal aktar sforzi sabiex il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri jiġi inkluż fil-proċedimenti ċivili u amministrattivi kollha filwaqt li jiġi promoss aċċess usa' għall-ġustizzja;

12. Jinnota li, minkejja bidliet leġiżlattivi pożittivi, il-korruzzjoni għadha ta' tħassib serju, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku, fil-kura tas-saħħa, fl-edukazzjoni, fl-ippjanar spazjali, fil-privatizzazzjoni u fil-kostruzzjoni; itenni l-ħtieġa li tiġi eliminata l-korruzzjoni fil-livelli kollha, peress li hija timmina l-prinċipji demokratiċi u taffettwa b'mod negattiv l-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jistieden lill-gvern jagħmel il-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu billi jalloka biżżejjed riżorsi umani u baġitarja għaliha; jilqa' l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali, li għandu l-kompitu li jiġġieled kontra reati ta' korruzzjoni fost oħrajn, u jħeġġeġ sabiex huwa jsir kompletament operattiv malajr kemm jista' jkun; jilqa' l-istabbiliment tal-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni li ġiet imnedija fl-1 ta' Jannar 2016; jappella sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u l-kapaċità tagħha li twettaq investigazzjonijiet amministrattivi; ifakkar l-importanza li l-informaturi jiġu mħarsa; jistieden lill-awtoritajiet jiffaċilitaw u jwessgħu l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-sjieda ta'

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

kumpaniji, il-proprjetà immobbli, u dettalji dwar in-nefqa pubblika, b'mod partikolari fil-każ ta' proċessi ta' privatizzazzjoni u tal-akkwist pubbliku;

13. Jistieden lill-Gvern isaħħaħ aktar il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jiżgura l-protezzjoni effikaċi tal-informaturi; jappella għal parteċipazzjoni aktar attiva u kooperazzjoni effikaċi min-naħa tal-gvern, tas-setturi kollha tal-ħajja pubblika u tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni; itenni l-ħtieġa li jiġu rinforzati r-riżulti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-rigward tal-investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni fil-livelli kollha, u tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u operattiva tal-prosekuturi, tal-imħallfin u tal-pulizija, u li jintużaw b'mod sistematiku l-investigazzjonijiet finanzjari u s-setgħa ta' qbid u sekwestru ta' assi; jappella sabiex jiġi kkriminalizzat l-arrikkiment illeċitu;

14. Jinnota l-ftuħ ta' akkużi kriminali mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Istat Montenegrin f'ċerti muniċipalitajiet tal-Montenegro kontra diversi uffiċjali fir-rigward ta' korruzzjoni fil-livelli għolja; jilqa' dan bħala sinjal pożittiv fil-kisba ta' riżultati tajbin biex tiġi eradikata l-korruzzjoni fil-livelli għolja, u jinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli b'din il-prattika; itenni l-ħtieġa li jiżdiedu ir-riżultati tajbin tal-investigazzjonijiet u t-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' każijiet ta' korruzzjoni fil-livell għolja; ifaħħar il-prestazzjoni tajba tal-Qorti Superjuri ta' Podgorica li tat kundanni għal reati relatati mal-korruzzjoni;

15. Jinsab mħasseb li l-għadd irrappurtat ta' kundanni finali fil-każijiet ta' kriminalità organizzata u l-għadd ta' qbid u sekwestri ta' assi kriminali għadhom baxxi ħafna; jinkoraġġixxi kooperazzjoni aħjar u aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi; jilqa' l-kooperazzjoni tajba bejn il-Montenegro u l-pajjiżi tal-viċinat fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet; jilqa' l-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Montenegro; filwaqt li jinnota li l-qafas ġuridiku dwar il-ħasil tal-flus huwa fil-biċċa l-kbira fis-seħħ, jappella biex il-qafas superviżorju rilevanti jissaħħaħ b'mod sinifikanti u biex jiżdiedu l-għadd ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni fil-każijiet ta' ħasil tal-flus;

16. Jinkoraġġixxi li jittieħdu aktar miżuri kontra t-traffikar tal-bnedmin biex jikkomplementaw l-aspetti legali u istituzzjonali rilevanti, inkluż l-istabbiliment ta' grupp ta' koordinament multidixxiplinarju; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jżidu l-għadd ta' investigazzjonijiet finanzjarji u l-qbid u s-sekwestru ta' assi, u jidentifikaw u jipproteġu lill-vittmi u jipproċedu bit-tħarrik b'mod aktar effiċjenti;

17. Jinnota li intensifikaw il-kontrolli tal-pulizija Montenegrina fil-pajjiż kollu bl-għan li jipprevjenu attakki terroristiċi possibbli u reklutaġġ ta' ċittadini Montenegrini min-naħa ta' organizzazzjonijiet ġiħadisti; jilqa' l-adozzjoni tal-istrateġija kontra t-terroriżmu 2016-2018 u l-istabbiliment ta' grupp interministerjali biex jimmonitorja s-sitwazzjoni u jivvaluta t-theddid terroristiku; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet legali rilevanti sabiex jipprevjenu u jissorveljaw kwalunkwe theddida potenzjali għas-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali, inkluż permezz ta' skambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki bl-għan li jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u jirrispondu għall-attivitajiet terroristiċi; huwa tal-fehma li l-miżuri kollha li ttieħdu f'din id-direzzjoni għandhom jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali skont l-istandards u l-istrumenti internazzjonali; iqis li l-istabbiltà politika fir-reġjun, il-promozzjoni ta' tolleranza u djalogu interetniku u interreliġjuż, u aktar progress lejn l-UE huma essenzjali biex tissaħħaħ il-koeżjoni u s-sigurtà fil-Balkani tal-Punent;

18. Jilqa' l-isforzi riċenti mill-Gvern tal-Montenegro biex jintensifika l-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' armi u splussivi; jappella biex ikun hemm koordinazzjoni mill-qrib u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-inizjattivi fil-Montenegro, u r-reġjun b'mod ġenerali, u l-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni;

19. Jilqa' l-isforzi biex jitjiebu l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u tinkiseb aktar trasparenza fit-tfassil tal-politika u tal-liġijiet, inkluż billi jkunu involuti fil-proċess tar-riformi dwar l-istat tad-dritt u fil-monitoraġġ tal-proċess elettorali u fl-implimentazzjoni tar-riformi; japprezza l-motivazzjoni u l-isforzi tas-settur tal-OSĊ, li semmgħu leħinhom u kienu effettivi f'ħafna oqsma; jenfasizza l-ħtieġa li jitjieb aktar l-aċċess tal-OSĊ għal informazzjoni relatata mal-adeżjoni kif ukoll li titjieb aktar il-kooperazzjoni bejn l-awtonomiji lokali u l-OSĊ; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jkomplu jiżviluppaw sistema sostenibbli ta' finanzjament pubbliku għall-OSĊ u joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-ħidma volontajra u l-intraprenditorija soċjali;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

20. Itenni l-importanza tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, kif ukoll il-libertà ta' espressjoni f'sens usa', bħala waħda mill-valuri fundamentali tal-UE u l-pedament ta' kull demokrazija; jibqa' mħasseb dwar il-libertà tal-midja fil-Montenegro, li hija kklassifikata fil-114-il post f'termini ta' libertà tal-istampa mill-klassifikazzjoni annwali tal-Reporters mingħajr fruntieri; iħeġġeġ li jsir progress fil-libertà ta' espressjoni u li d-deċiżjonijiet jiġu allinjati mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà ta' espressjoni; iħeġġeġ l-adozzjoni ta' miżuri biex tiġi żgurata l-indipendenza tas-servizz tax-xandar pubbliku RTCG; jappella għal aċċess ġust u ugwali tal-midja għall-partiti kollha involuti fl-elezzjonijiet; jenfasizza l-importanza ta' awtoregolamentazzjoni tal-mezzi tal-midja; jilqa' l-isforzi li saru fis-soċjetà tal-informazzjoni u fis-settur tat-teknoloġija;

21. Jilqa' l-fatt li ma seħħ l-ebda attakk kontra l-ġurnalisti waqt il-perijodu ta' rapportar; jesprimi tħassib, madankollu, dwar in-nuqqasijiet fl-investigazzjoni ta' każijiet preċedenti ta' vjolenza u intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jsolvu l-każijiet pendenti ta' vjolenza u theddid kontra l-ġurnalisti, inkluż il-qtil ta' Duško Jovanović fl-2004, billi jtejbu l-investigazzjonijiet, jidentifikaw u jressqu quddiem il-ġustizzja mhux biss lill-awturi iżda wkoll l-imħuħ wara l-attakki, u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-kummissjoni *ad hoc* li twaqqfet sabiex timmonitorja l-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti; jiddubita l-kompożizzjoni attwali tal-kummissjoni, li s-servizzi sigrieti jammontaw għal aktar minn 50 % tal-membri tagħha, b'hekk għandhom is-setgħa li jimblukkaw il-progress u l-adozzjoni ta' rapporti jekk dawn jaġixxu flimkien; jistieden lill-Gvern itawwal il-mandat ta' din il-kummissjoni u jagħtiha aktar informazzjoni u aktar kompetenzi; jinsab imħasseb li l-każijiet ta' intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti u l-mezzi tal-midja jistgħu jinkoraġġixxu b'mod konsiderevoli l-awtoċensura u jiġi limitat l-ambitu tal-ġurnaliżmu investigattiv; jikkundanna l-kampanji ta' malafama personali kontinwi, l-aktar min-naħa ta' ġurnal sensazzjonali, li jattakaw attivisti prominenti tas-soċjetà ċivili u ċertu politikanti fuq bażi personali; ifakkar li l-mezzi tal-midja kollha għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-regoli stabbiliti ta' rappurtar professjonali; jirrimarka li l-komunità tal-midja hija politiċizzata ħafna u maqsuma sew, li l-istandards professjonali u etiċi huma dgħajfa u li l-ġurnalisti mhumiex imħallsa tajjeb u għandhom impjieg prekarju; iqis li huwa essenzjali li l-ġurnalisti jkollhom indipendenza sħiħa, lil hinn minn kwalunkwe interventi, inkluż mis-sidien tal-midja; jilqa' l-ftehim bejn l-operaturi tal-midja biex jitjieb il-Kodiċi ta' Etika eżistenti bl-għan li jissaħħaħ il-ġurnaliżmu ta' kwalità; jappella biex jissokta d-djalogu ffaċilitat mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa dwar it-titjib tal-istandards etiċi u professjonali fil-qasam tal-midja;

22. Jilqa' t-titjib li sar fil-qafas ġuridiku fir-rigward tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà; jesprimi tħassib, madankollu, dwar il-fatt li bosta bini pubbliku għadu mhuwiex aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, inklużi t-13-il binja pubblika ta' prijorità, bħalma huma l-parlament, l-iskejjel, l-isptarijiet, iċ-ċentri ta' sigurtà soċjali u l-qrati, minkejja l-impenn tal-gvern li jbiddel is-sitwazzjoni sal-31 ta' Awwissu 2013; jappella għall-użu sħiħ tal-Fond għar-Riabilitazzjoni Professjonali u l-Impjieg għall-Persuni b'Diżabbiltà;

23. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jinkoraġġixxu rappreżentanza aħjar tal-minoranzi etniċi fl-impjiegi fis-settur pubbliku, inkluż il-pulizija u l-ġudikatura; iħeġġiġhom ukoll jadottaw liġi ġdida dwar il-minoranzi u liġi dwar l-istatus legali tal-komunitajiet reliġjużi f'konformità mal-istandards Ewropej u wara konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet interessati kollha, jagħmlu aktar sforzi sabiex jipproteġu l-identità multietnika tal-Boka Kotorska (il-Bajja ta' Kotor) u jindirizzaw il-kwistjoni ta' nuqqas ta' trasparenza f'fondi għal kwistjonijiet tal-minoranzi; jilqa' l-politiki tal-Montenegro mmirati biex joħolqu klima ta' tolleranza u inklużjoni għall-minoranzi nazzjonali kollha;

24. Jinnota li tjiebet il-parteċipazzjoni tal-istudenti Rom fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, iżda jappella għal darb' oħra għal miżuri addizzjonali biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-minoranzi Rom, Eġizzjani u Ashkali għall-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-impjiegi; iħeġġeġ kemm lill-atturi politiċi kif ukoll lil dawk tas-soċjetà ċivili jiġġieldu l-ostilità, id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibeġħda kontra l-komunità LGBTI, b'mod partikolari permezz ta' sforzi biex jedukaw u jinformaw lill-pubbliku bl-għan li jgħinu biex jinbidlu l-atteġġjamenti, u billi jagħtu taħriġ lill-pulizija, lill-prosekuturi u lill-imħallfin; jappella sabiex min iwettaq din it-tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza jitressaq quddiem il-ġustizzja; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ikomplu u jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jissalvagwardjaw id-drittijiet ta' persuni LGBTI u jiżguraw il-libertà tal-għaqda; jilqa' l-fatt li t-tielet "Pride Parade" fil-Montenegro kienet protetta ħafna u saret mingħajr ebda inċidenti kbar rrappurtati fit-13 ta' Diċembru 2015; jiddispjaċih, madankollu, bil-projbizzjoni tal-"Pride Parade" f'Nikšić;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

25. Jibqa' mħasseb dwar il-vjolenza domestika u l-vjolenza sesswali kontra n-nisa u l-bniet, in-nuqqas ta' rappurtar, in-nuqqas ta' prosekuzzjonijiet u appoġġ u protezzjoni mhux adegwati lill-vittmi, kif ukoll il-pieni mhux ħorox imposti fuq l-awturi jew l-impunità totali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-vjolenza domestika bis-serjetà, billi jistabbilixxu servizzi ta' protezzjoni, isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Istat u jimplimentaw b'mod effikaċi l-konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jedukaw lill-impjegati f'istituzzjonijiet pubbliċi (ħaddiema soċjali, uffiċjali tal-pulizija, eċċ.) sabiex jaħdmu mal-vittmi; jenfasizza l-importanza li tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa fil-politika matul l-elezzjonijiet li jmiss, kif ukoll l-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol;

26. Jistieden lill-Gvern ikompli jsaħħaħ l-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-Ombudsman u l-Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Minoranzi, u jalloka riżorsi adegwati għall-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem;

27. Ifaħħar l-istabbiltà makroekonomika u l-iżviluppi favorevoli fl-ekonomija; jinnota wkoll li, skont ir-rapport Doing Business tal-Bank Dinji għall-2016, li jivvaluta l-faċilità li biha jsir in-negozju fil-pajjiż, il-Montenegro jinsab fis-46 post fid-dinja kollha, jiġifieri fit-tieni post fost il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; jinnota, madankollu, li l-Montenegro jinsab fil-136 post minn fost 188 pajjiż fl-infurzar tal-kuntratti, li jwassal għal inċertezza legali; jinnota l-isforzi biex titjieb il-kompetittività industrijali u l-prodotti agrikoli; iħeġġeġ lill-Gvern jniedi aktar riformi strutturali, jiżgura ambjent regolatorju li jiffavorixxi n-negozji filwaqt li jħares lill-konsumatur u d-drittijiet soċjali, ikompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas il-korruzzjoni fl-ekonomija, jimplimenta riformi ekonomiċi li joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi, jindirizza id-defiċit kbir fil-kontijiet kurrenti tal-pajjiż u tal-baġit ġenerali u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u jimplimenta politiki li jgħinu lid-diversifikazzjoni tal-ekonomija;

28. Jenfasizza l-importanza li jissaħħaħ is-settur tal-SMEs u jingħata appoġġ permezz ta' leġiżlazzjoni u finanzjament aħjar, implimentazzjoni tal-politika industrijali u tnaqqis tal-ekonomija informali, kif ukoll titħaffef r-reġistrazzjoni elettronika tal-kumpaniji fuq livell nazzjonali;

29. Jinnota bi tħassib li l-Montenegro mhuwiex allinjat mat-tielet pakkett dwar l-enerġija u li ma sar ebda progress fl-iżvilupp tas-suq tal-gass; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu allokati biżżejjed riżorsi sabiex jinkisbu l-miri u l-ħtieġa li tiġi stabbilita aġenzija speċjalizzata dwar l-effiċjenza tal-enerġija;

30. Jinnota li l-għajnuna mill-Istat tibqa' kwistjoni ta' tħassib, b'mod partikolari rigward l-indipendenza tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat u tal-Unità tal-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat, in-notifika u l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u l-għajnuna mill-Istat għal proġetti kbar ta' investiment u l-impjant tal-aluminju KAP; jibqa' imħasseb dwar id-dewmien fir-riżoluzzjoni tal-proċeduri ta' falliment tal-KAP li huwa fi ksur tal-obbligi tal-pajjiż skont il-ftehim ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni; itenni l-appell tiegħu lill-gvern u lill-partijiet involuti biex jaslu għal soluzzjoni nnegozjata u sostenibbli dwar il-proċeduri ta' falliment tal-KAP f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u tal-ftehim ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni, u abbażi tat-trasparenza u l-istat tad-dritt; jinkoraġġixxi li jiġi kkummissjonat awditu sħiħ u indipendenti tal-finanzi tal-KAP, mill-akkwist tagħha minn CEAC fl-2005 sal-ġurnata tal-lum; jappella li tingħata attenzjoni speċjali għall-pjanijiet għall-bini ta' awtostrada ġdida, li se jkun l-akbar proġett pubbliku bl-ikbar nefqa pubblikafl-istorja tal-Montenegro; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw l-użu xieraq tal-fondi pubbliċi u l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti;

31. Itenni t-tħassib tiegħu li f'xi partijiet tal-pajjiż ħafna persuni qegħdin jgħixu f'faqar relattiv u li l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul huma b'mod persistenti f'livelli għoljin; jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-Kunsill Soċjali fit-tfassil ta' politiki tax-xogħol; jappella għal titjib fid-djalogu soċjali; jinnota d-differenza bejn il-ħiliet miksuba permezz tas-sistema edukattiva u l-ħiliet mistennija mis-suq tax-xogħol u d-differenzi soċjo-ekonomiċi li dejjem qegħdin jikbru bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-pajjiż; jappella għal aktar miżuri attivi fis-suq tax-xogħol biex jiżdiedu l-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ; jinnota l-ħtieġa li tiġi miġġielda b'mod aktar effikaċi l-evażjoni tat-taxxa u tiġi stabbilita tassazzjoni aktar ġusta mil-lat soċjali; jinkoraġġixxi lill-gvern jaċċelera l-ħidma tiegħu biex jindirizza l-isfidi ewlenin tal-Montenegro fir-rigward tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis fil-faqar u l-ekonomija griża; jilqa' l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2016 dwar l-inklużjoni soċjali; jilqa' il-memorandum ta' qbil mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

32. Jappella għal aktar sforzi sforzi biex titħares il-bijodiversità fis-Salina ta' Ulcinj, b'mod partikolari, bħala l-aktar sit importanti fil-Lvant tal-Kosta Adrijatika għall-għasafar fejn jgħammru u jqattgħu x-xitwa; jistieden lill-Gvern ikompli u jsaħħaħ l-isforzi għall-ħarisen nazzjonali u internazzjonali sostenibbli ta' din l-ekosistema unika, li jirrikonoxxi l-funzjonament tas-salini bħala wieħed mill-aħjar eżempji ta' sinerġija bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-ħarsien ambjentali, peress li dawn jistgħu jipprovdu servizz naturali lil miljuni ta' għasafar kull senabiss jekk ikunu funzjonali; jinkoraġġixxi l-iżvilupp sostenibbli tal-kosta, u l-ħarsien tal-ambjent naturali u l-bijodiversità f'konformità mal-istandards Ewropej; itenni li għandhom isiru aktar sforzi lejn l-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar l-ambjent flimkien mal-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt ambjentali u li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' koordinazzjoni u amministrattivi rilevanti; jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija dwar il-Klima f'Settembru 2015; jinnota l-intenzjoni tal-Gvern Montenegrin li jibni impjanti idroelettriċi ġodda; ifakkar il-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali soda f'konformità mal-acquis tal-UE u l-istandards internazzjonali;

33. Ifaħħar il-parteċipazzjoni proattiva tal-Montenegro u r-rwol kostruttiv tiegħu fil-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali, inklużi r-rikonċiljazzjoni reġjonali u l-kontribuzzjoni f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet taħt il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); jenfasizza r-rwol kostruttiv l-Montenegro fil-qafas tal-"Proċess ta' Berlin" u l-inizjattiva tas-Sitt Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent; jifraħ lill-Montenegro talli allinja ruħu bis-sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (PESK) ,u jħeġġeġ lill-gvern ikompli l-allinjament attwali ta' 100 %; jilqa' l-adozzjoni tal-liġi dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi internazzjonali, inkluż fil-kuntest tal-annessjoni illegali Russa tal-Krimea u l-avvenimenti fil-Lvant tal-Ukrajna; jinkoraġġixxi pajjiżi oħra fir-reġjun biex jaħdmu flimkien mal-UE dwar l-allinjament tal-politika barranija u jsegwu l-eżempju tal-Montenegro; jistieden lill-awtoritajiet tal-Montenegro jimplimentaw b'mod rapidu "miżuri mhux vinkolanti" miftiehma fis-Summit tal-Balkani tal-Punent tal-2015 fi Vjenna (eż. is-simplifikazzjoni/allinjament tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri, riformi fis-settur ferrovjarju, sistemi ta' informazzjoni) qabel is-Summit tal-Balkani tal-Punent li jmiss fl-2016 fi Franza;

34. Jilqa' d-deċiżjoni tan-NATO li tistieden lill-Montenegro biex jingħaqad mal-alleanza, u jinkoraġġixxi proċess rapidu u effiċjenti għan-negozjati ta' adeżjoni; jinkoraġġixxi, f'dan il-kuntest, li titkompla r-riforma tas-settur tas-sigurtà; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Montenegro fil-missjonijiet tal-PSDK mmexxija mill-UE; ifakkar li n-negozjati dwar l-adeżjoni mal-UE huma indipendenti mill-proċess ta' adeżjoni man-NATO;

35. Jilqa' l-ftehimiet dwar il-fruntieri mal-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo, u jħeġġeġ lill-Montenegro jibni fuq dan u jħaffef il-ħidma dwar id-delimitazzjoni tal-fruntieri mal-Kroazja u s-Serbja, u, jekk ikun impossibbli li tintlaħaq soluzzjoni bi ftehim reċiproku, jappella li t-tilwim jissolva mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fl-Aja, skont ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali; itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet biex jgħinu jsolvu l-kwistjonijiet dwar is-suċċessjoni dwar il-wirt tal-ex Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja, inkluż il-wirt militari u navali; jinkoraġġixxi lill-Montenegro jkompli jindirizza, fi spirtu kostruttiv u ta' bon viċinat, kwistjonijiet bilaterali pendenti mal-ġirien tiegħu kemm jista' jkun kmieni fil-proċess ta' adeżjoni; jappella wkoll lill-awtoritajiet Montenegrini jwessgħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat billi jikkondividu informazzjoni magħhom dwar l-esperjenza ta' negozjati ta' qabel l-adeżjoni; jistieden lill-awtoritajiet Montenegrini jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet dwar is-suċċessjoni tal-ex Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja, speċjalment fir-rigward ta' assi militari;

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Montenegro.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0093

Unjoni Bankarja – Rapport annwali 2015

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-Unjoni Bankarja – Rapport Annwali 2015 (2015/2221(INI))

(2018/C 050/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013, li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]) (Regolament tal-MSU),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizju tar-responsabbiltà demokratika u tas-superviżjoni tal-eżerċizju tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fil-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji 2014 ta' Marzu 2015 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Settembru 2014 dwar l-implimentazzjoni ta' separazzjoni bejn il-funzjonijiet ta' politika monetarja u ta' superviżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/39) ([5]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Frar 2014 li tidentifika l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għall-evalwazzjoni komprensiva (BĊE/2014/3) ([6]),

— wara li kkunsidra x-xogħol reċenti tal-Kumitat ta' Basel, b'mod speċjali r-Reviżjonijiet tal-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu u r-Reviżjoni tal-kejl tar-riskju operazzjonali,

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni komprensiva mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew bejn Novembru 2013 u Ottubru 2014 ([7]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/534 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2015 dwar ir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja superviżorja ([8]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([9]) (Regolament SRM),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizju tar-responsabbiltà demokratika u tas-superviżjoni tal-eżerċizju tal-kompiti mogħtija lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fil-qafas tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni ([10]),

---

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([2]) ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1.
([3]) https://www.bankingsupervision.europa.eu/ecb/pub/pdf/ssmar2014.en.pdf.
([4]) ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1.
([5]) ĠU L 300, 18.10.2014, p. 57.
([6]) ĠU L 69, 8.3.2014, p. 107.
([7]) https://www.bankingsupervision.europa.eu/banking/comprehensive/2014/html/index.en.html.
([8]) ĠU L 86, 31.3.2015, p. 13.
([9]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.
([10]) ĠU L 339, 24.12.2015, p. 58.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa ("Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti"),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tirreferi lir-Repubblika Ċeka, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba li naqsu milli jimplimentaw id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni ta' Banek (2014/59/UE),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-Unjoni Bankarja u l-arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-8 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar analiżi u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji: l-impatt u t-triq 'il quddiem lejn qafas tal-UE aktar effiċjenti u effikaċi għal Regolamentazzjoni Finanzjarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika: analiżi u sfidi ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku dwar it-trattament regolatorju ta' skoperturi sovrani ta' Marzu 2015,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015 bit-titolu "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja" (COM(2015)0587),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2015 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (COM(2015)0586),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0033/2016),

A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) hija komponent indispensabbli ta' unjoni monetarja u sies fundamentali fil-bini ta' unjoni ekonomika u monetarja ġenwina (UEM) u billi hija miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro;

B. billi l-UB hija strumentali biex tiġi żgurata stabbiltà u tinkiseb lura l-fiduċja fil-banek taż-żona tal-euro, tissaħħaħ l-integrazzjoni finanzjarja u jitnaqqas ir-riskju fis-sistema bankarja Ewropea u l-periklu morali, filwaqt li tikkontribwixxi biex tinqata' r-rabta bejn is-sovrani u l-banek u titħeġġeġ il-kondiviżjoni tar-riskju fl-unjoni monetarja;

C. billi l-UB għandha rwol ewlieni fil-finanzjament ta' investimenti u, għaldaqstant, fir-trawwim tat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi fl-UE;

D. billi f'UB, Ġabra Unika ta' Regoli għandha tiġi kkomplementata b'Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) u livell għoli u uniformi ta' protezzjoni tad-depożiti u b'garanzija ta' kontinġenza fiskali effiċjenti fil-livell tal-UE;

E. billi l-MSU huwa l-ewwel pilastru tal-UB u għandu l-għan li jiżgura superviżjoni uniformi u omoġena tal-banek tal-Istati Membri parteċipanti, joħloq kundizzjonijiet ekwi fis-suq bankarju, u jikkontribwixxi għas-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja filwaqt li jirrispetta d-diversità tal-banek u l-mudelli kummerċjali tagħhom;

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0006.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0238.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

F. billi fil-kuntest tal-attivitajiet superviżorji tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) sa issa ma kkunsidrax il-prinċipju ta' proporzjonalità b'mod suffiċjenti;

G. billi l-SRM huwa t-tieni pilastru tal-UB u għandu l-għan li jiżgura regoli u proċeduri uniformi u proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet komuni għar-riżoluzzjoni ordnata ta' banek li qed ifallu b'impatt minimu fuq il-bqija tas-sistema finanzjarja, l-ekonomija reali, iċ-ċittadini ordinarji, u l-finanzi pubbliċi fl-Ewropa kollha;

H. billi t-tielet pilastru tal-UB s'issa jikkonsisti f'approssimazzjoni ta' SGD, u kien biss reċentement li l-Kummissjoni ressqet proposta għal Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti mmirata biex tiżgura gradwalment livell unifikat ta' protezzjoni tad-depożiti li se tkun suġġetta għad-deċiżjoni tal-koleġiżlaturi permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

I. billi r-Regolament tal-MSU u r-Regolament SRM jitolbu li korpi ġodda maħluqa skont l-MSU – b'mod partikolari l-Bord Superviżorju tal-BĊE – u l-SRM – b'mod partikolari l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni – jikkonformaw mal-prinċipji tat-traparenza u tar-responsabbiltà fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tagħhom; billi dawn il-korpi għandhom ikunu eżempji ewlenin f'dan ir-rigward kif ukoll f'termini ta' kompetenza teknika u integrità;

Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU)

1. Jilqa' l-istabbiliment tal-MSU, li kien ta' suċċess sa mill-ħolqien tiegħu kemm mil-lat operattiv kif ukoll f'termini ta' kwalità superviżorja, u jikkunsidrah kisba notevoli, fid-dawl tal-kumplessità tal-proġett u l-perjodu ta' żmien ferm qasir disponibbli;

2. Iħeġġeġ li jkun hemm rappreżentanza wiesgħa fl-UB permezz tal-involviment u l-parteċipazzjoni futuri tal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti tal-Istati Membri mhux parteċipanti skont ir-regoli u l-proċeduri legali stabbiliti kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi lil hinn mill-UE; jafferma mill-ġdid li koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti fl-UE u fil-livell internazzjonali hija essenzjali biex jiġu żgurati r-regolamentazzjoni u s-superviżjoni effettivi tal-banek importanti b'mod sistematiku;

3. Jilqa' b'mod partikolari, b'rabta mal-istruttura operattiva:

(a) il-proċess ta' reklutaġġ, li rriżulta f'taħlita tajba ta' kompetenzi, kulturi u ġeneri, u li għalhekk jikkontribwixxi għan-natura sopranazzjonali tal-MSU, u l-programm ta' attività ta' taħriġ bir-reqqa għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) u l-persunal tal-BĊE; jirrimarka li, madankollu, hemm lok għal titjib fil-prattiki kuntrattwali tal-BĊE, speċjalment fir-rigward ta' għadd ta' kuntratti fuq terminu qasir, ta' kontrolli fuq is-siegħat ta' ħidma tal-persunal, it-trasparenza tal-proċess ta' reklutaġġ u r-rieda ta' negozjati mal-unions; jinnota li l-BĊE ħabbar li ħatar l-ewwel Direttur Amminstrattiv biex jieħu ħsieb is-servizzi amministrattivi kollha, is-servizzi tal-IT u r-riżorsi umani;

(b) l-abbozzar, abbażi tal-aħjar prattiki nazzjonali, tal-Manwal ta' Superviżjoni li jistabbilixxi l-proċessi, il-proċeduri u l-metodi komuni għat-twettiq ta' proċess ta' rieżami superviżorju fiż-żona tal-euro;

(c) it-twaqqif tal-infrastruttura tal-IT u tal-għodod analitiċi ta' appoġġ; jenfasizza l-importanza ta' sistemi tal-IT b'saħħithom u li jiffunzjonaw tajjeb li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-funzjonijiet superviżorji tal-MSU; iħeġġeġ il-koordinazzjoni bejn l-MSU u l-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tad-data permezz ta' applikazzjoni unika;

(d) it-twaqqif tat-Timijiet Superviżorji Konġunti (TSK) u d-djalogu li huma stabbilew mal-istituzzjonijiet ta' kreditu taħt sorveljanza;

(e) il-proċessi mfassla għat-twettiq tal-proċeduri komuni (l-awtorizzazzjoni tal-parteċipazzjonijiet kwalifikanti, tal-liċenzar, tal-għoti tal-passaporti, u l-valutazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità);

4. Jinnota li parti sinifikanti ħafna tax-xogħol regolarment tiġi ddedikata għall-proċeduri amministrattivi meħtieġa mir-Regolament dwar l-MSU, li mhux dejjem ikunu proporzjonati, u jinsab lest li jikkunsidra proposti mmirati biex inaqqsu l-piż operazzjonali minn fuq l-istrutturi fil-livelli kollha u jtejbu l-effikaċja tas-superviżjoni tal-MSU, jiġifieri billi jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi jew billi jiddelegaw ċerti deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet amministrattivi speċifiċi b'linji gwida u limiti ċari;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

5. Jinnota b'sodisfazzjon li r-regoli dwar l-etika tal-BĊE ġew riveduti u jenfasizza l-importanza ta' regoli effettivi dwar il-kunflitt ta' interess u salvagwardji kontra influwenza mhux dovuta tal-industrija finanzjarja fuq il-persunal kif ukoll il-membri tal-korpi governattivi;

6. Jemmen li filwaqt li l-livell ta' effikaċja miksub mit-TSK f'inqas minn sena huwa wieħed notevoli, jistgħu jsiru sforzi favur titjib ulterjuri, inkluż bl-involviment iktar effikaċi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

7. Jieħu nota tar-rimarki magħmula minn entitajiet taħt superviżjoni dwar il-ħtieġa ta' ppjanar bikri tal-azzjonijiet superviżorji, sabiex tiżdied il-kwalità tagħhom u tiġi evitata l-konsegwenza mhux intenzjonata li jiġu affettwati l-attivitajiet kummerċjali tal-banek, u jqis li hemm lok bil-kbir għal titjib f'dan ir-rigward;

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati rekwiżiti ta' rapportar doppju u mezzi ta' rappurtar multipli, u b'mod aktar ġenerali piż amministrattiv bla bżonn fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'mod partikolari l-banek iżgħar, kif ukoll li jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju ta' proporzjonalità; jitlob li tiżdied l-effikaċja tal-ġbir ta' data, li għandu josserva l-prinċipju ta' "darba biss" kif ukoll li jiġu eżaminati l-utilità, l-applikabbiltà u l-proporzjonalità tiegħu;

9. Jistieden lill-BĊE jiżgura li l-ħolqien ta' bażi tad-data komprensiva dwar ir-riskju tal-kreditu (Analytical Credit Dataset, AnaCredit) jagħti attenzjoni partikolari lill-prinċipju tal-proporzjonalità u lill-ħtieġa li jiġu evitati spejjeż amministrattivi għolja b'mod sproporzjonat, partikolarment għal istituzzjonijiet iżgħar; jitlob, f'dan il-kuntest, biex il-limiti ta' rappurtar relevanti jiġu stabbiliti f'livell adegwat;

10. Jenfasizza l-importanza ta' interazzjoni mill-qrib bejn id-Direttorati Ġenerali (DĠ) tal-BĊE responsabbli mis-superviżjoni mikroprudenzjali diretta u indiretta u d-DĠ responsabbli mis-superviżjoni orizzontali u s-servizzi ta' għarfien espert, u jenfasizza r-rwol ta' dan tal-aħħar biex itejjeb il-komprensjoni, fost l-entitajiet sorveljati, ta' approċċ superviżorju komuni li jservi ta' bażi għall-miżuri mikroprudenzjali individwali konkreti; jenfasizza l-importanza ta' separazzjoni organizzattiva sħiħa bejn il-persunal tal-MSU u l-persunal li jipprovdi s-servizzi meħtieġa għal finijiet ta' politika monetarja indipendenti;

11. Jitlob rieżami sistematiku ta' valutazzjonijiet komprensivi tal-istituzzjonijiet taħt superviżjoni tal-BĊE, kif ukoll titjib xieraq fil-metodoloġija fid-dawl tal-lezzjonijiet li nsiltu, fil-każijiet kollha meta istituzzjoni titqies bħala soda skont il-valutazzjoni u sussegwentement jispiċċa jkollha problemi, kif ukoll meta istituzzjoni titqies sottokapitalizzata fuq il-bażi ta' xenarju ta' test tal-istress li jirriżulta mhux realistiku b'mod sinifikanti; jenfasizza l-limitazzjonijiet tal-metodoloġija tat-test tal-istress attwali li tevalwa l-esponiment għal pajjiż terz fuq il-bażi ta' valutazzjoni interna tal-banek;

12. Jilqa' l-fatt li l-BĊE qed jaħdem fuq tisħiħ fil-qafas tal-ittestjar ġenerali tal-istress sabiex jintegra karatteristiċi dinamiċi aktar realistiċi fil-qafas tal-mudell tal-ittestjar tal-istress, iżid komponent adegwat tat-test tal-istress tal-likwidità, u jintegra effetti ta' kontaġju fi ħdan is-sistema bankarja kif ukoll l-interazzjoni f'żewġ direzzjonijiet mal-ekonomija reali u s-settur tax-shadow banking f'qafas usa';

13. Iqis li l-valutazzjoni komprensiva mwettqa qabel it-tnedija tal-MSU hija pass fundamentali biex tinkiseb lura l-fiduċja mitlufa matul is-snin tal-kriżi u tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema bankarja taż-żona tal-euro billi titjieb il-kapitalizzazzjoni tagħha u tiżdied it-trasparenza; iqis li l-Proċess ta' Rieżami u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) u valutazzjonijiet komprensivi futuri tal-karti tal-bilanċ ta' bank jikkostitwixxu għodda meħtieġa biex jiġu identifikati banek li għandhom isaħħu l-kapitalizzazzjoni tagħhom u jnaqqsu l-ingranaġġ;

14. Jenfasizza l-fatt li l-irkupru ekonomiku qed iseħħ imma, partikolarment minħabba livell insufficjenti ta' riformi strutturali, konvergenza u investiment kif ukoll dipendenza eċċessiva fuq fatturi esterni, għadu fraġli u limitat, filwaqt li l-inflazzjoni għadha taħt il-mira; jinnota f'dan il-kuntest li filwaqt li seta' jiġi osservat titjib tanġibbli fil-passat reċenti, id-dinamika tal-kreditu tibqa' kkontrollata f'ħafna ġuriżdizzjonijiet u numru kbir ta' self mhux produttiv għadu jirrappreżenta piż fuq il-karti tal-bilanċ ta' ħafna banek Ewropej, u b'hekk qed jillimita l-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw l-ekonomija;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

15. Ifakkar li l-kapaċità li jitħassar jew jinbiegħ is-self mhux produttiv hija ta' importanza vitali, għaliex tillibera kapital biex jiġi ffinanzjat self ġdid partikolarment lill-SMEs; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-self mhux produttiv fil-livell Ewropew, prinċipalment billi jiġi ffaċilitat it-twaqqif ta' kumpaniji maniġerjali tal-assi f'dawk il-pajjiżi fejn dan huwa meqjus bħala neċessarju, kif kien il-każ fi Spanja u fl-Irlanda;

16. Jissottolinja li l-koordinazzjoni effikaċi bejn il-politiki makroprudenzjali u mikroprudenzjali hija kruċjali, u jenfasizza l-fatt li l-MSU huwa parti sħiħa mill-qafas makroprudenzjali tal-UE u ngħata responsabbiltajiet makroprudenzjali rilevanti, flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) sabiex jikkumplimenta s-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-MSU permezz ta' awtorità makroprudenzjali u transsettorjali madwar l-UE kollha, biex jiġi żgurat li l-makroriskji jiġu indirizzati fl-interess ġenerali Ewropew; iqis li l-politika makroprudenzjali għandha tpoġġi aktar enfasi fuq il-prevenzjoni ta' fluttwazzjonijiet kbar fiċ-ċiklu finanzjarju; ifakkar li l-BERS għandu jindirizza l-interkonnettività tas-swieq finanzjarji u kwalunkwe riskju sistemiku ieħor li jaffettwa l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji;

17. Jaqbel mal-opinjonijiet espressi minn membri tal-persunal superjuri tal-BĊE, jiġifieri li l-politika makroprudenzjali għandha tpoġġi aktar enfasi fuq il-prevenzjoni ta' fluttwazzjonijiet kbar fiċ-ċiklu finanzjarju, pjuttost milli sempliċement iżżid ir-reżiljenza għax-xokkijiet meta dawn iseħħu; jilqa' r-riċerka magħmula mill-BĊE fid-definizzjoni ta' stabbiltà finanzjarja u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' għodod bħall-indiċi tar-riskju sistemiku diskuss fir-Rieżami tal-Istabbiltà Finanzjarja ta' Novembru 2015 għall-monitoraġġ tar-riskju sistemiku bħala parti minn manwal effettiv biex jiġi ġestit;

18. Jinnota li r-Riforma Strutturali Bankarja, li nħolqot biex tnaqqas ir-riskju sistemiku u tindirizza l-kwistjoni ta' istituzzjonijiet "kbar wisq biex ifallu", għad trid tiġi implimentata; iħeġġeġ ftethim leġiżlattiv rapidu;

19. Jinnota li s-settur tal-assigurazzjoni qed isir dejjem aktar involut fis-servizzi finanzjarji, u jenfasizza l-importanza ta' kundizzjonijiet ekwi sabiex jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju ta' regoli prudenzjali u ta' protezzjoni tal-konsumaturi;

20. Jemmen li l-impetu madwar id-dinja kollha favur iktar kapital tal-banek u ta' kwalità aħjar u banek b'inqas ingranaġġ huwa kundizzjoni meħtieġa għal sistema bankarja soda li kapaċi tappoġġa l-ekonomija, u sabiex tiġi evitata kwalunkwe repetizzjoni tas-salvataġġi enormi esperjenzati matul il-kriżi; jenfasizza, madankollu, li l-iżvilupp ta' politiki regolatorji, superviżorji u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mas-settur finanzjarju fil-livell globali (il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), eċċ.) ma għandux jimmira għal mudell partikolari ta' finanzjament li jintuża f'parti waħda tad-dinja;

21. Jinnota li żieda fir-rekwiżiti kapitali lil hinn minn ċertu limitu jista' fi żmien qasir joħloq konsegwenzi mhux intenzjonati, li jillimita l-kapaċità tas-self tal-banek, u li għalhekk dan ir-riskju għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi ddeterminat il-livell ta' kapital; jenfasizza li l-interdipendenza bejn ir-rekwiżiti ta' kapital u l-provvista ta' kreditu mhijiex waħda lineari;

22. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), twettaq valutazzjoni komprensiva tar-rekwiżiti ta' kapital integrati fil-leġiżlazzjoni attwali u futura, b'mod partikolari bl-għan li jiġu analizzati l-konsegwenzi tagħhom fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-SMEs u b'mod aktar ġenerali tal-ekonomija reali, filwaqt li jitqies il-bilanċ bejn l-impatt fuq perjodu qasir u fit-tul tar-rekwiżiti ta' kapital u l-ħtieġa li tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja;

23. Ifakkar fl-importanza tal-għodod bħall-"Fattur ta' Sostenn lill-SMEs"; jissuġġerixxi li l-inizjattivi għat-titjib tal-finanzjament tal-SMEs għandhom jiġu estiżi għan-negozji ġodda, l-intrapriżi mikro u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

24. Iqis l-istabbilizzazzjoni tal-qafas regolatorju u superviżorju bħala element importanti biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-investituri, tiġi evitata l-inċertezza dwar l-azzjonijiet regolatorji u superviżorji, u biex jiġu appoġġati t-tkabbir u l-istabbiltà finanzjarja; jitlob tnaqqis fil-kumplessità tar-regolamentazzjoni eżistenti fuq perjodu qasir u l-istabbiliment fuq perjodu medju ta' ġabra integrata Ewropea ta' regoli dwar ir-regolamentazzjoni finanzjarja u d-drittijiet tal-konsumaturi, li tieħu post il-leġiżlazzjoni attwali kumplessa, oneruża u iżolata;

25. Jilqa' l-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għaċ-ċiklu tal-2015 tas-SREP; jieħu nota tal-fatt li, parzjalment b'konsegwenza tal-bidu rapidu tal-MSU, ħafna aspetti ta' din il-metodoloġija ġew finalizzati biss meta ċ-ċiklu tas-SREP kien diġà beda, u jqis li sabiex jissaħħu r-robustezza tar-riżultati u l-konsistenza bejn il-profili ta' riskju tal-banek u l-livelli kapitali tagħhom, il-proċess li jwassal għall-approvazzjoni tal-istandards superviżorji komuni għall-valutazzjoni tar-riskju jista' jibbenefika minn irfinar ulterjuri; jilqa' r-rieda tal-MSU li jaħdem fuq il-governanza tal-banek u b'mod partikolari fuq il-ġestjoni tar-riskju, l-aptit għar-riskju u r-riskju ċibernetiku;

26. Iqis li l-kalkolu ta' Ammont Massimu Distribwibbli (AMD) għal kull bank individwali, f'konformità mal-Artikolu 141 (6) tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD), huwa għodda importanti għall-kisba mill-ġdid ta' kapital, bħala alternattiva għal karti tal-bilanċ dejjem jiċkienu; jenfasizza li n-nuqqas ta' ċarezza tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġerarkija bejn it-tieni pilastru u l-bafers kapitali fir-rigward tas-soll tal-AMD u fir-rigward ta' miżuri oħra ta' sanzjonijiet ma għandux iwaqqaf lill-MSU milli juża marġni ta' flessibbiltà sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jkunu riġidi wisq u li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-bonds AT1 u l-kundizzjonijiet ekwi ma' ġurisdizzjonijiet oħra; jitlob kjarifika legali tal-mekkaniżmu tal-AMD u tal-funzjoni tat-tieni pilastru, li għandu jindirizza "riskji speċifiċi għall-banek", biex tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi fl-UE u tipprovdi aktar ċarezza dwar l-għan tal-mekkaniżmu; iqis li r-rieżami ta' dawk id-dispożizzjonijiet għandu jkollu l-għan li jiġu inkorporati fir-Regolament;

27. Jenfasizza li l-għażliet nazzjonali u d-diskrezzjoni attribwiti lill-Istati Membri jipprevjenu l-MSU milli jiżviluppa approċċ superviżorju koerenti uniku fiż-żona tal-euro sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, u jemmen li l-omoġenizzazzjoni ta' prattiki u standards għandha timxi id f'id mat-tlestija taż-żewġ pilastri l-oħrajn tal-Unjoni Bankarja; jilqa' f'dan ir-rigward il-pubblikazzjoni mill-BĊE ta' abbozz ta' regolament li għandu l-għan li jneħħi madwar 35 alternattiva u diskrezzjoni nazzjonali taħt il-qafas regolatorju bankarju tal-UE, kif ukoll abbozz ta' gwida biex jgħin lit-tim superviżorju konġunt jieħu deċiżjonijiet b'mod iktar konsistenti fl-oqsma koperti mill-għażliet u d-diskrezzjonijiet l-oħrajn identifikati; iqis li tali implimentazzjoni unika tirrikjedi approċċ gradwali u għandu jkollha l-għan li tindirizza s-segmentazzjonijiet u l-ostakli eżistenti kollha; jinsab lest li jikkoopera fil-livell leġiżlattiv sabiex l-armonizzazzjoni superviżorja u regolatorja tkompli titjieb; jenfasizza l-bżonn li jiġu eżaminati mill-ġdid l-alternattivi u d-diskrezzjonijiet nazzjonali sabiex jiġu garantiti kundizzjonijiet indaqs madwar l-Unjoni Bankarja, inkluż bejn istituzzjonijiet konglomerati u mhux konglomerati li għandhom ishma f'impriżi tal-assigurazzjoni;

28. Ifakkar li l-applikazzjoni ta' miżuri ta' valur ġust għal qligħ u telf mhux realizzat fuq skoperturi għal gvernijiet ċentrali klassifikati bħala "disponibbli għall-bejgħ", mhux biss issaħħaħ ir-rabta bejn il-banek u s-sovrani, iżda tista' twassal ukoll għal volatilità tal-fondi proprji; jistieden lill-BĊE jżomm in-nonapplikazzjoni ta' dan il-kejl sa ma jiġi applikat l-IFRS 9;

29. Jenfasizza l-fatt li kemm ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, u kemm id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment), magħrufa b'mod kollettiv bħala "CRR/CRDIV", ġew adottati mill-koleġiżlaturi qabel it-twaqqif tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal adattament tekniku tas-CRR/CRDIV sabiex tallinjaha mal-qafas tal-Unjoni Bankarja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża regolamenti (applikabbli b'mod dirett u għal kulħadd fl-UE kollha) bħala għodda leġiżlattiva biex tiżgura implimentazzjoni armonizzata fl-UE u l-Unjoni Bankarja, pjuttost milli direttivi;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

30. Jenfasizza l-importanza tal-ħidma li saret dwar l-omoġenizzazzjoni tal-kalkolu tal-assi peżati bir-riskju, li hija ċentrali għall-fini ta' komparabbiltà, u dwar ir-rieżami ta' mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital tal-banek; iqis li l-progress f'dan il-qasam huwa kruċjali għall-portafolli biex tinżamm l-effikaċja u l-kredibbiltà tas-superviżjoni bankarja fiż-żona tal-euro sabiex tiġi promossa l-aħjar prattika f'mudelli ta' riskju tas-suq u tal-kreditu;

31. Jilqa' l-adozzjoni mill-MSU ta' ħames prijoritajiet ta' livell għoli biex jiggwidaw is-superviżjoni tiegħu matul l-2016; jenfasizza li l-MSU għandu jħares lil hinn mir-riskju ta' kreditu għall-forom kollha ta' riskju tal-banek, inkluż ir-riskju mhux finanzjarju; jenfasizza li huma meħtieġa passi ulterjuri sabiex jissaħħu l-iskrutinju superviżorju tal-portafolli finanzjarji tal-banek, speċjalment l-assi finanzjarji ta' livell 3, inklużi d-derivattivi; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-interkonnessjonijiet bejn is-settur bankarju regolat u s-settur tax-shadow banking, mhux l-inqas permezz ta' limitazzjoni tal-iskopertura rispettiva għar-riskju tal-kreditu;

32. Iqis li għandha tingħata aktar attenzjoni liż-żieda fl-iskoperturi fil-forma ta' elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ, b'mod partikolari għall-banek ta' importanza sistematika fil-livell globali (G-SIBs); jenfasizza f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li ssir viġilanza dwar l-iżvilupp tas-settur tax-shadow banking;

33. Jinnota l-ħidma tal-BCBS u l-BERS dwar skoperturi sovrani ta' banek u intermedjarji finanzjarji oħra; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jivvalutaw b'attenzjoni u bir-reqqa l-possibbiltà ta' tibdil fuq perjodu ta' żmien medju fil-qafas regolatorju preżenti, mingħajr ma jitnaqqsu l-fondi disponibbli għall-Istati Membri, mingħajr ma jinħoloq tgħawwiġ mhux intenzjonat fis-suq u l-kompetizzjoni u mingħajr ma tiġi affettwata l-istabbiltà finanzjarja, u bħala parti minn sforz koordinat fuq livell globali; jenfasizza li sabiex ikun hemm tnaqqis tar-riskju komprensiv, għandhom jittieħdu miżuri paralleli fost oħrajn biex jitnaqqas l-esponiment ta' assi ta' livell 2 u 3 u biex tiġi żgurata konverġenza sħiħa tas-sistemi interni bbażati fuq il-klassifikazzjoni (IRB) għall-kejl tar-riskju tal-kreditu;

34. Jenfasizza li l-MSU u l-SRM jikkostitwixxu pass fid-direzzjoni lejn suq komuni għas-servizzi bankarji, u jagħmlu l-konsolidazzjoni transfruntiera iktar attraenti; jemmen li l-introduzzjoni ta' stabbiltà finanzjarja u valutazzjoni tar-riżolvibbiltà fid-Direttiva dwar il-Parteċipazzjoni Kwalifikanti hija meħtieġa biex jiġu evitati problemi ġodda kbar wisq biex ifallu li jistgħu jinħolqu minħabba għadd ogħla ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet;

35. Jenfasizza r-rwol importanti li kellu l-MSU matul il-kriżi Griega fil-monitoraġġ tal-kundizzjoni tas-settur bankarju tal-pajjiż, fit-twettiq ta' valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjonijiet Griegi sinifikanti u fil-kontribut li ta biex jiġu determinati l-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni; jinnota li l-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek Griegi kif ivvalutati mill-MSU jvarjaw minn EUR 4,4 biljuni f'xenarju bażi għal EUR 14,4 biljuni fl-aktar xenarju riskjuż, filwaqt li l-bafer previst taħt il-Programm kien ilaħħaq il-EUR 25 biljun; jitlob kjarifika fir-rigward tar-rwol ta' konsulenzi finanzjarji, li spiss kienu ingaġġati mingħajr offerta pubblika u żvolġew rwol fis-salvataġġi kollha taż-żona tal-euro billi pprovdew għarfien espert lit-trojka ta' mutwanti internazzjonali; jitlob iktar trasparenza u responsabbiltà fil-proċess ta' ingaġġ biex jiġu evitati kunflitti ta' interess potenzjali, li jinħolqu minn rabtiet ma' fondi ta' investiment u forniturі oħrajn ta' servizzi finanzjarji; jitlob lill-BĊE jiddefinixxi mill-ġdid ir-rwol tiegħu fir-rigward ta' programmi ta' għajnuna bħala wieħed ta' "osservatur silenzjuż"; jenfasizza li assistenza ta' likwidità f'emerġenza (ELA) hija strument essenzjali biex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja billi tipprevjeni li l-kriżijiet ta' likwidità jinbidlu fi kriżijiet ta' solvenza; jinnota li r-responsabbiltà tad-disponibbiltà tagħha għadha ma ġietx ittrasferita għalkollox għal-livell taż-żona tal-euro; jilqa' l-kummenti li saru mill-President Draghi lill-Kumitat tal-Parlament għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji li jindikaw reviżjoni diliġenti tar-reġim tal-ELA fid-dawl tal- "Ewropizzazzjoni" tas-superviżjoni bankarja;

36. Jemmen li l-istrateġija ta' superviżjoni tal-BĊE, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe divrenzjar skont il-linji nazzjonali, għandha tirrifletti u tissalvagwardja l-pluraliżmu u d-diversità tal-mudelli bankarji madwar l-UE, inklużi banek mutwi, tat-tfaddil u kooperattivi awtentiċi u b'saħħithom, u għandha tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

37. Iqis li t-trasparenza fir-rigward tal-atturi tas-suq u l-pubbliku, inkluż dwar suġġetti sensittivi bħal miri tal-kapital bħala riżultat taċ-ċiklu tas-SREP, prattiki superviżorji u rekwiżiti oħrajn, hija essenzjali biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn l-entitajiet taħt superviżjoni, kompetizzjoni ġusta fis-suq bankarju u biex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom l-inċertezza regolatorja tinfluwenza b'mod negattiv l-istrateġija tan-negozju tal-banek; jissottolinja li t-trasparenza kemm tas-superviżuri kif ukoll tal-entitajiet taħt superviżjoni hija wkoll prerekwiżit għar-responsabbiltà, peress li din tippermetti li l-Parlament u l-pubbliku jkunu infurmati dwar kwistjonijiet ta' politika ewlenin u biex tiġi vvalutata l-konsistenza mar-regoli u l-prattiki superviżorji; jitlob iktar trasparenza rigward id-deċiżjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet tal-pilastru 2;

38. Jenfasizza f'dan ir-rigward, li l-pubblikazzjoni ta' lista ta' Mistoqsijiet Frekwenti dwar is-SREP tista' tkun għodda utli;

39. Jilqa' l-mod effiċjenti u miftuħ li bih il-BĊE s'issa ssodisfa l-obbligi tiegħu ta' responsabbiltà lejn il-Parlament, u jistieden lill-BĊE jkompli jimpenja ruħu bis-sħiħ f'dan ir-rigward u biex ikompli jikkontribwixxi għat-titjib fil-kapaċità tal-Parlament li jevalwa l-politiki u l-attivitajiet tal-MSU; iqis b'mod favorevoli r-rieda tal-President tal-BĊE li jkompli jikkoopera mal-Parlament fir-rigward tar-rwol tal-BĊE fi kwistjonijiet bankarji, b'mod partikulari fil-qafas ta' korpi li jistabbilixxu l-istandards globali, b'mod partikolari l-FSB;

40. Ifakkar li l-awditu pubbliku jikkostitwixxi parti integrali mill-mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-akkontabilità tal-istituzzjonijiet lejn iċ-ċittadini; jinnota, għaldaqstant, bi ftit tħassib id-dikjarazzjoni ppubblikata f'Ġunju 2015 mill-Kumitat ta' Kuntatt tal-Kapijiet tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), li twissi kontra l-ħolqien ta' lakuni fl-awditi minħabba t-trasferiment tal-kompiti superviżorji mill-awtoritajiet nazzjonali lill-MSU f'kuntest fejn il-mandat tal-awditu tal-QEA fuq il-BĊE li jaġixxi bħala superviżur huwa inqas komprensiv minn dak tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditu fuq is-superviżuri nazzjonali; jirrakkomanda, għaldaqstant, li jitqies it-tisħiħ tal-mandat tal-awditu tal-QEA;

41. Jissottolinja l-importanza li jkun hemm kooperazzjoni mal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR), mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u ma' awtoritajiet oħra fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-diviżjoni tar-rwoli u tal-kompetenzi, u s-separazzjoni bejn ir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni sabiex jingħata kontribut ħalli tiġi żgurata l-konformità mal-istruttura ta' kontrokontrolli tal-UE; jenfasizza b'mod partikolari li l-EBA, bil-mandat espliċitu tagħha ta' protezzjoni tal-konsumatur, trid tinforza u ttejjeb il-qafas tal-protezzjoni tal-konsumatur għas-servizzi bankarji, li jikkumplimenta s-superviżjoni prudenzjali tal-MSU, u fl-Unjoni b'mod ġenerali;

42. Jilqa' l-kredibbiltà tal-MSU fix-xena internazzjonali; iqis li huwa fundamentali li l-MSU jkun involut b'mod xieraq fit-tfassil tal-istandards regolatorji globali, b'mod partikolari l-orjentazzjonijiet innegozjati fi ħdan l-FSB u l-BCBS;

Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM)

43. Jilqa' t-twaqqif effiċjenti tal-BUR u l-istabbiliment tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRAs) fl-Istati Membri;

44. Jenfasizza l-importanza li tiġi stabbilita kooperazzjoni effiċjenti bejn il-BUR u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għall-funzjonament bla xkiel tal-SRM; iqis il-Gruppi ta' Riżoluzzjoni Interna (IRTs), bħala ekwivalenti għall-MSU u t-TSK, bħala bażi tajba biex tiġi organizzata l-kooperazzjoni fi ħdan l-SRM;

45. Jinkoraġġixxi l-konklużjoni ta' memorandum ta' qbil (MtQ) dwar il-kooperazzjoni reċiproka u l-iskambju ta' data bejn il-BUR u l-BĊE bħala superviżur uniku, sabiex tiżdied l-effiċjenza u jiġi evitat ir-rappurtar doppju għall-banek, filwaqt li l-BUR jitħalla jkollu aċċess għad-data tal-MSU meħtieġa sabiex iwettaq il-mandat istituzzjonali tiegħu; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mingħajr xkiel bejn l-SRM u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs);

46. Jissottolinja d-diskrepanza bejn il-banek taħt superviżjoni diretta mill-MSU u l-banek taħt ir-responsabbiltà diretta tal-BUR (inklużi gruppi transfruntiera oħrajn) u l-konsegwenzi potenzjali tagħha f'termini tal-aċċess tal-BUR għall-informazzjoni;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

47. Jitlob biex jinħolqu arranġamenti speċifiċi fi ħdan il-Kummissjoni u bejn il-BUR u l-Kummissjoni sabiex jiġu definiti proċeduri effiċjenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'każ ta' riżoluzzjoni;

48. Jinkoraġġixxi l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-BUR u l-NRAs ta' Stati Membri mhux parteċipanti u ta' pajjiżi terzi favur kooperazzjoni reċiproka effikaċi u skambju ta' informazzjoni;

49. Jilqa' t-tħejjija mill-BUR ta' manwali dwar l-attivitajiet ta' riżoluzzjoni, b'konformità mal-istandards rilevanti tal-EBA, li għandhom l-għan li jippromwovu approċċ konsistenti, effikaċi u proporzjonat għall-kompiti ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-SRM;

50. Jitlob li jkun hemm progress f'waqtu fit-tfassil ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni u fl-istabbiliment ta' rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) għal istituzzjonijiet fl-ambitu tal-SRM, sabiex tkun tista' tiġi żgurata riżoluzzjoni ordnata tal-banek inadempjenti b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali u fuq il-finanzi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta malajr kemm jista' jkun l-istandard tekniku regolatorju dwar il-MREL, bi standard vinkolanti għoli ta' mill-inqas 8 % ta' MREL għall-banek kollha tal-BUR, f'konformità mad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD (id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014) ([1]) u tnaqqas il-possibbiltà ta' telf tad-depożiti mhux koperti tal-SMEs; jieħu nota tal-ħidma li għaddejja dwar l-implimentazzjoni tal-Kapaċità ta' Assorbiment ta' Telf Totali (TLAC) u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura konsistenza mal-MREL;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta, fid-dawl tal-esperjenza u fil-qafas tar-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, jekk il-BUR u l-NRAs humiex mgħammra b'biżżejjed setgħat ta' intervent bikri u b'biżżejjed strumenti ta' intervent bikri biex jipprevjenu l-emoraġġija tal-banek;

52. Jenfasizza li, skont ir-regolamentazzjoni tal-SRM, il-Bord għandu jagħti attenzjoni xierqa, bħala kwistjoni ta' prijorità, għall-istabbiliment ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet importanti b'mod sistematiku, jivvaluta r-riżolvibbiltà tagħhom u jieħu l-azzjoni kollha meħtieġa biex jindirizza jew jelimina l-impedimenti kollha għar-riżolvibbiltà tagħhom; ikompli jenfasizza li l-Bord għandu s-setgħa li jirrikjedi tibdil fl-istruttura u l-organizzazzjoni ta' istituzzjonijiet jew gruppi bl-għan li jittieħdu miżuri li huma meħtieġa u proporzjonati biex jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-impedimenti materjali għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u tiġi żgurata r-riżolvibbiltà tal-entitajiet ikkonċernati;

53. Jieħu nota tar-rwol doppju tal-membri tal-Bord, li fl-istess ħin huma membri ta' korp eżekuttiv bi rwoli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u maniġers anzjani responsabbli f'dik il-kapaċità lejn il-President, u jqis li għandha ssir evalwazzjoni ta' din l-istruttura qabel ma jispiċċa l-mandat attwali;

54. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan sabiex ilestu t-traspożizzjoni tal-BRRD, u jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u infurzar tad-dispożizzjonijiet tagħha;

55. Jilqa' r-ratifika mill-Istati Membri tal-Ftehim Intergovernattiv dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet lejn fond uniku ta' riżoluzzjoni (SRF), li jippermetti lill-SRM isir operazzjonali b'mod sħiħ, inkluż l-użu tal-istrument ta' rikapitalizzazzjoni interna, mill-1 ta' Jannar 2016, skont l-iskeda ppjanata; jilqa' t-twaqqif ta' proċeduri ta' kalkolu u ta' ġbir għal kontribuzzjonijiet ex ante tal-SRF permezz tal-BUR; jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni li l-SRF jitwaqqaf permezz ta' ftehim intergovernattiv (IGA) minflok permezz tad-dritt tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex malajr kemm jista' jkun tieħu il-passi meħtieġa għal integrazzjoni rapida tal-IGA fil-qafas tad-dritt tal-UE, kif previst fl-Artikolu 16 tal-Ftehim u fir-Rapport tal-Ħames Presidenti;

56. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti biex tkompli tnaqqas ir-riskji ġuridiċi taħt il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar;

57. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru l-kontribuzzjonijiet relatati mal-BRRD u l-SRM b'mod sħiħ, effikaċi u f'waqtu fil-livell nazzjonali sabiex jittrasferuhom lejn l-SRF skont il-ftehim mal-IGA;

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

58. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel rieżami bir-reqqa tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-SRF previsti fil-premessa 27 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63, u filwaqt li tagħmel dan, tagħmel rieżami b'mod partikolari l-adegwatezza tal-fattur ta' riskju sabiex tiżgura li l-profil ta' riskju ta' istituzzjonijiet inqas kumplessi jiġu riflessi b'mod xieraq;

59. Jirrakkomanda, għall-finijiet ta' ġestjoni b'suċċess ta' kriżi bankarja fil-futur, valutazzjoni bir-reqqa tad-diversi għażliet għad-dispożizzjoni tal-Bord abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-UE (għodod differenti ta' riżoluzzjoni bħala alternattiva għal-likwidazzjoni tal-bank), billi titqies l-importanza tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja u ż-żamma tal-fiduċja fis-sistema bankarja;

60. Jiġbed l-attenzjoni għad-diskrepanza fiż-żmien bejn ir-regoli dwar il-qsim tal-piżijiet u dawk dwar ir-rikapitalizzazzjoni interna sħiħa, li affettwaw b'mod retroattiv il-possibbiltà effettiva ta' riskju tal-istrumenti ta' dejn maħruġa qabel id-dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-aħħar, u d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' regoli xierqa ta' protezzjoni tal-investiment; jistieden lill-BUR iwettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-perjodu tranżitorju u biex ikun żgurat li, b'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni, ir-regoli l-ġodda jiġu implimentati bil-proporzjonalità u bil-ġustizzja meħtieġa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) jiggarantixxu protezzjoni xierqa tal-investitur;

61. Jenfasizza l-ħtieġa li, b'konsegwenza tal-eżistenza tal-kompartimenti nazzjonali fl-SRF, jiġi stabbilit b'rapidità mekkaniżmu adegwat ta' finanzjament tranżitorju sabiex jipprovdi lill-fond, jekk ikun meħtieġ, b'riżorsi suffiċjenti fil-perjodu qabel it-tlestija tiegħu u jiggarantixxi s-separazzjoni effettiva bejn il-banek u l-istati; ifakkar li l-Grupp tal-Euro u l-ministri tal-ECOFIN identifikaw, fid-dikjarazzjoni tagħhom tat-18 ta' Diċembru 2013, il-possibbiltà li jsir rikors jew għassorsi nazzjonali, appoġġjati minn imposti bankarji, jew għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES);

62. Jilqa', madankollu, il-ftehim li nltaħaq fil-kisba ta' finanzjament tranżitorju pubbliku biex jgħin ħalli tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' fondi biex ikun hemm azzjoni ta' riżoluzzjoni konkreta permezz tar-riżorsi nazzjonali;

63. Ifakkar fid-dikjarazzjoni tal-ECOFIN tat-8 ta' Diċembru 2015 u l-impenn li ttieħed fiha biex tikkunsidra, wara t-tlestija tar-ratifika tal-IGA, it-traspożizzjoni sħiħa tal-BRRD u l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament tranżitorju kif ukoll it-triq 'il quddiem u ż-żmien sabiex tiġi żviluppata garanzija ta' kontinġenza li tiffaċilita s-self mill-SRF, li tkun operattiva bis-sħiħ sa mhux aktar tard mit-tmiem il-perjodu tranżitorju; jenfasizza, madankollu, li garanzija ta' kontinġenza fiskali se tintuża biss bħala l-aħħar alternattiva fil-każ li miżuri prudenzjali oħra biex tissaħħaħ is-superviżjoni u l-ġestjoni tal-kriżi ma jkunux kapaċi jeliminaw ir-riskju; ifakkar li din il-garanzija ta' kontinġenza għandha tkun fiskalment newtrali fuq terminu medju, u jissottolinja l-importanza li jiġi evitat il-periklu morali; jenfasizza li s-settur bankarju għandu jibqa' responsabbli għall-pagament lura minn imposti bankarji fl-Istati Membri parteċipanti kollha, inklużi dawk ex post;

It-tielet pilastru:

64. Ifakkar li, flimkien mal-MSU u l-SRM, il-kapaċità li toffri livell uniformi u għoli ta' protezzjoni ta' depożiti, irrispettivament mill-post tagħhom, għandha tiġi żgurata b'mod effikaċji f'Unjoni Bankarja (BU), u b'hekk tikkontribwixxi ġenwinament għall-waqfien taċ-ċirkwit tal-banek sovrani, tiġi restawrata l-fiduċja tad-depożitanti, b'tali mod li jinħolqu kondizzjonijiet ekwi u tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja; iqis li kwalunkwe sistema ta' protezzjoni ta' depożiti trid dejjem tevita l-introduzzjoni ta' kull periklu morali, filwaqt li tiżugra li min jieħu r-riskju jibqa' responsabbli għat-teħid ta' riskju tiegħu;

65. Jilqa' l-pakkett tal-Kummissjoni propost fl-24 ta' Novembru 2015 dwar il-qsim tar-riskju u t-tnaqqis tar-riskju fil-BU; jieħu nota tal-approċċ gradwali minn riassigurazzjoni ta' Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) nazzjonali għal skema ta' koassigurazzjoni u, fl-aħħar nett, għall-parteċipazzjoni sħiħa ta' SGD nazzjonali fl-istat stabbli u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet; jistenna bil-ħerqa li jimpenja ruħu fin-negozjati leġiżlattivi abbażi tal-pożizzjoni li hi adottata;

66. Jinnota li l-ħolqien ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) jeħtieġ l-implimentazzjoni ta' ġabra unika ta' regoli kif ukoll l-ewwel u t-tieni pilastri tal-BU, u t-traspożizzjoni tal-BRRD u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD) mill-Istati Membri kollha parteċipanti u miżuri ulterjuri biex jinkiseb tnaqqis sostanzjali ta' riskji fis-sistema bankarja Ewropea; jenfasizza li l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna tintroduċi mekkaniżmu sistemiku ta' evitar tar-riskji, u b'hekk jitnaqqsu l-biżgħat ta' periklu morali li jista' jiġi indott mill-mutwalizzazzjoni progressiva tal-iskemi ta' garanzija; jenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni biex tkompli tnaqqas ir-riskji u tiżgura kundizzjonijiet ekwi fil-BU;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

67. Jinnota li skema ta' garanzija tad-depożiti li tiffunzjona tajjeb u li hija ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet missettur finanzjarju hija waħda mill-modi ppruvati biex jiġu evitati s-salvataġġi tal-banek bil-flus tal-kontribwenti;

68. Ifakkar li r-rwol tal-Kummissjoni huwa li tiggarantixxi kondizzjonijiet ekwi fl-Unjoni Ewropea kollha u li għandha tevita kwalunkwe frammentazzjoni fi ħdan is-suq intern;

o

o o

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0081

Ftehim interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea (2016/2005(ACI))

(2018/C 050/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-16 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar (COM(2015)0216 u l-annessi tiegħu),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([1]) ("il-Ftehim Qafas tal-2010"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) ("il-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar l-Idoneità Regolatorja tal-UE, Sussidjarjetà u Proporzjonalità – id-19-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2011 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2015 dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016 ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Frar 2016,

---

([1]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([2]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2014)0061.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0323.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

— wara li kkunsidra l-Artikolu 140(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0039/2016),

A. billi l-Parlament appella kemm-il darba għan-negozjar mill-ġdid tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003 sabiex iqis l-ambjent leġiżlattiv il-ġdid li nħoloq bit-Trattat ta' Lisbona, jikkonsolida l-aqwa prattiki attwali u jaġġorna lil dak il-ftehim b'konformità mal-aġenda dwar 'tfassil aħjar tal-liġijiet';

B. billi l-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u diversi parlamenti nazzjonali esprimew il-fehmiet tagħhom dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 dwar Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE (COM(2015)0215), il-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq għal Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni aħjar jew il-kunsens milħuq bejn l-istituzzjonijiet dwar Ftehim Interistituzzjonali ġdid dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

C. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tas-16 ta' Settembru 2015, il-Parlament laqa' l-ftuħ tan-negozjati għal ftehim interistituzzjonali ġdid dwar tfassil aħjar tal-liġijiet u stabbilixxa għadd ta' prijoritajiet, partikolarment dwar il-kwalità tal-abbozzar leġiżlattiv tal-Kummissjoni, l-ipprogrammar pluriennali u annwali, it-tisħiħ tal-valutazzjoni tal-impatt tal-abbozzi ta' liġi, it-trattament ugwali taż-żewġ fergħat tal-awtorità leġiżlattiva tul il-proċess leġiżlattiv kollu f'dak li jikkonċerna l-aċċess għall-informazzjoni, konsultazzjonijiet interistituzzjonali korretti, is-segwitu min-naħa tal-Kummissjoni għall-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament u l-għoti ta' ġustifikazzjonijiet iddettaljati għal kull irtirar previst;

D. billi n-negozjati interistituzzjonali nbdew formalment fil-25 ta' Ġunju 2015;

E. billi, fis-16 ta' Diċembru 2015, il-Konferenza tal-Presidenti approvat, b'maġġoranza tal-voti, il-ftehim proviżorju li kien intlaħaq bejn in-negozjaturi tat-tliet istituzzjonijiet fit-8 ta' Diċembru 2015 dwar id-diċitura ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ġdid ("il-FII l-ġdid");

F. billi l-FII l-ġdid għandu l-għan li jissostitwixxi l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003 u l-Approċċ Komuni Interistituzzjonali għall-Valutazzjoni tal-Impatt ta' Novembru 2005, u billi l-Anness tal-FII l-ġdid huwa maħsub biex jissostitwixxi l-Qbil Komuni dwar l-Atti Delegati tal-2011;

G. billi, skont id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni li tinsab fl-Anness II għal din id-deċiżjoni, il-FII l-ġdid japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim Qafas tal-2010,

H. billi, madankollu, ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tal-2010 jaf jgħaddi żmienhom jew jistgħu jeħtieġu li jiġu aġġornati bħala riżultat tal-FII l-ġdid;

I. billi l-FII l-ġdid jipprevedi aktar negozjati interistituzzjonali, b'mod partikolari dwar l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali u dwar il-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE dwar l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni rispettivament;

J. billi ċerti dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament se jkun jeħtieġ li jiġu adattati bħala konsegwenza tal-FII l-ġdid, bħalma huma dawk li jikkonċernaw il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u l-verifika tal-bażi ġuridika tal-atti;

K. billi l-FII l-ġdid jindirizza, b'xi mod jew ieħor, il-preokkupazzjonijiet ewlenin espressi mill-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Kostituzzjonali fil-"Kontribuzzjoni tal-Kumitat AFCO għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew għan-negozjati dwar reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar" tat-22 ta' April 2015;

1. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet, u jqis li dan jikkostitwixxi bażi tajba biex tiġi stabbilita u żviluppata relazzjoni ġdida, aktar miftuħa u trasparenti bejniethom bil-ħsieb li jsir tfassil aħjar tal-liġijiet fl-interess taċ-ċittadini tal-Unjoni;

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

2. Jiddispjaċih ħafna, fil-kuntest tat-tfassil aħjar tal-liġijiet, li n-negozjati dwar il-FII naqsu milli jsegwu l-prattika stabbilita f'dik li hi proċedura ta' kumitat fil-Parlament Ewropew;

3. Jilqa, b'mod partikolari, ir-riżultati tan-negozjati fir-rigward tal-programmazzjoni interistituzzjonali pluriennali u annwali, is-segwitu min-naħa tal-Kummissjoni għall-inizjattivi leġiżlattivi tal-Parlament, u l-għoti ta' ġustifikazzjonijiet għall-irtirar previst ta' proposti leġiżlattivi u l-konsultazzjonijiet dwar tali rtirar; jenfasizza li l-fokus qawwi li sar qbil dwaru fuq il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni ma jistax jiġi mifhum li jiġġustifika xi restrizzjoni tas-setgħat leġiżlattivi jew id-dritt ta' inizjattiva tal-Parlament stess; jilqa' l-iskambju interistituzzjonali ta' fehmiet li sar qbil dwaru f'każ li tiġi prevista modifika tal-bażi ġuridika ta' att, u jesprimi d-determinazzjoni qawwija tiegħu li jirreżisti kwalunkwe tentattiv li jdgħajjef is-setgħat leġiżlattivi tal-Parlament Ewropew permezz ta' modifika tal-bażi ġuridika;

4. Jissottolinja l-importanza tad-dispożizzjonijiet tal-FII l-ġdid dwar għodod ta' tfassil aħjar tal-liġijiet (valutazzjonijiet tal-impatt, konsultazzjonijiet pubbliċi u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, valutazzjonijiet, eċċ.) biex isir proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet informat tajjeb, inklużiv u trasparenti u biex ikun hemm l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni, filwaqt li jinnota li dawk id-dispożizzjonijiet isalvagwardjaw il-prerogattivi tal-leġiżlaturi; jemmen li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom ikunu komprensivi u bbilanċjati u għandhom jivvalutaw, inter alia, il-kost li ma tiġix adottata l-leġiżlazzjoni meħtieġa għall-produtturi, il-konsumaturi, il-ħaddiema, l-amministraturi u l-ambjent; jinsab imħasseb li d-diċitura fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-impatt ma timpenjax biżżejjed lit-tliet istituzzjonijiet biex jinkludu l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u t-testijiet tal-kompetittività fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom; jenfasizza kemm hu importanti li jiġu kkunsidrati, u li tingħata attenzjoni, lill-ħtiġijiet tal-SMEs fl-istadji kollha taċ-ċiklu leġislattiv; jenfasizza li, skont id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 dwar Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar (SWD(2015)0111), il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-SMEs għandha tiġi inkluża fir-rapporti tal-valutazzjoni tal-impatt u jistieden lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni supplimentari dwar din il-prattika; jilqa' l-għan li jittejbu l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, inter alia permezz ta' identifikazzjoni aħjar ta' miżuri nazzjonali li mhumiex meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi trasposta ("gold-plating"), u, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-Istati Membri huma ħielsa li japplikaw standards ogħla jekk hemm biss standards minimi ddefiniti mid-dritt tal-Unjoni, jistenna li l-Istati Membri jindikaw b'mod ċar u jiddokumentaw tali miżuri;

5. Jinnota li l-kost kumulattiv tal-leġiżlazzjoni jista' jirriżulta f'diffikultajiet sinifikanti għan-negozji u għall-individwi affettwati mir-regoli tal-Unjoni;

6. Jieħu nota tal-ittra tal-15 ta' Diċembru 2015 mingħand l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju l-ġdid, li għandu jissorvelja l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt li twettaq il-Kummissjoni (iżda mingħajr ma tingħatalu s-setgħa ta' veto fuq il-proposti leġislattivi, li hija kwistjoni li taqa' f'idejn l-awtoritajiet eletti); ifakkar li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u r-rwol tat-test tal-SMEs ([1]), huwa talab li l-indipendenza tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (li qabel kien jissejjaħ "Bord ta' Valutazzjoni tal-Impatt") tissaħħaħ inkluż, b'mod partikolari, li l-membri tal-Bord m'għandhomx jiġu soġġetti għal kontroll politiku; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-istabbiliment tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jikkostitwixxi l-ewwel pass pożitiv fil-kisba tal-indipendenza tagħhom; josserva li l-leġiżlaturi jistgħu wkoll iwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom stess fejn jidhrilhom li dan ikun meħtieġ; jinnota li l-valutazzjonijiet tal-impatt ma jiħdux post il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi; jissottolinja, barra minn hekk, li l-FII l-ġdid jipprevedi skambji ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet dwar l-aħjar prattika u metodoloġiji b'rabta mal-valutazzjonijiet tal-impatt, u b'hekk jipprovdi l-opportunità li jiġi rieżaminat fi żmien debitu l-funzjonament tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju bil-ħsieb li sseħħ metodoloġija komuni;

7. Jilqa' l-ftehim bejn l-istituzzjonijiet biex jikkooperaw sabiex jaġġornaw u jissemplifikaw il-leġislazzjoni u biex jiskambjaw opinjonijiet dwarha, qabel il-finalizzazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni; jenfasizza l-importanza tal-"Istħarriġ tal-Piż Annwali" miftiehem bħala għodda biex jiġu identifikati u mmonitorjati, b'mod ċar u trasparenti, ir-riżultati tal-isforzi tal-Unjoni, bil-għan li jiġu evitati u mnaqqsa kwalunkwe regolamentazzjoni żejda u piżijiet amministrattivi, u dan għandu jinkludi lista relatata speċifikament mal-SMEs u għandu jiddistingwi bejn il-piżijiet li l-proposti individwali tal-Kummissjoni huma intiżi li jimponu u l-atti mill-Istati Membri individwali; jirrimarka li l-fattibbiltà u l-opportunità li jiġu stabbiliti objettivi għat-tnaqqis tal-piżijiet f'setturi speċifiċi għandhom jiġu vvalutati fuq bażi ta' kull

([1]) Testi adottati, P8_TA(2014)0069.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

każ għalih b'kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet, filwaqt li l-attenzjoni tiġi ffukata fuq il-kwalità tal-leġiżlazzjoni, u mingħajr ma jiġu mdgħajfa l-istandards rilevanti tal-Unjoni; jistenna lill-Kummissjoni tipproponi, fuq bażi regolari, ir-revoka ta' atti legali fejn tali revoka titqies li hi meħtieġa; jilqa' f'dan ir-rigward il-fatt li t-tliet istituzzjonijiet qablu li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jindirizzaw ukoll l-impatt tal-proposti fuq il-pożijiet amministrattivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs; jirrikonoxxi li leġislazzjoni xierqa tal-Unjoni tista' tnaqqas il-pożijiet amministrattivi għall-SMEs billi tissostitwixxi 28 sett diverġenti ta' regoli b'sett wieħed ta' regoli għas-suq intern;

8. Jemmen li, fil-prinċipju, instabet soluzzjoni bbilanċjata fir-rigward tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, li tiżgura t-trasparenza u l-parità bejn il-leġiżlaturi, iżda jindika l-ħtieġa li jintlaħaq ftehim malajr dwar kriterji xierqa għad-delineazzjoni tal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni u allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha mal-qafas ġuridiku introdott mit-Trattat ta' Lisbona;

9. Jirrikonoxxi li l-miżuri li sar qbil dwarhom għat-titjib tal-iskambju reċiproku tal-fehmiet u l-informazzjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill fil-kapaċità tagħhom bħala leġiżlaturi jikkostitwixxi pass 'il quddiem; iqis, madankollu, li dawk il-miżuri għandhom jiġu żviluppati aktar, b'mod partikolari f'dak li hu aċċess reċiproku għall-informazzjoni u l-laqgħat, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm bilanċ tabilħaqq ugwali u trattament ugwali bejn il-leġiżlaturi matul il-proċedura leġislattiva kollha kemm hi, u sabiex jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka fost l-istituzzjonijiet jiġi rrispettat; iwissi li l-iskambji informali ta' fehmiet, liema skambji ġew miftiehma, m'għandhomx jiżviluppaw f'arena ġdida ta' negozjati interistituzzjonali mhux trasparenti;

10. Ifakkar li t-TFUE jistabbilixxi proċedura leġiżlattiva ordinarja bi tliet stadji ta' qari; jindika li, meta l-Parlament u l-Kunsill jeżerċitaw bis-sħiħ il-prerogattivi tagħhom fil-proċedura leġiżlattiva, huma l-ftehimiet tat-tieni qari li għandhom ikunu l-proċedura standard filwaqt li l-ftehimiet tal-ewwel qari għandhom jintużaw biss fejn tkun ittieħdet deċiżjoni kkunsidrata u espliċita biex jagħmlu dan;

11. Jilqa' l-impenn biex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċeduri leġiżlattivi, iżda jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar dispożizzjonijiet u għodod konkreti biex dan jirnexxilu jsir, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-użu ta' ftehimiet tal-ewwel qari;

12. Jemmen, barra minn hekk, li għandu jsir użu aħjar tal-arranġamenti għad-djalogu politiku mal-parlamenti nazzjonali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti mogħti lill-parlamenti nazzjonali mit-Trattat ta' Lisbona u jisħaq li, flimkien mar-rwol li jissorveljaw ir-rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, huma jistgħu u qegħdin jagħtu kontributi pożittivi fil-qafas tad-djalogu politiku; iħeġġeġ użu aħjar tal-mekkaniżmi eżistenti ta' sussidjarjetà u proporzjonalità kif stabbilit fit-Trattati; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar flessibilità fl-infurzar tal-iskadenza ta' tmien ġimgħat biex il-parlamenti nazzjonali joħorġu opinjoni motivata dwar in-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

13. Jitlob li ssir valutazzjoni komprensiva tal-impatt li l-FII l-ġdid se jkollu fuq il-Ftehim Qafas tal-2010 u ftehimiet interistituzzjonali eżistenti oħra relatati, filwaqt li ma tintesiex il-ħtieġa li jiġu saljagwadjati l-pożizzjoni u l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u li tiġi ssemplifikata l-istruttura tal-bosta arranġamenti li jirregolaw ir-relazzjonijiet interistituzzjonali;

14. Iqis li tali semplifikazzjoni għandha ssir ladarba jkunu fis-seħħ l-arranġamenti prattiċi kollha biex jiġi implimentat il-FII l-ġdid fit-totalità tiegħu, u f'dan il-punt l-istituzzjonijiet jistgħu jivvalutaw ukoll jekk hemmx bżonn ta' aġġustamenti għall-FII fid-dawl tal-esperjenza miksuba sa dak il-mument bl-implimentazzjoni tal-FII l-ġdid;

15. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni adegwata u l-importanza li jiġi żgurat li l-impenji meħuda u l-iskadenzi stabbiliti fl-IIA l-ġdid jiġu onorati;

16. Jinnota li l-kwistjonijiet li ġejjin b'mod partikolari jeħtieġu segwitu ulterjuri fil-livell tekniku u/jew fil-livell politiku, bl-involviment attiv u l-għarfien espert tal-kumitati parlamentari kollha li jkollhom l-esperjenza rilevanti:

— il-programmazzjoni (rieżami tekniku tal-Ftehim Qafas tal-2010 u r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament);

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

— il-verifika tal-bażi ġuridika tal-atti (rieżami tar-Regoli ta' Proċedura biex jiġu inkorporati l-arranġamenti għal skambju trilaterali ta' fehmiet);

— il-valutazzjoni tal-applikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tagħha msemmija hawn fuq u tal-funzjonament effettiv tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju li għadu kif inħoloq, b'mod partikolari bil-għan li jiġi vverifikat, skont il-paragrafu 6, li dan jopera b'mod indipendenti u li l-membri tiegħu mhumiex suġġetti għal xi kontroll politiku;

— it-trasparenza u l-koordinament tal-proċess leġiżlattiv (inklużi l-użu xieraq tal-proċeduri tal-ewwel qari u tat-tieni qari, l-arranġamenti prattiċi għall-iskambji ta' fehmiet, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-tqabbil tal-iskedi ta' żmien, it-trasparenza fil-kuntest tan-negozjati trilaterali, l-iżvilupp ta' pjattaformi u għodda għall-ħolqien ta' bażi tad-data konġunta dwar l-istat attwali tal-fajls leġiżlattivi, l-għoti ta' tagħrif lill-parlamenti nazzjonali u l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fir-rigward tan-negozjati dwar il-ftehimiet internazzjonali u l-konklużjoni tagħhom);

— valutazzjoni u segwitu possibbli tal-indipendenza tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fil-qadi tar-rwol tiegħu fis-superviżjoni u l-għoti ta' parir oġġettiv dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt rispettivi;

— l-aspettattiva min-naħa tal-Parlament, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-FII l-ġdid, li l-Kummissjoni tressaq proposti li jistabbilixxu miri, fejn ikun fattibbli, għat-tnaqqis tal-piżijiet f'setturi ewlenin mill-aktar fis possibbli filwaqt li tiżgura li l-objettivi tal-leġiżlazzjoni jintlaħqu;

— l-iżgurar ta' koerenza operattiva u ġuridika bejn il-FII l-ġdid u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni rigward il-korpi konsultattivi tal-Unjoni;

— atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, fuq il-bażi tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 dwar segwitu dwar id-delega ta' setgħat leġiżlattivi u l-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ([1]) (negozjati dwar kriterji ta' delineazzjoni għall-atti delegati u għall-atti ta' implimentazzjoni, it-twaqqif ta' reġistru ta' atti ddelegati u l-allinjament sħiħ tal-atti ta' qabel Lisbona);

— l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (skrutinju tal-komunikazzjoni, mill-Istati Membri, tat-traspożizzjoni tad-direttivi, kif ukoll ta' kull miżura nazzjonali li tmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ("gold-plating");

17. Japprova l-abbozz ta' ftehim li jinsab fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni;

18. Japprova d-dikjarazzjoni mill-Parlament u l-Kummissjoni li tinsab fl-Anness II ta' din id-deċiżjoni;

19. Jitlob lill-kumitat kompetenti tiegħu sabiex jeżamina sa fejn huma meħtieġa emendi jew interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura jew bidliet lill-prattiki lill-amministrazzjoni tiegħu u lill-mezzi ta' kuntatttal-Parlament ma' istituzzjonijiet oħra għall-implimentazzjoni tal-FII l-ġdid;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-FII l-ġdid flimkien mal-President tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi, għal skopijiet ta' informazzjoni, din id-deċiżjoni, inklużi l-annessi tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Testi adottati, P7_TA(2014)0127.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

ANNESS I

Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-ftehim interistituzzjonali kif ippublikat fil-ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.)

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

ANNESS II

DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUMMISSJONI FL-OKKAŻJONI TAL-ADOZZJONI TAL-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI DWAR IT-TFASSIL AĦJAR TAL-LIĠIJIET

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jqisu li dan il-Ftehim jirrifletti l-bilanċ bejn u l-kompetenzi rispettivi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kif stipulati fit-Trattati.

Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([1])

([1]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2016)0067

Is-Saħħa tal-Annimali ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard tal-annimali li jittieħed u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (11779/1/2015 – C8-0008/2016 – 2013/0136(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2018/C 050/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11779/1/2015 – C8-0008/2016),

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kunsill Federali Awstrijak, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2013 ([1]),

— wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0260),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0041/2016),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

([1]) ĠU C 170, 5.6.2014, p. 104.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2014)0381.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-użu tal-prodotti mediċinali veterinarji

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Pjan ta' Azzjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' Reżistenza Antimikrobika (COM(2011)0748) – tenfasizza r-rwol preventiv tar-Regolament fir-rigward tal-mard tal-annimali li jittieħed ("Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") u t-tnaqqis konsegwenti mistenni tal-użu tal-antibijotiċi fuq l-annimali. Minbarra r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri qed jiġu mħeġġa jimpenjaw ruħhom biex jiġbru dejta rilevanti, komparabbli u li tkun dettaljata biżżejjed, dwar l-użu reali ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali, u li jibagħtu din id-dejta lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat użu aktar prudenti ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali, u b'hekk dan jgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' reżistenza kontra l-antimikrobiċi.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rappurtar regolari tal-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali fl-Unjoni

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippubblika rapport regolari dwar l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali fl-UE abbażi tad-dejta li tingħata mill-Istati Membri.

Stqarrija tal-Kummissjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li jiġi trażmess lill-annimali jew lill-bniedem u ma fihx dispożizzjonijiet li speċifikament jirregolaw it-trattament xieraq tal-annimali minkejja li hemm rabta bejn is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali. L-Unjoni għandha acquis żviluppat sew fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, li jkopri speċijiet differenti (tiġieġ tas-simna, tiġieġ tal-bajd, ħnieżer, għoġġiela), u attivitajiet differenti (it-trobbija, it-trasport, il-qatla, ir-riċerka, eċċ.). Din il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali neċessarjament se tibqa' tapplika. Il-Kummissjoni hija impenjata li tirrispetta bis-sħiħ it-trattament xieraq tal-annimali, b'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat u fil-limiti stabbiliti fih, li jinkludi li tiżgura li din il-leġiżlazzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ u tiġi żviluppata b'mod xieraq.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0068

Skema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (COM(2014)0032 – C7-0025/2014 – 2014/0014(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0032),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0025/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Ottubru 2014 ([2]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju 2015 dwar il-ftuħ, u l-mandat, ta' negozjati interistituzzjonali dwar il-proposta ([3]),

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-16 ta' Diċembru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0006/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0014

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari 8 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema ta' għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fi stabbilimenti edukattivi

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/791.)

([1]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 142.
([2]) ĠU C 415, 20.11.2014, p. 30.
([3]) Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0216.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0069

L-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-8 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)) ([1])

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/16)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li ***jistabbilixxi*** qafas ***fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi*** portwarji u ***t-trasparenza*** finanzjarja tal-portijiet	li ***tistabbilixxi*** qafas ***għall-organizzazzjoni ta' servizzi*** portwarji u ***għat-trasparenza*** finanzjarja tal-portijiet

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1(a) Il-portijiet jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività fit-tul tal-industriji Ewropej fis-swieq dinjin filwaqt li jiżdiedu l-valur u l-impjiegi fir-reġjuni kostali kollha tal-UE. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċja s-settur tat-trasport marittimu, bħall-ineffiċjenzi fil-katina tat-trasport sostenibbli u l-loġistika, huwa essenzjali li l-azzjonijiet stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Portijiet: magna għat-tkabbir" dwar simplifikazzjoni amministrattiva jiġu implimentati flimkien ma' dan ir-Regolament. Il-kumplessità ta' proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni doganali, li jirriżultaw f'dewmien fil-portijiet, toħloq ostaklu kbir għall-kompetittività tat-tbaħħir fuq distanza qasira u l-effiċjenza tal-portijiet tal-Unjoni.

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 61(2), it-tieni subparagrafu (A8-0023/2016).

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) ***Livell għoli ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali jista' jirrappreżenta vantaġġ ekonomiku kbir għal port f'termini ta' kompetittività. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta tal-portijiet u jitnaqqsu l-formalitajiet doganali li jistgħu jkunu ta' dannu serju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-port għandhom jadottaw approċċ ta' politika xieraq u effettiv ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmonitorjaw b'mod effettiv dawn il-proċeduri fuq bażi regolari, u l-Kummissjoni għandha tevalwa jekk huwiex meħtieġ li tieħu miżuri xierqa biex tiġġieled il-kompetizzjoni inġusta.***

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma ***tiġi imposta*** xi ***regola żejda*** fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0,1 % tal-merkanzija totali tal-UE jew ***in-numru*** totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, ***mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati*** Membri jiddeċiedu ***li*** japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet ***oħrajn*** ukoll. Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.	(4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma ***jiġi impost*** xi ***piż mhux meħtieġ*** fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika ***biss*** għall-portijiet ***marittimi*** tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0,1 % tal-merkanzija totali tal-UE jew ***tan-numru*** totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali***. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jagħti l-possibbiltà lill-Istati*** Membri ***biex*** jiddeċiedu ***jekk għandhomx*** japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet ***marittimi tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew komprensiv li jinsab fir-reġjuni l-aktar imbiegħda. L-Istati Membri għandu jkollhom*** ukoll ***il-possibbiltà li jintroduċu derogi sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi sproporzjonati għal dawk il-portijiet marittimi tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew komprensiv fejn it-traffiku annwali ma jiġġustifikax l-applikazzjoni sħiħa ta' dan ir-Regolament***. Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Dan ir-Regolament ma jimponix mudell speċifiku għall-ġestjoni tal-port fuq il-korpi maniġerjali tal-portijiet. Sakemm ir-regoli marbuta mal-aċċess għas-suq u t-trasparenza finanzjarja jiġu rispettati, il-mudelli eżistenti ta' ġestjoni tal-port stabbiliti fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri jistgħu jinżammu skont il-Protokoll Nru 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-għan tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa li jelimina r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' forniment tas-servizzi fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 58 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dak l-għan għandu jinkiseb fi ħdan il-qafas tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu relatat mat-trasport, b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 100 (2).	***imħassar***

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew forniturі ta' servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, jidher li hu xieraq li f'dan l-istadju din il-kwistjoni ma tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni.	***imħassar***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-forniturі tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, ***inkluż f'termini ta' taħriġ***, u ***fuq it-tagħmir meħtieġ diment li jkunu trasparenti***, ***nondiskriminatorji, oġġettivi*** u ***relevanti għall-forniment*** tas-servizz portwarju.	(7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-forniturі tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, ***it-tagħmir meħtieġ sabiex jiġi fornut is-servizz portwarju rilevanti***, ***id-disponibbiltà tas-servizz*** u ***l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza marittima. Dawn ir-rekwiżiti minimi għandhom iqisu wkoll ir-rekwiżiti ambjentali***, ***kif ukoll l-istandards soċjali nazzjonali*** u ***r-reputazzjoni tajba tal-fornitur*** tas-servizz portwarju.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) ***Kull fornitur tas-servizz u b'mod speċjali min jidħol ġdid fis-suq għandhom juru l-abilità tagħhom li jipprovdu numru minimu ta' bastimenti bil-persunal u t-tagħmir tagħhom stess. Il-forniturі tas-servizzi għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet u r-regoli rilevanti inklużi liġijiet tax-xogħol applikabbli, ftehimiet kollettivi applikabbli u rekwiżiti tal-kwalità tal-port ikkonċernat.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk fornitur ta' servizz ikunx issodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba, l-Istat Membru għandu jikkunsidra jekk ikunx hemm raġunijiet impellanti biex wieħed jiddubita r-reputazzjoni tajba tal-fornitur tas-servizzi portwarji, il-maniġer tiegħu, u kwalunkwe persuna rilevanti oħra kif jista' jkun determinat mill-Istat Membru, bħal kundanni jew pieni fi kwalunkwe Stat Membru għal offiżi jew ksur serji tal-liġi applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali, inkluż fl-oqsma li ġejjin: il-liġi soċjali, il-liġi tax-xogħol, il-liġi tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-liġi dwar is-saħħa u l-liġi ambjentali.***

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) ***Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 ([1a]) u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2007 fil-każ C-251/04, Kummissjoni vs Ir-repubblika Ellenika ([1b]), skont liema ma jistax jiġi dedott li l-irmonk jista' jitqies bħala servizz ta' trasport marittimu, huwa possibbli għal raġunijiet ta' sikurezza marittima u l-ħarsien tal-ambjent għar-rekwiżiti minimi li jiġi stipulat li l-bastimenti tal-irmonk jew l-operazzjonijiet ta' rmiġġ ikunu reġistrati fi, u jtajru l-bandiera tal-Istat Membru tal-port ikkonċernat.***

([1a]) *Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).*

([1b]) *Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2007 fil-kawża C-251/04, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ellenika (C-251/04, ECLI:EU:C:2007:5).*

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Billi l-portijiet huma magħmula minn żoni ġeografiċi limitati, l-aċċess għas-suq jista', f'ċerti każijiet, ikun suġġett għal limitazzjonijiet relatati mal-iskarsezza tal-art jew f'każ li l-art hija riservata għal ċertu tip ta' attivitajiet bi pjan ta' żvilupp formali li jippjana b'mod trasparenti tal-użu tal-art u skont leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti bħal dawk relatati mal-għanijiet tal-ippjanar tal-bliet u l-kampanja.	***imħassar***

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Is-sistema portwarja tal-Unjoni hija varja ħafna u tinkludi bosta mudelli differenti għall-organizzazzjoni tas-servizzi portwarji. Għaldaqstant, sistema unika ma tkunx xierqa. Il-korp maniġerjali tal-port jew l-awtorità kompetenti għandhom ikunu jistgħu jillimitaw in-numru ta' forniturі ta' servizzi portwarji, jekk iċ-ċirkustanzi jirrikjedu tali limitazzjoni.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Kwalunkwe intenzjoni li jiġi limitat in-numru ta' forniturі tas-servizzi portwarji għandha tiġi ppubblikata minn qabel ***mill-awtorità kompetenti u għandha tkun iġġustifikata bis-sħiħ, sabiex il-partijiet interessati jingħataw l-opportunità li jikkummentaw***. Il-kriterji għal kwalunkwe limitazzjoni għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.	(11) Kwalunkwe intenzjoni li jiġi limitat in-numru ta' forniturі tas-servizzi portwarji għandha tiġi ppubblikata minn qabel ***mill-korp maniġerjali tal-port jew l-awtorità kompetenti***. Il-kriterji għal kwalunkwe limitazzjoni għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 15

Proposta ghal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) ***Sabiex tkun miftuha u trasparenti,*** il-proċedura biex ***jingħażlu*** l-forniturі tas-servizzi portwarji u r-riżultat tagħha ***ghandha tkunu ppubblikata*** u ***d-dokumentazzjoni shiha ghandha tiġi kkomunikata lill-partijiet*** interessati.	(12) Il-proċedura biex ***jagħżlu*** l-forniturі tas-servizzi portwarji u r-riżultat tagħha ***ghandhom ikunu ppubblikati*** u ***ghandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti u miftuha ghall-partijiet*** interessati ***kollha***.

Emenda 16

Proposta ghal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) **Il-proċedura tal-ghażla ghall-forniturі ta' servizzi tal-port f'każ li l-ghadd ta' dawk il-forniturі huwa limitat, ghanda ssegwi l-prinċipji u l-approċċ stabbilit fid-Direttiva../../… [konċessjoni] ([7]), inkluż il-limitu u l-metodu ghad-determinazzjoni tal-valur tal-kuntratti kif ukoll id-definizzjoni ta' modifiki sostanzjali u l-elementi relatati ghat-tul tal-kuntratt.**	***imhassar***

([7]) ***Proposta ghal Direttiva dwar l-ghoti ta' kuntratti ta' konċessjoni COM(2011)897 finali***

Emenda 17

Proposta ghal regolament

Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fil-komunikazzjoni interpretattiva tagħha tal-1 ta' Awwissu 2006 dwar il-liġi tal-Komunità applikabbli ghall-ghoti ta' kuntratti li mhumiex soġġetti jew mhumiex ghal kollox soġġetti ghad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-Akkwist Pubbliku ([1]), il-Kummissjoni pprovdiet qafas ċar ghall-proċeduri tal-ghażla li jaqghu barra mill-ambitu tad-Direttivi tal-Akkwist Pubbliku u ma jingħatawx fil-forma ta' konċessjonijiet.

([1]) ***ĠU C 179,1,8,2006, p, 2,***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' forniturі ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat biss għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti.	(14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' forniturі ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat biss għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti***, jew operazzjonijiet portwarji sikuri, siguri jew ambjentalment sostenibbli***.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji ***bl-obbligi ta' servizz pubbliku*** huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi nnifsha, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ***jaqblu fuq għażla bħal din***, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, ***f'dawn*** il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni ***mill-korp ta' sorveljanza*** indipendenti.	(18) ***Il-korp maniġerjali tal-port jew*** l-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi nnifsha, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet ***marittimi*** kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ***jipprovdu servizz portwarju taħt l-obbligi ta' servizz pubbliku***, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, ***f'dawn*** il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni indipendenti.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 20

Proposta ghal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Istati Membri ghandu jkollhom is-setgha li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali ghall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma ghandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri***. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-ghadd ta' forniturі tas-servizz portwarju,*** fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***ghandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur*** tas-servizz maghżul ***biex*** japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji ([11]).	(19) L-Istati Membri ghandu jkollhom is-setgha li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali ghall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma ghandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri ***u ghandu jikkunsidra l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*** Fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***l-awtorità kompetenti ghandha, f'każ ta' trasferiment ta' staff, tehtieġ li l-operatur*** tas-servizz maghżul japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji ([11]).

([11]) ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

Emenda 21

Proposta ghal regolament

Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) F'settur kumpless u kompetittiv hafna bhal dak tas-servizzi portwarji, it-tahriġ ta' rekluti ġodda kif ukoll it-tahriġ tul il-hajja tal-persunal huma essenzjali biex jiġu żgurati s-sahha u s-sikurezza tal-haddiema tal-portijiet, kif ukoll il-kwalità tas-servizzi u l-kompetittività tal-portijiet tal-Unjoni. L-Istati Membri ghandhom jiehdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tahriġ relevanti jiġi pprovdut ghal kull haddiem fis-settur tal-portijiet. Il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali ghall-Portijiet fil-livell tal-UE ghandu jkun f'pożizzjoni li jiżviluppa linji gwida ghall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' tahriġ biex tiġi żgurata kwalità gholja ta' edukazzjoni u tahriġ ghall-haddiema tal-portijiet, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' inċidenti u jitqiesu l-htiġijiet futuri tas-settur fid-dawl tal-bidliet teknoloġiċi u loġistiċi imposti mit-talbiet tal-konsumaturi.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) Is-settur tal-portijiet Ewropej qed jaffaċċja numru ta' sfidi li kapaċi jkollhom impatt kemm fuq il-kompetittività tiegħu kif ukoll fuq id-dimensjoni soċjali tiegħu. Dawn l-isfidi jinkludu dawn li ġejjin: l-ammont dejjem ikbar ta' vetturi, il-kompetizzjoni minn portijiet mhux tal-Unjoni, is-setgħa dejjem tiżdied tas-suq bħala riżultat ta' alleanzi bejn il-kumpaniji ewlenin, il-ħtieġa għan-negozjar, b'mod li jkun f'waqtu, modi ġodda ta' ħidma u li jiġi pprovdut taħriġ adegwat għall-innovazzjoni teknoloġika, kif ukoll biex jiġi mminimizzat l-impatt soċjali tagħha, il-volumi dejjem akbar li huma aktar u aktar ragruppati, in-nuqqas ta' investimenti adegwati għall-infrastrutturi interni tal-pajjiż, it-tneħħija ta' ostakli amministrattivi għas-suq intern, l-ambjent tal-enerġija li qed jinbidel u l-pressjoni tas-soċjetà u dik ambjentali li dejjem qed jiżdiedu. L-Istati Membri, flimkien mas-sħab soċjali, għandhom jindirizzaw dawn l-isfidi u jieħdu miżuri bil-għan li jissalvagwardjaw kemm il-kompetittività tas-settur kif ukoll il-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji fil-portijiet, minkejja l-varjazzjonijiet fid-domanda għax-xogħol fil-portijiet.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 19c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19c) Il-mudelli kollha għall-organizzazzjoni tax-xogħol tal-port li jiżguraw impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri għandhom ikunu appoġġjati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa għandhom jiġu promossi biss permezz ta' negozjati bejn is-sħab soċjali, u l-Kummissjoni għandha tqis kif jixraq ir-riżultati ta' dawn in-negozjati.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 19d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19d) L-awtomazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika joffru l-opportunità li jtejbu l-effiċjenza u s-sikurezza tal-portijiet. Qabel jiddaħħlu bidliet sinifikanti, min iħaddem u l-unjins tal-ħaddiema tal-portijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiggarantixxu t-taħriġ neċessarju u t-taħriġ mill-ġdid u biex jinstabu soluzzjonijiet komuni sabiex jitnaqqsu l-effetti negattivi ta' proċessi bħal dawn fuq is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u fuq l-impjegabilità.

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***F'ħafna portijiet, l-aċċess għas-suq għall-forniturі ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tat-terminals tal-passiġġieri jingħata permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni pubblika. Dan it-tip ta' kuntratti se jiġu koperti mid-Direttiva…/… [konċessjonijiet]. Konsegwentement,*** il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri***, iżda l-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu japplikawx ir-regoli*** ta' ***dan il-Kapitolu għal dawn iż-żewġ servizzi. Għal tipi oħra ta' kuntratti*** użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn il-priniċpji huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.	(20) Il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri***. Għal tipi ta' kuntratti, apparti l-kuntratti*** ta' ***konċessjoni pubblika,*** użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn il-priniċpji huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Skont ir-Riżoluzzjoni A.960 tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), kull żona ta' pilotaġġ teħtieġ esperjenza speċjalizzata ħafna u għarfien lokali min-naħa tal-pilota. Minħabba li l-IMO tirrikonoxxi l-idoneità tal-amministrazzjoni reġjonali jew lokali tal-pilotaġġ, il-pilotaġġ m'għandux ikun soġġett għall-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa pprevediet li l-portijiet tan-Netwerk Transewropew tat-Trasport jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna tal-Unjoni matul il-perjodu attwali 2014-2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas rivedut dwar għajnuniet statali lill-portijiet u, minħabba li d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) tistabbilixxi wkoll qafas leġiżlattiv ġdid għal kuntratti ta' konċessjoni li jaffettwa wkoll is-servizzi tal-portijiet stipulati fil-ftehim ta' konċessjoni, jeħtieġ li jiġu introdotti f'dan ir-regolament regoli stretti dwar it-trasparenza tal-flussi finanzjarji biex tiġi evitata sitwazzjoni ta' kompetizzjoni inġusta jew dumping bejn il-portijiet tal-Unjoni.

([1a]) *Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).*

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Hemm bżonn li fuq il-korp maniġerjali tal-port li jirċievi fondi pubbliċi, meta dan ikun qiegħed jaġixxi wkoll bħala fornitur tas-servizz, jiġi impost obbligu li jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet imwettqa fil-kapaċità tiegħu bħala korp maniġerjali tal-port minn dawk imwettqa fuq bażi kompetittiva biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, trasparenza fl-allokazzjoni u l-użu ta' fondi pubbliċi u sabiex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Fi kwalunkwe każ għandha tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.	(22) Hemm bżonn li fuq il-korp maniġerjali tal-port li jirċievi fondi pubbliċi, meta dan ikun qiegħed jaġixxi wkoll bħala fornitur tas-servizz, jiġi impost obbligu li jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet ***iffinanzjati mill-pubbliku,*** imwettqa fil-kapaċità tiegħu bħala korp maniġerjali tal-port minn dawk imwettqa fuq bażi kompetittiva biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, trasparenza fl-allokazzjoni u l-użu ta' fondi pubbliċi u sabiex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Fi kwalunkwe każ għandha tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Il-portijiet marittimi bi dħul taħt il-limitu stabbilit fid-Direttiva 2006/111/KE għandhom jissodisfaw l-obbligi tat-trasparenza li jinsabu fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat, mingħajr ma jkun hemm piż amministrattiv sproporzjonat.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) Bil-għan li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-Kummissjoni għandha, bil-miktub, tiċċara l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastrutturi tal-portijiet, filwaqt li jitqies il-fatt li l-aċċess pubbliku u l-infrastruttura tad-difiża, sew jekk huma marittimi kif ukoll fuq l-art, li huma aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha b'termini ugwali u nondiskriminatorji, u infrastaruttura li hija marbuta mat-tħaddim tas-Servizzi ta' Interess Ġenerali mhux ekonomiku, għandhom natura mhux ekonomika peress li l-miri tagħhom huma predominantement pubbliċi fin-natura tagħhom. infrastrutturi bħal dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ġenerali tal-popolazzjoni.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 22c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22c) ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha, b'konsultazzjoni mas-settur, tidentifika liema finanzjament pubbliku tal-investimenti ta' infrastruttura tal-portijiet jaqgħu taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) ([1a]).***
	([1a]) ***Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).***

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-forniturі tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja ***jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt*** li ***s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira tar-Regolament***. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet ***li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti*** u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.	(23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-forniturі tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja ***u n-nollijiet applikati mill-forniturі tas-servizzi ta' pilotaġġ,*** li ***mhumiex esposti għal kompetizzjoni effettiva li tinvolvi riskju ogħla ta' abbuż mill-prezz***. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet ***mitluba ma jkunux sproporzjonati għall-valur ekonomiku tas-servizzi fornuti*** u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) ***Biex ikunu effiċjenti***, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u awtonomu skont l-istrateġija ***kummerjali*** u tal-investimenti tal-port stess.	(24) ***Ir-rwol tal-korp maniġerjali ta' port hu, fost affarijiet oħra, li jiffaċilita l-kummerċ u jaġixxi bħala intermedjarju bejn l-industrija reġjonali u l-operaturi tat-trasport. Għalhekk, fl-interess tal-effiċjenza***, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u awtonomu skont l-istrateġija ***kummerċjali*** u tal-investimenti tal-port stess.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Il-varjazzjoni tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandha tkun permessa sabiex ***tippromwovi t-tbaħħir*** fuq distanza qasira u jiġu attirati bastimenti tat-trasport fuq l-ilma bi prestazzjoni ambjentali jew effiċjenza enerġetika u tal-karbonju tal-operazzjonijiet tat-trasport, b'mod partikolari operazzjonijiet tat-trasport marittimu lil hinn mill-kosta jew fuq l-art, li tkun aħjar mill-medja. Din ser tgħin fil-kontribuzzjoni tal-politiki ambjentali u tat-tibdil tal-klima u fl-iżvilupp sostenibbli tal-port u tal-inħawi tiegħu billi b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-bastimenti tat-trasport bl-ilma li jidħlu u jibqgħu fil-port.	(25) Il-varjazzjoni tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***hija għodda importanti għall-korp maniġerjali tal-port u*** għandha tkun permessa***. In-nollijiet tal-infrastruttura tal-port jistgħu jvarjaw*** sabiex***, pereżempju, jiġi promoss it-tbaħħir*** fuq distanza qasira u jiġu attirati bastimenti tat-trasport fuq l-ilma bi prestazzjoni ambjentali jew effiċjenza enerġetika u tal-karbonju tal-operazzjonijiet tat-trasport, b'mod partikolari operazzjonijiet tat-trasport marittimu lil hinn mill-kosta jew fuq l-art, li tkun aħjar mill-medja. Din ser tgħin fil-kontribuzzjoni tal-politiki ambjentali u tat-tibdil tal-klima u fl-iżvilupp sostenibbli tal-port u tal-inħawi tiegħu billi b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-bastimenti tat-trasport bl-ilma li jidħlu u jibqgħu fil-port.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Għandu ***jkun hemm fis-seħħ faċilitajiet adegwati biex*** jiġi żgurat li dawk li jużaw il-portijiet u li jintalbu jħallsu noll tal-infrastruttura ta' port u/jew noll tas-servizz portwarju jiġu kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati l-iżvilupp sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ta' servizzi tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet.	(26) Għandu jiġi żgurat li dawk li jużaw il-portijiet u li jintalbu jħallsu noll tal-infrastruttura ta' port u/jew noll tas-servizz portwarju jiġu kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati l-iżvilupp sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ta' servizzi tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet. ***Il-korp maniġerjali tal-portijiet għandu jdaħħal l-investituri privati, li jagħmlu investimenti sinifikanti fil-portijiet, f'konsultazzjoni sostenibbli rigward il-pjanijiet ta' żvilupp tal-portijiet.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Biex ***tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva*** ta' ***dan ir-Regolament***, f'kull Stat Membru għandu ***jitwaqqaf korp ta' sorveljanza indipendenti***, ***li jista' jkun korp*** li ***diġa jeżisti***.	(27) Biex ***jiġi żgurat li jkun stabbilit mekkaniżmu*** ta' ***lmenti indipendenti***, ***għandhom jinħatru korp wieħed jew iktar li jipprovdu superviżjoni indipendenti*** f'kull Stat Membru. Għandu ***jkun possibbli li korpi diġà eżistenti***, ***bħall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, il-qrati, il-ministeri jew id-dipartimenti fi ħdan il-ministeri*** li ***mhumiex marbutin mal-korp maniġerjali tal-portijiet, ikunu jistgħu jinħatru għal dan il-għan***.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Il-korpi superviżorji indipendenti*** differenti ***għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u*** jikkooperaw ***sabiex jiżguraw l-applikazzjoni unformi ta' dan ir-Regolament***.	(28) ***F'każijiet ta' tilwim jew ilmenti transkonfinali, il-korpi*** differenti ***li jipprovdu superviżjoni indipendenti għandhom*** jikkooperaw ***ma' xulxin u jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom***.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Ir-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port għandhom influwenza qawwija fuq it-tħaddim tal-portijiet. Il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għall-Portijiet fil-livell tal-UE jagħti għalhekk lis-sħab soċjali qafas biex jistabbilixxu riżultati fir-rigward tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħas-saħħa u s-sikurezza, it-taħriġ u l-kwalifiki, il-politika tal-Unjoni dwar fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit, u l-attrazzjoni tas-settur għall-ħaddiema żgħażagħ u għall-ħaddiema nisa.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) ***Biex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni tan-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.***	***imħassar***

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) **Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([13]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni .**	***imħassar***

([13]) *ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 41

Proposta għal regolament

Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tressaq proposta leġiżlattiva rigward iċ-Ċertifikati għall-Eżenzjoni tal-Pilotaġġ (PEC) sabiex jitheġġeġ l-użu tagħhom fl-Istati Membri kollha ħalli titjieb l-effiċjenza fil-portijiet, u b'mod partikolari biex jiġi stimulat it-trasport marittimu fuq distanzi qosra, fejn il-kundizzjonijiet tas-sikurezza jippermetti dan. Ir-rekwiżiti speċifiċi li abbażi ta' dawn jinħarġu l-PECs għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri wara valutazzjoni tar-riskji u għandhom iqisu l-kundizzjonijiet lokali; Ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.

Emenda 42

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, speċjalment li jiġi żgurat ***l-immodernizzar*** tas-servizzi portwarji u l-qafas xieraq biex jiġu attirati investimenti neċessarji fil-portijiet kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-dimensjoni Ewropea, in-natura internazzjonali u transkonfinali tal-kummerċ tal-portijiet u tal-kummerċ marittimu relatat u b'hekk, minħabba l-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwi Ewropej, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jikseb dawk l-għanijiet.	(31) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, speċjalment li jiġi żgurat ***qafas għall-organizzazzjoni*** tas-servizzi portwarji u l-qafas xieraq biex jiġu attirati investimenti neċessarji fil-portijiet ***marittimi*** kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-dimensjoni Ewropea, in-natura internazzjonali u transkonfinali tal-kummerċ tal-portijiet u tal-kummerċ marittimu relatat u b'hekk, minħabba l-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwi Ewropej, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jikseb dawk l-għanijiet. ***Il-portijiet tal-Unjoni għandhom ikunu protetti kontra portijiet ta' pajjiżi terzi li mhumiex soġġetti għall-istess kriterji ta' organizzazzjoni u operazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 43

Proposta għal regolament

Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) Ir-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port għandhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet u t-tħaddim tal-portijiet. Għalhekk il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali fil-livell tal-UE għall-Portijiet għandu jkun jista' jipprovdi lis-sħab soċjali tal-UE b'qafas biex ikunu jistgħu jadottaw riżultati komuni dwar kwistjonijiet soċjali relatati mar-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port. Il-Kummissjoni għandha, fejn ikun neċessarju, tiffaċilita u tappoġġja n-negozjati, kif ukoll tipprovdi għajnuna teknika lilhom, filwaqt li tiġi rrispettata l-awtonomija tas-sħab soċjali. Is-sħab soċjali tal-Unjoni għandu jkollhom il-possibilità li jirrapportaw dwar kwalunkwe progress magħmul, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tqis l-eżiti tagħhom meta tirrapporta dwar l-effetti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) qafas ċar ***għal aċċess għas-suq*** tas-servizzi portwarji;	(a) qafas ċar ***għall-organizzazzjoni*** tas-servizzi portwarji;

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi tal-ġestjoni jew fornituri ta' servizzi portwarji.	(b) regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi tal-ġestjoni jew fornituri ta' servizzi portwarji ***koperti minn dan ir-Regolament***.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tħammil;	***imħassar***

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Barra minn hekk, l-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għat-tħammil.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dan ***ir-Regolament*** għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ***kif definiti*** fl-Anness ***I*** tar-Regolament ***XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T].***	3. Dan ***Regolament*** għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ***elenkati*** fl-Anness ***II*** tar-Regolament ***(UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([1a])***.***

([1a]) ***Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).***

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe struttura portwarja li tirrispetta l-prinċipji msemmija fil-paragrafi 1(a) u 1(b).

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan ir-Regolament għal portijiet marittimi tan-netwerk tat-trasport Trans-Ewropew komprensiv li jinsabu fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-TFUE. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li ma japplikawx dan ir-Regolament għal portijiet marittimi bħal dawn, huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew transitu ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi ***l-ħżin*** fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata;	2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew transitu ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, ***l-irbit, il-ħatt, l-istivar,*** it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi***, sakemm l-Istati Membri ma jiddeċidux mod ieħor, il-ħżin*** fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata;

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe korp pubbliku jew privat li, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, għandu d-dritt li jwettaq skont il-liġi jew l-istrumenti nazzjonali, attivitajiet marbuta mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' attivitajiet portwarji, flimkien ma' jew b'mod alternattiv għall-korp maniġerjali tal-port;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli;	3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli***, u dan mhuwiex servizz tal-port offrut lill-utenti***;

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "korp maniġerjali tal-port" tfisser kull korp pubbliku jew privat, kemm jekk flimkien ma' attivitajiet oħrajn jew le, ***għandu*** l-objettiv tiegħu ***skont il-liġi*** jew l-istrumenti nazzjonali u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-port, ***it-traffiku tal-port***, il-koordinazzjoni ***u***, ***fejn xieraq,*** il-kontroll tal-attivitajiet tal-operaturi preżenti fil-port ikkonċernat;	5. "korp maniġerjali tal-port" tfisser kull korp pubbliku jew privat, kemm jekk flimkien ma' attivitajiet oħrajn jew le, ***li jkollu*** l-objettiv tiegħu ***awtorizzat mil-liġi*** jew l-istrumenti nazzjonali u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-port ***u***, ***fejn ikun xieraq***, il-koordinazzjoni ***għat-twettiq***, ***l-organizzazzjoni jew*** il-kontroll tal-attivitajiet tal-operaturi preżenti fil-port ikkonċernat ***u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tat-traffiku tal-port u l-iżvilupp taż-żona tal-port***;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar ***meħtieġa biex*** bastimenti fuq l-ilma ***jankraw jew inkella jiwaħħlu max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port***;	6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar***, tat-tneħħija tal-irmiġġ u taċ-ċaqliq sikuri meħtieġa għal*** bastimenti fuq l-ilma;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "pilotaġġ" tfisser is-servizz ta' gwida ta' bastiment tat-trasport fuq l-ilma minn bdot jew stazzjon ta' pilotaġġ biex ikun jista' jsir dħul jew ħruġ sikur tal-bastiment fl-aċċess mill-passaġġi fuq l-ilma lejn il-port;	8. "pilotaġġ" tfisser is-servizz ta' gwida ta' bastiment tat-trasport fuq l-ilma minn bdot jew stazzjon ta' pilotaġġ biex ikun jista' jsir dħul jew ħruġ sikur tal-bastiment fl-aċċess mill-passaġġi fuq l-ilma lejn il-port ***jew navigazzjoni sigura ġewwa l-port***;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-korp maniġerjali tal-port u mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess ***għal dawk il-portijiet***, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija;	9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-korp maniġerjali tal-port u mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw ***l-infrastrutturi,*** il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess ***għall-port, jekk tali passaġġi fuq l-ilma jaqgħu taħt il-kompetenza legali tal-korp maniġerjali tal-port***, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija***, imma bl-esklużjoni tar-rati u l-ispejjeż tal-kiri tal-art li jkollhom effett ekwivalenti***;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. "kuntratt ta' servizz portwarju" tfisser ftehim formali u legalment vinkolanti bejn fornitur ta' servizz portwarju u awtorità kompetenti li fih dan il-korp jagħżel fornitur tas-servizz portwarju biex jipprovdi servizzi portwarji wara proċedura ta' limitazzjoni tan-numru ta' forniturí tas-servizzi portwarji;	12. "kuntratt ta' servizz portwarju" tfisser ftehim formali u legalment vinkolanti bejn fornitur ta' servizz portwarju u ***l-korp maniġerjali tal-port jew*** awtorità kompetenti li fih dan il-korp ***jew awtorità*** jagħżel fornitur tas-servizz portwarju biex jipprovdi servizzi portwarji wara proċedura ta' limitazzjoni tan-numru ta' forniturí tas-servizzi portwarji;

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "port marittimu" tfisser żona ***ta'*** art u ilma ***msawra minn tali xogħlijiet*** u ***tagħmir*** sabiex ***jippermetti***, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; u ***kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port***;	16. "port marittimu" tfisser żona ***ta'*** art u ilma ***delimitata, immaniġġjata mill-korp maniġerjali tal-port u magħmula minn infrastrutturi*** u ***faċilitajiet*** sabiex ***tippermetti***, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri u ***l-persunal***;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. "irmonk" tfisser l-assistenza lil bastiment tat-trasport fuq l-ilma permezz ta' irmonkatur biex ikunu jistgħu jsiru d-dħul jew il-ħruġ sikuri mill-port billi tingħata assistenza fl-immanuvrar tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma;	17. "irmonk" tfisser l-assistenza lil bastiment tat-trasport fuq l-ilma permezz ta' irmonkatur biex ikunu jistgħu jsiru d-dħul jew il-ħruġ sikuri mill-port ***jew in-navigazzjoni sikura fil-port*** billi tingħata assistenza fl-immanuvrar tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma;

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. "aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn port" tfisser aċċess fuq l-ilma lejn il-port mill-baħar miftuħ, bħal avvicinamenti tal-portijiet, kanali navigabbli, xmajjar, kanali fl-ibħra u fjords.	18. "aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn port" tfisser aċċess fuq l-ilma lejn il-port mill-baħar miftuħ, bħal avvicinamenti tal-portijiet, kanali navigabbli, xmajjar, kanali fl-ibħra u fjords***, jekk passaġġ fuq l-ilma bħal dan jaqa' taħt il-kompetenza legali tal-korp maniġerjali tal-port***.

Emenda 62

Proposta għal regolament

Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-aċċess għas-suq	***Organizzazzjoni ta' servizzi portwarji***

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3 ***Libertà tal-provvista ta' servizzi*** ***1. Il-libertà ta' forniment tas-servizzi f'portijiet marittimi koperti minn dan ir-Regolament għandha tapplika għall-forniturі ta' servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.*** ***2. Il-forniturі ta' servizzi portwarji għandu jkollhom aċċess għal faċilitajiet essenzjali tal-portijiet sakemm huwa meħtieġ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. It-termini tal-aċċess għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji.***	***imħassar***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Il-libertà li jiġu organizzati servizzi portwarji
	1. Rigward dan ir-Regolament, l-organizzazzjoni tas-servizzi portwarji koperti minn dan il-Kapitolu tista' tkun soġġetta għal:
	(a) rekwiżiti minimi għall-forniturі tas-servizz portwarju;
	(b) limiti fin-numru ta' forniturі;
	(c) l-obbligi tas-servizz pubbliku;
	(d) operaturi interni;
	(e) aċċess miftuħ u liberu għas-suq tas-servizzi portwarji.
	2. Meta jiġu organizzati servizzi portwarji kif previst fil-Pargrafu 1 għandhom jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet imressqa f'dan il-kapitolu.

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-korp maniġerjali tal-port ***jista' jitlob*** lill-forniturі ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.	1. ***Mingħajr preġudizzju għall-possibilità li jimponi obbligi ta' servizz pubbliku stipulati fl-Artikolu 8,*** il-korp maniġerjali tal-port ***jew l-awtorità nazzjonali kompetenti jistgħu jitolbu*** lill-forniturі ta' servizzi portwarji***, inklużi s-subappaltaturі*** sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn dawn ikunu applikabbli,*** ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 ***jistgħu jkunu*** relatati ***biss***:	2. Ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 ***huma*** relatati:

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mat-tagħmir meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti ***f'kundizzjonijiet*** normali u sikuri u l-kapaċità ***li*** dan it-tagħmir jinżamm fil-livell ***xieraq***;	(b) mat-tagħmir meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti ***f'kondizzjonijiet*** normali u sikuri ***b'mod kontinwu*** u l-kapaċità ***teknika u finanzjarja biex*** dan it-tagħmir jinżamm fil-livell ***meħtieġ***;

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) id-disponibilità tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, fil-postijiet kollha ta' rmiġġ u mingħajr interruzzjonijiet lejl u nhar, matul is-sena kollha;

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u ***l-persuni*** tiegħu;	(c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir***, il-ħaddiema*** u ***persuni oħra*** tiegħu;

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali soċjali u tax-xogħol tal-Istat Membru tal-port ikkonċernat, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) ir-reputazzjoni tajba tal-fornitur tas-servizz portwarju, kif stabbilit mill-Istat Membru.

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament m'ghandha taħt ebda ċirkostanza tikkostitwixxi raġunijiet għal tnaqqis fil-livell tar-rekwiżiti minimi għall-ġhoti ta' servizzi portwarji li diġà jkunu ġew imposti mill-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu ġharfien lokali speċifiku jew ftit taġħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port ġhandu jara li hemm aċċess adegwat ***ġhat-taħriġ relevanti***, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji***, sakemm l-aċċess adegwat ġhal tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru***.	4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu ġharfien lokali speċifiku jew ftit taġħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port ġhandu jara li hemm aċċess adegwat ***ġhall-informazzjoni*** b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura ġhall-ġhoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti ġhandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port ***sal-1 ta' Lulju 2015*** jew ġhal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru appikabbli. Il-forniturі ta' servizzi portwarji ġhandhom jiġu mġharrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura.	5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura ġhall-ġhoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti ġhandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port ***sal-…*** (*) jew ġhal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru appikabbli. Il-forniturі ta' servizzi portwarji ġhandhom jiġu mġharrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura.

(*) ***24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 75

Proposta ghal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza marittima u l-protezzjoni tal-ambjent, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-bastimenti użati ghal operazzjonijiet ta' rmonk jew irmiġġ ikunu rreġistrati u jtajru l-bandiera tal-Istat Membru tal-port ikkonċernat.

Emenda 76

Proposta ghal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-korp maniġerjali tal-port ***ghandu jittratta lis-servizzi portwarji bl-istess mod u ghandu jaġixxi*** b'mod trasparenti.	1. Il-korp maniġerjali tal-port ***jew l-awtorità kompetenti ghandhom jittrattaw lill-forniturі ta' servizzi portwarji*** b'mod trasparenti***, oġġettiv, mhux diskriminatorju u proporzjonat***.

Emenda 77

Proposta ghal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-entità ta' ġestjoni tal-port ***ghandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt*** li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu talba ghall-ghoti ta' dritt bhal dan. Kwalunkwe rifjut ghandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.	2. L-entità ta' ġestjoni tal-port ***ghandha tagħti jew tirrifjuta d-dritt*** li tipprovdi servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4***. Dan ghandha tagħmlu*** fi żmien ***raġonevoli, u fi kwalunkwe każ tara li ma taqbiżx l-erba' xhur*** minn meta ***tirċievi*** talba ghall-ghoti ta' dritt bhal dan ***u d-dokumenti neċessarji***. Kwalunkwe rifjut ghandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.

Emenda 78

Proposta ghal regolament

Artikolu 6 – paragrafu - 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, meta l-korp maniġerjali tal-port mhuwiex awtorità kontraenti skont id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]), dan l-Artikolu m'ghandux japplika.

([1a]) ***Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li thassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3***, il-korp maniġerjali tal-port ***jista' jillimita n-numru*** ta' forniturі ta' servizz portwarju għal servizz portwarju partikolari għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:	1. ***Mingħajr preġudizzju għall-mudelli differenti eżistenti għall-organizzazzjoni tas-servizzi portwarji***, il-korp maniġerjali tal-port ***jew l-awtorità kompetenti jistgħu jillimitaw in-numru*** ta' forniturі ta' servizz portwarju għal servizz portwarju partikolari għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità ***essenzjali*** tal-port ***biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju*** u li l-limitazzjoni hija konformi ***mal-pjan ta' żvilupp formali tal-port kif maqbul*** mill-korp maniġerjali tal-port u, fejn xieraq, kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra ***skont il-leġiżlazzjoni*** nazzjonali;	(a) l-iskarsezza jew l-użu riżervat ta' art, diment li l-korp maniġerjali jista' juri li l-art hija faċilità tal-port ***li hi essenzjali għall-forniment tas-servizzi portwarji*** u li l-limitazzjoni hija***, fejn applikabbli,*** konformi ***mal-pjanijiet u d-deċiżjonijiet miftiehma*** mill-korp maniġerjali tal-port u fejn xieraq kwalunkwe awtorità kompetenti pubblika oħra ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni*** nazzjonali;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) in-nuqqas ta' spazju maġenb l-ilma, fejn dan jikkostitwixxi element essenzjali tal-kapaċità li jiġi pprovdut is-servizz portwarju kkonċernat b'mod sikur u effiċjenti;

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) L-inabbiltà tal-karatteristiċi tat-traffiku portwarju li jippermettu lil għadd ta' forniturі ta' servizzi portwarji jaħdmu f'kundizzjonijiet ekonomikament sodisfaċenti fil-port;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) il-ħtieġa li jiġi żgurat il-forniment ta' operazzjonijiet portwarji sikuri, mingħajr riskji jew ambjentalment sostenibbli;

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Kwalunkwe limitazzjoni ta' forniturі għal servizz portwarju għandha ssegwi proċedura tal-għażla li tkun miftuħa għall-partijiet ikkonċernati kollha, tkun nondiskriminatorja u trasparenti. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jikkomunikta lill-partijiet ikkonċernati kollha l-informazzjoni neċessarja kollha dwar l-organizzazzjoni tal-proċedura tal-għażla u l-iskadenza għat-tressiq, kif ukoll kwalunkwe kriterju tal-għoti u rekwiżit rilevanti. L-iskadenza għat-tressiq għandha tkun twila biżżejjed biex tippermetti lill-partijiet iwettqu valutazzjoni sinifikanti u jippreparaw l-applikazzjoni tagħhom, u f'ċirkustanzi normali l-limitu minimu għandu jkun 30 jum.

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta entità tal-ġestjoni ta' port tipprovdi s-servizzi hija stess jew permezz ta' entità distinta legali li tikkontrolla direttament, l-Istat Membru jista' jafda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' forniturі tas-servizzi portwarji lil awtorità li hija indipendenti mill-entità tal-ġestjoni tal-port. Jekk Stat Membru ma jafdax l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tillimita l-għadd ta' forniturі tas-servizzi portwarji lil awtorità bħal din, l-għadd ta' forniturі m'għandux ikun anqas minn tnejn.	4. Meta entità tal-ġestjoni ta' port tipprovdi s-servizzi hija stess jew permezz ta' entità distinta legali li tikkontrolla direttament, l-Istat Membru ***għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jevita li jkun hemm kunflitti ta' interess. Fl-assenza ta' miżuri bħal dawn, l-għadd ta' forniturі m'għandux ikun inqas minn tnejn, sakemm kwalunkwe waħda mir-raġunijiet elenkati fil-paragrafu 1 tiġġustifika limitazzjoni għal fornitur wieħed.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Proċedura għal-limitazzjoni tan-numru ta' forniturі ta' servizzi portwarji	
1. Kwalunkwe limitazzjoni tan-numru ta' forniturі għal servizz portwarju wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għandha ssegwi proċedura tal-għażla li tkun miftuħa għall-partijiet interessati kollha, tkun nondiskriminatorja u trasparenti.	
2. Jekk il-valur stmat tas-servizz portwarju jaqbeż il-limitu definit fil-paragrafu 3, għandhom jiġu applikati r-regoli dwar il-proċedura tal-għoti, il-garanziji proċedurali u d-durata massima tal-konċessjonijiet kif stipulati fid-Direttiva …./…. [konċessjonijiet].	
3. Il-limitu u l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur tas-servizz portwarju għandhom ikunu dawk tad-dispożizzjonijiet rilevanti u applikabbli stabbiliti fid-Direttiva ..…/…. [konċessjonijiet].	
4. Il-fornitur jew forniturі magħżulin u l-korp maniġerjali tal-port għandhom jikkonkludu kuntratt dwar servizz portwarju.	
5. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, modifika sostanzjali skont it-tifsira tad-Direttiva …./… [konċessjonijiet] fid-dispożizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz portwarju matul it-terminu tiegħu għandhom jitqiesu bħala kuntratt ta' servizz portwarju ġdid u b'hekk għandhom jeħtieġu proċedura ġdida kif imsemmi fil-paragrafu 2.	
6. Il-paragrafi minn 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9.	
7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr ħsara għad-Direttiva . …/….[konċessjonijiet] ([15])***, id-Direttiva …./….[utilitajiet pubbliċi]*** ([16]) ***u d-Direttiva …./….[akkwisti pubbliċi]*** ([17])	

([15]) ***Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (COM 2011) 897 finali***

([16]) ***Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (COM/2011/0895 finali)***

([17]) ***Proposta għal Direttiva dwar l-akkwisti pubbliċi (COM/2011/0896 finali)***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu fuq il-fornituri obbligi ta' servizz pubbliku relatati mas-servizzi portwarji biex jiżguraw ***li***:	1. L-Istati Membri ***għandhom jinnominaw lill-awtorità kompetenti fit-territorju tagħhom, li tista' tkun il-korp maniġerjali tal-port, li tkun intitolata li timplementa*** obbligi ta' servizz pubbliku relatati mas-servizzi portwarji ***fuq il-fornituri*** biex jiżguraw ***minn tal-inqas element wieħed minn dawn li ġejjin***:

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha;	(b) id-disponibbiltà tas-servizz għall-utenti kollha, ***fejn xieraq f'kundizzjonijiet ekwi***;

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) is-sikurezza, is-sigurtà jew is-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjonijiet portwarji;

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-forniment ta' servizzi ta' trasport adegwati lill-pubbliku u l-koeżjoni territorjali;

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-territorju tagħhom biex jimponu dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jkun l-awtorità kompetenti.	***imħassar***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-awtorità kompetenti maħtura skont ***il-paragrafu 3*** ma tkunx l-istess bħall-korp maniġerjali tal-port, dik l-awtorità kompetenti għandha tuża l-kompetenzi stabbiliti ***fl-Artikoli 6 u 7*** rigward il-limitazzjoni tan-numru ta' forniturі ta' servizzi portwarji abbażi tal-obbligi tas-servizz pubbliku.	4. Meta l-awtorità kompetenti maħtura skont ***il-paragrafu 1ta' dan l-Artikolu*** ma tkunx l-istess bħall-korp maniġerjali tal-port, dik l-awtorità kompetenti għandha tuża l-kompetenzi stabbiliti ***fl-Artikolu 6*** rigward il-limitazzjoni tan-numru ta' forniturі ta' servizzi portwarji abbażi tal-obbligi tas-servizz pubbliku.

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk ***awtorità kompetenti tiddeċiedi li timponi*** obbligi ta' servizz pubbliku fil-portijiet marittimi kollha ***permezz ta'*** dan ir-Regolament fi Stat Membru, ***għandha tavża*** lill-Kummissjoni b'dawn l-obbligi.	5. Jekk ***Stat Membru jiddeċiedi li jimponi*** obbligi ta' servizz pubbliku fil-portijiet marittimi kollha ***koperti minn*** dan ir-Regolament fi Stat Membru, ***għandu javża*** lill-Kummissjoni b'dawn l-obbligi.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju ***skont l-Artikolu 7*** jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9.	6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tniedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. ***Azzjonijiet industrijali kollettivi li jkunu qed isiru f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv u/jew ftehimiet applikabbli bejn is-sħab soċjali m'humiex se jitqiesu bħala tfixkil tas-servizzi portwarji li għalihom jistgħu jittieħdu miżuri ta' emerġenza.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każijiet stipulati fl-Artikolu 6(1)(b),*** l-awtorità kompetenti ***tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija*** stess servizz portwarju ***skont l-obbligi ta' servizz pubbliku*** jew ***timponi dawk l-obbligi direttament fuq*** entità legalment separata li fuqha ***teżerċita*** kontroll simili għal dak li ***teżerċita*** fuq id-dipartimenti ***tagħha*** stess. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament.	1. ***Il-korp maniġerjali tal-port jew*** l-awtorità kompetenti ***jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu port huma*** stess jew ***permezz ta'*** entità legalment separata li fuqha ***huma jeżerċitaw*** kontroll simili għal dak li ***jeżerċitaw*** fuq id-dipartimenti ***tagħhom*** stess***, dment li l-Artikolu 4 japplika bl-istess mod għall-operaturi kollha li jipprovdu s-servizz ikkonċernat***. F'każ bħal dan, dan il-fornitur tas-servizz portwarju għandu jitqies li huwa operatur intern għall-fini ta' dan ir-Regolament.

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-awtorità*** kompetenti għandha titqies li qiegħda teżerċita kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess biss jekk teżerċita influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali ***kkontrollata***.	2. ***Il-korp maniġerjali tal-port jew l-awtorità*** kompetenti għandhom jitqiesu li qegħdin jeżerċitaw kontroll fuq entità legalment separata simili għal dak li jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess biss jekk jeżerċitaw influwenza deċiżiva kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità legali ***kkonċernata***.

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-operatur*** intern għandu jkun limitat li jwettaq is-servizz portwarju assenjat biss fil-port(ijiet) fejn ikun ġie attribwit l-assenjament sabiex jipprovdi dak is-servizz.	3. ***Fil-każijiet previsti mill-Artikolu 8, l-operatur*** intern għandu jkun limitat li jwettaq is-servizz portwarju assenjat biss fil-port(ijiet) fejn ikun ġie attribwit l-assenjament sabiex jipprovdi dak is-servizz.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi bejn ***imsieħba*** soċjali, i***l-korpi tal-ġestjoni tal-port jistgħu jitolbu sabiex il-fornitur*** tas-servizzi portwarji ***maħtur skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 7***, meta dan il-fornitur ikun differenti mill-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji, għandu jagħti lill-impjegati li qabel ***kienu jaħdmu*** mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji dawk ***id-drittijiet*** li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.	2. Mingħajr ħsara għal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi ftehimiet kollettivi ***rappreżentattivi***bejn ***is-sħab*** soċjali, ***l-awtorità kompetenti għandhom jirrikjedu li l-fornitur*** tas-servizzi portwarji jagħti lill-impjegati ***kundizzjonijiet tax-xogħol abbażi ta' standards soċjali nazzjonali, reġjonali jew lokali vinkolanti. F'każ ta' trasferiment tal-persunal minħabba bidla fil-fornitur tas-servizz***, il-persunal li qabel ***kien jaħdem*** mal-fornitur responsabbli mis-servizzi portwarji ***għandu jingħata l-istess drittijiet*** li kienu jkunu intitolati għalihom li kieku seħħ trasferiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/23/KE.

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Meta*** l-korpi tal-ġestjoni tal-port ***jeħtieġu*** li l-forniturі tas-servizzi portwarji jikkonformaw ma' ***ċerti*** standards soċjali ***fir-rigward tal-forniment tas-servizzi portwarji relevanti***, id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.	3. ***Il-korpi*** tal-ġestjoni tal-port ***jew l-awtorità kompetenti għandhom jirrikjedu***li l-forniturі tas-servizzi portwarji ***kollha*** jikkonformaw ***mal-istandards*** soċjali ***u tax-xogħol kollha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali, kif ukoll mal-ftehimiet kollettivi applikabbli f'konformità mad-drawwiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali. Meta, fil-kuntest tal-għoti ta' servizzi portwarji rilevanti, ikun hemm trasferiment tal-persunal,*** id-dokumenti tal-offerti u l-kuntratti tas-servizz portwarju għandhom jelenkaw il-persunal ikkonċernat u jagħtu dettalji trasparenti dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom u l-kundizzjonijiet li bihom l-impjegati jitqiesu li huma marbutin mas-servizzi portwarji.

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	Taħriġ u protezzjoni tal-ħaddiema
	1. Min iħaddem għandu jiżgura li l-impjegati tiegħu jirċievu t-taħriġ neċessarju sabiex ikunu jistgħu jiksbu għarfien tajjeb tal-kundizzjonijiet li fihom jitwettaq ix-xogħol tagħhom u li dawn jiġu mħarrġa kif xieraq biex jiġu indirizzati r-riskji li jaf jikkostitwixxi x-xogħol.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. B'rispett sħiħ tal-awtonomija tas-sħab soċjali, il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għall-portijiet fil-livell tal-UE huwa mistieden jiżviluppa linji gwida għall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' taħriġ sabiex jiġu evitati l-inċidenti u jiġi żgurat l-ogħla livell ta' sikurezza u ta' saħħa lill-ħaddiema. Tali rekwiżiti ta' taħriġ għandhom jiġu aġġornati regolarment sabiex titnaqqas fuq baži kontinwa l-okkorrenza ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol.
	3. Is-sħab soċjali huma mistiedna jiżviluppaw mudelli li jiżguraw bilanċ bejn il-fluttwazzjonijiet fid-domanda għal xogħol tal-port u l-flessibbiltà meħtieġa minn operazzjonijiet tal-port, fuq naħa waħda, u l-kontinwità u l-protezzjoni tal-impjieg, min-naħa l-oħra.

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija ***u*** ta' passiġġieri.	Dan il-Kapitolu***, minbarra l-Artikolu 10a,*** u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija, is-servizzi ta' passiġġieri ***u l-pilotaġġ***.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji, għandu jżomm il-kontijiet ta' ***kull attività tas-servizz portwarju*** separati mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li:	2. Meta l-korp maniġerjali tal-port li jirċievi l-fondi pubbliċi jipprovdi hu stess is-servizzi portwarji ***jew it-tħammil***, għandu jżomm il-kontijiet ta' dik l-attività ***ffinanzjata minn fondi pubbliċi jew investiment*** separat mill-kontijiet tal-attivitajiet l-oħrajn tiegħu b'mod li:

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta korp maniġerjali ta' port, jew assoċjazzjoni ta' portijiet, jiżvolġu attività ta' tħammil huma stess u jirċievu fondi pubbliċi għal din l-attività, dawn m'għandhomx jiżvolġu attivitajiet ta' tħammil fi Stati Membri oħrajn.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fondi pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu kapital azzjonarju jew fondi kważi kapitali, għotjiet mhux rifondibbli, għotjiet rifondibbli biss f'ċerti ċirkustanzi, għoti ta' self inkluż self kurrenti u ħlas bil-quddiem fuq injezzjonijiet kapitali, garanziji mogħtija lill-korp maniġerjali tal-port minn awtoritajiet pubbliċi***, dividendi mħallsin u profitti miżmumin*** jew xi forma oħra ta' appoġġ finanzjarju pubbliku.	3. Il-fondi pubbliċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu kapital azzjonarju jew fondi kważi kapitali, għotjiet mhux rifondibbli, għotjiet rifondibbli biss f'ċerti ċirkustanzi, għoti ta' self inkluż self kurrenti u ħlas bil-quddiem fuq injezzjonijiet kapitali, garanziji mogħtija lill-korp maniġerjali tal-port minn awtoritajiet pubbliċi u kull forma oħra ta' appoġġ finanzjarju pubbliku.

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u ***tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu*** 17 għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni.	4. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jżomm l-informazzjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ***u tal-korp maħtur skont l-Artikolu*** 17 għal ħames snin minn tmiem is-sena fiskali li għaliha tirreferi l-informazzjoni.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta jkun mitlub jagħmel dan, il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u ***tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti***, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba.	5. Il-korp maniġerjali tal-port għandu***, fil-każ ta' ilment formali u fuq talba, iqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ***u tal-korp maħtur bi qbil mal-Artikolu 17***, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis neċessarja sabiex titwettaq evalwazzjoni profonda tad-dejta ppreżentata u għall-valutazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien xahrejn mid-data li fiha ssir it-talba.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-portijiet tagħhom tan-netwerk komprensiv li ma jissodisfawx il-kriterji fil-punt (a) jew il-punt (b) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 fil-każ ta' pożijiet amministrattivi sproporzjonati, dment li l-fondi pubbliċi li jirċievu, u l-użu tagħhom sabiex jipprovdu servizzi portwarji, jibqgħu trasparenti għalkollox fis-sistema tal-kontabilità. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan qabel id-deċiżjoni tagħhom tidħol fis-seħħ.

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern ***kif imsemmi fl-Artikolu 9 u*** l-imposti mitluba minn forniturі ta' servizzi tal-port, ***f'każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' forniturі li ma ġewx magħżula abbażi ta' proċeduri li huma miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorji***, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut.	1. L-imposti għas-servizzi provduti minn operatur intern ***taħt obbligu ta' servizz pubbliku,*** l-imposti ***għas-servizzi ta' pilotaġġ li mhumiex esposti għal kompetizzjoni effikaċi, u l-imposti*** mitluba minn forniturі ta' servizzi portwarji ***kif imsemmi fil-punt (b) fl-Artikolu 6(1)***, għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Dawn it-tariffi għandhom***, sa fejn hu possibbli,*** jirriflettu l-kundizzjonijiet fuq swieq kompetittivi rilevanti u ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur ekonomiku tas-servizz provdut.

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fuq talba, u kif imsemmi fl-Artikolu 17, il-fornitur*** tas-servizz portwarju għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ***tal-korp ta' sorveljanza indipendenti kompetenti*** l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji.	3. ***Il-fornitur*** tas-servizz portwarju, ***fil-każ ta' lment formali u fuq talba,*** għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ***tal-korp maħtur f'konformità*** mal-Artikolu 17, l-informazzjoni dwar l-elementi li jservu ta' pedament biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tas-servizz portwarju li jaqgħu taħt l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-metodoloġija użata għall-istabbiliment tan-nollijiet tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li huma relatati magħhom dawn in-nollijiet tas-servizzi portwarji.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess ***li jirriflettu l-kundizzjonijiet kompetittivi tas-suq rilevanti u*** skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat.	3. Bħala kontribuzzjoni għal sistema effiċjenti ta' nollijiet tal-infrastruttura, l-istruttura u l-livell ta' nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu mill-korp maniġerjali tal-port skont l-istrateġija kummerċjali u l-pjan ta' investiment tiegħu stess skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat ***u tal-kompetizzjoni***.

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***rilevanti, oġġettivi, trasparenti u*** mhux diskriminatorji ***u b'rispett għar-regoli*** tal-kompetizzjoni. ***Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.***	4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont ***l-istrateġija ekonomika tal-port u l-politika tal-port dwar il-ġestjoni tat-territorju*** relatati***, fost l-oħrajn***, ***ma' ċerti kategoriji ta' utenti***, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu ***ġusti,*** mhux diskriminatorji ***lejn in-nazzjonalità u għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat u*** tal-kompetizzjoni. ***Il-korp maniġerjali tal-port jista' jqis l-ispejjeż esterni meta jkun qed jistabbilixxi n-nollijiet. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jvarja n-nollijiet tal-infrastruttura f'konformità mal-prattiki kummerċjali.***

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, fejn ikun meħtieġ, atti ddelegati skontil-proċedura msemmija fl-Artikolu 21 dwar il-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet li skont dawn għandhom jiġu varjati n-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni dwar in-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet.	***imħassar***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jgħarraf lil dawk li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***, inkluži l-ispejjeż u d-dħul totali li jservu ta' bażi biex jiġu determinati l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet.*** Għandu jgħarraf lil dawk li jużaw l-infrastrutturi tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati dawk in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel.	6. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jgħarraf lil dawk li jużaw il-port u lir-rappreżentanti jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom ***b'mod trasparenti*** dwar l-istruttura u l-kriterji użati biex jiġi determinat l-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Għandu jgħarraf lil dawk li jużaw l-infrastrutturi tal-portijiet dwar kwalunkwe bidla fl-ammont tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jew fl-istruttura jew il-kriterji użati sabiex jiġu determinati dawk in-nollijiet tal-inqas tliet xhur minn qabel. ***Il-korp maniġerjali tal-port m'għandux ikun meħtieġ li jiżvela divrenzjar fin-nollijiet li hu riżultat ta' negozjati individwali.***

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fuq talba, il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp ta' sorveljanza indipendenti u kompetenti u tal-Kummissjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u l-ispejjeż u d-dħul dettaljati, li jservu bħala bażi biex jiġu determinati l-istruttura*** u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn il-portijiet.	7. Il-korp maniġerjali tal-port għandu***, fil-każ ta' lment formali u*** fuq talba, ***iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp maħtur bi qbil mal-Artikolu 17 u tal-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu***, u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u l-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti n-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi li magħhom huma relatati dawn l-ispejjeż portwarji.

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jistabbilixxi kumitat ta' rappreżentanti tal-operaturi ta' bastimenti tat-trasport fuq l-ima, sidien ta' merkanzija jew oħrajn li jużaw il-portijiet li huma mitlubin iħallsu noll għall-infrastruttura u noll għas-servizz portwarju jew it-tnejn li huma. Dan il-kumitat għandu jissejjaħ il-"kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port".	***imħassar***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jikkonsulta fuq bażi annwali***, ***u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura*** tal-port, ***mal-kumitat konsultattiv*** tal-utenti tal-port ***dwar*** l-istruttura ***u l-livell*** tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Il-forniturі tas-servizzi potwali għandhom jikkonsultaw fuq bażi annwali, u qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-port, ***mal-kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port*** dwar l-istruttura u l-livell tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 6 ***u fl-Artikolu 9***. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi ***faċilitajiet*** adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-forniturі tas-servizz portwarju.	2. Il-korp maniġerjali tal-port għandu ***jiżgura li jkunu stabbiliti mekkaniżmi adegwati għall-konsultazzjoni tal-utenti tal-port, inklużi l-operaturi ta' trasport interkonness rilevanti. Dan għandu jikkonsulta lill-utenti tal-port f'każ ta' bidliet sostanzjali fin-nollijiet*** tal-infrastruttura tal-port qabel l-istabbiliment tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***. Il-forniturі tas-servizzi portwarji għandhom jipprovdu*** lill-utenti tal-port ***b'informazzjoni adegwata dwar*** l-istruttura ***tan-nollijiet tas-servizzi portwarji u l-kriterji użati biex dawn jiġu stabbiliti. Operaturi interni li jipprovdu servizzi taħt obbligu ta' servizz pubbliku u*** l-forniturі ta' servizzi portwarji kif imsemmi fl-Artikolu 6 ***(1b)***, għandhom jikkonsultaw mal-utenti tal-port, fuq bażi annwali ***u*** qabel l-istabbiliment tan-nollijiet għas-servizzi portwarji dwar l-istruttura u l-livell ta' dawn l-imposti. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jipprovdi ***mekkaniżmi*** adegwati għal dik il-konsultazzjoni u għandu jiġi mgħarraf dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni mill-forniturі tas-servizz portwarju. ***Għandu jkun possibbli li l-obbligi msemmija f'dan il-paragrafu jiġu imposti fuq il-korpi, inklużi dawk b'kompożizzjoni distinta, li diġà huma stabbiliti fil-port.***

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment mal-partijiet interessati, bħal impriżi stabbiliti fil-port, il-forniturі tas-servizzi tal-portijiet, l-operaturi ta' bastimenti li jżommu fil-wiċċ, sidien ta' merkanzija, operaturi tat-trasport bl-art ***u l-amministrazzjonijiet pubbliċi*** li joperaw fiż-żona tal-port dwar dan li ġej:	1. L-entità tal-ġestjoni tal-port għandha tikkonsulta regolarment ***lill-partijiet*** interessati ***rilevanti*** li joperaw fiż-żona tal-port***, kif ukoll lill-amministrazzjonijiet pubbliċi responsabbli għall-ippjanar tal-infrastruttura tat-trasport, fejn xieraq*** dwar dan li ġej:

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-konsegwenzi tal-ippjanar u d-deċiżjonijiet dwar l-immaniġġjar tat-territorju f'dak li jikkonċerna l-prestazzjonijiet ambjentali;

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) miżuri biex tiġi ggarantita u titejjeb is-sigurtà fiż-żona portwarja, inklużi miżuri għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tal-port, u l-informazzjoni dwar l-aċċess għat-taħriġ tal-ħaddiema tal-port.

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Korp ta ' superviżjoni indipendenti	***Superviżjoni*** indipendenti

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***l-korp ta' sorveljanza indipendenti jimmonitorja u jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament*** fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament dwar it-territorju ta' kull Stat Membru.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***fis-seħħ ikun hemm mekkaniżmi effikaċi għall-ipproċessar tal-ilmenti*** fil-portijiet marittimi kollha koperti b'dan ir-Regolament dwar it-territorju ta' kull Stat Membru. ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jaħtru korp wieħed jew aktar.***

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-korp ta' sorveljanza*** indipendenti ***għandu jkun*** legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati ***mas-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament*** u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. ***Il-korp ta' superviżjoni*** indipendenti għandu ***jeżerċita l-poteri tiegħu b'mod imparzjali u trasparenti u bir-rispett dovut għad-dritt*** li n-negozju jitwettaq liberament.	2. ***Is-superviżjoni*** indipendenti ***għandha ssir b'mod li jeskludi l-kunflitti ta' interess u li***jkun legalment separat minn kwalunkwe korp maniġerjali tal-port jew fornituri tas-servizzi portwarji u għandu jkun ukoll funzjonalment indipendenti minnhom. L-Istati Membri li huma l-proprjetarji tal-portijiet jew il-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet jew li jikkontrollawhom għandhom jaraw li ssir separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjonijiet relatati ***mal-ipproċessar tal-ilmenti*** u l-attivitajiet assoċjati ma' dik is-sjieda jew dak il-kontroll. ***Is-sorveljanza*** indipendenti ***għandha tkun imparzjali u trasparenti u għandha tirrispetta kif dovut*** id-dritt li n-negozju jitwettaq liberament.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jipproċessa l-ilmenti ppreżentati minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu kif ukoll it-tilwimiet imressqa quddiemu li jkunu relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***	3. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti tal-portijiet u partijiet ikkonċernati oħrajn jiġu informati dwar fejn u kif għandhom iressqu lment, inkluża indikazzjoni tal-korpi awtorizzati biex jipproċessaw l-ilmenti msemmija fl-Artikoli 12(5), 13(3) u 14(7).***

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, ***il-korp ta' sorveljanza indipendenti tal-Istat*** Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tiwima, għandu jkollu l-kompetenza li jsolvi t-tilwima.	4. F'każ li t-tilwima tqum bejn partijiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, ***l-Istat*** Membru tal-port minn fejn ikun preżunt li oriġinat it-tilwima, għandu jkollu l-kompetenza li jirriżolvi t-tilwima. ***L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jaqsmu l-informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom.***

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-korp ta' sorveljanza indipendenti*** għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-forniturі ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu ***l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.	5. ***Fil-każ li jiġi ppreżentat ilment formali minn kwalunkwe parti b'interess leġittimu, il-korp rilevanti li jipprovdi sorveljanza indipendenti*** għandu jkollu d-dritt li jeżiġi li l-korpi tal-ġestjoni tal-portijiet, il-forniturі ta' servizzi portwarji u l-utenti tal-port jissottomettu ***l-informazzjoni meħtieġa***.

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' joħroġ opinjonijiet fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-korp ta' sorveljanza indipendenti jista' jikkonsulta lill-kumitat konsultattiv ta' dawk li jużaw il-port ikkonċernat meta jittratta l-ilmenti jew it-tilwim.	***imħassar***

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ***ta' sorveljanza indipendenti*** għandu jkollhom effett vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika.	8. Id-deċiżjonijiet tal-korp ***rilevanti li jipprovdi sorveljanza indipendenti*** għandu jkollu effetti vinkolanti, mingħajr ħsara għal analiżi ġuridika.

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ***bl-identità tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015 u dwar kwalunkwe*** modifika fiha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ***ta' sorveljanza indipendenti*** fuq il-websajt tagħha.	9. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ***bil-mekkaniżmi u l-proċeduri li qegħdin fis-seħħ biex jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu sa …*** (*) ***u għandhom javżaw minnufih meta ssir kwalunkwe*** modifika ***sussegwenti fihom***. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-korpi ***rilevant***i fuq il-websajt tagħha.

(*) ***24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Kooperazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti	
1. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex iħaffu l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu sehem u jaħdmu flimkien f'netwerk li jiltaqa' f'intervalli regolari u tal-inqas darba fis-sena. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem, tikkoordina u tappoġġja l-ħidma tan-netwerk.	

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-korpi ta' sorveljanza indipendenti għandhom jikkooperaw mill-qrib għall-fini ta' assistenza reċiproka fil-kompiti tagħhom, inkluż fit-twettiq tal-investigazzjonijiet meħtieġa biex jindirizzaw ilmenti u tilwim f'każijiet li jinvolvu portijiet fi Stati Membri differenti. Għal dan il-għan, wara talba sostanzjata, korp ta' sorveljanza indipendenti għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' korp ieħor bħalu, l-informazzjoni meħtieġa biex dan il-korp ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet tiegħu skont dan ir-Regolament.	
3. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara talba rraġonata, il-korpi konsultattivi indipendenti jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni għandha tkun proporzjonata mat-twettieq ta' dawk ix-xogħlijiet.	
4. Meta l-informazzjoni titqies kunfidenzjali mill-korp ta' sorveljanza indipendenti skont ir-regoli tal-Unjoni jew dawk nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali, il-korp ta' sorveljanza nazzjonali l-ieħor flimkien mal-Kummissjoni għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għall-għan li tkun intalbet għalih.	
5. Abbażi tal-esperjenza tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti u tal-attivitajiet tan-netwerk imsemmi fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti, il-Kummissjoni tista' tadotta prinċipji komuni dwar l-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' sorveljanza indipendenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 22 (2).	

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port jew ***mill-korp ta' sorveljanza indipendenti*** quddiem korp tal-appell li hija indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti.	1. Kwalunkwe parti b'interess leġittimu għandu jkollha d-dritt li tappella kontra d-deċiżjonijiet jew il-miżuri individwali meħuda skont dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, mill-korp maniġerjali tal-port jew ***mill-korp maħtur skont l-Artikolu 17*** quddiem korp tal-appell li hija indipendenti mill-partijiet involuti. Dan il-korp tal-appell jista' jkun qorti.

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni ***sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2015*** u għandhom jinnotifikawha bla dewmien dwar kwalunkwe emenda li taffettwahom.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu implimentati. Il-penali stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa … (*) u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti magħmula li taffettwahom.

(*) ***24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
L-eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, iżda din hija soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indefinit.	
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.	
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ***il-Kummissjoni għandha tippreżenta*** rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar il-funzjonament u l-effett*** ta' dan ir-Regolament, ***akkumpanjat***, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti.	***Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-funzjonament u l-effett*** ta' dan ir-Regolament, ***għandhom jiġu ppreżentati rapporti perjodiċi*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***. Mhux aktar tard minn…*** (*), ***il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-ewwel rapport u, suċċessivament, ir-rapporti perjodiċi kull tliet snin, akkumpanjati***, jekk ikun il-każ, bi proposti rilevanti. ***Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu kull progress li nkiseb mill-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Settorjali għall-Portijiet fil-livell tal-UE.***

(*) ***Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Għandu japplika b'effett ***mill-1 ta' Lulju 2015***.	Għandu japplika b'effett minn … (*).

(*) ***24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0070

L-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2494/95 (COM(2014)0724 – C8-0283/2014 – 2014/0346(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/17)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0724),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0283/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Marzu 2015 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Diċembru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0313/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0346

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tad-djar, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/792.)

([1]) ĠU C 175, 29.5.2015, p. 2.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0074

L-ebda oġġezzjoni għal-miżura ta' implimentazzjoni: it-taħriġ tal-piloti, l-ittestjar u l-kontroll perjodiku għal navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 rigward it-taħriġ tal-piloti, l-ittestjar u l-kontroll perjodiku għal navigazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni (D042244/03 – 2016/2545(RPS))

(2018/C 050/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni (D042244/03,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(6) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2015 mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 65 tar-regolament imsemmi hawn fuq,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2016, li permezz tagħha talbet lill-Parlament jiddikjara li mhuwiex se joġġezzjona għall-abbozz ta' regolament,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, tat-23 ta' Frar 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(4)(d) u l-Artikolu 105(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra li l-ebda oġġezzjoni ma ġiet espressa fil-perjodu previst fit-tielet u r-raba inċiżi tal-Artikolu 105(6) tar-Regoli ta' Proċedura, li skada fit-8 ta' Marzu 2016,

A. billi l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni għandu l-għan li, fost affarijiet oħra, itawwal b'sena l-perjodu ta' transizzjoni eżistenti għal detenturi ta' liċenzja ta' bdot privat, mit-8 ta' April 2016 għal April 2017;

B. billi, l-iskadenza għall-Parlament biex joġġezzjona għall-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni se tiskadi fit-23 ta' April 2016;

C. billi d-dħul fis-seħħ tar-regolament tal-Kummissjoni sat-8 ta' April 2016 jevita lakuna ġuridika rigward is-sitwazzjoni ta' bosta eluf ta' ċittadini tal-UE li jkollhom liċenzja ta' bdot privat (PPL) maħruġa mill-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) tal-Istati Uniti;

D. billi jekk id-data ma tiġix modifikata dawn il-piloti se jkunu obbligati jivvalidaw jew jikkonvertu l-liċenzja FAA tagħhom f'liċenzja tal-UE, u dan se jeħtieġ riżorsi u ħin sinifikanti kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-piloti;

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

E. billi l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni huma ħerqana biex jinnegozjaw proċedura simplifikata biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku u l-konverżjoni ta' tali liċenzji ta' bdoti bejn l-UE u l-Istati Uniti, u billi din il-proċedura l-ġdida x'aktarx li ssir disponibbli għall-bdoti fit-tieni nofs tal-2016;

1. Jiddikjara li ma joġġezzjonax għall-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kummissjoni u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kunsill.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0075

It-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (Kodifikazzjoni) (COM(2014)0466 – C8-0107/2014 – 2014/0216(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni)

(2018/C 050/19)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0466),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0107/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2014 ([1]),

— wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – Metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0037/2016),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0216

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (kodifikazzjoni)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2016/802.)

([1]) ĠU C 12, 15.1.2015, p. 117.
([2]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0076

Diversifikazzjoni fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti mediċini essenzjali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tiġi evitata diversifikazzjoni fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti mediċini essenzjali (test kodifikat) (COM(2014)0319 – C8-0015/2014 – 2014/0165(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni)

(2018/C 050/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0319),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0015/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0038/2016),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0165

Pożizzjoni tal-ParlamentEwropew adottata fl-ewwel qari fid-9 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tiġi evitata diversifikazzjoni fil-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti mediċini prinċipali (kodifikazzjoni)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/793.)

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0077

Ftehim UE-Andorra dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jipprovdi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (COM(2015)0631 – C8-0028/2016 – 2015/0285(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 050/21)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2015)0631),

— wara li kkunsidra l-Abbozz tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra li jipprevedi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (15510/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (b) u l-paragrafu (8), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0028/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 108(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0047/2016),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Prinċipat ta' Andorra.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0078

Il-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv ġdid tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għall-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) (C8-0023/2016 – 2016/0902(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 050/22)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) tat-3 ta' Frar 2016 għall-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv tal-EIOPA għal terminu ta' ħames snin (C8-0023/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0045/2016),

A. billi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv attwali tal-EIOPA jispiċċa fil-31 ta' Marzu 2016;

B. billi, fit-28 ta' Jannar 2016, il-Bord tas-Superviżuri tal-EIOPA, wara proċedura tal-għażla miftuħa, ippropona li jaħtar lil Fausto Parente bħala Direttur Eżekuttiv għal mandat ta' ħames snin, bi qbil mal-Artikolu 51(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010;

C. billi, fit-23 ta' Frar 2016, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta' smigħ ma' Fausto Parente, li fiha hu għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb għal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-ħatra ta' Fausto Parente bħala Direttur Eżekuttiv tal-EIOPA;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-EIOPA u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0079

Salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal issuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali (COM(2013)0822 – C7-0428/2013 – 2013/0408(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill COM(2013)0822,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0428/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, mill-Kamra tar-Rappreżentanti tan-Netherlands, fejn jiddikjaraw li l-abozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipji ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Marzu 2014 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-16 ta' Diċembru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0020/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2013)0408

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottat fl-ewwel qari fid-9 ta' Marzu bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2016/800.)

([1]) ĠU C 226, 16.7.2014, p. 63.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0080

Linji gwida għall-Baġit 2017 – Taqsima III

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2017, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2016/2004(BUD))

(2018/C 050/24)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-abbozz konġunt ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja ([4]),

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 ([5]) u ż-żewġ dikjarazzjonijiet konġunti relatati maqbula bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([6]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament 2015–2016 ([7]) li ntlaħaq ftehim dwaru fid-19 ta' Mejju 2015,

— wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni (il-ħarifa 2015) ([8]),

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016 tal-Kummissjoni ([9]),

— wara li kkunsidra t-Titolu II, Kapitolu 8, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0036/2016),

A. billi l-baġit 2017 għandu jwitti t-triq lejn it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, fil-kuntest ta' rkupru ekonomiku fraġli f'periklu minħabba s-sitwazzjoni fi swieq globali emerġenti u t-tensjonijiet ġeopolitiċi kontinwi;

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0407.
([5]) ĠU L 48, 24.2.2016.
([6]) Ara l-Anness għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament tal-25 ta' Novembru 2015 (Testi adottati, P8_TA(2015)0407).
([7]) Ara l-Anness II għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-8 ta' Lulju 2015 (Testi adottati, P8_TA(2015)0263).
([8]) http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/eeip/pdf/ip011_en.pdf
([9]) http://ec.europa.eu/europe2020/pdf/2016/ags2016_annual_growth_survey_mt.pdf

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

B. billi l-baġit 2017 se jiġi affettwat mill-kriżijiet tal-migrazzjoni u tar-refuġjati li qed jevolvu;

C. billi l-baġit 2017 se jikkoinċidi mar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP);

D. billi l-bilanċ bejn id-domanda interna u l-kummerċ estern sa ċertu punt jagħmel lill-UE ekonomikament dipendenti fuq l-iżviluppi globali;

Rimarki ġenerali

1. Jirrimarka li l-baġit tal-Unjoni wera li huwa riżorsa kruċjali fl-indirizzar ta' kriżijiet riċenti u biex jirrispondi għal ħtiġijiet li ma kinux neċessarjament antiċipati matul in-negozjati tal-QFP 2014-2020, bħalma huma l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-kriżijiet tal-migrazzjoni u tar-refuġjati jew it-tensjonijiet ġeopolitiċi fil-viċinat tal-Ewropa li jikkawżaw għadd ta' sfidi serji u emerġenzi, filwaqt li fi ħdan l-UE, il-pass tal-irkupru ekonomiku u l-investiment huwa taħt il-potenzjal u għad hemm nuqqas ta' investiment;

2. Jissottolinja li l-kapaċità limitata tal-baġit tal-Unjoni li jindirizza dawn il-kriżijiet f'dan l-istadju ġejja prinċipalment mill-użu ta' kull mezz disponibbli miftiehem fin-negozjati tal-QFP, u b'mod partikolari mill-użu ta' strumenti speċjali bħall-istrument ta' flessibbiltà; ifakkar fir-rwol deċiżiv tal-Parlament fit-tfassil ta' dawn l-istrumenti matul in-negozjati dwar il-QFP; jenfasizza, madankollu, li jekk il-kriżijiet ikomplu jmorru għall-agħar anke l-attivazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-flessibbiltà mhijiex se tkun biżżejjed biex tindirizza l-problema; iħeġġeġ lill-Kunsill f'dan il-kuntest, jikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu dwar il-kwistjoni tal-ibbaġitjar tal-istrumenti speċjali tal-QFP sabiex jittaffew ir-restrizzjonijiet li huma ta' piż fuq il-baġit tal-Unjoni; itenni f'dan ir-rigward il-pożizzjoni tiegħu, li ilu jħaddan, li l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-istrumenti speċjali (l-istrument ta' flessibbiltà, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza) għandhom jiġu kkalkulati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, kif jiġri fil-każ tal-impenji; jistenna li din il-kwistjoni tiġi solvuta fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP;

Ibbaġitjar li jqis it-tbassir ekonomiku u li jkun konsistenti mas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika

3. Jirrimarka t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni (il-ħarifa 2015), li jindika rkupru modest, minkejja li jibqa' taħt il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE; jenfasizza, madankollu, li dan l-irkupru għandu jiġi kkonsolidat billi jissaħħu l-elementi fundamentali tat-tkabbir sabiex tingħata spinta lill-ħolqien tax-xogħol u r-ritorn għal livell massimu ta' impjiegi; jinnota li l-qgħad fit-tul u dak fit-tul ħafna, speċjalment fl-aktar reġjuni foqra tal-Unjoni u fost iż-żgħażagħ, xorta għadu f'livelli inkwetanti, u l-UE qed issib diffikultajiet fir-rigward tar-ristrutturar industrijali; jirrimarka li jippersistu d-differenzi f'termini ta' żvilupp ekonomiku bejn ir-reġjuni Ewropej u l-Istati Membri, u jiġbed l-attenzjoni lejn id-differenza bejn l-ifqar Ewropej u dawk l-aktar sinjuri; jirrimarka, barra minn hekk, li qed jitfaċċaw sfidi ġodda, bħalma huma r-riskju li jitnaqqas ir-ritmu tal-ekonomiji ta' swieq emerġenti u l-kummerċ globali, bi pressjoni partikolari li ġejja mill-volatilità fuq is-swieq Ċiniżi, il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kriżijiet tal-migranti u tar-refuġjati, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi persistenti;

4. Jieħu nota, barra minn hekk, tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016 tal-Kummissjoni; jemmen bis-sħiħ li l-għoti ta' spinta lill-investiment, inkluż permezz ta' żieda koordinata aħjar fl-investiment pubbliku u privat b'enfasi fuq il-miri tal-Ewropa 2020, huwa reazzjoni ta' politika xierqa bil-għan li jkun hemm politika ekonomika aktar bilanċjata; jemmen li dawn iż-żewġ elementi għandhom jiġu kkunsidrati fit-tħejjija tal-abbozz tal-baġit għall-2017 billi dawn għandhom jgħinu fl-identifikazzjoni ta' prijoritajiet fi ħdan kuntest ekonomiku; jitlob, konsegwentement, li jkun hemm iktar sinerġiji bejn id-dimensjoni tal-Unjoni tas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u l-baġit tal-Unjoni, li huwa wkoll il-pedament għal żona tal-euro stabbli;

5. Jilqa', f'dan il-kuntest, l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'appoġġ għall-prijoritajiet ewlenin enfasizzati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-finanzjament se jintuża bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'konformità mal-Artikolu 174 TFUE;

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

6. Jiddispjaċih li f'dawn l-aħħar snin il-baġit tal-Unjoni kien vittma kollaterali tal-imġiba qarrieqa tal-Istati Membri, li wasslithom biex iqisul-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-Unjoni bħala piż u sabiex jitrattawh bħala element varjabbli ta' aġġustament; jissottolinja li l-baġit tal-UE, bħala baġit ta' investiment, jista' jġib valur miżjud partikolarment qawwi billi jagħti spinta lit-tkabbir, lill-kompetittività u lill-ħolqien ***ta' impjiegi*** fl-Istati Membri; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni ma jiġux trattati bħala element varjabbli ta' aġġustament soġġett għal kundizzjonijiet makroekonomiċi; itenni wkoll il-valur miżjud tal-baġit tal-Unjoni f'termini ta' sinerġiji u ekonomiji ta' skala; jenfasizza s-sitwazzjoni partikolari ta' reġjuni iżolati u periferali;

7. Jinnota u jiddispjaċih li l-evitar tat-taxxa korporattiva kkawża telf kbir ta' dħul mit-taxxa għall-Istati Membri, u għalhekk tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-baġit tal-UE; iqis, barra minn hekk, li tali kompetizzjoni tat-taxxa inġusta f'xi każijiet tfisser li jkun hemm trasferiment tal-PDG minn Stat Membru għall-ieħor u trasferiment tal-ING għal rifuġji fiskali barra mill-UE, biex b'hekk jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet aggregati tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE;

Negħlbu l-kriżijiet

8. Jenfasizza l-fatt li l-Unjoni kellha tħabbat wiċċha ma' diversi kriżijiet f'dawn l-aħħar snin li għalihom għandha tinstab soluzzjoni olistika; jirrimarka li l-kriżi tar-refuġjati, kemm fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi ġirien, li tirriżulta mill-kunflitt Sirjan għadha ma ġietx solvuta; jirrimarka li din il-kriżi eskalat fl-2015 u kompliet fl-2016, b'żieda enormi f'daqqa waħda fl-għadd ta' refuġjati u migranti li jaħarbu lejn l-Unjoni biex ifittxu asil; jisħaq li dan kompla jħalli impatt fuq il-kriżi interna; jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni pprovda rispons immedjat għall-kriżi u għandu jiġi rivedut b'mod li jiżdied konsiderevolment sabiex jiffinanzja b'mod effettiv l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE li għandhom jiġġestixxu din il-kriżi, u għandu jservi bħala parti minn soluzzjoni Ewropea sabiex fil-ġejjieni tingħeleb din l-emerġenza;

9. Jissottolinja li l-baġit 2017 se jintlaqat minn sfidi ta' sigurtà interna u esterna, li jistgħu wkoll jieħdu l-forma ta' theddid terroristiku jew estremiżmu, u mill-implimentazzjoni tal-aġenda kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri intiża li tiżgura żona tal-UE ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-istrumenti baġitarji tal-UE, bħalma huma l-Fond għas-Sigurtà Interna, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-iktar kruċjali, inkluż permezz tat-tisħiħ ta' miżuri preventivi kif ukoll tal-kooperazzjoni operattiva transfruntiera;

10. Jilqa' l-adozzjoni tal-FEIS, li se jservi bħala wieħed mill-għodod ewlenin għat-titjib tal-investimenti fil-livell tal-UE u se jikkontribwixxi biex jiġi stimulat il-ħolqien tal-impjiegi; jinnota b'sodisfazzjon li diġà ġew approvati għadd sinifikanti ta' proġetti u operazzjonijiet tal-FEI u jistgħu jiġu identifikati s-sinerġiji bejn il-FEIS u l-Orizzont 2020; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita b'mod attiv is-sinerġiji bejn il-fondi differenti tal-UE u tistabbilixxi sistema ta' traċċar biex tidentifika każijiet ta' kombinazzjoni ta' finanzjament tal-UE; jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi applikata it-tabella ta' valutazzjoni kif xieraq; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-entitajiet privati jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji disponibbli permezz tal-FEIS; ifakkar li l-baġit tal-Unjoni jipprovdi l-bażi ta' dan il-pjan ta' investiment billi jagħmel disponibbli t-EUR 8 biljun meħtieġa f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament biex jiġi mgħammar il-fond ta' garanzija tal-FEIS, li minnhom total ta' EUR 3,38 biljun diġà ġew mobilizzati fil-baġits tal-2015 u tal-2016; ifakkar li l-Marġini Globali għall-Impenji ġie użat bis-sħiħ għal dan il-għan fl-2016, u jirrimarka li, skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tal-FEIS, il-Kummissjoni tipprevedi sitwazzjoni simili għall-abbozz tal-baġit għall-2017; itenni l-impenn tiegħu li jsaħħaħ l-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa permezz tal-proċedura baġitarja annwali, sabiex jikkumpensa kemm jista' jkun għat-tnaqqis li ntlaħaq qbil dwaru matul in-negozjati tal-FEIS;

11. Jenfasizza l-importanza ta' Orizzont 2020, COSME, il-programmi ta' finanzjament tal-SMEs, Erasmus+ u l-programmi u l-politiki li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' ambjent favur l-innovazzjoni u jikkontribwixxu għas-suċċess tal-Ewropa 2020; jirrimarka b'sodisfazzjon ir-rati għolja ta' assorbiment għall-programmi Orizzont 2020, iżda jinsab imħasseb dwar ir-rata ta' suċċess medja baxxa b'mod inkwetanti ta' finanzjament tal-proġetti, li tħalli bosta proġetti eċċellenti mhux finanzjati; jistieden lill-Istati Membri jesploraw il-possibbiltajiet li jieħdu f'idejhom dawk il-proġetti ta' Orizzont 2020 li rċevew valutazzjoni pożittiva iżda ma jistgħux jiġu kofinanzjati minħabba nuqqas ta' fondi baġitarji; ifakkar fir-rwol importanti tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bħala s-sinsla tal-ekonomija Ewropea; jissottolinja li l-baġit tal-UE għandu jkompli jiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għas-swieq u l-finanzjament permezz ta' programmi eżistenti bħal COSME; itenni li l-ġejjieni tal-Unjoni huwa marbut mas-setgħa tagħha ta' innovazzjoni f'setturi strateġiċi ewlenin sabiex tintlaħaq il-kompetittività Ewropea fl-ekonomija globali;

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

12. Iqis l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), b'mod partikolari, bħala kontribut fundamentali għall-objettiv prijoritarju tal-Unjoni għall-impjiegi u t-tkabbir; itenni l-impenn tiegħu li jitkompla l-finanzjament għal dan il-programm bl-għan li jiġi amplifikat u b'hekk joffri lil għadd akbar ta' żgħażagħ, inklużi l-migranti żgħażagħ li deħlin fl-UE, il-prospett li effettivament jidħlu fis-suq tax-xogħol billi jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa jew apprendistat; jiddispjaċih li matul in-negozjati dwar il-baġit tal-UE għall-2016 ma ġie allokat l-ebda impenn ġdid biex ikompli jiffinanzja l-YEI, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu bl-ogħla rati fl-UE; ifakkar li dan l-objettiv għandu jiġi kkunsidrat flimkien mal-ħtieġa li tiġi promossa l-mobbiltà fost iż-żgħażagħ, kif appoġġjat mill-Programm Erasmus+; jenfasizza l-importanza tad-dikjarazzjoni konġunta tat-tliet istituzzjonijiet (il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni) dwar il-baġit għall-2016 li tiddikjara li "t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ jibqa' prijorità politika għolja u kondiviża", u li għal dan il-għan it-tliet istituzzjonijiet "jaffermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom li jagħmlu l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi baġitarji disponibbli biex dan jiġi indirizzat, u b'mod partikolari l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ"; jirrimarka li minkejja d-dewmien inizjali fl-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva u d-dewmien kontinwu fil-ħatra ta' awtoritajiet għal programmi operattivi tal-YEI f'bosta Stati Membri, iċ-ċifri tal-implimentazzjoni attwali jindikaw kapaċità ta' assorbiment sħiħa; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-evalwazzjoni tagħha tal-YEI sa mhux aktar tard minn tmiem April 2016, u f'kull każ fil-ħin għall-inklużjoni ta' estensjoni tal-programm fil-baġit tal-UE għall-2017; jenfasizza li soluzzjoni permanenti għall-finanzjament tal-YEI permezz ta' approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda sal-2020 se tkun parti mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP; jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-proviżjon tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) fir-rigward ta' appoġġ għal żgħażagħ b'età sa 25 sena li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), bl-istess għadd ta' ħaddiema li jirċievu appoġġ f'reġjuni b'rati tal-qgħad għolja fost iż-żgħażagħ;

13. Jenfasizza li skont ir-rapport riċenti minn Save the Children, 27 miljun tifel u tifla huma attwalment fir-riskju tal-faqar fl-UE; ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-24 ta' Novembru 2015 ([1]) favur it-twaqqif ta' garanzija għat-tfal biex toħroġhom minn sitwazzjonijiet ta' faqar, tipprovdi ambjent adatt għall-iżvilupp personali tagħhom, u jiġi evitat li dawn jispiċċaw sfruttati u soċjalment esklużi; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi ta' dawk l-Istati Membri li reċentement adottaw strateġiji għat-tnaqqis tal-faqar tat-tfal bl-għan li jitnaqqsu l-livelli tal-faqar globali, inkluż għat-tfal u ż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; iqis l-edukazzjoni, l-indukrar tat-tfal, is-servizzi tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u s-sigurtà bħala ħtiġijiet bażiċi li t-tfal kollha Ewropej għandhom id-dritt għalihom, inklużi dawk li jivvjaġġaw lejn l-Ewropa fost ir-refuġjati u l-migranti;

14. Ifakkar fl-importanza tal-aġenziji Ewropej li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea u b'hekk jintlaħqu l-objettivi ta' politika tal-UE relatati mal-kompetitttività, it-tkabbir u l-impieg min-naħa waħda, u l-ġestjoni tal-kriżijiet attwali tal-migrazzjoni u tar-refuġjati min-naħa l-oħra; jinsisti, għaldaqstant, li se jiġu provduti riżorsi finanzjarji u umani adegwati kemm għan-nefqa amministrattiva kif ukoll għal dik operattiva li tippermetti lill-aġenziji jissodisfaw il-kompiti assenjati lilhom u jagħtu l-aħjar riżultati possibbli; ifakkar, fir-rigward tal-kriżijiet tal-migrazzjoni u tar-refuġjati, fiż-żidiet fil-persunal u l-approprjazzjonijiet għall-Aġenziji fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern fil-baġits tal-2015 u l-2016; jissottolinja, madankollu, li se jkunu meħtieġa aktar żidiet fil-baġit 2017 sabiex dawn l-aġenziji jkunu jistgħu jkampaw maż-żieda fix-xogħol u l-kompiti addizzjonali tagħhom; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni aġġornata u konsolidata u strateġija għal żmien medju u fit-tul fir-rigward ta' dawk l-aġenziji;

15. Jinsab imħasseb dwar il-persistenza tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi u d-diffikultajiet biex jintlaħaq l-għan tal-UE ta' konverġenza soċjoekonomika; jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni għandu jippromwovi politiki ta' konverġenza, integrazzjoni u koeżjoni, ibbażati fuq is-salvagwardja u l-promozzjoni tal-intraprenditorija, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, ta' kwalità u stabbli, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-protezzjoni tal-ambjent billi jibqa' jsegwi l-miri tiegħu skont l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklużiv; jinsab partikolarment imħasseb dwar l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li kienet aktar baxxa milli mistenni għall-Fond għal Ghajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn;

16. Jirrikonoxxi l-importanza tal-programmi tal-ħalib għall-iskejjel u tal-frott għall-iskejjel, u jissuġġerixxi li jiġi analizzat sa liema punt tkun possibbli żieda fil-finanzjament tagħhom; ifakkar fid-diversi kriżijiet f'dawn l-aħħar snin, fosthom il-kriżi agrikola speċjalment minħabba l-effetti tal-embargo Russu; iħeġġeġ li ssir aktar ħidma sabiex l-agrikoltura tal-UE ssir aktar

([1]) Testi adottati, P8_TA(2015)0401.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

reżiljenti għat-tibdil fil-klima filwaqt li b'mod ġenerali jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tas-settur;

17. Jirrikonoxxi li minkejja l-mobilizzazzjoni ta' mezzi baġitarji sinifikanti mqassma tul l-2015 u l-2016 sabiex jiġu indirizzati l-kriżijiet tal-migrazzjoni u tar-refuġjati, għadha ma nstabitx soluzzjoni, kemm internament fi ħdan l-Unjoni kif ukoll esternament fil-pajjiżi ta' oriġini tar-refuġjati; jenfasizza, madankollu, li m'hemmx biżżejjed mezzi baġitarji u li jinħtieġu mezzi finanzjarji addizzjonali sostanzjali biex jindirizzaw dawn il-kriżijiet, peress li ż-żieda fl-għadd ta' refuġjati u migranti ma tistax titqies bħala fenomenu temporanju; jenfasizza li għandhom jinstabu soluzzjonijiet aktar fit-tul, mhux biss fil-proċedura baġitarja annwali, iżda anke fir-reviżjoni interim li jmiss tal-QFP; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta pjan politiku u finanzjarju fuq perjodu medju u twil sabiex jittratta l-kriżi tal-migrazzjoni u l-impatt tagħha fuq il-baġit 2017; jirrimarka li l-miżuri kollha ffinanzjati mill-UE għandhom jitqiesu bħala investimenti biex jindirizzaw l-isfidi tar-refuġjati u l-migrazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-fenomenu tal-migrazzjoni permezz tat-titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien, partikolarment permezz ta' edukazzjoni aħjar u servizzi mediċi kif ukoll appoġġ imsaħħaħ għal investimenti fl-infrastruttura fil-pajjiżi tal-oriġini tal-migranti jew pajjiżi fejn dawn l-ewwel ifittxu kenn; jenfasizza li l-finanzjament għall-kriżijiet tal-migrazzjoni u tar-refuġjati m'għandux idgħajjef jew ixekkel l-implimentazzjoni ta' politiki importanti oħra tal-UE; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li s-solidarjetà hija prinċipju fundamentali tal-baġit tal-UE; jinsab imħasseb li fir-rigward tal-kriżi tar-refuġjati, l-Istati Membri mhumiex qegħdin juru l-istess livell ta' solidarjetà; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta dwar il-mod li bih il-baġit tal-UE jista' jħajjar lill-Istati Membri jadottaw approċċ aktar ibbilanċjat favur is-solidarjetà;

18. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar in-nuqqas ta' protezzjoni adegwata għall-minorenni mhux akkumpanjati tul ir-rotta sħiħa lejn post ta' sigurtà u jappella għal investigazzjoni bir-reqqa dwar il-każ tat-10 000 tifel u tifla rrapportati nieqsa mill-EUROPOL;

19. Jenfasizza l-importanza ta' żieda fil-finanzjament favur skemi ta' risistemazzjoni, proċeduri ta' rilokazzjoni u operazzjonijiet ta' ritorn, b'mod partikolari taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, sabiex tinkiseb politika Ewropea effettiva dwar l-asil u l-migrazzjoni filwaqt li tiġi evitata u mnaqqsa l-migrazzjoni irregolari; jissottolinja l-ħtieġa li jinħolqu possibbiltajiet fi ħdan il-baġit tal-UE sabiex jiġu żviluppati żoni ta' risistemazzjoni u żoni sikuri fil-kontinent Afrikan u fil-Lvant Nofsani, f'kooperazzjoni mal-Unjoni Afrikana, il-Lega Għarbija u l-UNHCR;

20. Jirrimarka t-twaqqif tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana u tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-istabbiltà u biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u l-ispustament ta' persuni fl-Afrika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw il-weġħdiet tagħhom u jqabblu l-kontribuzzjoni tal-UE għal dawn il-fondi, li tammonta għal EUR 2,3 biljun; jinsab ferm imħasseb dwar il-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri; jisħaq li se jinħtieġu aktar sforzi finanzjarji sabiex tingħata għajnuna umanitarja matul ir-rotot tranżitorji u biex jiġu ġestiti l-isfidi kkawżati mill-għadd dejjem qed jikber ta' refuġjati; jirrimarka li n-nuqqas ta' fondi adegwati għall-għajnuna umanitarja, inklużi miżuri għas-saħħa u l-edukazzjoni fil-kampijiet, ħeġġeġ aktar refuġjati jibdew il-vjaġġ riskjuż lejn l-UE; ifakkar li l-fondi msemmija hawn fuq inħolqu b'reazzjoni għan-nuqqas ta' flessibbiltà u finanzjament fil-baġit tal-UE; jinsisti li l-azzjonijiet meħuda biex tiġi indirizzata l-problema tal-migrazzjoni u tar-refuġjati m'għandhomx ikunu a skapitu tal-politiki tal-iżvilupp tal-UE f'oqsma oħra u li regoli ta' responsabbiltà għall-azzjonijiet kollha tal-UE f'dan il-qasam għandhom jiġu segwiti;

21. Jissottolinja li l-Istati Membri reġgħu kkonfermaw l-impenn tagħhom, fil-laqgħa informali fit-23 ta' Settembru 2015 tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-UE li saret biex jiddiskutu l-migrazzjoni, il-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2015, u s-summit tal-Belt Valletta tal-11 u t-12 ta' Novembru 2015; jagħti l-akbar importanza lid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Kunsill dwar ir-rispons għall-kriżijiet tal-migrazzjoni u tar-refuġjati mingħajr preċedent; jistenna li l-Kunsill jissodisfa l-aspettattivi li qajmu d-dikjarazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu stess, partikolarment relatati mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri li jaqblu mal-appoġġ baġitarju tal-UE għall-Fondi Fiduċjarji tal-Madad u l-Afrika, filwaqt li jimplimenta wkoll bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija; jirrikonoxxi li xi Stati Membri jikkontribwixxu wkoll permezz ta' skemi oħra ta' għajnuna umanitarja, bħal pereżempju l-Programm Dinji tal-Ikel u l-UNHCR;

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

22. Jilqa' l-prinċipju u l-objettivi tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija li għandha tiġi allokata EUR 3 biljun, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jissodisfaw l-impenji politiċi tagħhom u jipprovdu appoġġ finanzjarju adatt fil-pakkett tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija; huwa ferm determinat li japplika l-mezzi ta' pressjoni politiċi u istituzzjonali kollha sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jwettqu l-impenn tagħhom rigward il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-Fond Fiduċjarju Reġjonali għas-Sirja, il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija; jistenna li l-Kummissjoni tispjega kif il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun disponibbli fi ħdan il-limiti massimi rispettivi tal-baġit tal-Unjoni għall-2016 u l-2017; jikkritika l-fatt li l-Kunsill u l-Kummissjoni eskludew lill-Parlament mid-deliberazzjonijiet dwar it-twaqqif tal-faċilità u l-mobilizzazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, hekk kif indikat mill-Kummissjoni hekk kif ħabbret l-intenzjoni tagħha li tiffinanzja l-kontribuzzjoni tal-Unjoni permezz ta' riallokazzjoni mill-baġit tal-Unjoni adottat dan l-aħħar għall-2016 u li jiġu deċiżi minn qabel il-marġini baġitarji tal-2017; jissottolinja, barra minn hekk, il-ħtieġa li jiżdied l-impatt fuq l-infiq estern tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tfassal proposti dwar kif is-sinerġiji bejn l-istrumenti tal-UE għall-fondi esterni jistgħu jissaħħu u jsiru aktar koerenti fl-approċċ strateġiku tagħhom; iqis li dawn il-fondi fiduċjarji, kif ukoll il-Faċilità għar-Refuġjati, la huma fi ħdan u lanqas barra l-baġit tal-UE u għaldaqstant neqsin mir-responsabbiltà meħtieġa u l-proċess demokratiku preskritti mill-metodu Komunitarju, u għalhekk għandu l-intenzjoni li jsegwi mill-qrib it-twaqqif tal-fondi u l-faċilità u l-implimentazzjoni tagħhom; jissottolinja li l-azzjonijiet ta' hawn fuq huma ksur ċar tad-drittijiet tal-Parlament bħala fergħa tal-awtorità baġitarja;

23. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sitwazzjoni ġeopolitika fil-Viċinat tal-Lvant hija fraġli, u jistieden lill-UE tipprovdi appoġġ imsaħħaħ lill-pajjiżi li bħalissa qegħdin jimplimentaw il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, sabiex tavvanza r-riformi u tiżgura l-approfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi rispettivi.

Pagamenti

24. Ifakkar li fil-baġits għall-2015 u l-2016 il-Kummissjoni f'ħafna każijiet kienet naqset milli titlob approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għal għadd ta' reazzjonijiet li kellha għall-kriżijiet (l-għoti minn qabel ta' EUR 2 biljun għall-Greċja, l-ewwel inizjattivi fil-qasam tal-migrazzjoni), u minflok marret lura għar-riallokazzjoni ta' riżorsi li diġà jeżistu; jenfasizza li dan żied il-piż fuq l-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2016 u lil hinn, b'hekk potenzjalment joħloq mill-ġdid sitwazzjoni fejn l-approprjazzjonijiet jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali ta' programmi finanzjarji bejn l-intestaturi u jaffettwa direttament lil dawk responsabbli mill-proġett u liċ-ċittadini; jinsab imħasseb li din is-sitwazzjoni, flimkien mad-dewmien biex tibda l-implimentazzjoni tal-programmi taħt ġestjoni konġunta, tista' toħloq mill-ġdid il-kundizzjonijiet li fi tmiem l-aħħar QFP wasslu għal livell bla preċedent ta' impenji pendenti u livell mhux sostenibbli ta' talbiet ta' pagament pendenti b'lura; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li ilu jħaddan li l-ħtiġijiet ta' pagament mhux previsti għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda;

25. Jitlob għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-pagamenti li kien hemm qbil dwarhom bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fl-2015 u l-2016; ifakkar fl-impenn meħud li matul din is-sena jiġu organizzati mill-inqas tliet laqgħat interistituzzjonali dwar il-pagamenti, sabiex jiġu vvalutati l-implimentazzjoni ta' pagamenti u t-tbassir rivedut; jirrimarka li l-Kummissjoni ħabbret ammont pendenti ta' EUR 8,2 biljun fi tmiem l-2015, li jirrappreżenta kważi nofs dak li kienet antiċipat oriġinarjament; beħsiebu jqajjem din il-kwistjoni waqt l-ewwel laqgħa interistituzzjonali dwar il-pagamenti f'Marzu 2016, sabiex jiġu determinati l-kawżi ta' din id-differenza u l-impatt possibbli fit-tul fuq previżjonijiet ta' pagamenti; jistenna li matul il-qari tiegħu tal-baġit tal-Unjoni għall-2017 il-Kunsill se jinkludi u jirrispetta bis-sħiħ l-ammonti kkonfermati fil-laqgħa ta' April 2016; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill, kif maqbul fid-dikjarazzjoni konġunta adottata fil-qafas tal-proċedura baġitarja għall-2016, bi previżjonijiet fuq żmien itwal għall-evoluzzjoni mistennija tal-pagamenti sa tmiem il-QFP 2014-2020, sabiex tevita pagamenti b'lura fit-tieni nofs tal-QFP;

26. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej mistennija tilħaq livell ta' ritmu normali fl-2017, u jwissi kontra sottobbaġitjar ta' approprjazzjonijiet ta' pagament biex ikun hemm qbil ma' din iż-żieda fil-livell ta' assorbiment; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-pagamenti fuq il-livelli meħtieġa fl-abbozz ta' baġit tagħha; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-adozzjoni tardiva tal-programmi operattivi u dwar ir-riskju ta' akkumulazzjoni ġdida ta' kontijiet mhux imħallsa matul it-tieni nofs tal-QFP; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem b'mod attiv mal-Istati Membri u jħeġġiġhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw il-ħatra rapida tal-awtoritajiet tal-programm, li n-nuqqas tagħhom kien il-kawża ewlenija tad-dewmien attwali; jilqa' d-disponibbiltà tal-Kummissjoni li tikkollabora mill-qrib mal-Istati Membri fuq

talba, b'mod partikolari fir-rigward tal-aġġustament, kif xieraq, tal-programmi operattivi biex ikun hemm sinerġija aktar b'saħħitha bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-isfidi domestiċi marbuta mal-kriżi tar-refuġjati;

Kwistjonijiet oħra ta' rilevanza partikolari

27. Ifakkar fl-importanza tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, li għandha tirfed il-politiki tal-Unjoni bħala prinċipju orizzontali; jistieden lill-Kummissjoni tpoġġi l-prinċipju tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika waqt it-tħejjija tal-abbozz ta' baġit għall-2017, kif xieraq;

28. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq fit-12 ta' Diċembru 2015 f'Pariġi mill-196 parti għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima dwar ftehim universali, vinkolanti, dinamiku u differenzjat biex tiġi affaċċata l-isfida tat-tibdil fil-klima; jiddispjaċih, madankollu, dwar il-fatt li ma hemm l-ebda ċarezza dwar kif il-pajjiżi donaturi se jilħqu l-mira ta' USD 100 biljun kull sena biex jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew b'mod partikolari dwar kif se jaqblu dwar metodoloġija komuni biex jiġi kkontabilizzat il-finanzjament b'rabta mal-klima; jinnota li din il-kwistjoni għandha tkun solvuta qabel il-COP 22 f'Marrakesh, u jistenna li l-Kummissjoni tipprovdi qafas regolatorju konsolidat tal-UE li jkun jikkonforma bis-sħiħ mal-impenji kollha magħmula f'Pariġi u tantiċipa tali finanzjament fl-abbozz ta' baġit tagħha għall-2017; ifakkar li l-UE qablet li mill-inqas 20 % tal-baġit tagħha għall-2014-2020, jiġifieri EUR 180 biljun, għandu jintuża għal azzjonijiet marbutin mal-klima u li jinħtieġ li l-baġit tal-UE jiġi adattat għall-klima; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-infiq tal-UE fuq infrastruttura effiċjenti sostenibbli u mezzi ta' trasport sostenibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta b'mod rapidu l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2015 rigward il-klima u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni;

29. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżviluppa l-istrateġija "Baġit tal-UE ffukat fuq ir-Riżultati"; jistieden lill-Kummissjoni turi progress fil-qasam tas-simplifikazzjoni tal-finanzjament tal-UE, speċjalment rigward it-tnaqqis tal-piż tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-prestazzjoni ta' strumenti finanzjarji li jistgħu jilħqu l-gruppi ta' mira importanti, bħal SMEs, intrapriżi u mikrointrapriżi innovattivi taħt il-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni; jemmen, barra minn hekk, li, apparti l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll responsabbiltà konsiderevoli, minħabba l-fatt li 80 % tal-baġit jaqa' taħt "ġestjoni konġunta"; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jagħmlu ħilithom sabiex jiggarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba u t-tnaqqis tal-iżbalji, u biex jevitaw kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi taħt ir-responsabbiltà tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar konċentrazzjoni fuq l-iżvilupp ta' indikaturi xierqa ta' eżiti kwantitattivi u kwalitattivi sabiex titkejjel il-prestazzjoni u tiżviluppa stampa reali li turi l-effett tan-nefqa tal-UE fl-ekonomija reali; jistieden lill-Istati Membri kollha jippromwovu u jimplimentaw miżuri konkreti biex jiġġieldu b'mod attiv kontra l-korruzzjoni fl-akkwisti pubbliċi u s-sejħiet għall-offerti;

30. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-programm ITER internazzjonali ta' riċerka u inġinerija u jimpenja ruħu li jiżgura l-finanzjament xieraq għalih; jinsab imħasseb, madankollu dwar il-fatt li fir-rigward ta' dan il-programm jistgħu jinħolqu aktar dewmien u spejjeż addizzjonali kif ukoll dwar ir-riperkussjonijiet potenzjali relatati għall-baġit tal-Unjoni; jiddispjaċih, għalhekk, li ma kienx f'qagħda li jivvaluta l-livell tal-approprjazzjonijiet għall-ITER tal-2016 fir-rigward tal-pjan u l-kalendarju ta' pagament aġġornati; jistenna li dan il-pjan rivedut jiġi inkluż fit-tħejjija tal-abbozz ta' baġit għall-2017; jappella biex ikun hemm mekkaniżmu ta' responsabbiltà xieraq li joffri stampa ċara tal-ammont f'riżorsi finanzjarji previsti għall-proġett internazzjonali u se jevalwa l-effiċjenza tal-użu tagħhom;

31. Ifakkar li l-ftehim finali dwar il-QFP 2014-2020, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament QFP, jinkludi proposta għal rieżami obbligatorju tal-QFP 2014-2020, akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal reviżjoni tal-QFP sa tmiem l-2016; jenfasizza li l-iskop tar-rieżami/reviżjoni huwa li jivvaluta l-funzjonament kwalitattiv u kwantitattiv tal-QFP u jindirizza n-nuqqasijiet sistemiċi tal-baġit tal-Unjoni, kif ukoll biex jiżgura li l-Unjoni tingħata riżorsi suffiċjenti ħalli tindirizza b'mod effikaċi kriżijiet interni u esterni u tiffinanzja prijoritajiet politiċi li qed jevolvu għat-tieni nofs tal-QFP attwali; jenfasizza li l-Kunsill għandu jilħaq l-aspettattivi li tqajmu mid-dikjarazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew; jissottolinja f'dan ir-rigward li l-Kunsill għandu jassumi r-responsabbiltà biex jiżgura li l-approprjazzjonijiet meħtieġa jsiru disponibbli sabiex jirrispondu għall-finanzjament ta' kompiti ġodda u ċirkostanzi mhux previsti, inkluż permezz ta' reviżjoni 'l fuq tal-limiti massimi tal-QFP; beħsiebu jieħu approċċ konsistenti fin-negozjati dwar il-baġit 2017

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

u r-reviżjoni tal-QFP; jesprimi d-dubji serji tiegħu dwar jekk il-kriżijiet inkwistjoni jistgħux jiġu ffinanzjati bir-restrizzjonijiet tal-QFP attwali; jenfasizza barra minn hekk li r-reviżjoni tal-QFP fl-2016 hija opportunità biex il-Qafas jadatta l-mezzi tiegħu u jestendi l-flessibbiltà fih;

32. Itenni l-pożizzjoni tiegħu favur ir-riforma profonda meħtieġa tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni, u jagħti l-ogħla importanza politika lill-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji maħluq bħala parti mill-ftehim QFP 2014-2020; jistenna li l-Kummissjoni u l-Kunsill jinkludu r-riżultat finali, li huwa mistenni sa tmiem l-2016, inkluż kwalunkwe kandidat ġdid għar-riżorsi proprji; ifakkar li l-idea prinċipali tar-riforma tar-riżorsi proprji hija li trendi l-aspett tad-dħul tal-baġit tal-Unjoni aktar awtonomu kif ukoll aktar stabbli, eħfef, aktar ġust, aktar sostenibbli u aktar prevedibbli filwaqt li tnaqqas ukoll il-piż ta' nfiq eċċessiv mill-baġits nazzjonali u ttejjeb it-trasparenza u l-viżibbiltà għaċ-ċittadini mingħajr ma jiżdied il-piż globali tat-taxxa fuq iċ-ċittadini; jemmen li sabiex il-baġit tal-UE jsir kompletament indipendenti, għandhom jiġu stabbiliti riżorsi proprji ġenwini;

o

o o

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0086

L-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tunežija ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tunežija (COM(2015)0460 – C8-0273/2015 – 2015/0218(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/25)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0460),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0273/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-9 ta' Marzu 2016 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0013/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([1]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2015)0218

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari 10 ta' Marzu 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' miżuri kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għar-Repubblika tat-Tunežija

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2016/580.)

([1]) Din il-pożizzjoni tikkorrispondi mal-emendi adottati fil-25 ta' Frar 2016. (Testi adottati P8_TA(2016)0056).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0087

Prodotti mediċinali veterinarji ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji (COM(2014)0558 – C8-0164/2014 – 2014/0257(COD)) ([1])

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/26)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba u wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-suq għall-prodotti mediċinali veterinarji, il-qafas legali għall-prodotti mediċinali veterinarji għandu jkun adattat għall-progress xjentifiku, il-kundizzjonijiet attwali tas-suq u r-realtà ekonomika.	(2) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba u wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-suq għall-prodotti mediċinali veterinarji, il-qafas legali għall-prodotti mediċinali veterinarji għandu jkun adattat għall-progress xjentifiku, il-kundizzjonijiet attwali tas-suq u r-realtà ekonomika***, b'rispett tal-annimali, in-natura u l-interazzjoni tagħhom mal-bniedem***.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-annimali jistgħu jsofru minn firxa wiesgħa ta' mard li ***jista' jkun*** evitat jew ikkurat. L-impatt tal-mard tal-annimali u l-miżuri meħtieġa għall-kontroll tiegħu jistgħu jkunu devastanti għall-annimali individwali, għal popolazzjonijiet tal-annimali, għal min irabbihom u għall-ekonomija. Il-mard tal-annimali li jista' jgħaddi fil-bnedmin jista' jkollu wkoll impatt sinifikanti fuq is-saħħa pubblika. Għaldaqstant prodotti mediċinali veterinarji suffiċjenti u effettivi għandhom ikunu disponibbli fl-Unjoni sabiex ikunu żgurati standards għoljin ta' saħħa tal-annimali u pubblika, u għall-iżvilupp tas-setturi tal-agrikultura u tal-akkwakultura.	(6) ***Minkejja l-miżuri li jieħdu l-bdiewa b'rabta mal-iġjene tajba, l-għalf, il-ġestjoni u l-bijosigurtà,*** l-annimali jistgħu jsofru minn firxa wiesgħa ta' mard li ***jeħtieġ ikun*** evitat jew ikkurat ***bi prodotti mediċinali veterinarji kemm għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali kif ukoll għal raġunijiet ta' benesseri***. L-impatt tal-mard tal-annimali u l-miżuri meħtieġa għall-kontroll tiegħu jistgħu jkunu devastanti għall-annimali individwali, għal popolazzjonijiet tal-annimali, għal min irabbihom u għall-ekonomija. Il-mard tal-annimali li jista' jgħaddi fil-bnedmin jista' jkollu wkoll impatt sinifikanti fuq is-saħħa pubblika. Għaldaqstant prodotti mediċinali veterinarji suffiċjenti u effettivi għandhom ikunu disponibbli fl-Unjoni sabiex ikunu żgurati standards għoljin ta' saħħa tal-annimali u pubblika, u għall-iżvilupp tas-setturi tal-agrikultura u tal-akkwakultura. ***Għal dan l-għan, prattiki tajbin ta' trobbija tal-bhejjem u ta' ġestjoni għandhom ikunu stabbiliti biex itejbu l-benesseri tal-animali, jillimitaw il-firxa tal-mard, jipprevjenu r-reżistenza antimikrobika u jiżguraw in-nutrizzjoni xierqa tal-bhejjem.***

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 61(2), it-tieni subparagrafu (A8-0046/2016).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi standards għoljin ta' kwalità, sikurezza u effikaċja għal prodotti mediċinali veterinarji sabiex ikun issodisfat it-tħassib komuni rigward il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali. Fl-istess waqt, dan ir-Regolament għandu jarmonizza r-regoli għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji u l-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni.	(7) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi standards għoljin ta' kwalità, sikurezza u effikaċja għal prodotti mediċinali veterinarji sabiex ikun issodisfat it-tħassib komuni rigward il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali ***u tal-ambjent***. Fl-istess waqt, dan ir-Regolament għandu jarmonizza r-regoli għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji u l-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm għas-saħħa tal-annimali kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem, filwaqt li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-ambjent. Għalhekk għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni. Dan ir-Regolament għandu jiżgura li l-industrija turi li s-sustanzi farmaċewtiċi jew il-prodotti mediċinali veterinarji prodotti jew ikkummerċjalizzati ma jkollhom l-ebda effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali u lanqas ma jkollhom effett inaċċettabbli fuq l-ambjent.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-ambitu tal-użu obbligatorju ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata li taħtha l-awtorizzazzjonijiet huma validi fl-Unjoni għandu jkopri inter alia prodotti li jkun fihom sustanzi attivi ġodda u prodotti li fihom jew ikunu jikkonsistu minn tessuti jew ċelloli mill-inġinerija. Fl-istess waqt, biex tkun żgurata l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni, il-proċedura ċentralizzata tal-awtorizzazzjoni għandha tkun estiża sabiex tippermetti li l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet taħt dik il-proċedura jkunu sottomessi għal kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju inkluż għall-ġeneriċi ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati.	(9) L-ambitu tal-użu obbligatorju ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata li taħtha l-awtorizzazzjonijiet huma validi fl-Unjoni għandu jkopri inter alia prodotti li jkun fihom sustanzi attivi ġodda u prodotti li fihom jew ikunu jikkonsistu minn tessuti jew ċelloli mill-inġinerija. Fl-istess waqt, biex tkun żgurata l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni, il-proċedura ċentralizzata tal-awtorizzazzjoni għandha tkun estiża sabiex tippermetti li l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet taħt dik il-proċedura jkunu sottomessi għal kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju inkluż għall-ġeneriċi ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati. ***L-użu tal-proċedura ċentralizzata għandu jitħeġġeġ b'kull mod, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm raġunijiet biex wieħed jaħseb li prodott mediċinali veterinarju jista' jkun ta' riskju potenzjali serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għandha ssir valutazzjoni xjentifika tal-prodott fil-livell tal-Unjoni, li twassal għal deċiżjoni waħda dwar il-qasam li m'hemmx qbil fuqu, u li torbot lill-Istati Membri kollha kkonċernati, u li tittieħed abbażi ta' valutazzjoni globali tal-benefiċċji u r-riskji.	(14) Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm raġunijiet biex wieħed jaħseb li prodott mediċinali veterinarju jista' jkun ta' riskju potenzjali serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, għandha ssir valutazzjoni xjentifika tal-prodott fil-livell tal-Unjoni, li twassal għal deċiżjoni waħda dwar il-qasam li m'hemmx qbil fuqu, u li torbot lill-Istati Membri kollha kkonċernati, u li tittieħed abbażi ta' valutazzjoni globali tal-benefiċċji u r-riskji. ***Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-prodotti mediċinali veterinarji għandha tiġi aġġustata sabiex jiġu eliminati proċeduri amministrattivi oħra li jistgħu jfixklu l-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iskop li jiġu identifikati mediċini ġodda.***

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat ma jkun disponibbli. F'dawk is-sitwazzjonijiet, b'eċċezzjoni, il-veterinarji għandhom jitħallew jiktbu riċetti għal prodotti mediċinali oħrajn lill-annimali taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'konformità ma' regoli stretti u fl-interess tas-saħħa tal-annimali u tal-benesseri tagħhom biss. F'każ ta' annimali li jipproduċu l-ikel, il-veterinarji għandhom jiżguraw li jippreskrivu perjodu ta' rtirar xieraq, biex ir-residwi perikolużi ta' dawk il-prodotti mediċinali ma jidħlux fil-katina tal-ikel.	(17) Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat ma jkun disponibbli. F'dawk is-sitwazzjonijiet, b'eċċezzjoni, il-veterinarji għandhom jitħallew jiktbu riċetti għal prodotti mediċinali oħrajn lill-annimali taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'konformità ma' regoli stretti u fl-interess tas-saħħa tal-annimali u tal-benesseri tagħhom biss. ***F'każijiet bħal dawn, prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-użu mill-bniedem jistgħu jintużaw biss permezz tal-ħruġ ta' riċetta minn veterinarju u l-għoti ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità veterinarja responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħidma tal-veterinarju ikkonċernat.*** F'każ ta' annimali li jipproduċu l-ikel, il-veterinarji għandhom jiżguraw li jippreskrivu perjodu ta' rtirar xieraq, biex ir-residwi perikolużi ta' dawk il-prodotti mediċinali ma jidħlux fil-katina tal-ikel***, u għalhekk għandha tingħata attenzjoni partikolari meta jingħataw antibijotiċi lill-annimali li jipproduċu l-ikel***.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu l-użu eċċezzjonali ta' prodotti mediċinali veterinarji mingħajr awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fejn ikun meħtieġ rispons għal mard elenkat fl-Unjoni u fejn is-sitwazzjoni tas-saħħa fi Stat Membru tkun teħtieġ dan.	(18) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu l-użu ***temporanju*** eċċezzjonali ta' prodotti mediċinali veterinarji mingħajr awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fejn ikun meħtieġ rispons għal mard elenkat ***jew mard ġdid*** fl-Unjoni u fejn is-sitwazzjoni tas-saħħa fi Stat Membru tkun teħtieġ dan.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' annimali użati għal skopijiet xjentifiċi bbażati fuq il-prinċipji tas-sostituzzjoni, tnaqqis u raffinament. Il-provi kliniċi għall-prodotti mediċinali veterinarji huma eżenti minn dik id-Direttiva. Id-disinn u l-prestazzjoni ta' provi kliniċi, li jipprovdu informazzjoni essenzjali dwar is-sikurezza u l-effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju, għandhom ikunu ***tali li*** jipprovdu l-aktar riżultati sodisfaċenti waqt li jintuża l-inqas numru ta' annimali, il-proċeduri għandhom ikunu ***l-inqas probabbli*** li jikkawżaw uġigħ, tbatija jew dwejjaq lill-annimali u għandhom jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva 2010/63/UE.	(20) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' annimali użati għal skopijiet xjentifiċi bbażati fuq il-prinċipji tas-sostituzzjoni, tnaqqis u raffinament. Il-provi kliniċi għall-prodotti mediċinali veterinarji huma eżenti minn dik id-Direttiva. Id-disinn u l-prestazzjoni ta' provi kliniċi, li jipprovdu informazzjoni essenzjali dwar is-sikurezza u l-effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju, għandhom ikunu ***ottimizzati sabiex*** jipprovdu l-aktar riżultati sodisfaċenti waqt li jintuża l-inqas numru ta' annimali, il-proċeduri għandhom ikunu ***maħsuba biex jevitaw*** li jikkawżaw uġigħ, tbatija jew dwejjaq lill-annimali u għandhom jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva 2010/63/UE.

([15]) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

([15]) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Il-kumpaniji għandhom inqas interess fl-iżvilupp ta' prodotti mediċinali veterinarji għas-swieq ta' daqs limitat. Biex tkun promossa d-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni għal dawk is-swieq, ***f'ċerti każijiet*** għandu jkun possibbli li jingħataw awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni mingħajr ma jkun ġie ppreżentat ***faxxiklu*** sħiħ tal-applikazzjoni, abbażi ta' valutazzjoni tal-benefiċċji u r-riskji tas-sitwazzjoni u, fejn meħtieġ, soġġett għal obbligi speċifiċi. B'mod partikolari, dan għandu jkun possibbli fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-użu fi speċijiet minuri jew għall-kura jew il-prevenzjoni ta' mard li jseħħ b'mod rari jew f'żoni ġeografiċi limitati.	(23) Il-kumpaniji għandhom inqas interess fl-iżvilupp ta' prodotti mediċinali veterinarji għas-swieq ta' daqs limitat. Biex tkun promossa d-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni għal dawk is-swieq, ***f'każijiet eċċezzjonali*** għandu jkun possibbli li jingħataw awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni mingħajr ma jkun ġie ppreżentat ***dossier*** sħiħ tal-applikazzjoni, abbażi ta' valutazzjoni tal-benefiċċji u r-riskji tas-sitwazzjoni u, fejn meħtieġ, soġġett għal obbligi speċifiċi. B'mod partikolari, dan għandu jkun possibbli fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-użu fi speċijiet minuri jew għall-kura jew il-prevenzjoni ta' mard li jseħħ b'mod rari jew f'żoni ġeografiċi limitati. ***Dawn il-prodotti għandhom jintużaw biss fuq il-bażi ta' riċetta.***

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) It-testijiet, l-istudji ***pre-kliniċi*** u l-provi kliniċi li jkollhom jagħmlu l-kumpaniji jirrappreżentaw investiment kbir għalihom sabiex iressqu d-dejta meħtieġa mal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew sabiex jistabbilixxu limitu massimu ta' residwi għassustanzi farmaċewtiċi attivi fil-prodott mediċinali veterinarju. Dak l-investiment għandu jkun protett sabiex jistimula r-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex ikun żgurat li l-prodotti mediċinali veterinarji meħtieġa huma disponibbli fl-Unjoni. Għal dik ir-raġuni d-dejta mressqa lil awtorità kompetenti jew lill-Aġenzija għandha tkun protetta kontra l-użu minn applikanti oħrajn. Dik il-protezzjoni għandha, madankollu, tkun limitata fiż-żmien sabiex tippermetti l-kompetizzjoni.	(25) It-testijiet, l-istudji ***prekliniċi*** u l-provi kliniċi li jkollhom jagħmlu l-kumpaniji jirrappreżentaw investiment kbir għalihom sabiex iressqu d-dejta meħtieġa mal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew sabiex jistabbilixxu limitu massimu ta' residwi għassustanzi farmaċewtiċi attivi fil-prodott mediċinali veterinarju. Dak l-investiment għandu jkun protett sabiex jistimula r-riċerka u l-innovazzjoni, ***b'mod partikolari rigward prodotti mediċinali veterinarji għal speċijiet minuri u antimikrobiċi,*** sabiex ikun żgurat li l-prodotti mediċinali veterinarji meħtieġa huma disponibbli fl-Unjoni. Għal dik ir-raġuni d-dejta mressqa lil awtorità kompetenti jew lill-Aġenzija għandha tkun protetta kontra l-użu minn applikanti oħrajn. Dik il-protezzjoni għandha, madankollu, tkun limitata fiż-żmien sabiex tippermetti l-kompetizzjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 311

Proposta għal regolament

Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Ir-riċerka għandha tiġi inċentivata, mhux biss permezz tal-protezzjoni kummerċjali ta' sustanzi attivi innovattivi, iżda wkoll permezz tal-protezzjoni ta' investimenti sinifikanti fid-dejta ġġenerata sabiex jittejjeb jew jinżamm fis-suq prodott mediċinali veterinarju eżistenti. F'każijiet bħal dawn, huwa biss il-pakkett ta' dejta ġdida li jibbenefika mill-perjodu ta' protezzjoni u mhux is-sustanza attiva jew kwalunkwe prodott assoċjat.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Huwa rikonoxxut li l-effett potenzjali ta' prodott fuq l-ambjent jista' jiddependi fuq il-volum użat u l-ammont li jirriżulta mis-sustanza farmaċewtika li jista' jilħaq lill-ambjent. Għaldaqstant, fejn ikun hemm evidenza li kostitwent ta' prodott mediċinali li għalih tiġi mressqa applikazzjoni ġenerika għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni huwa ta' ħsara għall-ambjent, huwa xieraq li tintalab dejta dwar l-effett potenzjali fuq l-ambjent sabiex dan ikun salvagwardjat. F'każijiet bħal dawn, l-applikanti għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkombinaw l-isforzi tagħhom fil-ġenerazzjoni ta' tali dejta sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u jitnaqqsu l-provi fuq l-annimali vertebrati.	(27) Huwa rikonoxxut li l-effett potenzjali ta' prodott fuq l-ambjent jista' jiddependi fuq il-volum użat u l-ammont li jirriżulta mis-sustanza farmaċewtika li jista' jilħaq lill-ambjent. Għaldaqstant, fejn ikun hemm evidenza li kostitwent ta' prodott mediċinali li għalih tiġi mressqa applikazzjoni ġenerika għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni huwa ta' ħsara għall-ambjent, huwa xieraq li tintalab dejta dwar l-effett potenzjali fuq l-ambjent sabiex dan ikun salvagwardjat. F'każijiet bħal dawn, l-applikanti għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkombinaw l-isforzi tagħhom fil-ġenerazzjoni ta' tali dejta sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u jitnaqqsu l-provi fuq l-annimali vertebrati. ***Is-sistema attwali ta' valutazzjoni tal-impatt twassal għal valutazzjonijiet ripetuti u potenzjalment diverġenti dwar il-karatteristiċi ambjentali tas-sustanzi. Dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet diverġenti meħuda dwar prodotti b'effetti simili fuq l-ambjent, speċjalment fil-każ ta' prodotti li jkunu ġew awtorizzati qabel ma tkun twettqet il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. L-istabbiliment ta' valutazzjoni unika deċentralizzata ta' proprjetajiet ambjentali ta' sustanzi attivi għall-użu veterinarju permezz ta' sistema ta' monografija jista' jkun alternattiva potenzjali. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tressaq mill-iktar fis possibbli rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina l-fattibbiltà tal-monografiji u tal-għażliet alternattivi potenzjali.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) ***Skont id-Direttiva 2010/63/UE, huwa neċessarju li jiġi sostitwit, imnaqqas jew ipperfezzjonat l-ittestjar fuq annimali vertebrati. L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-użu ta' metodi ta' ttestjar alternattivi li jkunu adatti għall-valutazzjoni ta' perikli ta' prodotti fuq is-saħħa u l-ambjent, kull meta jkun possibbli.***

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Huwa rikonoxxut li, f'ċerti każijiet, valutazzjoni xjentifika tar-riskju waħedha ma tistax tipprovdi l-informazzjoni kollha li fuqha għandha tkun ibbażata deċiżjoni ta' ġestjoni tar-riskju, u fatturi rilevanti oħrajn ***għandhom jiġu kkunsidrati*** bħal fatturi soċjetali, ekonomiċi, etiċi, ambjentali u tal-benesseri u l-fattibbiltà tal-kontrolli.	(31) Huwa rikonoxxut li, f'ċerti każijiet, valutazzjoni xjentifika tar-riskju waħedha ma tistax tipprovdi l-informazzjoni kollha li fuqha għandha tkun ibbażata deċiżjoni ta' ġestjoni tar-riskju, u ***għandhom jiġu kkunsidrati wkoll*** fatturi rilevanti oħrajn, bħal fatturi soċjetali, ekonomiċi, etiċi, ambjentali u tal-benesseri u l-fattibbiltà tal-kontrolli.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) F'ċerti ċirkostanzi fejn ikun jeżisti tħassib sinifikanti dwar is-saħħa tal-annimali jew dik pubblika iżda tippersisti l-inċertezza xjentifika, jistgħu jkunu adottati miżuri xierqa li jikkunsidraw l-Artikolu 5(7) tal-Ftehim tal-WTO dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji li kien interpretat għall-Unjoni fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni ([17]). F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jaraw li jiksbu aktar informazzjoni meħtieġa għal valutazzjoni aktar oġġettiva tat-tħassib partikolari u għandhom jirrevedu l-miżura skont il-bżonn f'perjodu ta' żmien raġonevoli.	(32) F'ċerti ċirkostanzi fejn ikun jeżisti tħassib sinifikanti dwar is-saħħa tal-annimali***, ambjentali*** jew dik pubblika iżda tippersisti l-inċertezza xjentifika, jistgħu jkunu adottati miżuri xierqa li jikkunsidraw l-Artikolu 5(7) tal-Ftehim tal-WTO dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji li kien interpretat għall-Unjoni fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni ([17]). F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jaraw li jiksbu aktar informazzjoni meħtieġa għal valutazzjoni aktar oġġettiva tat-tħassib partikolari u għandhom jirrevedu l-miżura skont il-bżonn f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

([17]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni, COM(2000)0001(finali).

([17]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prinċipju ta' prekawzjoni, COM(2000)0001(finali).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Ir-reżistenza antimikrobika għall-prodotti mediċinali veterinarji u tal-bnedmin hija problema tas-saħħa li qiegħda tkompli tikber fl-Unjoni u fid-dinja kollha. Ħafna mill-antimikrobiċi użati fl-annimali jintużaw ukoll fil-bnedmin. Xi wħud minn dawk l-antimikrobiċi huma fundamentali għall-prevenzjoni jew għall-kura ta' infezzjonijiet ta' periklu għall-ħajja fil-bnedmin. Biex tingħeleb ir-reżistenza għall-antimikrobiċi jeħtieġ li jittieħdu għadd ta' miżuri. Jeħtieġ li jkun żgurat li twissijiet u gwida xierqa jkunu inklużi fuq it-tikketti ta' antimikrobiċi veterinarji. ***L-użu mhux kopert mit-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti antimikrobiċi ġodda jew ta' importanza kritika għall-bniedem għandu jkun limitat fis-settur veterinarju***. Ir-regoli għar-reklamar ta' antimikrobiċi veterinarji għandhom ikunu aktar stretti, u r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni għandhom jindirizzaw b'mod suffiċjenti r-riskji u l-benefiċċji ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi.	(33) Ir-reżistenza antimikrobika għall-prodotti mediċinali veterinarji u tal-bnedmin hija problema tas-saħħa li qiegħda tkompli tikber fl-Unjoni u fid-dinja kollha***, u b'hekk tinvolvi responsabilità komuni min-naħa tal-atturi kollha kkonċernati***. Ħafna mill-antimikrobiċi użati fl-annimali jintużaw ukoll fil-bnedmin. Xi wħud minn dawk l-antimikrobiċi huma fundamentali ***ħafna*** għall-prevenzjoni jew għall-kura ta' infezzjonijiet ta' periklu għall-ħajja fil-bnedmin ***u l-użu tagħhom fuq l-annimali, irrispettivament minn jekk humiex koperti mit-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, għandu jiġi pprojbit***. Biex tingħeleb ir-reżistenza għall-antimikrobiċi jeħtieġ li jittieħdu għadd ta' miżuri. Jeħtieġ li jkun żgurat li ***jiġu applikati b'mod proporzjonat miżuri kemm fis-settur tal-bnedmin kif ukoll tal-annimali u li*** twissijiet u gwida xierqa jkunu inklużi fuq it-tikketti ta' antimikrobiċi ***għall-bnedmin u dawk*** veterinarji. Ir-regoli għar-reklamar ta' antimikrobiċi veterinarji għandhom ikunu aktar stretti, u r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni għandhom jindirizzaw b'mod suffiċjenti r-riskji u l-benefiċċji ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) L-użu profilattiku u metafilattiku ta' rutina tal-antimikrobiċi fuq gruppi ta' annimali li jipproduċu l-ikel għandu jintemm. Il-mard għandu jiġi evitat mhux billi wieħed jirrikorri għall-antimikrobiċi iżda permezz ta' prattiki tajbin ta' iġjene, trobbija tal-bhejjem u akkomodazzjoni, u ġestjoni tajba.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) L-użu kkombinat ta' bosta sustanzi attivi antimikrobiċi jista' jirrappreżenta riskju partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi. Il-kombinazzjonijiet ta' sustanzi antimikrobiċi għaldaqstant għandhom ikunu awtorizzati fejn tkun ingħatat evidenza li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-kombinazzjoni huwa favorevoli.	(35) L-użu kkombinat ta' bosta sustanzi attivi antimikrobiċi jista' jirrappreżenta riskju partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi. Il-kombinazzjonijiet ta' sustanzi antimikrobiċi għaldaqstant għandhom ikunu awtorizzati ***b'mod eċċezzjonali*** fejn tkun ingħatat evidenza li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ***fit-tul*** tal-kombinazzjoni huwa favorevoli.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda ma laħħaqx maż-żieda fir-reżistenza għal antimikrobiċi eżistenti. Minħabba l-innovazzjoni limitata fl-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda huwa essenzjali li l-effikaċja ta' antimikrobiċi eżistenti tinżamm għall-itwal żmien possibbli. Bl-użu ta' antimikrobiċi fi prodotti mediċinali ***veterinarji*** l-mikroorganiżmi reżistenti jitfaċċaw u jixterdu rapidament u dan jista' jikkomprometti l-użu effettiv tan-numru diġà limitat ta' antimikrobiċi eżistenti kontra l-infezzjonijiet fil-bniedem. Għaldaqstant l-użu ħażin ta' antimikrobiċi m'għandux ikun permess.	(36) L-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda ma laħħaqx maż-żieda fir-reżistenza għal antimikrobiċi eżistenti. Minħabba l-innovazzjoni limitata fl-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda huwa essenzjali li l-effikaċja ta' antimikrobiċi eżistenti tinżamm għall-itwal żmien possibbli. Bl-użu ta' antimikrobiċi fi prodotti mediċinali l-mikroorganiżmi reżistenti jitfaċċaw u jixterdu rapidament u dan jista' jikkomprometti l-użu effettiv tan-numru diġà limitat ta' antimikrobiċi eżistenti kontra l-infezzjonijiet fil-bniedem. Għaldaqstant l-użu ħażin ta' antimikrobiċi m'għandux ikun permess. ***It-trattamenti preventivi li jużaw antimikrobiċi għandhom jiġu regolati b'mod aktar strett u rakkomandati biss f'ċerti każijiet speċifiċi u definiti sew, b'konformità mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali, il-bijosigurtà u n-nutrizzjoni.***

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Biex tinżamm sakemm ikun possibbli l-effikaċja ta' ċerti antimikrobiċi fil-kura ta' infezzjonijiet fil-bnedmin, ***jista' jkun*** meħtieġ li dawk l-antimikrobiċi jitħallew għall-bnedmin biss. ***Għaldaqstant*** għandu jkun possibbli li jiġi deċiż li ***ċerti antimikrobiċi***, skont ir-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-Aġenzija, m'għandhomx ikunu disponibbli fis-suq fis-settur veterinarju.	(37) Biex tinżamm sakemm ikun possibbli l-effikaċja ta' ċerti antimikrobiċi fil-kura ta' infezzjonijiet fil-bnedmin, ***huwa*** meħtieġ li dawk l-antimikrobiċi jitħallew għall-bnedmin biss. ***Bħala linja bażi, dan għandu japplika għall-antimikrobiċi ta' importanza kritika tal-ogħla prijorità identifikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Barra minn hekk*** għandu jkun possibbli li jiġi deċiż li ***antimikrobiċi oħra ta' importanza kritika***, skont ir-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-Aġenzija, m'għandhomx ikunu disponibbli fis-suq fis-settur veterinarju.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) ***Minħabba li r-reżistenza antimikrobika għall-prodotti mediċinali tal-bnedmin u dawk veterinarji hija problema tas-saħħa li dejjem qed tikber fl-Unjoni u madwar id-dinja, jeħtieġ ukoll li tittieħed azzjoni fil-qasam tal-mediċina tal-bniedem pereżempju fil-forma ta' strument li jinċentiva l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda għall-użu mill-bniedem simili għal dik diġà proposta f'dan ir-Regolament.***

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Jekk antimikrobiku jingħata u jintuża ħażin, dan joħloq riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. Għaldaqstant il-prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi għandhom ikunu disponibbli biss fuq riċetta tal-veterinarju. Il-persuni li għandhom id-dritt li jiktbu r-riċetti għandhom rwol ewlieni sabiex jiżguraw l-użu prudenti tal-antimikrobiċi ***u għalhekk*** m'għandhomx ikunu influwenzati, b'mod dirett jew indirett, minn inċentivi ekonomċi meta jirrakkomandaw dawk il-prodotti. Għaldaqstant, il-forniment ta' antimikrobiċi veterinarji minn ***dawn il-professjonisti tas-saħħa*** għandu jkun limitat għall-ammont meħtieġ għall-kura tal-annimali taħt il-kura tagħhom.	(38) Jekk antimikrobiku jingħata u jintuża ħażin, dan joħloq riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. Għaldaqstant il-prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi għandhom ikunu disponibbli biss fuq riċetta tal-veterinarju. Il-persuni li għandhom id-dritt li jiktbu r-riċetti għandhom rwol ewlieni sabiex jiżguraw l-użu prudenti tal-antimikrobiċi***. Il-veterinarji għandhom obbligu legali, li huwa parti mill-kodiċi ta' kondotta professjonali tagħhom, li jiżguraw użu responsabbli tal-prodotti mediċinali veterinarji.*** M'għandhomx ikunu influwenzati, b'mod dirett jew indirett, minn inċentivi ekonomċi meta jirrakkomandaw dawk il-prodotti. ***L-industrija tas-saħħa tal-annimali u l-veterinarji flimkien għandhom jippromwovu użu responsabbli.*** Għaldaqstant, il-forniment ta' antimikrobiċi veterinarji minn ***veterinarji jew persuni oħra awtorizzati skont il-liġi nazzjonali*** għandu jkun limitat għall-ammont meħtieġ għall-kura tal-annimali taħt il-kura tagħhom***, u biss wara li tkun saret dijanjożi veterinarja wara eżaminazzjoni klinika tal-annimal jew, f'każijiet eċċezzjonali, monitoraġġ sempliċi permanenti ta' saħħtu***.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38a) ***L-użu prudenti tal-antimikrobiċi huwa pedament fl-indirizzar tar-reżistenza kontra l-antimikrobiċi. Jeħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-Linji Gwida għall-użu prudenti tal-antimikrobiċi fil-mediċina veterinarja, imfassla mill-Kummissjoni.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 38b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(38b) ***Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu responsabbli tal-antimikrobiċi, hemm ħtieġa imperattiva għal dijanjostika veterinarja rapida, affidabbli u effikaċi kemm biex tiġi identifikata l-kawża tal-marda kif ukoll biex jitwettqu testijiet tas-sensittività għall-antibijotiċi. Dan jiffaċilita d-dijanjożi korretta, jippermetti l-użu mmirat tal-antimikrobiċi, jappoġġa l-inqas użu possibbli ta' antibijotiċi ta' importanza kritika u għalhekk irażżan l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antibijotiċi. Hemm ħtieġa ċara għal innovazzjoni futura speċifikament għal dijanjożi fuq il-post tal-maqjel, u ħtieġa li jiġi kkunsidrat bir-reqqa jekk hemmx lok għal aktar armonizzazzjoni u regolamentazzjoni f'dan is-settur.***

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Huwa importanti li wieħed jikkunsidra d-dimensjoni internazzjonali tal-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi meta jivvaluta l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' ċerti antimikrobiċi veterinarji fl-Unjoni. ***Kwalunkwe miżura li tirrestringi l-użu ta' dawk il-prodotti tista' taffettwa l-kummerċ ta' prodotti li ġejjin mill-annimali jew il-kompetittività ta' ċerti setturi ta' produzzjoni tal-annimali fl-Unjoni.*** Barra minn hekk, l-organiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi jistgħu jinfirxu għall-bniedem u għall-annimali fl-Unjoni permezz tal-konsum ta' prodotti li ġejjin mill-annimali importati minn pajjiżi terzi jew b'mezzi oħrajn. Għaldaqstant, ***il-miżuri li jillimitaw l-użu ta' antimikrobiċi veterinarji fl-Unjoni għandhom ikunu bbażati fuq parir xjentifiku u għandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest*** ta' ***kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet*** internazzjonali ***li jindirizzaw ir-reżistenza*** għall-antimikrobiċi ***sabiex tkun żgurata l-konsistenza mal-attivitajiet u l-politiki tagħhom***.	(39) Huwa importanti li wieħed jikkunsidra d-dimensjoni internazzjonali tal-iżvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi meta jivvaluta l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' ċerti antimikrobiċi veterinarji fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-organiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi jistgħu jinfirxu għall-bniedem u għall-annimali fl-Unjoni permezz tal-konsum ta' prodotti li ġejjin mill-annimali importati minn pajjiżi terzi jew b'mezzi oħrajn. Għaldaqstant, ***l-Ujoni għandha tkun attiva favur il-ħolqien*** ta' ***strateġija*** internazzjonali ***għall-ġlieda kontra r-reżistenza*** għall-antimikrobiċi***, skont il-Pjan ta' Azzjoni Globali riċenti adottat mid-WHO***.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Għad hemm nuqqas ta' dejta suffiċjentement dettaljata u komparabbli fil-livell tal-Unjoni biex wieħed jiddetermina t-tendenzi u jidentifika l-fatturi ta' riskju possibbli li ***jistħgu*** jwasslu għall-iżvilupp ta' miżuri li jillimitaw ir-riskju mir-reżistenza għall-antimikrobiċi u jissorvelja l-effett ta' miżuri diġà introdotti. Għaldaqstant, huwa importanti li tinġabar dejta fuq il-bejgħ u l-użu ta' antimikrobiċi fl-annimali, id-dejta dwar l-użu ta' antimikrobiċi fil-bnedmin u d-dejta dwar l-organiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi li jinsabu fl-annimali, fil-bnedmin u fl-ikel. Biex ikun żgurat li l-informazzjoni miġbura tkun tista' tintuża b'mod effettiv, regoli xierqa għandhom ikunu stabbiliti rigward il-ġbir u l-iskambju tad-dejta. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-ġbir tad-dejta dwar l-użu tal-antimikrobiċi taħt il-koordinazzjoni tal-Aġenzija.	(40) Għad hemm nuqqas ta' dejta suffiċjentement dettaljata u komparabbli fil-livell tal-Unjoni biex wieħed jiddetermina t-tendenzi u jidentifika l-fatturi ta' riskju possibbli li ***jistgħu*** jwasslu għall-iżvilupp ta' miżuri li jillimitaw ir-riskju mir-reżistenza għall-antimikrobiċi u jissorvelja l-effett ta' miżuri diġà introdotti. Għaldaqstant, huwa importanti li tinġabar dejta fuq il-bejgħ u l-użu ta' antimikrobiċi fl-annimali, id-dejta dwar l-użu ta' antimikrobiċi fil-bnedmin u d-dejta dwar l-organiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi li jinsabu fl-annimali, fil-bnedmin u fl-ikel***. Tinħtieġ dejta aħjar dwar kif, meta, fejn u għaliex qed jintużaw l-antimikrobiċi. Għalhekk, id-dejta miġbura għandha tinqasam skont it-tip ta' antimikrobiku, speċi, marda jew infezzjoni trattati.*** Biex ikun żgurat li l-informazzjoni miġbura tkun tista' tintuża b'mod effettiv, regoli xierqa għandhom ikunu stabbiliti rigward il-ġbir u l-iskambju tad-dejta. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-ġbir tad-dejta dwar l-użu tal-antimikrobiċi taħt il-koordinazzjoni tal-Aġenzija.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Is-sensittività kummerċjali m'għandhiex tintuża bħala skuża biex jiġi rifjutat liċ-ċittadini aċċess għal informazzjoni dwar kimiċi li jaffettwaw lil ġisimhom u dawk ta' speċijiet oħrajn mhux fil-mira fl-ambjent usa'. Għandha tiġi żgurata trasparenza massima filwaqt li tiġi protetta l-aktar dejta kummerċjalment sensittiva.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) ***Jeħtieġ,*** f'każijiet speċifiċi***, jew*** minn perspettiva tas-saħħa pubblika ***u*** tal-annimali, li ***d-data*** disponibbli dwar is-sikurezza u l-effikaċja disponibbli fi żmien l-awtorizzazzjoni jkunu kkomplimentati b'informazzjoni addizzjonali wara l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott. Għaldaqstant, l-obbligu li jsiru studji wara l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkun impost fuq id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	(49) F'każijiet speċifiċi ***huwa meħtieġ,*** minn perspettiva tas-saħħa pubblika, tal-annimali ***jew tal-ambjent***, li ***d-dejta*** disponibbli dwar is-sikurezza u l-effikaċja disponibbli fi żmien l-awtorizzazzjoni jkunu kkomplimentati b'informazzjoni addizzjonali wara l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott. Għaldaqstant, l-obbligu li jsiru studji wara l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkun impost fuq id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Database tal-farmakoviġilanza fil-livell tal-Unjoni għandha tkun stabbilita sabiex tiġi rreġistrata u integrata informazzjoni dwar avvenimenti avversi għall-prodotti mediċinali veterinarji kollha awtorizzati fl-Unjoni. Dik id-database għandha ttejjeb id-detezzjoni ta' avvenimenti avversi u għandha tippermetti u tiffaċilita s-sorveljanza farmakoloġika u t-tqassim tax-xogħol bejn l-awtoritajiet kompetenti.	(50) Database tal-farmakoviġilanza fil-livell tal-Unjoni għandha tkun stabbilita sabiex tiġi rreġistrata u integrata informazzjoni dwar avvenimenti avversi għall-prodotti mediċinali veterinarji kollha awtorizzati fl-Unjoni. Dik id-database għandha ttejjeb id-detezzjoni ta' avvenimenti avversi u għandha tippermetti u tiffaċilita s-sorveljanza farmakoloġika u t-tqassim tax-xogħol bejn l-awtoritajiet kompetenti ***u awtoritajiet oħra kkonċernati, fosthom l-aġenziji għall-protezzjoni tal-ambjent u awtoritajiet dwar is-sikurezza tal-ikel kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-Unjoni***.

Emenda 314

Proposta għal regolament

Premessa 52a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(52a) Sabiex ikun żgurat li prodotti veterinarji mediċinali, sustanzi attivi, prodotti intermedji u eċċipjenti użati bħala materjali tal-bidu importati minn pajjiżi terzi jkunu ġew manifatturati skont l-istandards tal-benesseri tal-annimali stabbiliti fl-Unjoni, mhux bħal, pereżempju, il-metodu attwali ta' produzzjoni użat f'pajjiżi terzi għall-"gonadotrofina tas-seru ta' debba tqila" (PMSG), il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-Direttiva 91/412/KEE u tinkludi standards tal-benesseri tal-annimali fil-prassi tajba ta' manifattura għall-prodotti mediċinali veterinarji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) ***Il-kundiizzjonijiet*** li jirregolaw il-forniment ta' prodotti mediċinali veterinarji lill-pubbliku għandhom ikunu armonizzati fl-Unjoni. Il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom ikunu pprovduti biss minn persuni awtorizzati jagħmlu dan mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Fl-istess waqt, sabiex jittejjeb l-aċċess għall-prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni, il-bejjiegħa bl-imnut li huma awtorizzati li jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti għandhom jitħallew ibigħu prodotti mediċinali ***veterinarju*** bir-riċetta u ***mingħajr*** permezz tal-Internet lix-xerrejja fi Stati membri oħrajn.	(56) ***Il-kundizzjonijiet*** li jirregolaw il-forniment ta' prodotti mediċinali veterinarji lill-pubbliku għandhom ikunu armonizzati fl-Unjoni. Il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom ikunu pprovduti biss minn ***veterinarji jew*** persuni ***oħra*** awtorizzati jagħmlu dan mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti***; Madankollu, l-Istati Membri li ma jippermettux li jinħarġu riċetti minn persuni oħra għajr veterinarji jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-preskrizzjonijiet maħruġin minn persuni oħra għajr veterinarji fi Stati Membri oħrajn skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom***. Fl-istess waqt, sabiex jittejjeb l-aċċess għall-prodotti mediċinali veterinarji fl-Unjoni, il-bejjiegħa bl-imnut li huma awtorizzati li jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti għandhom jitħallew ibigħu prodotti mediċinali ***veterinarji*** bir-riċetta u ***mingħajrha, minbarra l-antimikrobiċi,*** permezz tal-Internet lix-xerrejja ***fl-Istati Membri tagħhom stess jew*** fi Stati membri oħrajn. ***Sabiex jitnaqqsu għall-minimu r-riskji għas-saħħa tal-annimali u tal-bnedmin, għandu jiġi pprojbit il-bejgħ online tal-prodotti antimikrobiċi.***

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) Sabiex jiġi żgurat li l-linji tad-distribuzzjoni u l-forniment ta' mediċini veterinarji ma jiġux ristretti, meta l-Istati Membri jkollhom konsulenti dwar il-mediċini tal-annimali li jkunu definiti legalment u kkwalifikati mil-lat professjonali, dawn tal-aħħar għandhom ikomplu jiktbu r-riċetti għal u jipprovdu ċerti mediċini veterinarji;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 56b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56b) Kwalunkwe projbizzjoni fuq veterinarji li jipprovdu mediċini tista' tagħmilha impossibbli biex xi Stati Membri jżommu netwerk ta' veterinarji li jkopru t-territorju kollu tagħhom. Tali kopertura territorjali hija ta' importanza essenzjali sabiex jiġi żgurat monitoraġġ epidemjoloġiku ta' kwalità għolja tal-mard eżistenti u ta' dak emerġenti.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-bejgħ illegali ta' prodotti mediċinali veterinarji lill-pubbliku permezz tal-internet jista' jkun ta' theddida għas-saħħa tal-pubbliku u tal-annimali, peress li mediċini foloz jew ta' standard baxx jistgħu jilħqu lill-pubbliku b'dan il-mod. ***Jeħtieġ li tiġi indirizzata din it-theddida.*** Wieħed għandu jikkunsidra l-fatt li kundizzjonijiet għall-forniment ta' prodotti mediċinali għall-pubbliku ma ġewx armonizzati fil-livell tal-Unjoni u, ***għalhekk,*** l-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet għall-forniment ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku fil-limiti tat-Trattat.	(57) Il-bejgħ illegali ta' prodotti mediċinali veterinarji lill-pubbliku permezz tal-internet jista' jkun ta' theddida għas-saħħa tal-pubbliku u tal-annimali, peress li mediċini foloz jew ta' standard baxx jistgħu jilħqu lill-pubbliku b'dan il-mod. ***Għandha tiġi introdotta sistema biex tiżgura li prodotti bħal dawn jinbiegħu kif suppost u jitqiegħdu kontrolli fuq id-distribuzzjoni u l-falsifikazzjoni ta' sustanzi*** li ***huma potenzjalment ta' ħsara għall-użu mill-bniedem***. Wieħed għandu jikkunsidra l-fatt li kundizzjonijiet għall-forniment ta' prodotti mediċinali għall-pubbliku ma ġewx armonizzati fil-livell tal-Unjoni***. Sabiex jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, għandu jiġi pprojbit il-bejgħ online tal-antimikrobiċi.*** L-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet għall-forniment ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku fil-limiti tat-Trattat.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 58a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(58a) L-Istati Membri, wara li jinformaw lill-Kummissjoni, għandhom ikunu jistgħu jissoġġettaw il-forniment ta' prodotti mediċinali veterinarji offruti għall-bejgħ għal kundizzjonijiet aktar iebsa ġġustifikati mill-protezzjoni tas-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ikunu proporzjonati għar-riskju u ma jirrestringux bla bżonn il-funzjonament tas-suq intern.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Meta l-prodotti mediċinali jkunu awtorizzati fi Stat Membru u nkitbu f'dak l-Istat Membru minn ***membru ta' professjoni regolata tas-saħħa tal-annimali*** għal annimal individwali jew grupp ta' annimali, għandu jkun possibbli fil-prinċipju għal dik ir-riċetta veterinarja li tkun rikonoxxuta u għall-prodott mediċinali li jinbiegħ fi Stat Membru ieħor. It-tneħħija ta' ostakoli regolatorji u amministrattivi għal dan ir-rikonoxximent m'għandux jaffettwa kwalunkwe dmir professjonali jew etiku tal-professjonisti li jagħtu l-mediċini li jirrifjutaw li jagħtu l-mediċina msemmija fir-riċetta.	(62) Meta l-prodotti mediċinali jkunu awtorizzati fi Stat Membru u nkitbu f'dak l-Istat Membru minn ***veterinarju jew persuni oħra awtorizzati li jagħmlu dan skont il-liġi nazzjonali*** għal annimal individwali jew grupp ta' annimali, għandu jkun possibbli fil-prinċipju għal dik ir-riċetta veterinarja li tkun rikonoxxuta u għall-prodott mediċinali li jinbiegħ fi Stat Membru ieħor***, dment li l-Istat Membru l-ieħor jawtorizza persuni bi kwalifiki simili biex jiktbu riċetti***. It-tneħħija ta' ostakoli regolatorji u amministrattivi għal dan ir-rikonoxximent m'għandux jaffettwa kwalunkwe dmir professjonali jew etiku tal-professjonisti li jagħtu l-mediċini li jirrifjutaw li jagħtu l-mediċina msemmija fir-riċetta.

Emenda 295

Proposta għal regolament

Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Il-verifika ta' konformità mar-rekwiżiti legali permezz ta' kontrolli hija ta' importanza fundamentali biex ikun żgurat li l-għanijiet tar-Regolament jinkisbu b'mod effettiv madwar l-Unjoni. Għaldaqstant l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu spezzjonijiet f'kull stadju tal-produzzjoni, distribuzzjoni u użu ta' prodotti mediċinali veterinarji. Biex tinżamm l-effettività tal-ispezzjonijiet, ***l-awtoritajiet għandu jkollhom il-possibbiltà li jwettqu*** spezzjonijiet għal għarrieda.	(65) Il-verifika ta' konformità mar-rekwiżiti legali permezz ta' kontrolli hija ta' importanza fundamentali biex ikun żgurat li l-għanijiet tar-Regolament jinkisbu b'mod effettiv madwar l-Unjoni. Għaldaqstant l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu spezzjonijiet f'kull stadju tal-produzzjoni, distribuzzjoni u użu ta' prodotti mediċinali veterinarji ***u għandhom jippubblikaw rapporti ta' spezzjoni annwali***. Biex tinżamm l-effettività tal-ispezzjonijiet, ***l-ispezzjonijiet kollha għandhom ikunu*** spezzjonijiet għal għarrieda.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 38

Proposta għal regolament

Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) F'ċerti każijiet in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri jistgħu sostanzjalment ifixklu l-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u jistgħu jwasslu għall-emerġenza ta' riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali u għall-ambjent. ***Biex*** tiżgura approċċ armonizzat għall-ispezzjonijiet madwar l-Unjoni, ***il-Kummissjoni*** għandha tkun tista' twettaq verifiki fl-Istati Membri sabiex tivverifika l-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali.	(67) F'ċerti każijiet in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri jistgħu sostanzjalment ifixklu l-kisba tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament u jistgħu jwasslu għall-emerġenza ta' riskji għas-saħħa pubblika u tal-annimali u għall-ambjent. ***Il-Kummissjoni għandha*** tiżgura approċċ armonizzat għall-ispezzjonijiet madwar l-Unjoni, ***u*** għandha tkun tista' twettaq verifiki fl-Istati Membri sabiex tivverifika l-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali.

Emenda 39

Proposta għal regolament

Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) B'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċjali ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, b'mod speċjali l-kostitwenti ta' dawn il-prodotti, huwa xieraq li tiġi stabbilita proċedura ta' reġistrazzjoni speċjali u semplifikata u li jkunu pprovduti dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tikkettar għal ċerti prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi li jiġu kkummerċjalizzati mingħajr indikazzjonijiet terapewtiċi. Prodotti omeopatiċi immunoloġiċi ma jistgħux isegwu l-proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata peress li l-immunoloġiċi jistgħu jikkawżaw reazzjoni b'rata ta' dilwizzjoni għolja. L-aspett tal-kwalità ta' prodott mediċinali omeopatiku huwa indipendenti mill-użu tiegħu u għalhekk l-ebda dispożizzjoni speċifika mgħandha tapplika fir-rigward tar-rekwiżiti u r-regoli ta' kwalità meħtieġa.	(71) B'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċjali ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, b'mod speċjali l-kostitwenti ta' dawn il-prodotti, huwa xieraq li tiġi stabbilita proċedura ta' reġistrazzjoni speċjali u semplifikata u li jkunu pprovduti dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tikkettar għal ċerti prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi li jiġu kkummerċjalizzati mingħajr indikazzjonijiet terapewtiċi. Prodotti omeopatiċi immunoloġiċi ma jistgħux isegwu l-proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata peress li l-immunoloġiċi jistgħu jikkawżaw reazzjoni b'rata ta' dilwizzjoni għolja. L-aspett tal-kwalità ta' prodott mediċinali omeopatiku huwa indipendenti mill-użu tiegħu u għalhekk l-ebda dispożizzjoni speċifika mgħandha tapplika fir-rigward tar-rekwiżiti u r-regoli ta' kwalità meħtieġa. ***Barra minn hekk, ikun mixtieq li b'mod ġenerali jiġi permess, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, l-użu ta' prodotti mediċinali omeopatiċi maħsuba għall-użu mill-bniedem, inklużi prodotti omeopatiċi immunoloġiċi, li għandhom qawwa li tibda minn D4, fuq l-annimali kollha, inklużi l-annimali li jipproduċu l-ikel.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 71a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(71a) ***Ir-regoli tas-soltu li jirregolaw l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji għandhom ikunu applikati għal prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi li huma kkummerċjalizzati b'indikazzjonijiet terapewtiċi jew f'forma li tista' tippreżenta riskji li jridu jkunu mwieżna kontra l-effett terapewtiku mixtieq. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi japplikaw regoli partikolari għall-valutazzjoni tar-riżultati ta' testijiet u provi maħsuba biex jistabbilixxu s-sigurtà u l-effikaċja ta' dawn il-prodotti mediċinali għall-annimali domestiċi u speċijiet eżotiċi, dment li jinnotifikaw dawn ir-regoli lill-Kummissjoni.***

Emenda 41

Proposta għal regolament

Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Biex tkun imħarsa s-saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u l-ambjent, l-attivitajiet u l-kompiti mogħtija lill-Aġenzija f'dan ir-Regolament għandhom ikunu ffinanzjati b'mod adegwat. Dawk l-attivitajiet, servizzi u kompiti għandhom ikunu ffinanzjati permezz ta' ħlasijiet imposti fuq l-impriżi. Dawk il-ħlasijiet, madankollu, m'għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-Istati Membri li jitolbu ħlasijiet għal attivitajiet u kompiti fil-livell nazzjonali.	(73) Biex tkun imħarsa s-saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u l-ambjent, l-attivitajiet u l-kompiti mogħtija lill-Aġenzija f'dan ir-Regolament għandhom ikunu ffinanzjati b'mod adegwat. Dawk l-attivitajiet, servizzi u kompiti***, inkluż l-istabbiliment ta' servizzi ġodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-burokrazija,*** għandhom ikunu ffinanzjati permezz ta' ħlasijiet imposti fuq l-impriżi ***u żieda fil-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni Ewropea***. Dawk il-ħlasijiet, madankollu, m'għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-Istati Membri li jitolbu ħlasijiet għal attivitajiet u kompiti fil-livell nazzjonali.

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-forniment, il-farmakoviġilanza, il-kontroll u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni, ***l-iżvilupp,*** il-manifattura, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, ***id-distribuzzjoni bl-ingrossa,*** il-forniment ***bl-imnut***, il-farmakoviġilanza, il-kontroll u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet aktar iebsa, iġġustifikati għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, saħħa tal-annimali u protezzjoni ambjentali, għall-użu u l-bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji fit-territorju tagħhom, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ikunu proporzjonati għar-riskju u ma jirrestriġux bla bżonn il-funzjonament tas-suq intern.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1a lill-Kummissjoni.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) sustanzi jew preparazzjonijiet li huma intiżi esklussivament għall-użu estern fl-annimali, biex dawn jitnaddfu jew jinżammu puliti jew biex tinbidlilhom id-dehra jew irriħa tagħhom, sakemm l-ebda sustanza jew preparazzjoni soġġetta għal riċetta veterinarja ma tkun żdiedet magħhom;

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(eb)* għalf medikat u prodotti intermedjarji, kif definiti, rispettivament, fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]);**

([1a]) ***Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (ĠU L …) [2014/0255(COD)].***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) għalf kif definit fir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. F'każ ta' dubju, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi kollha rigward jekk prodott jistax jaqa' taħt id-definizzjoni ta' prodott mediċinali veterinarju skont l-Artikolu 4(1), jew taħt id-definizzjoni ta' prodott kopert minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-iskop tagħha huwa li*** tintuża fl-annimali jew tingħata lilhom bl-għan li tirkupra, tikkoreġi jew tibdel funzjonijiet fiżjoloġiċi billi twettaq azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika, jew ***li*** twettaq ***dijanjosi*** medika;	(b) ***tista'*** tintuża fl-annimali jew tingħata lilhom bl-għan li tirkupra, tikkoreġi jew tibdel funzjonijiet fiżjoloġiċi ***jew*** billi twettaq azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika, jew ***billi*** twettaq ***dijanjożi*** medika;

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***l-iskop tagħha huwa li*** tintuża għall-ewtanasja ***tal-annimali***;	(c) ***tista'*** tintuża għall-ewtanasja ***fl-annimali***;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 51

Proposta ġħal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "sustanza" tfisser ***kwalunwe*** materja ***ta ' oriġini minn dawn*** li ***ġejjin***:	(2) "sustanza" tfisser ***kwalunkwe*** materja ***irrispettivament mill-oriġini*** li ***tista' tkun***:

Emenda 52

Proposta ġħal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) bnedmin,	(a) bnedmin, ***pereżempju demm tal-bniedem u prodotti tad-demm tal-bniedem;***

Emenda 53

Proposta ġħal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) annimali,	(b) annimali, ***pereżempju mikroorganiżmi, annimali sħaħ, partijiet ta' organi, sekrezzjoni tal-annimali, tossini, estratti, prodotti tad-demm;***

Emenda 54

Proposta ġħal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 –punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) veġetali,	(c) veġetali, ***pereżempju mikroorganiżmi, pjanti, partijiet minn pjanti, sekrezzjoni tal-ħaxix, estratti;***

Emenda 55

Proposta ġħal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fungali;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) mikrobiku;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kimika;	(d) kimika***, pereżempju elementi, materjali kimiċi li jseħħu b'mod naturali u prodotti kimiċi miksuba minn tibdil kimiku jew minn sinteżi***;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) minerali.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) "sustanza attiva" tfisser sustanza b'attività farmakoloġika;

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku" tfisser prodott mediċinali veterinarju ***li jikkonsisti f'vaċċini***, tossini, sera jew prodotti ta' allerġeni u maħsub biex jingħata lil xi annimal sabiex jipproduċi immunità attiva jew passiva jew sabiex jiddijanjostika l-istat ta' immunità tiegħu;	(3) "prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku" tfisser prodott mediċinali veterinarju ***bħal pereżempju vaċċini***, tossini, sera jew prodotti ta' allerġeni u maħsub biex jingħata lil xi annimal sabiex jipproduċi immunità attiva jew passiva jew sabiex jiddijanjostika l-istat ta' immunità tiegħu;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku" tfisser prodott mediċinali veterinarju mħejji ***minn ħażniet omeopatiċi*** skont proċedura ta' manifattura omeopatika deskritta mill-Farmakopea Ewropea jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-farmakopej użati fl-Istati Membri b'mod uffiċjali;	(7) "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku" tfisser prodott mediċinali veterinarju mħejji skont proċedura ta' manifattura omeopatika deskritta mill-Farmakopea Ewropea jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-farmakopej użati fl-Istati Membri b'mod uffiċjali; ***prodott mediċinali veterinarju omeopatiku jista' jkun fih numru ta' ingredjenti attivi;***

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "prodott mediċinali erbali" tfisser kull prodott mediċinali li jkun fih esklussivament bħala ingredjenti attivi sustanza erbali waħda jew aktar jew preparazzjonijiet erbali waħda jew aktar, jew tali sustanza erbali waħda jew aktar ikkombinata ma' tali preparazzjoni erbali waħda jew aktar;

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "reżistenza għall-antimikrobiċi" tfisser il-kapaċità ta' mikroorganiżmi li jibqgħu jgħixu jew jiżdiedu fil-preżenza ta' konċentrazzjoni ta' sustanza antimikrobika li normalment tkun biżżejjed sabiex ***trażżan*** jew toqtol mikroorganiżmi tal-istess speċi;	(8) "reżistenza għall-antimikrobiċi" tfisser il-kapaċità ta' mikroorganiżmi li jibqgħu jgħixu jew jiżdiedu fil-preżenza ta' konċentrazzjoni ta' sustanza antimikrobika li normalment tkun biżżejjed sabiex ***twaqqaf it-tkabbir*** jew toqtol mikroorganiżmi tal-istess speċi;

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "antimikrobiku" tfisser kwalunkwe kompost b'azzjoni diretta fuq mikroorganiżmi użat għall-kura jew il-prevenzjoni ta' infezzjonijiet. l-antimikrobiċi jinkludu antibatteriċi, antivirali, antifungali u antiprotożoarji; fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, sustanza antimikrobika tirreferi għal antibatteriku;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) "antiparassitika" tfisser prodott jew sustanza mediċinali użata fi trattament ta' mard parassitiku attribwibbli għal kawżi varji;

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) "antibatteriku" tfisser kompost b'azzjoni diretta fuq batterji użat għat-trattament jew il-prevenzjoni ta' infezzjonijiet;

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "prova klinika" tfisser studju li għandu l-għan li jeżamina f'kundizzjonijiet prattiċi, is-sikurezza jew l-effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju jew it-tnejn li huma taħt kundizzjonijiet normali ta' trobbija tal-annimali jew bħala parti minn prattika veterinarja normali ***biex tinkiseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew tibdil fiha***;	(9) "prova klinika" tfisser studju li għandu l-għan li jeżamina f'kundizzjonijiet prattiċi, is-sikurezza jew l-effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju jew it-tnejn li huma taħt kundizzjonijiet normali ta' trobbija tal-annimali jew bħala parti minn prattika veterinarja normali;

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "studju prekliniku" tfisser studju mhux kopert mid-definizzjoni ta' prova klinika ***li għandu l-għan li jinvestiga s-sikurezza jew l-effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju biex tinkiseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjonijew tibdil fiha***;	(10) "studju prekliniku" tfisser studju mhux kopert mid-definizzjoni ta' prova klinika;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 11 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju" tfisser valutazzjoni tal-effetti pożittivi tal-prodott mediċinali veterinarju b'rabta mar-riskji li ġejjin relatati mal-użu ta' dak il-prodott:	(11) "bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju" tfisser valutazzjoni tal-effetti ***terapewtiċi*** pożittivi tal-prodott mediċinali veterinarju b'rabta mar-riskji li ġejjin relatati mal-użu ta' dak il-prodott:

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "isem komuni" tfisser l-isem internazzjonali mhux proprjetarju ***rrakkomandat*** mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ***għal prodott mediċinali veterinarju***, jew, jekk ma jeżistix wieħed, l-isem ***użat ġeneralment***;	(12) "isem komuni" tfisser l-isem internazzjonali mhux proprjetarju ***rakkomandat*** mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, jew, jekk ma jeżistix wieħed, l-isem ***komuni normali***;

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) "fuljett ta' tagħrif" tfisser fuljett ta' ***dokumentazzjoni dwar*** prodott mediċinali veterinarju li fih informazzjoni biex ikun żgurat l-użu sigur u ***effikaċji*** tiegħu;	(18) "fuljett ta' tagħrif" tfisser fuljett ta' ***informazzjoni mehmuż ma' prodott mediċinali veterinarju maħsub għall-utent ta'*** prodott mediċinali veterinarju ***u*** li fih informazzjoni biex ikun żgurat l-użu sigur u ***effikaċi*** tiegħu ***li jkun konformi mal-informazzjoni pprovduta fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott mediċinali veterinarju***;

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 20 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prodotti mediċinali veterinarji għal speċijiet ta' annimali minbarra frat, ***nagħaġ,*** ħnieżer, tiġieġ, klieb u ***qtates***;	(b) prodotti mediċinali veterinarji għal speċijiet ta' annimali minbarra frat, ħnieżer, tiġieġ, klieb***, qtates, salamun*** u ***nagħaġ imrobbija għal laħamhom***;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "farmakoviġilanza" tfisser ***il-proċess*** ta' ***monitoraġġ*** u ***investigazzjoni*** ta' avvenimenti avversi;	(21) "farmakoviġilanza" tfisser ***attivitajiet xjentifiċi,*** ta' ***kontroll*** u ***amministrattivi relatati mad-detezzjoni, ir-rappurtar, il-valutazzjoni, il-fehim, il-prevenzjoni u l-komunikazzjoni*** ta' avvenimenti avversi ***li jinkludu evalwazzjoni kontinwa tal-bilanċ bejn il-benefiċċji u r-riskji ta' prodotti mediċinali veterinarji.***

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) "riċetta veterinarja" tfisser kwalunkwe riċetta għal prodott mediċinali veterinarju maħruġa minn persuna professjonali kkwalifikata biex tagħmel dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli;	(24) "riċetta veterinarja" tfisser kwalunkwe riċetta għal prodott mediċinali veterinarju maħruġa minn ***veterinarju jew*** persuna professjonali kkwalifikata biex tagħmel dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli ***wara li tkun saret dijanjożi veterinarja wara eżaminazzjoni klinika tal-annimal***;

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) "perjodu ta' rtirar" tfisser il-perjodu ***minimu*** bejn l-aħħar għoti ta' prodott mediċinali veterinarju lil xi annimal u l-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel minn dak l-annimal li ***taħt kundizzjonijiet normali ta' użu huwa meħtieġ sabiex ikun*** żgurat li dawn l-oġġetti tal-ikel ma ***fihomx*** residwi fi kwantitajiet li ***jagħmlu ħsara lis-saħħa pubblika***;	(25) "perjodu ta' rtirar" tfisser il-perjodu ***meħtieġ*** bejn l-aħħar għoti ta' prodott mediċinali veterinarju lil xi annimal ***taħt kundizzjonijiet normali ta' użu,*** u l-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel minn dak l-annimal***, bl-għan*** li ***jkun*** żgurat li dawn l-oġġetti tal-ikel ma ***jkunx fihom*** residwi fi kwantitajiet li ***jaqbżu l-limiti massimi stabbiliti taħt ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([1a]);

([1a]) ***Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***"magħmul disponibbli fis-suq"*** tfisser kwalunkwe forniment ta' prodott mediċinali veterinarju għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq ***tal-Unjoni*** waqt attività kummerċjali, kemm bi ħlas kif ukoll bla ħlas;	(26) ***tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq'*** tfisser kwalunkwe forniment ta' prodott mediċinali veterinarju għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq ***ta' Stat Membru*** waqt attività kummerċjali, kemm bi ħlas kif ukoll bla ħlas;

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) "prodott essenzjalment simili" tfisser prodott ġeneriku li jissodisfa l-kriterji li jkollhom l-istess kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva f'termini ta' sustanzi attivi, l-istess forma farmaċewtika, u li jkunu bijoekwivalenti għall-prodott oriġinali, ħlief fejn dan jidher, fid-dawl ta' tagħrif xjentifiku li huwa differenti mill-prodott oriġinali fir-rigward tas-sikurezza u l-effikaċja;

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27b) "detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni" tfisser id-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27c) "trobbija tajba tal-annimali" tfisser l-immaniġġjar u l-kura ta' annimali tal-biedja mill-bnedmin għal qligħ filwaqt li jiġu żgurati s-saħħa u l-benesseri ta' dawn l-annimali billi l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull speċi jiġu rispettati u billi l-ħtieġa tal-użu ta' prodotti farmaċewtiċi veterinarji tiġi minimizzata kemm jista' jkun;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27d) "l-użu responsabbli ta' prodotti mediċinali veterinarji" tfisser l-iżgurar ta' prattiki ta' trobbija tal-annimali u ta' ġestjoni tajba bħal pereżempju miżuri ta' bijosigurtà li jimmiraw li jżommu gruppi ta' annimali b'saħħithom jew li jillimitaw il-firxa ta' mard fi ħdan popolazzjoni ta' annimali, kif ukoll li jitolbu parir veterinarju, isegwu l-programmi ta' tilqim u l-istruzzjonijiet ta' riċetti, u jiżguraw iġjene tajba, nutrizzjoni adegwata u monitoraġġ regolari tas-saħħa u l-benesseri;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27e) "avveniment avvers" tfisser kwalunkwe wieħed mill-avvenimenti mhux mixtieqa deskritti fl-Artikolu 73(2);

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27f) "avvenimenti avversi serji" tfisser kwalunkwe avveniment avvers serju li jirriżulta fil-mewt, huwa ta' theddida għall-ħajja, jirriżulta f'diżabilità jew inkapaċità sinifikanti, huwa anomalija konġenitali jew difett tat-twelid, jew li jirriżulta f'sinjali permanenti jew fittul fl-annimali li qed jiġu kkurati;

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27 g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27 g) "trattament (terapewtiku) kurattiv" tfisser trattament ta' annimal marid jew ta' grupp ta' annimali morda, meta tkun saret id-dijanjożi ta' marda jew infezzjoni;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27h) "trattament ta' kontroll (metafilassi)" tfisser it-trattament ta' grupp ta' annimali wara d-dijanjożi ta' marda klinika f'parti mill-grupp, bl-għan li jiġu trattati l-annimali klinikament morda u jiġi kkontrollat it-tixrid ta' din il-marda f'annimali f'kuntatt mill-qrib u li jinsabu f'riskju li jistgħu jkunu diġà subklinikament infettati; il-preżenza ta' marda bħal din fil-grupp għandha tiġi stabbilita qabel ma jintuża l-prodott;

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27i) "trattament preventiv (profilassi)" tfisser trattament ta' annimal jew grupp ta' annimali qabel joħorġu sinjali kliniċi ta' marda, sabiex tiġi evitata l-okkorrenza ta' mard jew infezzjoni;

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27j) "l-importazzjoni parallela"tfisser l-importazzjoni fi Stat Membru ta' prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fi Stat Membru ieħor f'konformità ma' dan ir-Regolament u li jkollu l-istess karatteristiċi bħall-prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fl-Istat Membru ta' importazzjoni, b'mod partikolari ma': ***(a) l-istess kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva f'termini ta' sustanzi attivi u eċċipjenti, u l-istess forma farmaċewtika;*** ***(b) l-istess indikazzjonijiet terapewtiċi u speċijiet fil-mira.*** ***Il-prodott mediċinali awtorizzat fl-Istat Membru u l-prodott importat b'mod parallel għandhom ikunu jew armonizzati skont l-Artikolu 69 jew 70, jew awtorizzati skont l-Artikoli 46 u 48;***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27k (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27k) "distribuzzjoni parallela" tfisser distribuzzjoni minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor ta' prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont proċedura ċentralizzata minn stabbiliment awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 105 li huwa indipendenti mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27l (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27l) "distribuzzjoni bl-ingrossa" tfisser l-attivitajiet kollha li jikkonsistu fil-kisba, iż-żamma, il-forniment jew l-esportazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji, kemm jekk bi ħlas jew mingħajr ħlas, apparti mill-forniment bl-imnut; Attivitajiet bħal dawn jitwettqu mal-produtturi jew mad-depożitarji tagħhom, ma' importaturi, distributuri oħra bl-ingrossa jew ma' spiżjara u persuni awtorizzati jew intitolati li jipprovdu prodotti mediċinali lill-pubbliku f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli;

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27m (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27m) "l-isem tal-prodott mediċinali veterinarju" tfisser l-isem, li jista' jkun jew isem ivvintat li ma jiġix imfixkel mal-isem komuni, jew isem komuni jew isem xjentifiku flimkien mal-marka kummerċjali jew l-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 27n (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27n) "pretaħlita għal għalf medikat" tfisser kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ppreparat minn qabel bil-ħsieb tal-manifattura sussegwenti ta' għalf medikat f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)***.***
	(*) ***2014/0255(COD).***

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi kkummerċjalizzat biss meta tkun ingħatat awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għall-prodott minn awtorità kompetenti ***skont l-Artikoli 44, 46 jew 48*** jew mill-Kummissjoni skont ***l-Artikolu 40***.	1. ***Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament,*** prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi kkummerċjalizzat ***fi Stat Membru*** biss meta tkun ingħatat awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għall-prodott minn awtorità kompetenti ***ta' dak l-Istat Membru*** jew mill-Kummissjoni skont ***dan ir-Regolament***.

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju għandha tkun valida għal perjodu ta' żmien illimitat.	2. Awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju għandha tkun valida għal perjodu ta' żmien illimitat***, sakemm ma jinstabux riskji għas-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent, jew ikun hemm raġunijiet ta' għarfien xjentifiku ġdid li jagħtu lok għal evalwazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ bejn ir-riskji u l-benefiċċji. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Aġenzija skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 84.*** ***Meta prodott mediċinali veterinarju awtorizzat minn qabel ma kienx preżenti fis-suq fi Stat Membru għal perjodu ta' ħames snin konsekuttivi, l-awtorizzazzjoni mogħtija għal dak il-prodott mediċinali veterinarju m'għandhiex tibqa' valida.*** ***L-awtorità kompetenti tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, u għal raġunijiet ta' saħħet il-bniedem jew l-annimali, tagħti eżenzjoni mit-tmiem tal-validità msemmija fit-tieni subparagrafu. Eżenzjonijiet bħal dawn ghandhom ikunu ġġustifikati.*** ***Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkun responsabbli għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott mediċinali. In-nomina ta' rappreżentant ma tħollx lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mir-responsabilità legali tiegħu.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku stipulata ***fl-Artikolu*** 47 ***u 48***.	(c) il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku stipulata ***fl-Artikoli*** 47 ***, 48 u 57***.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu b'mod elettroniku***. Għall-applikazzjonijiet imressqa fil-proċedura ċentralizzata*** ta' ***awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni***, ***għandhom jintużaw il-formati magħmula disponibbli mill-Aġenzija***.	3. L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu b'mod elettroniku ***jew merfugħa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u wara ftehim ma' awtorità kompetenti, jew, fil-każ*** ta' ***applikazzjoni ċentrali, mal-Aġenzija. Il-Kummissjoni***, ***f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u mal-Aġenzija għandha tadotta linji gwida dettaljati għall-format tal-applikazzjonijiet elettroniċi***.

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Fi żmien 15-il jum minn meta tasal l-applikazzjoni***, l-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant dwar ***jekk id-dejta kollha meħtieġa skont l-Artikolu 7 ġietx ippreżentata***.	5. ***Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku u l-proċedura deċentralizzata***, l-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija għandha***, fi żmien 15-il jum mill-wasla tal-applikazzjoni,*** tinnotifika lill-applikant dwar ***jekk ir-rekwiżiti formali stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-applikazzjoni kkonċernata jkunux ġew issodisfati u jekk l-applikazzjoni tistax tkun soġġetta għal valutazzjoni xjentifika***.

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) dokumentazzjoni ***ta' riskji*** diretti jew mhux diretti għas-saħħa tal-pubbliku ***u*** tal-annimali mill-użu tal-prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku fl-annimali,	(a) dokumentazzjoni ***dwar ir-riskji*** diretti jew mhux diretti għas-saħħa tal-pubbliku ***jew*** tal-annimali ***jew l-ambjent*** mill-użu tal-prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku fl-annimali,

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni ***tart-riskju*** li jillimitaw l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi relatata mal-użu ta' prodott mediċinali veterinarju.	(b) l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni ***tar-riskju*** li jillimitaw l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi relatata mal-użu ta' prodott mediċinali veterinarju***, inklużi speċifikazzjonijiet li l-prodott m'għandux jintuża bħala profilattiku ta' rutina jew miżura metafilattika f'annimali li jipproduċu l-ikel, u m'għandux jintuża fi trattamenti profilattiċi tal-grupp fejn ma jkunx hemm dijanjożi ta' marda***.

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-applikazzjoni tirrigwarda prodott mediċinali veterinarju maħsub għal speċijiet fil-mira li jipproduċu l-ikel u li jkun fihom sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għall-ispeċijiet ta' annimali inkwistjoni, dokument li jiċċertifika li applikazzjoni valida għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwi ***tressaq*** lill-Aġenzija skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) ***għandu jitressaq minbarra l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1***.	3. Meta l-applikazzjoni tirrigwarda prodott mediċinali veterinarju maħsub għal speċijiet fil-mira li jipproduċu l-ikel u li jkun fihom sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għall-ispeċijiet ta' annimali inkwistjoni, ***għandu jitressaq, flimkien mal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu,*** dokument li jiċċertifika li applikazzjoni valida għall-istabbiliment ta' limiti massimi ta' residwi ***tressqet*** lill-Aġenzija skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) ***u li għaddew mill-inqas sitt xhur mis-sottomissjoni ta' din l-applikazzjoni***.

([22]) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ***tal-limiti*** ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

([22]) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ***ta' limiti*** ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-approvazzjonijiet tal-provi kliniċi għandhom jingħataw bil-kundizzjoni li l-annimali intiżi għall-produzzjoni tal-ikel użati fil-provi kliniċi jew prodotti minnhom ma jiddaħħlux fil-katina tal-ikel għall-bniedem sakemm:***	2. ***L-Istati Membri m'għandhomx jippermettu li annimali sperimentali jintużaw bħala sors ta' ikel għall-konsum mill-bniedem ħlief jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu stabbilixxew perjodu ta' rtirar xieraq. Dan il-perjodu għandu jew:***
(a) ***il-prodott ittestjat huwa prodott mediċinali veterinarju awtorizzat għall-ispeċijiet intiżi għall-produzzjoni tal-ikel użati fil-prova klinika, u l-perjodu ta ' rtirar stipulat fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott jiġi osservat, jew***	(a) ***ikun mill-inqas twil daqs il-perjodu ta' rtirar stabbilit fl-Artikolu 117, inkluż, meta jkun xieraq, fattur ta' sigurtà li jirrifletti n-natura tas-sustanza li qed tiġi ppruvata; jew***
(b) ***il-prodott ittestjat huwa prodott mediċinali veterinarju awtorizzat għal speċijiet fil-miri oħra għajr speċijiet intiżi għall-produzzjoni tal-ikel użati fil-prova klinika u l-perjodu ta ' rtirar stipulat skont l-Artikolu 117 jiġi osservat.***	(b) ***jekk ġew stabbiliti limiti massimi ta' residwi mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009, il-perjodu għandu jkun tali li jiżgura li dawk il-limiti ta' residwi ma jinqabżux fl-oġġetti tal-ikel.***

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-prinċipji ta' sostituzzjoni, tnaqqis u raffinament f'dak li jirrigwarda l-kura u l-użu ta' annimali ħajjin għal skopijiet xjentifiċi għandhom għaldaqstant jiġu kkunsidrati waqt it-tfassil u t-twettiq tal-provi kliniċi.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-prova klinika għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti kull avveniment avvers serju, u r-reazzjonijiet avversi kollha tal-bniedem għandhom jiġu nnotifikati minnufih u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il jum wara l-wasla tal-informazzjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tikkettar tal-imballaġġ ta' ġewwa ta' prodotti mediċinali veterinarji	Tikkettar tal-imballaġġ ta' ġewwa ta' prodotti mediċinali veterinarji
1. L-imballaġġ ta' ġewwa ta' prodott mediċinali veterinarju għandu jinkludi din l-informazzjoni:	1. L-imballaġġ ta' ġewwa ta' prodott mediċinali veterinarju għandu jinkludi din l-informazzjoni ***biss***:
(a) l-isem tal-prodott mediċinali veterinarju, segwit mill-qawwa tiegħu u l-għamla farmaċewtika;	(a) l-isem tal-prodott mediċinali veterinarju, segwit mill-qawwa tiegħu u l-għamla farmaċewtika;
(b) dikjarazzjoni tas-sustanzi attivi espressi f'termini kwalitattivi u kwantitattivi għal kull unità jew skont il-mod tal-għoti għal volum jew piż partikolari, bl-użu tal-ismijiet komuni tagħhom;	(b) dikjarazzjoni tas-sustanzi attivi espressi f'termini kwalitattivi u kwantitattivi għal kull unità jew skont il-mod tal-għoti għal volum jew piż partikolari, bl-użu tal-ismijiet komuni tagħhom;
(c) in-numru tal-lott, ippreċedut mill-kelma "Lott";	(c) in-numru tal-lott, ippreċedut mill-kelma "Lott";
(d) l-isem jew l-isem korporattiv jew l-isem tal-logo tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;	(d) l-isem jew l-isem korporattiv jew l-isem tal-logo tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;
(e) l-ispeċi fil-mira;	(e) l-ispeċi fil-mira;
(f) id-data ta' skadenza, fil-format: "xx/ssss" , ippreċeduta mill-abbrevjazzjoni "Jis.";	(f) id-data ta' skadenza, fil-format: "xx/ssss" , ippreċeduta mill-abbrevjazzjoni "Jis.";
(g) prekawzjonijiet speċjali dwar il-ħażna, jekk ikun hemm.	(g) prekawzjonijiet speċjali dwar il-ħażna, jekk ikun hemm.
	1a. F'każijiet eċċezzjonali, tista' tiġi inkluża informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 30, fuq talba tal-applikant jew tal-awtorità kompetenti meta dan ikun assolutament neċessarju biex jiġi żgurat li l-prodott jingħata b'mod sikur u korrett.
2. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 għandha tidher f'karattri li jinqraw faċilment u jinftiehmu b'mod ċar, jew, fejn xieraq, l-abbrevjazzjonijiet jew il-pittogrammi komuni madwar l-Unjoni.	2. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 għandha tidher f'karattri li jinqraw faċilment u jinftiehmu b'mod ċar, jew, fejn xieraq, l-abbrevjazzjonijiet jew il-pittogrammi komuni madwar l-Unjoni.
	2a. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha elenkata fil-punti (a) sa (g) tal-paragrafu 1 għandha tidher ukoll f'format li jkun jista' jinqara elettronikament, bhal pereżempju barcode. Id-dejta għandha tkun disponibbli għal sistemi ohra ta' dokumentazzjoni permezz ta' interfaċċa standardizzata.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tikkettar tal-imballaġġ ta' barra ta' prodotti mediċinali veterinarji	Tikkettar tal-imballaġġ ta' barra ta' prodotti mediċinali veterinarji
1. L-imballaġġ ta' barra ta' prodott mediċinali veterinarju għandu jinkludi ***biss*** din l-informazzjoni:	1. L-imballaġġ ta' barra ta' prodott mediċinali veterinarju għandu jinkludi din l-informazzjoni ***biss***:
(a) l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 9(1);	(a) l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 9(1);
(b) il-kontenut skont il-piż, il-volum jew in-numru ta' unitajiet ta' imballaġġi ta' ġewwa tal-prodott mediċinali veterinarju;	(b) il-kontenut skont il-piż, il-volum jew in-numru ta' unitajiet ta' imballaġġi ta' ġewwa tal-prodott mediċinali veterinarju;
(c) twissija li l-prodott mediċinali veterinarju għandu jinżamm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal;	(c) twissija li l-prodott mediċinali veterinarju għandu jinżamm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal;
(d) ***twissija*** li l-prodott mediċinali veterinarju huwa għall-kura tal-annimali biss;	(d) ***pittogramma komuni li twissi*** li l-prodott mediċinali veterinarju huwa għall-kura tal-annimali biss;
(e) rakkomandazzjoni biex jinqara l-fuljett ta' tagħrif;	(e) rakkomandazzjoni biex jinqara l-fuljett ta' tagħrif;
(f) rekwiżit sabiex jintużaw l-iskemi ta' teħid lura għal prodotti mediċinali veterinarji għar-rimi ta' prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ta' skart li jkun ġej mill-użu ta' dawn il-prodotti***, u jekk xieraq, prekawzjonijiet addizzjonali dwar ir-rimi ta' skart perikoluż ta' prodotti mediċinali mhux użati jew materjali ta' skart miksubin mill-użu ta' tali prodotti;***	(f) rekwiżit sabiex jintużaw l-iskemi ta' teħid lura għal prodotti mediċinali veterinarji għar-rimi ta' prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ta' skart li jkun ġej mill-użu ta' dawn il-prodotti ***skont il-liġi applikabbli;***
(g) f'każ ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku".	(g) f'każ ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku".
	1a. F'każijiet eċċezzjonali, tista' tiġi inkluża informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 30, fuq talba tal-applikant jew tal-awtorità kompetenti meta dan ikun assolutament neċessarju biex jiġi żgurat li l-prodott jingħata b'mod sikur u korrett.
2. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 għandha tidher f'karattri li jinqraw faċilment u jinftiehmu b'mod ċar, jew, fejn xieraq, l-abbrevjazzjonijiet jew il-pittogrammi komuni madwar l-Unjoni.	2. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 għandha tidher f'karattri li jinqraw faċilment u jinftiehmu b'mod ċar ***kif ukoll f'format li jista' jinqara minn magna***, jew, fejn xieraq, l-abbrevjazzjonijiet jew il-pittogrammi komuni madwar l-Unjoni.
3. Fejn ma jkun hemm l-ebda imballaġġ ta' barra, id-dettalji kollha elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jidhru fuq l-imballaġġ ta' ġewwa.	3. Fejn ma jkun hemm l-ebda imballaġġ ta' barra, id-dettalji kollha elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jidhru fuq l-imballaġġ ta' ġewwa.

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tikkettar ta' unitajiet żgħar ta' imballaġġ ta' ġewwa ta' prodotti mediċinali veterinarji	Tikkettar ta' unitajiet żgħar ta' imballaġġ ta' ġewwa ta' prodotti mediċinali veterinarji
B'deroga mill-Artikolu 9, l-unitajiet żgħar ta' imballaġġi ta' ġewwa għandu jkollhom biss din l-informazzjoni:	B'deroga mill-Artikolu 9, l-unitajiet żgħar ta' imballaġġi ta' ġewwa għandu jkollhom biss din l-informazzjoni:
(a) l-isem ***ta' prodott*** mediċinali veterinarju;	(a) l-isem ***tal-prodott*** mediċinali veterinarju;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dettalji kwantitattivi tas-sustanzi attivi;	(b) id-dettalji kwantitattivi tas-sustanzi attivi***, sakemm il-prodott ma jeżistix biss f'konċentrazzjoni waħda jew il-konċentrazzjoni hija riflessa fl-isem***;
(c) in-numru tal-lott, ippreċedut mill-kelma "Lott";	(c) in-numru tal-lott, ippreċedut mill-kelma "Lott";
(d) id-data ta' skadenza, fil-format: "xx/ssss" , ippreċeduta mill-abbrevjazzjoni "Exp."	(d) id-data ta' skadenza, fil-format: "xx/ssss" , ippreċeduta mill-abbrevjazzjoni "Jis.";
	F'każijiet eċċezzjonali, tista' tiġi inkluża informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 30, fuq talba tal-applikant jew tal-awtorità kompetenti meta dan ikun assolutament neċessarju biex jiġi żgurat li l-prodott jingħata b'mod sikur u korrett.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fuljett ta' tagħrif ta' prodotti mediċinali veterinarji	Il-fuljett ta' tagħrif ta' prodotti mediċinali veterinarji
1. Il-fuljett ta' tagħrif għandu jkun disponibbli ***għal*** kull prodott mediċinali veterinarju u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:	1. Il-fuljett ta' tagħrif għandu jkun disponibbli ***direttament ma'*** kull prodott mediċinali veterinarju u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
(a) l-isem jew l-isem korporattiv u l-indirizz permanenti jew il-post irreġistrat tan-negozju tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u l-manifattur u, fejn japplika, tar-rappreżentant tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;	(a) l-isem jew l-isem korporattiv u l-indirizz permanenti jew il-post irreġistrat tan-negozju tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u l-manifattur u, fejn japplika, tar-rappreżentant tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;
(b) l-isem ta' prodott mediċinali veterinarju jew, fejn japplika, lista ta' ismijiet tal-prodott mediċinali veterinarju, kif awtorizzati f'diversi Stati Membri;	(b) l-isem ta' prodott mediċinali veterinarju jew, fejn japplika, lista ta' ismijiet tal-prodott mediċinali veterinarju, kif awtorizzati f'diversi Stati Membri;
(c) il-qawwa u l-għamla farmaċewtika tal-prodott mediċinali veterinarju;	(c) il-qawwa u l-għamla farmaċewtika tal-prodott mediċinali veterinarju;
(d) l-ispeċijiet fil-mira, id-dożaġġ għal kull speċi, il-metodu ta' kif jingħata u minn fejn u parir dwar kif għandu jingħata sew***, jekk ikun meħtieġ***;	(d) l-ispeċijiet fil-mira, id-dożaġġ għal kull speċi, il-metodu ta' kif jingħata u minn fejn u***, jekk ikun meħtieġ,*** parir dwar kif għandu jingħata sew;
(e) l-indikazzjonijiet terapewtiċi;	(e) l-indikazzjonijiet terapewtiċi;
(f) il-kontraindikazzjonijiet u l-avvenimenti avversi diment li din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-użu tal-prodott mediċinali veterinarju;	(f) il-kontraindikazzjonijiet u l-avvenimenti avversi diment li din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-użu tal-prodott mediċinali veterinarju;
(g) il-perjodu ta' rtirar, anki jekk dan ikun xejn, f'każ li l-ispeċijiet fil-mira jkunu annimali li ma jipproduċux ikel;	(g) il-perjodu ta' rtirar, anki jekk dan ikun xejn, f'każ li l-ispeċijiet fil-mira jkunu annimali li ma jipproduċux ikel;
(h) prekawzjonijiet speċjali dwar ***ħażna***, jekk ikun hemm;	(h) prekawzjonijiet speċjali dwar ***il-ħażna***, jekk ikun hemm;
(i) informazzjoni essenzjali għas-sikurezza jew għall-protezzjoni tas-saħħa, li tinkludi kwalunkwe prekawzjoni speċjali relatata mal-użu u kwalunkwe twissija oħra;	(i) informazzjoni essenzjali għas-sikurezza jew għall-protezzjoni tas-saħħa, li tinkludi kwalunkwe prekawzjoni speċjali relatata mal-użu u kwalunkwe twissija oħra;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) rekwiżit sabiex jintużaw l-iskemi ta' teħid lura għal prodotti mediċinali veterinarji għar-rimi ta' prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ta' skart li jkun ġej mill-użu ta' dawn il-prodotti***, u jekk xieraq, prekawzjonijiet addizzjonali dwar ir-rimi ta' skart perikoluż ta' prodotti mediċinali mhux użati jew materjali ta' skart miksubin mill-użu ta' tali prodotti;***	(j) rekwiżit sabiex jintużaw l-iskemi ta' teħid lura għal prodotti mediċinali veterinarji għar-rimi ta' prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ta' skart li jkun ġej mill-użu ta' dawn il-prodotti ***skont il-liġi applikabbli;***
(k) in-numru tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;	
(l) f'każ ta' prodotti mediċinali veterinarji ġeneriċi, id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju ġeneriku";	(l) f'każ ta' prodotti mediċinali veterinarji ġeneriċi, id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju ġeneriku";
(m) f'każ ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku".	(m) f'każ ta' prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku";
	(ma) kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva.
2. Il-fuljett ta' tagħrif jista' jinkludi informazzjoni oħra rigward id-distribuzzjoni, il-pussess jew kwalunkwe prekawzjoni oħra meħtieġa f'konformità mal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, diment li din l-informazzjoni ma tkunx ta' reklamar. Din l-informazzjoni addizzjonali għandha tidher fil-fuljett ta' tagħrif separata b'mod ċar mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.	2. Il-fuljett ta' tagħrif jista' jinkludi informazzjoni oħra rigward id-distribuzzjoni, il-pussess jew kwalunkwe prekawzjoni oħra meħtieġa f'konformità mal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, diment li din l-informazzjoni ma tkunx ta' reklamar. Din l-informazzjoni addizzjonali għandha tidher fil-fuljett ta' tagħrif separata b'mod ċar mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.
3. Il-fuljett ta' tagħrif għandu jkun miktub u ddisinjat li jkun ċar u jinftiehem tajjeb, f'termini li jinftiehmu mill-pubbliku ġenerali.	3. Il-fuljett ta' tagħrif għandu jkun miktub u ddisinjat ***b'mod*** li jkun ċar***, li jkun jista' jinqara*** u ***li*** jinftiehem tajjeb, f'termini li jinftiehmu mill-pubbliku ġenerali.

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fuljett ta' tagħrif ta' prodotti mediċinali veterinarji	Il-fuljett ta' tagħrif ta' prodotti mediċinali veterinarji
B'deroga mill-Artikolu 12(1), il-fuljett ta' tagħrif għal prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi rreġistrati skont l-Artikoli 89 sa 90, għandu jkun fih biss l-informazzjoni li ġejja:	B'deroga mill-Artikolu 12(1), il-fuljett ta' tagħrif għal prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi rreġistrati skont l-Artikoli 89 sa 90, għandu jkun fih biss l-informazzjoni li ġejja:
(a) l-isem xjentifiku tal-istokk jew stokkijiet segwit mill-grad ta' dilwizzjoni, bl-użu tas-simboli tal-Farmakopea Ewropea jew, fin-nuqqas tagħhom, tal-farmakopej użati b'mod uffiċjali attwalment fl-Istati Membri;	(a) l-isem xjentifiku tal-istokk jew stokkijiet segwit mill-grad ta' dilwizzjoni, bl-użu tas-simboli tal-Farmakopea Ewropea jew, fin-nuqqas tagħhom, tal-farmakopej użati b'mod uffiċjali attwalment fl-Istati Membri; ***jekk il-prodott mediċinali veterinarju omeopatiku ikun kompost minn iktar minn stokk wieħed, l-ismijiet xjentifiċi tal-istokkijiet jistgħu jiġu ssupplimentati b'isem tad-ditta fit-tikketta;***
(b) l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u, fejn xieraq, tal-manifattur;	(b) l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u, fejn xieraq, tal-manifattur;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-metodu tal-għoti u, jekk meħtieġ, minn fejn jingħata;	(c) il-metodu tal-għoti u, jekk meħtieġ, minn fejn jingħata;
(d) id-data ta' skadenza, fil-format: "xx/ssss" , ippreċeduta mill-abbrevjazzjoni "Jis." .	
(e) l-għamla farmaċewtika;	(e) l-għamla farmaċewtika;
(f) prekawzjonijiet speċjali dwar ***ħażna***, jekk ikun hemm;	(f) prekawzjonijiet speċjali dwar ***il-ħażna***, jekk ikun hemm;
(g) l-ispeċi fil-mira;	(g) l-ispeċi fil-mira***, kif ukoll il-livelli ta' dożaġġ għall-ispeċijiet fil-mira differenti***;
(h) twissija speċjali jekk ikun hemm bżonn għall-prodott mediċinali;	(h) twissija speċjali, jekk ikun hemm bżonn, għall-prodott mediċinali;
(i) in-numru tal-lott, ippreċedut mill-kelma "Lott";	
(j) in-numru tar-reġistrazzjoni;	(j) in-numru tar-reġistrazzjoni;
(k) il-perjodu tal-irtirar, jekk applikabbli;	(k) il-perjodu tal-irtirar, jekk applikabbli;
(l) id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku".	(l) id-dikjarazzjoni "prodott mediċinali veterinarju omeopatiku".

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini ta' din is-Sezzjoni, meta s-sustanza attiva tkun tikkonsisti minn imluħa, esteri, eteri, iżomeri u taħlitiet ta' iżomeri, kumplessi jew derivattivi differenti mis-sustanza attiva użata fil-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza, għandha titqies li hija l-istess sustanza attiva bħal dik użata fil-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza, sakemm ma tkunx tvarja b'mod sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-proprjetajiet fir-rigward tas-sikurezza ***jew tal-effikaċja***. Fejn tkun tvarja b'mod sinifikanti fir-rigward ta' dawk il-proprjetajiet, l-applikant għandu jressaq informazzjoni addizzjonali sabiex juri s-sikurezza u/jew l-effikaċja tad-diversi mluħa, esteri jew derivattivi tas-sustanza attiva awtorizzata tal-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza.	2. Għall-fini ta' din is-Sezzjoni, meta s-sustanza attiva tkun tikkonsisti minn imluħa, esteri, eteri, iżomeri u taħlitiet ta' iżomeri, kumplessi jew derivattivi differenti mis-sustanza attiva użata fil-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza, għandha titqies li hija l-istess sustanza attiva bħal dik użata fil-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza, sakemm ma tkunx tvarja b'mod sinifikanti f'dak li jirrigwarda l-proprjetajiet fir-rigward tas-sikurezza***, l-effikaċja u l-imġiba tar-residwi***. Fejn tkun tvarja b'mod sinifikanti fir-rigward ta' dawk il-proprjetajiet, l-applikant għandu jressaq informazzjoni addizzjonali sabiex juri s-sikurezza u/jew l-effikaċja tad-diversi mluħa, esteri jew derivattivi tas-sustanza attiva awtorizzata tal-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza.

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Awtorità*** kompetenti jew ***l-Aġenzija tista' tirrikjedi lill-applikant jipprovdi*** dejta dwar is-sikurezza dwar ir-riskji potenzjali maħluqa mill-prodott mediċinali veterinarju ġeneriku għall-ambjent ***f'każ li l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għall-prodott mediċinali veterinarju ta' referenza ngħatat qabel l-20 ta' Lulju 2000 jew fil-każ*** li ***l-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tat-tieni fażi kienet meħtieġa għall-prodott mediċinali veterinarju*** ta' referenza.	6. ***L-applikant għandu jressaq lill-awtorità*** kompetenti jew ***lill-Aġenzija, fuq talba tagħhom,*** dejta dwar is-sikurezza dwar ir-riskji potenzjali maħluqa mill-prodott mediċinali veterinarju ġeneriku għall-ambjent ***jekk ikun hemm raġunijiet fondati biex wieħed jemmen*** li ***l-awtorizzazzjoni tista' tirriżulta f'riskju akbar għall-ambjent mill-prodott ġeneriku meta mqabbel mal-prodott*** ta' referenza.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-Artikolu 7(1)(b) applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju li fih taħlita ta' sustanzi attivi li kull waħda minnhom diġà ġiet użata fi prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati***, iżda li s'issa ma kinux awtorizzati f'dik it-taħlita ("prodott mediċinali veterinarju kkombinat")*** għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:	B'deroga mill-Artikolu 7(1)(b) applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju li fih taħlita ta' sustanzi attivi li kull waħda minnhom diġà ġiet użata fi prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati għandha tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti ta' dejta mnaqqsa għal applikazzjonijiet għal swieq limitati	Rekwiżiti ta' dejta mnaqqsa għal applikazzjonijiet għal swieq limitati
1. B'deroga mill-Artikolu 7(1)(b), awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju maħsub għal suq limitat għandha tingħata ***għalkemm id-dokumentazzjoni*** dwar il-kwalità u/jew l-effikaċja meħtieġa skont l-Anness II ***ma tkunx ġiet ipprovduta***, ***jekk il-kundizzjonijiet kollha*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:	1. B'deroga mill-Artikolu 7(1)(b), awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju maħsub għal suq limitat għandha tingħata ***anki meta, għal raġunijiet oġġettivi u verifikabbli, l-applikant ma jkunx kapaċi jipprovdi d-dokumentazzjoni*** dwar il-kwalità u/jew l-effikaċja meħtieġa skont l-Anness II, ***soġġett għall-kundizzjonijiet*** li ġejjin:
(a) il-benefiċċju tad-disponibbiltà immedjata fuq is-suq tal-prodott mediċinali veterinarju għas-saħħa tal-annimal jew tal-pubbliku jegħleb ir-riskju inerenti fil-fatt li ċerta dokumentazzjoni ma ġietx ipprovduta;	(a) il-benefiċċju tad-disponibbiltà immedjata fuq is-suq tal-prodott mediċinali veterinarju għas-saħħa tal-annimal jew tal-pubbliku jegħleb ir-riskju inerenti fil-fatt li ċerta dokumentazzjoni ma ġietx ipprovduta;
(b) l-applikant jipprovdi l-evidenza li l-prodott mediċinali veterinarju huwa maħsub għal suq limitat.	(b) l-applikant jipprovdi l-evidenza li l-prodott mediċinali veterinarju huwa maħsub għal suq limitat.
2. B'deroga mill-Artikolu 5(2), awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal suq limitat għandha tingħata għal perjodu ta' ***tliet*** snin.	2. B'deroga mill-Artikolu 5(2), awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal suq limitat għandha tingħata għal perjodu ta' ***ħames*** snin. ***Fi tmiem dan il-perjodu u fid-dawl tad-dejta xjentifika u minħabba raġunijiet ta' farmakoviġilanza u effiċjenza, id-detentur jista' jitlob li din l-awtorizzazzjoni tinbidel f'awtorizzazzjoni fuq perjodu ta' żmien mingħajr limiti.***
3. Meta prodott mediċinali jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont dan l-Artikolu, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għandu jiddikjara b'mod ċar li ***saret*** biss ***valutazzjoni*** limitata ***tal-kwalità*** u/***jew*** l-effikaċja ***minħabba n-nuqqas ta' dejta komprensiva dwar il-kwalità u/jew l-effikaċja***.	3. Meta prodott mediċinali jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont dan l-Artikolu, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għandu jiddikjara b'mod ċar li ***tkun ġiet sottomessa*** biss ***informazzjoni*** limitata ***dwar il-kwalità*** u l-effikaċja ***tiegħu. L-imballaġġ għandu jkollu twissija bl-istess informazzjoni.***
	3a. Prodott mediċinali veterinarju li jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont dan l-Artikolu jista' jinħareġ biss fuq il-bażi ta' riċetta.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżiti ta' dejta għal applikazzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali	Rekwiżiti ta' dejta għal applikazzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali
1. B'deroga mill-Artikolu 7(1)(b), f'ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mas-saħħa tal-annimali jew tal-pubbliku, meta l-applikant ikun wera li għal raġunijiet oġġettivi u verifikabbli ma jistax jipprovdi d-dokumentazzjoni dwar il-kwalità, is-sikurezza u/jew l-effikaċja meħtieġa skont il-Parti 1, il-Parti 2 u l-Parti 3 tal-Anness II, awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tista' tingħata soġġett għal kwalunkwe wieħed minn dawn:	1. B'deroga mill-Artikolu 7(1)(b), f'ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mas-saħħa tal-annimali jew tal-pubbliku, ***inklużi ħtiġijiet mhux issodisfati rigward is-saħħa tal-annimali,*** meta l-applikant ikun wera li għal raġunijiet oġġettivi u verifikabbli ma jistax jipprovdi d-dokumentazzjoni dwar il-kwalità, is-sikurezza u/jew l-effikaċja meħtieġa skont il-Parti 1, il-Parti 2 u l-Parti 3 tal-Anness II, awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tista' tingħata soġġetta għal kwalunkwe wieħed minn dawn:
(a) rekwiżit ta' introduzzjoni ta' kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tal-prodott mediċinali veterinarju;	(a) rekwiżit ta' introduzzjoni ta' kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet, b'mod partikolari dwar is-sikurezza tal-prodott mediċinali veterinarju;
(b) rekwiżit ta' notifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe ***inċident*** relatat mal-użu tal-prodott mediċinali veterinarju;	(b) rekwiżit ta' notifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe ***avveniment avvers*** relatat mal-użu tal-prodott mediċinali veterinarju.
(c) rekwiżit ta' ***twettiq ta'*** studji wara l-awtorizzazzjoni.	(c) rekwiżit ta' ***forniment ta' aktar dejta bbażata jew fuq*** studji wara l-awtorizzazzjoni ***jew fuq dejta miġbura dwar il-prestazzjoni tal-prodott fuq il-post, fejn id-dejta minn fuq il-post tiġi identifikata bħala aktar xierqa abbażi ta' valutazzjoni tal-benefiċċji u r-riskji;***
2. ***B'deroga mill-Artikolu 5(2), awtorizzazzjoni*** għall-kummerċjalizzazzjoni ***f'ċirkustanzi eċċezzjonali*** għandha ***tingħata għal perjodu ta' sena (1)***.	2. ***Il-kontinwità tal-awtorizzazzjoni*** għall-kummerċjalizzazzjoni ***mogħtija skont il-paragrafu 1*** għandha ***tkun marbuta mar-rieżami annwali tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu, sakemm jiġu ssodisfati dawk id-dispożizzjonijiet***.
3. Meta prodott mediċinali jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont dan l-Artikolu, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għandu jiddikjara b'mod ċar li saret biss valutazzjoni limitata tal-kwalità, is-sikurezza u/jew l-effikaċja minħabba n-nuqqas ta' dejta komprensiva dwar il-kwalità, is-sikurezza u/jew l-effikaċja.	3. Meta prodott mediċinali jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont dan l-Artikolu, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għandu jiddikjara b'mod ċar li saret biss valutazzjoni limitata tal-kwalità, is-sikurezza u/jew l-effikaċja minħabba n-nuqqas ta' dejta komprensiva dwar il-kwalità, is-sikurezza u/jew l-effikaċja. ***L-imballaġġ għandu jkollu twissija bl-istess informazzjoni.***
	3a. L-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni jistgħu fi kwalunkwe ħin jagħtu awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni valida għal perjodu ta' żmien illimitat, sakemm ma tkun ġiet reġistrata l-ebda problema ta' sikurezza jew effikaċja rigward l-użu tal-prodott u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jkun ipprovda l-informazzjoni nieqsa f'termini ta' kwalità, sigurtà u effikaċja stipulati fil-paragrafu 1.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Prodott mediċinali veterinarju li jkun ingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont dan l-Artikolu jista' jinħareġ biss fuq il-bażi ta' riċetta.

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-manifatturi ta' prodotti mediċinali veterinarji minn pajjiżi terzi huma kapaċi jimmanifaturaw il-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat u/jew iwettqu testijiet ta' kontroll skont il-metodi deskritti fid-dokumentazzjoni mressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7(1).	L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-manifatturi ta' prodotti mediċinali veterinarji minn pajjiżi terzi ***jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni applikabbli,*** huma kapaċi jimmanifaturaw il-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat u/jew iwettqu testijiet ta' kontroll skont il-metodi deskritti fid-dokumentazzjoni mressqa b'appoġġ għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7(1) ***u li jimminimizzaw it-tniġġis ambjentali***.

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-applikazzjoni tirrigwarda prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku, l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni ***tista'*** titlob lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jwettaq studji ta' wara l-awtorizzazzjoni sabiex jiżgura li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju jibqa' pożittiv bil-ħsieb ta' żvilupp possibbli ta' reżistenza għall-antimikrobiċi.	3. Meta l-applikazzjoni tirrigwarda prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku, l-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni ***għandha*** titlob lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jwettaq studji ta' wara l-awtorizzazzjoni sabiex jiżgura li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju jibqa' pożittiv bil-ħsieb ta' żvilupp possibbli ta' reżistenza għall-antimikrobiċi.

Emendi 116 u 298

Proposta għal regolament

Artikolu 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rekwiżit għal riċetta veterinarja	Rekwiżit għal riċetta veterinarja
1. ***Awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni għandha tikklassifika l-prodotti*** mediċinali veterinarji li ġejjin ***bħala*** soġġetti għal riċetta veterinarja:	1. ***Il-prodotti*** mediċinali veterinarji li ġejjin ***għandhom ikunu*** soġġetti għal riċetta veterinarja ***obbligatorja***:
(a) prodotti mediċinali veterinarji li fihom drogi psikotropiċi jew narkotiċi, inklużi dawk koperti mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971;	(a) prodotti mediċinali veterinarji li fihom drogi psikotropiċi jew narkotiċi, inklużi dawk koperti mill-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata bil-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel;	(b) prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel;
(c) prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi;	(c) prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi;
(d) prodotti maħsuba għall-kura ta' proċessi patoloġiċi li jeħtieġu ***dijanjosi*** preċedenti preċiża jew li l-użu tagħhom jista' jkollu effetti li jostakolaw jew ifixklu miżuri dijanjostiċi jew terapewtiċi sussegwenti;	(d) prodotti maħsuba għall-kura ta' proċessi patoloġiċi li jeħtieġu ***dijanjożi*** preċedenti preċiża jew li l-użu tagħhom jista' jkollu effetti li jostakolaw jew ifixklu miżuri dijanjostiċi jew terapewtiċi sussegwenti;
(e) formuli offiċinali maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel;	(e) formuli offiċinali maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel;
(f) prodotti mediċinali veterinarji li fihom sustanza attiva li ilha awtorizzata inqas minn ħames snin fl-Unjoni.	(f) prodotti mediċinali veterinarji li fihom sustanza attiva li ilha awtorizzata inqas minn ħames snin fl-Unjoni.
	(fa) prodotti mediċinali veterinarji li għalihom ikunu ngħataw awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 21 u/jew 22.
	1a. L-Istati Membri, fit-territorji tagħhom, jistgħu jipprevedu subkategoriji legali addizzjonali skont il-liġi nazzjonali rispettiva.
2. ***Awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni tista' tikklassifika*** prodott mediċinali veterinarju bħala soġġett għal riċetta veterinarja meta prekawzjonijiet speċjali jkunu inklużi fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 30, u b'mod partikolari riskji għal:	2. Prodott mediċinali veterinarju ***għandu jiġi kklassifikat*** bħala soġġett għal riċetta veterinarja ***obbligatorja*** meta prekawzjonijiet speċjali jkunu inklużi fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 30, u b'mod partikolari riskji għal:
(a) l-ispeċi fil-mira,	(a) l-ispeċi fil-mira,
(b) il-persuna li ***tissomministra*** l-prodotti lill-annimal,	(b) il-persuna li ***tagħti*** l-prodotti lill-annimal,
(c) l-ambjent.	(c) l-ambjent.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, awtorità kompetenti jew ***l-Aġenzija ma jistgħux jikklassifikaw*** prodott mediċinali veterinarju ***bħala soġġett għal riċetta*** veterinarja jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:	3. B'deroga mill-paragrafu 1, awtorità kompetenti jew ***il-Kummissjoni jistgħu jeżentaw*** prodott mediċinali veterinarju ***mir-riċetta*** veterinarja ***obbligatorja*** jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:
(a) l-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju huwa ristrett għal forom farmaċewtiċi li ma jeħtieġu l-ebda għarfien jew ħila partikolari fl-użu tal-prodotti;	(a) l-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju huwa ristrett għal forom farmaċewtiċi li ma jeħtieġu l-ebda għarfien jew ħila partikolari fl-użu tal-prodotti;
(b) il-prodott mediċinali veterinarju ma jippreżentax riskju dirett jew indirett, anki jekk jingħata b'mod ħażin, lill-annimal (i) ikkurat(i), lill-persuna li tagħti l-prodott jew lill-ambjent;	(b) il-prodott mediċinali veterinarju ma jippreżentax riskju dirett jew indirett, anki jekk jingħata b'mod ħażin, lill-annimal (i) ikkurat(i), lill-persuna li tagħti l-prodott jew lill-ambjent;
(c) is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott mediċinali veterinarju ma fihx twissijiet ta' ***effetti sekondarji*** serji potenzjali li ġejjin mill-użu korrett tiegħu;	(c) is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott mediċinali veterinarju ma fihx twissijiet ta' ***avvenimenti avversi*** serji potenzjali li ġejjin mill-użu korrett tiegħu;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) la l-prodott mediċinali veterinarju u l-ebda prodott ieħor li fih l-istess sustanza attiva ma kien is-suġġett qabel ta' rappurtar frekwenti ta' avvenimenti avversi;	(d) la l-prodott mediċinali veterinarju u l-ebda prodott ieħor li fih l-istess sustanza attiva ma kien is-suġġett qabel ta' rappurtar frekwenti ta' avvenimenti avversi;
(e) is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott ma jirreferix għal kontraindikazzjonijiet relatati ma xi prodotti mediċinali veterinarji oħrajn użati normalment mingħajr riċetta;	(e) is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott ma jirreferix għal kontraindikazzjonijiet relatati ma xi prodotti mediċinali veterinarji oħrajn użati normalment mingħajr riċetta;
(f) il-prodott mediċinali veterinarju mhux suġġett għal kondizzjonijiet ta' ħażna speċjali;	
(g) ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa pubblika fir-rigward ta' residwi fl-ikel miksub minn annimali kkurati anki meta l-prodotti mediċinali veterinarji jintużaw ħażin;	(g) ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa pubblika fir-rigward ta' residwi fl-ikel miksub minn annimali kkurati anki meta l-prodotti mediċinali veterinarji jintużaw ħażin;
(h) ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali rigward l-iżvilupp ta' reżistenza ***għal sustanzi antelmintiċi*** anki meta l-prodotti mediċinali veterinarji li fihom dawk is-sustanzi jintużaw ħażin.	(h) ma hemm l-ebda riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali rigward l-iżvilupp ta' reżistenza ***antiparassitika*** anki meta l-prodotti mediċinali veterinarji li fihom dawk is-sustanzi jintużaw ħażin.

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Minkejja l-paragrafu 1, il-prodotti mediċinali għall-użu veterinarju jistgħu jintużaw mingħajr riċetta jekk:
	(a) jiġu rreġistrati bħala prodotti omeopatiċi individwali u jingħataw lill-ispiżeriji għall-bejgħ, ikollhom dilwizzjoni ta' mhux inqas minn D4 (1:10 000) u ma jiġux prodotti bl-użu tal-alkoħol.
	(b) ikunu rreġistrati bħala prodotti omeopatiċi kumplessi, ma jinkludu l-ebda komponent individwali taħt dilwizzjoni ta' D4, jingħataw għall-bejgħ fl-ispiżeriji u ma jiġux prodotti bl-użu tal-alkoħol.

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għamla kwalitattiva u kwantitattiva tas-sustanzi attivi u l-kostitwenti ***l-oħrajn*** fejn jingħad l-isem komuni jew id-deskrizzjoni kimika tas-sustanzi jew tal-kostitwenti l-oħrajn;	(b) l-għamla kwalitattiva u kwantitattiva tas-sustanzi attivi u l-kostitwenti ***kollha essenzjali,*** fejn jingħad l-isem komuni jew id-deskrizzjoni kimika tas-sustanzi jew tal-kostitwenti l-oħrajn;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) il-frekwenza u s-serjetà ***tal-avvenimenti*** avversi,	(vi) il-frekwenza u s-serjetà ***tar-reazzjonijiet*** avversi,

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c – punt xiii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(xiii) kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' antimikrobiċi sabiex jiġi mnaqqas ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi,	(xiii) kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' antimikrobiċi sabiex jiġi mnaqqas ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza għall-antimikrobiċi, ***u li jispeċifikaw li l-prodott ma jistax jintuża bħala miżura preventiva ta' rutina,***

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 2 – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) lista ta' eċċipjenti,

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) informazzjoni mill-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-prodott, b'mod partikolari punti finali ambjentali u dejta tal-karatterizzazzjoni tar-riskju, inkluża informazzjoni ekotossikoloġika dwar l-effetti fuq l-ispeċijiet mhux fil-mira u l-persistenza tas-sustanzi attivi u metaboliti attivi fil-ħamrija u l-ilma;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) meta l-prodott mediċinali veterinarju jkun awtorizzat li jingħata permezz tal-għalf medikat, informazzjoni dwar il-possibilità ta' interazzjoni bejn il-prodotti mediċinali veterinarji u l-għalf li tostakola s-sikurezza jew l-effikaċja tal-għalf medikat għandha tiġi provduta permezz ta' lista ta' inkompatibilitajiet.

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta żewġ prodotti jkollhom l-istess effett terapewtiku, jistgħu jsiru evalwazzjonijiet komparattivi. F'dan il-każ, prodotti li huma ta' periklu għall-ambjent jew għall-annimali kkurati għandhom jiġu sostitwiti bi prodotti b'riskju aktar baxx li jkollhom l-istess effetti terapewtiċi.

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-prodott huwa prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku ppreżentat għall-użu bħala stimulant sabiex jinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-annimali kkurati jew sabiex iżid il-prodott mill-annimali kkurati;	(d) il-prodott huwa prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku ppreżentat għall-użu bħala stimulant sabiex jinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-annimali kkurati jew sabiex iżid il-prodott mill-annimali kkurati***, jew bħala profilattiku ta' rutina fl-annimali li jipproduċu l-ikel, jew biex jiżdied mal-għalf jew mal-ilma għal medikazzjoni tal-massa meta ma tkun ġiet djanjostikata ebda marda fl-ebda annimali***;

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-perjodu tal-irtirar mhuwiex ***twil biżżejjed biex jiżgura s-sikurezza tal-ikel***;	(e) il-perjodu tal-irtirar ***propost sabiex tiġi garantita s-sikurezza tal-ikel*** mhuwiex ***iġġustifikat, jew il-perjodu tal-irtirar propost mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet kompetenti ma jiġix ikkunsidrat***;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) il-prodott huwa sustanza li tqajjem tħassib kbir;

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) sustanzi attivi fil-prodott li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu persistenti, bijokumulattivi u tossiċi (PBT) jew persistenti ħafna u bijokumulattivi ħafna (vPvB) skont il-linji gwida tal-EMA, jew li huma meqjusa bħala li għandhom proprjetajiet ta' interferenti endokrinali li jistgħu joħolqu effetti avversi fl-ambjent;

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) il-prodott joħloq riskji sinifikattivament akbar għall-annimal ikkurat, għas-saħħa pubblika jew għall-ambjent meta mqabbel mat-trattament standard ta' referenza;

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hb) effetti kollaterali jew sekondarji inaċċettabbli fuq l-annimal ikkurat;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku għandha tiġi rrifjutata jekk l-antimikrobiku huwa riservat għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem.	2. Awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju antimikrobiku għandha tiġi rrifjutata jekk l-antimikrobiku huwa riservat għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem ***skont it-tifsira tal-paragrafu 4***.

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 146 sabiex tistabbilixxi regoli għall-għażla ta' antimikrobiċi li għandhom jitħallew għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem sabiex tinżamm l-effikaċja ta' ċerti sustanzi attivi fil-bnedmin.	3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 146 ***u tqis il-parir xjentifiku tal-Aġenzija,*** sabiex tistabbilixxi regoli għall-għażla ta' antimikrobiċi li għandhom jitħallew għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem sabiex tinżamm l-effikaċja ta' ċerti sustanzi attivi fil-bnedmin. ***L-Aġenzija, fil-parir tagħha, għandha tqis indikazzjonijiet adegwati fil-livell ta' klassi, sustanza jew anke tal-indikazzjoni u għandha tqis ukoll il-mod ta' kif tingħata l-mediċina.*** ***L-Istati Membri li jimplimentaw jew li jixtiequ jimplimentaw regoli aktar stretti għandhom jitħallew jagħmlu dan.***

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tindika antimikrobiċi jew gruppi ta' antimikrobiċi riservati għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni ***u filwaqt li tqis il-parir xjentifiku tal-Aġenzija kif ukoll il-ħidma li diġà saret mid-WHO***, tindika antimikrobiċi jew gruppi ta' antimikrobiċi riservati għall-kura ta' ċerti infezzjonijiet fil-bniedem. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2). ***Indikazzjonijiet bħal dawn, fejn ikun rilevanti, għandhom isiru fil-livell ta' klassi, sustanza jew anke tal-indikazzjoni u għandhom iqisu wkoll il-mod ta' kif tingħata l-mediċina.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 301

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-informazzjoni dwar is-sikurezza fir-rigward tal-effetti ambjentali tal-prodotti mediċinali veterinarji m'għandhiex tiġi protetta.

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-perjodi ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika	Il-perjodi ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika
1. Il-perjodu ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika għandu jkun:	1. Il-perjodu ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika għandu jkun:
(a) 10 snin għall-prodotti mediċinali veterinarji għall-frat, nagħaġ, ħnieżer, tiġieġ, klieb u qtates;	(a) 10 snin għall-prodotti mediċinali veterinarji għall-frat, nagħaġ ***(imrobbi għal-laħam)***, ħnieżer, tiġieġ, ***salamun,*** klieb u qtates;
(b) 14-il sena għall-prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi għall-frat, nagħaġ, ħnieżer, tiġieġ, klieb u qtates li jkollhom sustanza attiva antimikrobika li ma kinitx sustanza attiva fi prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fl-Unjoni fid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni;	(b) 14-il sena għall-prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi għall-frat, nagħaġ, ħnieżer, tiġieġ, ***salamun,*** klieb u qtates li jkollhom sustanza attiva antimikrobika li ma kinitx sustanza attiva fi prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fl-Unjoni fid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni;
(c) ***18-il*** sena għall-prodotti mediċinali veterinarji għan-naħal;	(c) ***20*** sena għall-prodotti mediċinali veterinarji għan-naħal;
(d) 14-il sena għall-prodotti mediċinali veterinarji għal speċijiet ta' annimali minbarra dawk elenkati fil-paragrafu 1(a) u (c).	(d) 14-il sena għall-prodotti mediċinali veterinarji għal speċijiet ta' annimali minbarra dawk elenkati fil-paragrafu 1(a) u (c).
2. Il-protezzjoni għandha tapplika mill-jum li fih l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għall-prodott mediċinali veterinarju ngħatat skont l-Artikolu 7.	2. Il-protezzjoni għandha tapplika mill-jum li fih l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għall-prodott mediċinali veterinarju ngħatat skont l-Artikolu 7.
	2a. Meta l-prodott mediċinali veterinarju jkun ġie awtorizzat għal iktar minn speċi waħda, il-perjodu għandu jiġi estiż bi qbil mal-perjodi ta' estensjoni stabbiliti fl-Artikolu 35.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 312

Proposta għal regolament

Artikolu 34a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 34a
	Perjodu ta' protezzjoni tal-pakketti ta' dejta ġodda relatati ma' prodotti mediċinali veterinarji eżistenti
	1. L-istudji u l-provi ġodda kollha, ippreżentati mill-applikant għall-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti għal prodott mediċinali veterinarju eżistenti li ma jkunx għadu kopert minn kwalunkwe perjodu ta' protezzjoni, għandhom jibbenefikaw minn perjodu ta' protezzjoni awtonomu ta' erba' snin, sakemm dawn ikunu:
	(a) meħtieġa biex tiġi estiża awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tad-dożaġġ, il-forom farmaċewtiċi, jew il-mod ta' kif jingħata l-prodott;
	(b) meħtieġa għal evalwazzjoni mill-ġdid mitluba mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet kompetenti wara l-awtorizzazzjoni, sakemm dawn ma jkunux intalbu mill-awtoritajiet kompetenti bħala segwitu għal preokkupazzjonijiet marbuta farmakoviġilanza wara l-awtorizzazzjoni, jew intalbu bħala kundizzjoni tal-awtorizzazzjoni jew bħala impenn wara l-awtorizzazzjoni fil-ħin tal-awtorizzazzjoni. Kull perjodu ta' protezzjoni għandu jopera indipendentement minn kwalunkwe perjodu ieħor li jopera fl-istess ħin u għalhekk il-perjodi ma għandhomx jiġu akkumulati.
	2. L-ebda applikant ieħor ma jista' juża dawn il-provi jew studji għal skopijiet kummerċjali matul il-perjodu ta' erba' snin mingħajr il-kunsens bil-miktub tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fil-forma ta' ittra ta' aċċess fir-rigward ta' dawk il-provi jew studji.

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-titwil tal-perjodi ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika	***L-estensjoni*** tal-perjodi ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika
1. Meta varjazzjoni tkun ***ipprovduta*** skont l-Artikolu 65 li testendi l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal speċi oħra elenkata fl-Artikolu 34(1)(a), il-perjodu ta' protezzjoni pprovdut f'dak l-Artikolu għandu jittawwal ***b'sena (1)*** għal kull speċi oħra fil-mira, diment li dik il-varjazzjoni ġiet imressqa mill-inqas tliet (3) snin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' protezzjoni stipulat fl-Artikolu 34(1)(a).	1. Meta ***l-ewwel applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tingħata lil aktar minn speċi waħda jew*** varjazzjoni tkun ***approvata*** skont l-Artikolu 65 li testendi l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal speċi oħra elenkata fl-Artikolu 34(1)(a), il-perjodu ta' protezzjoni pprovdut f'dak l-Artikolu ***34*** għandu jittawwal ***b'sentejn*** għal kull speċi oħra fil-mira ***fid-dossier oriġinali, jew*** diment li dik il-varjazzjoni ġiet imressqa mill-inqas tliet (3) snin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' protezzjoni stipulat fl-Artikolu 34(1)(a). ***L-informazzjoni dwar il-preżentazzjoni għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta varjazzjoni tkun approvata skont l-Artikolu 65 u testendi l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal speċi oħra mhux elenkata fl-Artikolu 34(1)(a), il-perjodu ta' protezzjoni pprovdut fl-Artikolu 34 għandu jittawwal b'erba' (4) snin.	2. Meta ***l-ewwel awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tingħata għal aktar minn speċi waħda jew*** varjazzjoni tkun approvata skont l-Artikolu 65, li testendi l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal speċi oħra elenkata fl-Artikolu 34(1)(a), il-perjodu ta' protezzjoni pprovdut f'dak l-Artikolu 34 għandu jittawwal b'erba' (4) snin***, dment li l-varjazzjoni tkun tressqet mill-inqas tliet snin qabel ma jiskadi l-perjodu ta' protezzjoni stipulat fl-Artikolu 34. L-informazzjoni dwar il-preżentazzjoni għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament.***
3. Il-perjodu ta' protezzjoni tal-ewwel awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mtawwal bi kwalunkwe perjodu addizzjonali ta' protezzjoni minħabba kwalunkwe varjazzjoni jew awtorizzazzjonijiet ġodda li jappartjenu għall-istess awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ("perjodu globali ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika") m'għandux jaqbeż ***it-18-il*** sena.	3. Il-perjodu ta' protezzjoni tal-ewwel awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mtawwal bi kwalunkwe perjodu addizzjonali ta' protezzjoni minħabba kwalunkwe varjazzjoni jew awtorizzazzjonijiet ġodda li jappartjenu għall-istess awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ("perjodu globali ta' protezzjoni tad-dokumentazzjoni teknika") m'għandux jaqbeż ***l-14-il*** sena ***għall-prodotti msemmija fl-Artikoli 34 (1)(a). Għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 34(1)(b) u (d), dan il-perjodu m'għandux jaqbeż it-18-il sena.***
4. Meta applikant għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju jew għal varjazzjoni tat-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jissottometti applikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 għall-istabbiliment ta' limitu massimu ta' residwi, flimkien ma' provi kliniċi waqt il-proċeduri tal-applikazzjoni, applikanti oħrajn m'għandhomx jużaw ***dawk*** il-provi għal perjodu ta' ħames snin mill-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni li għalihom isiru, sakemm l-applikant l-ieħor ma jkunx kiseb ftehim bil-miktub fil-forma ta' ittra ta' aċċess rigward dawk il-provi.	4. Meta applikant għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott mediċinali veterinarju jew għal varjazzjoni tat-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jissottometti applikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 għall-istabbiliment ta' limitu massimu ta' residwi, flimkien ma' provi kliniċi waqt il-proċeduri tal-applikazzjoni, applikanti oħrajn m'għandhomx jużaw ***ir-riżultati ta' dawn*** il-provi ***għal skopijiet kummerċjali*** għal perjodu ta' ħames snin mill-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni li għalihom isiru, sakemm l-applikant l-ieħor ma jkunx kiseb ftehim bil-miktub fil-forma ta' ittra ta' aċċess rigward dawk il-provi.

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzati għandhom jingħataw mill-Kummissjoni skont din is-Sezzjoni. Dawn għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha.	1. Awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzati għandhom jingħataw mill-Kummissjoni skont din is-Sezzjoni. Dawn għandhom ikunu validi fl-Unjoni kollha ***u għandhom jitqiesu bħala l-proċedura prijoritarja. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jaraw li jiżviluppaw u jinkoraġġixxu l-użu tal-proċedura ċentralizzata, b'mod partikolari billi jiffaċilitaw l-aċċess għall-SMEs.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) prodotti mediċinali veterinarji li fihom sustanza attiva li ma ġietx awtorizzata bħala prodott mediċinali veterinarju fl-Unjoni fid-dejta tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;	(c) prodotti mediċinali veterinarji li fihom sustanza attiva li ma ġietx awtorizzata bħala prodott mediċinali veterinarju fl-Unjoni fid-dejta tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni***, bl-eċċezzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji soġġetti għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 21 u 22***;

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) prodotti mediċinali veterinarji ġeneriċi ta' prodotti mediċinali veterinarji ta' referenza awtorizzati taħt il-proċedura ċentralizzata ta' awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal prodotti mediċinali veterinarji minbarra dawk elenkati f'paragrafu 2 awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata ***tista' tingħata jekk l-ebda awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni oħra ma tkun ingħatat għall-prodott mediċinali veterinarju fl-Unjoni***.	3. Għal prodotti mediċinali veterinarji minbarra dawk elenkati f'paragrafu 2 ***tista' wkoll tingħata*** awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata.

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 38 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni, filwaqt li tikkunsidra l-istat tas-saħħa tal-annimal u tal-pubbliku fl-Unjoni, għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 146 sabiex temenda l-lista stabbillita fil-paragrafu 2.	***imħassar***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni deċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni ***għandha tiġi mressqa lill-Istat*** Membru magħżul mill-applikant ***("Stat*** Membru ta' ***referenza")***.	1. Applikazzjonijiet ***u d-dossier*** għal awtorizzazzjoni deċentralizzata għall-kummerċjalizzazzjoni ***għandhom jitressqu lill-Istati Membri kollha. L-Istat*** Membru magħżul mill-applikant ***għandu jkun l-Istat*** Membru ta' ***referenza***.

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikazzjoni għandha telenka l-Istati Membri fejn l-applikant ifittex li jikseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ("Stati Membri kkonċernati").	2. L-applikazzjoni għandha telenka l-Istati Membri fejn l-applikant ifittex li jikseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ("Stati Membri kkonċernati"). ***L-applikant għandu jibgħat applikazzjoni identika għal dik imressqa lill-Istat Membru ta' referenza, inkluż dossier identiku kif previst skont l-Artikolu 7, lill-Istati Membri kollha kkonċernati.***

Emenda 147

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jitressqu lill-Istat Membru li ta l-ewwel awtorizzazzjoni nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ("l-Istat Membru ta' referenza").	1. L-applikazzjonijiet ***u d-dossier*** għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jitressqu ***lill-Istati Membri kollha***. L-Istat Membru li ta l-ewwel awtorizzazzjoni nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ***għandu jkun*** l-Istat Membru ta' referenza.

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minimu ta' sitt xhur għandhom jgħaddu bejn id-deċiżjoni li tagħti l-ewwel awtorizzazzjoni nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjoni nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni.	***imħassar***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 149

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni dwar l-Istati Membri li fihom applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni sottomessa mill-applikant għall-istess prodott mediċinali veterinarju qiegħda tiġi eżaminata;	***imħassar***

Emenda 150

Proposta għal regolament

Artikolu 48 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien ***90*** jum minn meta jirċievi applikazzjoni valida, l-Istat Membru ta' referenza għandu jħejji rapport ta' valutazzjoni aġġornat għall-prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapport ta' valutazzjoni aġġornat flimkien mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott approvat u t-test li għandu jidher fuq it-tikketti u l-fuljett ta' tagħrif għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri kollha u lill-applikant***, flimkien mal-lista ta' Stati Membri fejn l-applikant ifittex li jikseb rikonoxximent tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ("Stati Membri kkonċernati")***.	4. Fi żmien ***45*** jum minn meta jirċievi applikazzjoni valida, l-Istat Membru ta' referenza għandu jħejji rapport ta' valutazzjoni aġġornat għall-prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapport ta' valutazzjoni aġġornat flimkien mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott approvat u t-test li għandu jidher fuq it-tikketti u l-fuljett ta' tagħrif għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri kollha ***kkonċernati*** u lill-applikant.

Emenda 151

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru jqajjem, fil-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 46(4) jew l-Artikolu 48(5) l-oġġezzjonijiet tiegħu għar-rapport ta' valutazzjoni, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott propost jew it-tikketti u l-fuljett ta' tagħrif proposti, dikjarazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għandha tkun ipprovduta lill-Istat Membru ta' referenza, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-applikant. Il-punti ta' nuqqas ta' ftehim għandhom ikunu riferuti mingħajr dewmien lill-grupp ta' koordinazzjoni għall-proċeduri tar-rikonoxximent reċiproku u deċentralizzata stabbiliti mill-Artikolu 142 ("il-grupp ta' koordinazzjoni") mill-Istat Membru ta' referenza.	1. Jekk Stat Membru jqajjem, fil-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 46(4) jew l-Artikolu 48(5) l-oġġezzjonijiet tiegħu għar-rapport ta' valutazzjoni, is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott propost jew it-tikketti u l-fuljett ta' tagħrif proposti, ***għal raġunijiet ta' riskju serju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew għall-ambjent,*** dikjarazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għandha tkun ipprovduta lill-Istat Membru ta' referenza, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-applikant. Il-punti ta' nuqqas ta' ftehim għandhom ikunu riferuti mingħajr dewmien lill-grupp ta' koordinazzjoni għall-proċeduri tar-rikonoxximent reċiproku u deċentralizzata stabbiliti mill-Artikolu 142 ("il-grupp ta' koordinazzjoni") mill-Istat Membru ta' referenza.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 152

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi ħdan il-grupp ta' koordinazzjoni, għandu jinħatar relatur sabiex iħejji rapport ta' valutazzjoni ieħor għall-prodott mediċinali veterinarju.	***imħassar***

Emenda 153

Proposta għal regolament

Artikolu 49 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'każ ta' opinjoni favur l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, l-Istat Membru ta' referenza għandu jirreġistra l-ftehim tal-Istati Membri, jagħlaq il-proċedura u jinforma lill-Istati Membri u lill-applikant dwar dan.	4. F'każ ta' opinjoni favur l-għoti ***jew l-emendar*** ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, l-Istat Membru ta' referenza għandu jirreġistra l-ftehim tal-Istati Membri, jagħlaq il-proċedura u jinforma lill-Istati Membri u lill-applikant dwar dan.

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fi żmien 15-il jum minn meta jirċievi r-rapport ta' valutazzjoni msemmi fl-Artikolu 46(3) jew fl-Artikolu 48(4) l-applikant jista' jipprovdi avviż bil-miktub ***lill-Aġenzija*** fejn jitlob eżaminazzjoni mill-ġdid tar-rapport ta' valutazzjoni. F'dak il-każ l-applikant għandu jibgħat lill-Aġenzija raġunijiet dettaljati għat-talba fi żmien 60 jum minn meta jirċievi r-rapport ta' valutazzjoni. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn prova tal-ħlas tal-ammont pagabbli lill-Aġenzija għall-eżaminazzjoni mill-ġdid.	1. Fi żmien 15-il jum minn meta jirċievi r-rapport ta' valutazzjoni msemmi fl-Artikolu 46(3) jew fl-Artikolu 48(4) l-applikant jista' jipprovdi avviż bil-miktub ***lill-grupp ta' koordinazzjoni*** fejn jitlob eżaminazzjoni mill-ġdid tar-rapport ta' valutazzjoni. F'dak il-każ l-applikant għandu jibgħat lill-Aġenzija raġunijiet dettaljati għat-talba fi żmien 60 jum minn meta jirċievi r-rapport ta' valutazzjoni. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn prova tal-ħlas tal-ammont pagabbli lill-Aġenzija għall-eżaminazzjoni mill-ġdid.

Emenda 155

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-proċedura ta' eżaminazzjoni mill-ġdid għandha tittratta biss il-punti tar-rapport ta' valutazzjoni identifikati mill-applikant fl-avviż bil-miktub.***	3. ***Il-kumitat għandu jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fi żmien 15-il jum mill-adozzjoni tagħha, l-Aġenzija għandha tibgħat l-opinjoni tal-Kumitat ***lill-grupp ta' koordinazzjoni***, flimkien ma' rapport li jiddeskrivi l-valutazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju mill-Kumitat u li jagħti r-raġunijiet għall-konklużjonijiet tiegħu. Dawk id-dokumenti għandhom jintbagħtu ***lill-Kummissjoni,*** lill-Istati Membri u lill-applikant għal skopijiet ta' informazzjoni.	4. Fi żmien 15-il jum mill-adozzjoni tagħha, l-Aġenzija għandha tibgħat l-opinjoni tal-Kumitat ***lill-Kummissjoni***, flimkien ma' rapport li jiddeskrivi l-valutazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju mill-Kumitat u li jagħti r-raġunijiet għall-konklużjonijiet tiegħu. Dawk id-dokumenti għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri u lill-applikant għal skopijiet ta' informazzjoni.

Emenda 157

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Malli jirċievi l-opinjoni tal-Aġenzija, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jaġixxi bil-maġġoranza tal-voti mixħuta mill-membri tiegħu rrappreżentati fil-laqgħa. L-Istat Membru ta' referenza għandu jirreġistra l-ftehim, jagħlaq il-proċedura u jinforma lill-applikant. L-Artikolu 49 għandu japplika kif meħtieġ. Meta d-deċiżjoni ma tkunx taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jehmeż spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-differenzi.***	5. ***Fi żmien 15-il jum minn meta tirċievi l-opinjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji abbozz tad-deċiżjoni assoċjata mal-proċedura.***
	Jekk l-abbozz tad-deċiżjoni jipproponi l-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, l-abbozz għandu jinkludi jew jagħmel referenza għad-dokumenti elenkati fl-Artikolu 28.
	Jekk l-abbozz tad-deċiżjoni jipprevedi r-rifjut tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, ir-raġunijiet għar-rifjut għandhom jiġu spjegati skont id-dispożizzjnijiet tal-Artikolu 32.
	Jekk l-abbozz tad-deċiżjoni ma jaqbilx mal-opinjoni tal-kumitat, il-Kummissjoni għandha tehmeż l-ispjegazzjonijiet dettaljati tar-raġunijiet għal dawn id-differenzi.
	Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tieħu deċiżjoni finali dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni skont il-proċedura deċentralizzata jew ta' rikonoxximent reċiproku. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).
	L-Aġenzija għandha tibgħat id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 28 lill-applikant.
	L-Aġenzija għandha tippubblika l-opinjoni, wara li tħassar kull informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 158

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm database tal-Unjoni dwar il-prodotti mediċinali veterinarji ("database tal-prodotti").	1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm database ***fil-livell*** tal-Unjoni dwar il-prodotti mediċinali veterinarji ("database tal-prodotti").

Emenda 159

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati fl-Unjoni mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti, flimkien massommarji tal-karatteristiċi tal-prodott tagħhom, il-fuljetti ta' tagħrif ***u l-listi*** ta' postijiet fejn kull prodott huwa mmanifatturat;	(a) il-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati fl-Unjoni mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti, flimkien massommarji tal-karatteristiċi tal-prodott tagħhom, il-fuljetti ta' tagħrif***, il-listi*** ta' postijiet fejn kull prodott huwa mmanifatturat ***u n-numri ta' referenza għall-master fajl għas-sistema ta' farmakoviġilanza***;

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni fid-database tal-prodotti li tirrigwarda l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom.	2. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni fid-database tal-prodotti li tirrigwarda l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom ***u aċċess limitat għal prodotti oħra***.

Emenda 161

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-pubbliku ġenerali għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni fid-database tal-prodotti dwar il-lista tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati, is-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott ***u l-fuljetti*** ta' tagħrif tagħhom.	3. Il-pubbliku ġenerali għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni fid-database tal-prodotti dwar il-lista tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati, is-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott***, il-fuljetti*** ta' tagħrif ***u d-dejta ambjentali*** tagħhom***, kif ukoll l-informazzjoni kollha dwar is-sikurezza***.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiġbru dejta rilevanti u ***komparabbli*** dwar il-volum tal-bejgħ u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi.	1. L-Istati Membri għandhom jiġbru dejta rilevanti***, komparabbli*** u ***dettaljata biżżejjed fil-livell tal-azjenda agrikola,*** dwar il-volum tal-bejgħ ***fit-termini tal-piż u l-ispejjeż għal kull tip ta' antimikrobiku*** u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi ***inklużi l-ispeċijiet ikkurati, il-marda dijanjostikata u l-metodu ta' kif jingħataw***.

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dejta dwar il-volum tal-bejgħ u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi lill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tanalizza d-dejta u tippubblika rapport annwali.	2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu dejta dwar il-volum tal-bejgħ u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi lill-Aġenzija. L-Aġenzija għandha ***tikkoopera ma' aġenziji Ewropej oħra biex*** tanalizza d-dejta u tippubblika rapport annwali***, li għandu jinkludi wkoll id-dejta korrispondenti għall-użu tal-antimikrobiċi mill-bniedem kif ukoll is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tar-reżistenza antimikrobika fl-Unjoni u, jekk ikun il-każ, toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet***.

Emenda 164

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiġbru dejta rilevanti u komparabbli dwar il-volum tal-bejgħ u l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antiparassitiċi u ormonali, u jqegħduha għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija.

Emenda 165

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Ir-rekwiżiti tad-dejta għall-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu l-ispeċi tal-annimal, id-doża, il-perjodu ta' żmien u t-tip ta' trattament, l-għadd ta' annimali kkurati u l-metodu jew metodi ta' kif jingħataw. Barra minn hekk, kwalunkwe użu mhux skont it-tikketta tal-antimikrobiċi għandu jkun rapportat b'mod obbligatorju lill-awtoritajiet nazzjonali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 166

Proposta għal regolament

Artikolu 54 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. L-użu tal-antibijotiċi fl-ilma tax-xorb għandu jkun ristrett għal każijiet fejn il-maġġoranza tal-annimali jew il-merħla kollha tkun marida. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jeżamina l-metodi differenti ta' kif jingħataw l-antibijotiċi lill-annimali li jipproduċu l-ikel, u b'mod partikolari l-metodi orali użati permezz tal-għalf u l-ilma, u l-impatt sussegwenti tagħhom fuq ir-reżistenza għall-antimikrobiċi.

Emenda 167

Proposta għal regolament

Taqsima 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Taqsima 2a
	Importazzjoni, importazzjoni parallela u distribuzzjoni parallela

Emenda 168

Proposta għal regolament

Artikolu 56a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 56a
	Awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni
	1. Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-importazzjoni biex jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin:
	(a) l-importazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji użati fil-kuntest tal-Artikolu 8, l-Artikolu 115(1)(a)(ii), l-Artikolu 116(1)(b), l-Artikolu 116(2)(b) u l-Artikolu 116(3)(a) minn veterinarju jew kwalunkwe persuna awtorizzata biex tipprovdi prodotti mediċinali veterinarji fl-Istati Membri;
	(b) l-importazzjoni parallela ta' prodotti mediċinali veterinarji min-naħa ta' produttur jew distributur awtorizzat fi Stat Membru li jkun indipendenti mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. Il-prodott mediċinali veterinarju importat u l-prodott mediċinali ta' referenza nazzjonali għandu jkollhom:
	(i) l-istess kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva f'termini ta' sustanzi attivi u eċċipjenti, u l-istess forma farmaċewtika;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii) l-istess effetti terapewtiċi u l-istess speċijiet fil-mira.
	Il-prodott mediċinali ta' referenza nazzjonali u l-prodott mediċinali veterinarju importat b'mod parallel jeħtieġ ikunu ġew armonizzati skont l-Artikolu 69 jew 70, jew awtorizzati skont l-Artikoli 46 u 48;
	(c) id-distribuzzjoni parallela ta' prodotti mediċinali veterinarji minn distributur irrispettivament mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.
	2. L-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għal dawn l-attivitajiet għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-awtorizzazzjonijiet skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, u lill-Aġenzija għall-Awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1.
	L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jirreġistraw l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni parallela jew ta' distribuzzjoni parallela li huma jkunu taw fid-database ta' prodotti mediċinali veterinarji stabbilita skont l-Artikolu 51.
	3. Il-prodott mediċinali veterinarju importat b'mod parallel jew distribwit b'mod parallel għandu jiġi kkummerċjalizzat fl-imballaġġ u bit-tikkettar bil-lingwa(i) determinata(i) minn kull Stat Membru ta' importazzjoni jew distribuzzjoni.
	4. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tkun meħtieġa għal:
	(a) l-importazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji minnaħa ta' veterinarju li jipprovdi servizzi skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 114;
	(b) it-trasport, min-naħa ta' detentur ta' annimal domestiku, ta' prodotti mediċinali veterinarji meħtieġa għat-trattament tiegħu ħlief prodotti mediċinali veterinarji immunoloġiċi u sa mhux aktar minn tliet xhur ta' kura.

Emenda 169

Proposta għal regolament

Artikolu 56b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 56b
	Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni
	1. Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 56a(1)(a) għandha titressaq quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-importatur.
	Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw għal operazzjoni waħda.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kwalunkwe bidla fl-informazzjoni mressqa sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għandha tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti, li konsegwentement għandha temenda l-awtorizzazzjoni inizjali jekk ikun meħtieġ.
	Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni għandu jkun fiha, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:
	(a) l-isem tal-prodott mediċinali veterinarju, il-qawwa tiegħu, il-forma farmaċewtika tiegħu, u l-indikazzjonijiet terapewtiċi tiegħu;
	(b) l-Istat Membru ta' oriġini u d-dettalji dwar l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni;
	(c) id-dettalji tad-distributur responsabbli mill-bejgħ tal-prodott;
	(d) il-kwantitajiet importati.
	2. Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 56a(1) għandha titressaq quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-importatur.
	Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw għal perjodu ta' ħames snin.
	Kwalunkwe bidla fl-informazzjoni mressqa sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għandha tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti, li konsegwentement għandha temenda l-awtorizzazzjoni inizjali jekk ikun meħtieġ.
	Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni parallela għandu jkun fiha, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:
	(a) l-isem tal-prodott mediċinali veterinarju, il-qawwa tiegħu u l-forma farmaċewtika tiegħu;
	(b) id-dettalji tal-prodott mediċinali veterinarju importat u tal-prodott mediċinali awtorizzat fl-Istat Membru tal-importazzjoni, u d-dettalji dwar in-natura tat-tikkettar mill-ġdid;
	(c) l-isem tal-applikant jew tal-kumpanija tiegħu;
	(d) l-isem jew l-isem tal-kumpanija jew il-logo tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew in-numru tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott ta' referenza u tal-prodott importat;
	(e) id-dettalji tas-sit tal-produzzjoni fejn il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom jiġu ttikkettati mill-ġdid;
	(f) l-isem tal-persuna kwalifikata responsabbli mill-farmakoviġilanza;
	(g) dikjarazzjoni li tgħid li l-applikant huwa indipendenti mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 56a(1) għandha titressaq lill-Aġenzija.
	Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw għal perjodu ta' ħames snin.
	Kwalunkwe bidla fl-informazzjoni mressqa sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għandha tiġi notifikata lill-Aġenzija, li konsegwentement għandha temenda l-awtorizzazzjoni inizjali jekk ikun meħtieġ.
	L-applikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar:
	(a) l-isem jew l-isem tal-kumpanija tal-applikant, tal-manifattur involut fit-tikkettar mill-ġdid u tad-distributur parallel;
	(b) l-isem tal-persuna kwalifikata responsabbli mill-farmakoviġilanza;
	(c) l-Istati Membru ta' oriġini u dak ta' destinazzjoni.
	4. L-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija jistgħu jissospendu jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni parallela jew għad-distribuzzjoni parallela jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 56a u l-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ma jibqgħux jiġu ssodisfati jew jekk il-prodott jippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent.

Emenda 170

Proposta għal regolament

Artikolu 57a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 57a
	Konverżjoni sussegwenti f'awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata
	1. Wara li titlesta l-proċedura deċentralizzata stabbilita fl-Artikolu 46, proċedura ta' rikonoxximent reċiproku stabbilita fl-Artikolu 48, jew proċedura ta' armonizzazzjoni tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 69, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jista' jressaq applikazzjoni sabiex jikkonverti l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni eżistenti għall-prodott mediċinali veterinarju f'awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata mogħtija mill-Kummissjoni u li għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.
	2. L-applikazzjoni għall-konverżjoni f'awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata għandha titressaq lill-Aġenzija u għandha tinkludi dan li ġej:
	(a) lista tad-deċiżjonijiet kollha li jagħtu awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dan il-prodott mediċinali veterinarju;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) lista ta' varjazzjonijiet introdotti minn meta ngħatat l-ewwel awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni;
	(c) rapport fil-qosor dwar id-dejta ta' farmakoviġilanza.
	3. Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi d-dokumenti elenkati fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tħejji abbozz tad-deċiżjoni li tagħti lill-Unjoni awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni f'konformità mar-rapport ta' valutazzjoni msemmi fl-Artikoli 46(3), 48(4) u 69(3) jew, fejn xieraq, rapport ta' valutazzjoni aġġornat, sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tikkettar u fuljett ta' tagħrif.
	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tieħu deċiżjoni finali dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ċentralizzata.
	Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal prodotti mediċinali veterinarji li ġew awtorizzati permezz ta' proċedura ta' rikonoxximent reċiproku, proċedura deċentralizzata jew proċedura ta' armonizzazzjoni tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 171

Proposta għal regolament

Artikolu 64 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk applikazzjoni għal varjazzjoni tkun tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61, l-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija, jew awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 63 (3) għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni kompluta.	1. Jekk applikazzjoni għal varjazzjoni tkun tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61, l-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija, jew awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 63 (3) għandha tirrikonoxxi li rċeviet applikazzjoni kompluta ***fi żmien 15-il jum***.

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fażi preparatorja tal-eżerċizzju ta' armonizzazzjoni	Fażi preparatorja tal-eżerċizzju ta' armonizzazzjoni
	-1a. Detentur ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni individwali jew grupp ta' detenturi ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 69, jitolbu armonizzazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni nazzjonali differenti li jkunu ngħataw għal prodott mediċinali veterinarju partikolari.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1b. Għall-prodott mediċinali veterinarju partikolari li għalih ikunu ngħataw awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni fi Stati Membri differenti għandu jitħejja sommarju armonizzat tal-karatteristiċi tal-prodott. Il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jfassal regoli ta' proċedura dettaljati għall-armonizzazzjoni.
	-1c. L-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni nazzjonali jistgħu jiġu armonizzati ma' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni deċentralizzati u/jew ta' rikonoxximent reċiproku jekk ikunu għall-istess prodott jew għal prodotti essenzjalment simili.
1. ***Għandu jiġi ppreparat sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott armonizzat*** skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 69 għal prodotti mediċinali veterinarji, għajr prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, li jkollhom l-istess għamla kwalitattiva u kwantitattiva tas-sustanzi attivi tagħhom ***u*** l-istess forma farmaċewtika ***u li*** għalihom ikunu ngħataw awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni fi Stat Membri differenti qabel ***l-1 ta ' Jannar 2004 ("prodotti simili")***.	1. ***Għandhom jitħejjew kundizzjonijiet tal-użu armonizzati kif stipulati fl-Artikolu 69(4)*** skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 69 għal ***gruppi ta'*** prodotti mediċinali veterinarji ***essenzjalment simili***, għajr prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, li jkollhom l-istess għamla kwalitattiva u kwantitattiva tas-sustanzi attivi tagħhom, l-istess forma farmaċewtika***, ikunu ġew iċċertifikati bħala bijoekwivalenti (prodotti "essenzjalment simili") u*** għalihom ikunu ngħataw awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni fi Stat Membri differenti qabel ***id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.
2. Sabiex tiġi determinata l-għamla kwalitattiva u kwantitattiva tas-sustanzi attivi, melħ, esters, eteri, isomeri, taħlitiet ta' isomeri, kumplessi u derivattivi differenti ta' sustanza attiva għandhom jitqiesu li huma l-istess sustanza attiva, sakemm ma jvarjawx b'mod sinifikanti fil-proprjetajiet fir-rigward tas-sigurtà u l-effikaċja.	2. Sabiex tiġi determinata l-għamla kwalitattiva u kwantitattiva tas-sustanzi attivi, melħ, esters, eteri, isomeri, taħlitiet ta' isomeri, kumplessi u derivattivi differenti ta' sustanza attiva għandhom jitqiesu li huma l-istess sustanza attiva, sakemm ma jvarjawx b'mod sinifikanti fil-proprjetajiet fir-rigward tas-sigurtà u l-effikaċja.

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura għall-armonizzazzjoni tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott	Proċedura għall-armonizzazzjoni tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott
1. Sa *[12-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal OP sabiex tiddaħħal id-data attwali]* l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-grupp ta' koordinazzjoni listi tal-prodotti kollha li għalihom ikunu ngħataw awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni ***qabel l-1 ta ' Jannar 2004***.	1. Sa *[12-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal OP sabiex tiddaħħal id-data attwali]* l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-grupp ta' koordinazzjoni listi tal-prodotti kollha li għalihom ikunu ngħataw awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni.
2. Il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jistabbilixxi gruppi ta' prodotti simili. Għal kull ***grupp*** ta' prodotti simili, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jaħtar membru sabiex jaġixxi bħala rapporteur.	2. Il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jistabbilixxi gruppi ta' prodotti ***essenzjalment*** simili***, kif identifikati fl-Artikolu 68(4)(b)***. Għal kull ***wieħed minn dawn il-gruppi*** ta' prodotti ***essenzjalment*** simili, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jaħtar membru sabiex jaġixxi bħala rapporteur.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fi żmien 120 jum mill-ħatra tiegħu, ir-rapporteur għandu jippreżenta lill-grupp ta' koordinazzjoni rapport ***dwar*** l-armonizzazzjoni ***possibbli tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott għall-prodotti*** mediċinali veterinarji simili ***fil-grupp u jipproponi sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott armonizzat***.	3. Fi żmien 120 jum mill-ħatra tiegħu, ir-rapporteur għandu jippreżenta lill-grupp ta' koordinazzjoni rapport ***li jipproponi*** l-armonizzazzjoni ***tal-kundizzjonijiet tal-użu għall-grupp ta' prodotti*** mediċinali veterinarji ***essenzjalment*** simili ***jew tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali veterinarju partikolari***.
4. ***Is-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott*** armonizzati ***għall-prodotti mediċinali veterinarji*** għandhom jinkludu ***l-informazzjoni kollha*** li ġejja:	4. ***Il-kundizzjonijiet tal-użu*** armonizzati għandhom jinkludu***, mill-inqas, l-informazzjoni*** li ġejja:
(a) l-ispeċijiet kollha msemmija fl-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fir-rigward tal-prodotti simili fil-grupp;	(a) l-ispeċijiet kollha msemmija fl-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fir-rigward tal-prodotti ***essenzjalment*** simili fil-grupp;
(b) l-indikazzjonijiet terapewtiċi kollha msemmija fl-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fir-rigward tal-prodotti simili fil-grupp;	(b) l-indikazzjonijiet terapewtiċi kollha ***u l-pożoloġija*** msemmija fl-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fir-rigward tal-prodotti ***essenzjalment*** simili fil-grupp,
(c) ***l-iqsar*** perjodu tal-irtirar ***ta ' dawk imsemmija fis-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott***.	(c) perjodu tal-irtirar ***li jiggarantixxi protezzjoni adegwata tal-konsumaturi;***
	(ca) prekawzjonijiet speċjali dwar l-impatt fuq l-ambjent.
	4a. Minbarra l-kundizzjonijiet tal-użu jistgħu jiġu armonizzati elementi oħra tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u tas-sett tal-kwalità tad-dejta.
5. Wara l-preżentazzjoni ta' rapport, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-voti mixħuta mill-membri tal-grupp ta' koordinazzjoni rappreżentati fil-laqgħa. Ir-rapporteur għandu jirreġistra l-ftehim, jagħlaq il-proċedura u jinforma kif jixraq lill-Istati Membri u lid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	5. Wara l-preżentazzjoni ta' rapport, il-grupp ta' koordinazzjoni għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-voti mixħuta mill-membri tal-grupp ta' koordinazzjoni rappreżentati fil-laqgħa. Ir-rapporteur għandu jirreġistra l-ftehim, jagħlaq il-proċedura u jinforma kif jixraq lill-Istati Membri u lid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.
6. Fil-każ ***ta'*** opinjoni favur l-adozzjoni ***ta' sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott armonizzat***, kull Stat Membru għandu jvarja ***awtorizzazzjoni*** għall-kummerċjalizzazzjoni ***f' konformità*** mal-ftehim fi żmien 30 jum minn meta jirċievi l-informazzjoni dwar il-ftehim mir-rapporteur.	6. Fil-każ ***ta'*** opinjoni favur l-adozzjoni ***ta' kundizzjonijiet tal-użu armonizzati***, kull Stat Membru għandu jvarja ***l-awtorizzazzjoni jew l-awtorizzazzjonijiet*** għall-kummerċjalizzazzjoni ***tal-prodotti fit-territorju tagħhom sabiex l-elementi elenkati fil-paragrafu 4, fejn dawn ikunu diġà preżenti fis-sommarji tal-karatteristiċi ta' prodott li jifforma parti mill-grupp, ikunu konformi*** mal-ftehim fi żmien 30 jum minn meta jirċievi l-informazzjoni dwar il-ftehim ***mibgħuta*** mir-rapporteur. ***Ladarba tkun inħarġet opinjoni favur l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet tal-użu armonizzati, l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott partikolari għandhom ikunu eliġibbli biex jiġu kkunsidrati bħala awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' rikonoxximent reċiproku mogħtija skont dan ir-Regolament.***
7. Fil-każ ta' opinjoni mhux favorevoli, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 49.	7. Fil-każ ta' opinjoni mhux favorevoli, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 49.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 174

Proposta għal regolament

Artikolu 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Armonizzazzjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott wara rivalutazzjoni	Armonizzazzjoni tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott wara rivalutazzjoni
1. B'deroga mill-Artikolu 69, il-Kumitat jista' jirrakkomanda lill-Kummissjoni gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji simili li għalihom tkun meħtieġa rivalutazzjoni xjentifika qabel ma ***jiġi ppreparat sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott armonizzat***.	1. B'deroga mill-Artikolu 69, ***u meta l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu ta' grupp ta' prodotti tkun fl-interessi tas-saħħa pubblika jew tal-annimali fil-livell tal-Unjoni,*** il-Kumitat jista' jirrakkomanda lill-Kummissjoni gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji simili li għalihom tkun meħtieġa rivalutazzjoni xjentifika qabel ma ***jitħejjew kundizzjonijiet tal-użu armonizzati***.
	1a. Għall-fini ta' armonizzazzjoni skont dan l-Artikolu prodotti mediċinali veterinarji simili għandhom jirreferu għal prodotti, li mhux kollha jkunu bijoekwivalenti, u għajr prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi, li jkollhom l-istess sustanza attiva jew sustanzi attivi u l-istess forma farmaċewtika jew firxa ta' prodotti mediċinali veterinarji li jappartjenu għall-istess klassi terapewtika.
2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet dwar gruppi ta' prodotti li għalihom tkun meħtieġa rivalutazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).	2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet dwar gruppi ta' prodotti ***simili*** li għalihom tkun meħtieġa rivalutazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).
3. B'deroga mill-Artikolu 69, prodotti mediċinali veterinarji ***awtorizzati qabel l-20 ta' Lulju 2000 kif ukoll prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati wara dik id-data iżda*** li ***kienu identifikati bħala li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent matul il-valutazzjoni*** tar-riskju ambjentali, għandhom ***jerġgħu*** jiġu ***valutati qabel ma jiġi ppreparat sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott armonizzat***.	3. B'deroga mill-Artikolu 69, prodotti mediċinali veterinarji li ***ma ġewx soġġetti għal valutazzjoni*** tar-riskju ambjentali ***fl-Unjoni*** għandhom jiġu ***vvalutati f'konformità mal-Anness II qabel ma jitħejjew kundizzjonijiet tal-użu armonizzati. Għal dan il-għan, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jaġġornaw konsegwentement id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1)(b).***
	3a. B'deroga mill-Artikolu 69, il-prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid fi żmien il-ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 ***u*** 3, il-proċedura għal riferiment tal-interessi tal-Unjoni skont l-Artikoli 84 sa 87 għandha tapplika kif meħtieġ.	4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1***, 3 u 3a***, il-proċedura għal riferiment tal-interessi tal-Unjoni skont l-Artikoli 84 sa 87 għandha tapplika kif meħtieġ.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 175

Proposta għal regolament

Artikolu 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pożizzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni	Pożizzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni
Meta jiġu mitluba mill-grupp ta' koordinazzjoni jew ***mill-Aġenzija***, id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodotti inklużi fi grupp ta' prodotti ***simili*** identifikati għal armonizzazzjoni tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott għandhom jissottomettu informazzjoni dwar il-prodotti tagħhom.	***Fuq talba tal-grupp*** ta' koordinazzjoni jew ***tal-Aġenzija***, id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodotti inklużi fi grupp ta' prodotti identifikati għal armonizzazzjoni tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott ***jew id-detenturi ta' prodott partikolari identifikat għall-armonizzazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni*** għandhom jissottomettu informazzjoni dwar il-prodotti tagħhom.

Emenda 176

Proposta għal regolament

Artikolu 72 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jelaboraw u jżommu sistema għall-ġbir ta' informazzjoni dwar ***ir-riskji*** tal-prodotti mediċinali veterinarji fir-rigward tas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-ambjent ***li tippermettilhom li jissodisfaw ir-responsabbiltajiet*** ta' farmakoviġilanza ***tagħhom*** elenkati fl-Artikoli 73, 76 u 77 ("sistema ta' farmakoviġilanza").	1. ***Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jiżguraw li l-bilanċ bejn ir-riskji u l-benefiċċji tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati jiġi evalwat fuq bażi kontinwa u li tittieħed il-miżura xierqa mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li dan il-bilanċ jibqa' pożittiv għall-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati. Għal dan il-għan,*** id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jelaboraw u jżommu sistema għall-ġbir***, l-investigazzjoni, il-valutazzjoni u l-komunikazzjoni*** ta' informazzjoni dwar ***l-avvenimenti avversi*** tal-prodotti mediċinali veterinarji fir-rigward tas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-ambjent***. Is-sistema għandha sservi biex tikkoordina l-miżuri meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-responsabbiltajiet*** ta' farmakoviġilanza elenkati fl-Artikoli 73, 76 u 77 ("sistema ta' farmakoviġilanza").

Emenda 177

Proposta għal regolament

Artikolu 72 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jissorveljaw is-sistemi ta' farmakoviġilanza tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	2. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jissorveljaw is-sistemi ta' farmakoviġilanza tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ***u ma għandu jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess fir-rigward tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni***.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 178

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni***, l-Aġenzija*** u ***d-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni*** għandhom jikkollaboraw fl-istabbiliment u ***ż-żamma ta ' sistema*** sabiex ***timmonitorja s-sigurtà*** tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati, ***li tippermettilhom li*** jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom kif elenkati ***fl-Artikoli 77*** u ***79 ("sistema ta ' farmakoviġilanza tal-Unjoni")***.	1. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u ***l-Aġenzija*** għandhom jikkollaboraw fl-istabbiliment***, l-interkonnessjoni*** u ***l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi tagħhom*** sabiex ***jimmonitorjaw is-sigurtà, l-effikaċja u l-kwalità*** tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati, ***sabiex*** jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom kif elenkati ***fl-Artikolu 79. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom jistabbilixxu*** u ***jżommu sistema għall-monitoraġġ tas-sigurtà, tal-effikaċja u tal-kwalità tal-prodotti tagħhom, li tippermettilhom jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom kif elenkati fl-Artikoli 77 u 78***.

Emenda 179

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti, l-Aġenzija u d-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa ***u*** għad-detenturi ta' annimali mezzi differenti sabiex jirrappurtawlhom l-avvenimenti li ġejjin, irrispettivament minn jekk l-avveniment ikunx meqjus bħala relatat mal-prodott ***("avvenimenti avversi")***:	2. L-awtoritajiet kompetenti, l-Aġenzija u d-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, għad-detenturi ta' annimali***, għall-awtoritajiet ambjentali tal-Istati Membri u għal partijiet interessati oħra*** mezzi differenti sabiex jirrappurtawlhom l-avvenimenti li ġejjin, irrispettivament minn jekk l-avveniment ikunx meqjus bħala relatat mal-prodott ("avvenimenti avversi"):
(a) kwalunkwe reazzjoni f'annimal għal prodott mediċinali veterinarju jew tal-bniedem, li jkun ta' ħsara u mhux intenzjonat;	(a) kwalunkwe reazzjoni f'annimal għal prodott mediċinali veterinarju jew tal-bniedem, li jkun ta' ħsara u mhux intenzjonat***, irrispettivament minn jekk l-avveniment ikunx meqjus bħala relatat mal-prodott jew jekk dan il-prodott ikunx ingħata skont is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott***;
(b) kwalunkwe osservazzjoni ta' nuqqas ta' effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju ***wara li jiġi amministrat lil annimal skont is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott***;	(b) kwalunkwe osservazzjoni ta' nuqqas ta' effikaċja ta' prodott mediċinali veterinarju***, inkluži sinjali potenzjali ta' reżistenza antimikrobika, wara li jintuża fuq annimal***;
(c) kwalunkwe ***inċident ambjentali osservat*** wara l-għoti ta' prodott mediċinali veterinarju lil annimal;	(c) kwalunkwe ***impatt avvers, mhux mistenni, jew mhux intenzjonat fuq l-ambjent (inkluż l-ilma tal-art u tal-wiċċ)*** wara l-għoti ta' prodott mediċinali veterinarju lil annimal;
(d) kwalunkwe ksur tal-perjodu tal-irtirar wara l-għoti ta' prodott mediċinali veterinarju ***jew tal-bniedem*** lil annimal;	(d) kwalunkwe ksur tal-perjodu tal-irtirar wara l-għoti ta' prodott mediċinali veterinarju lil annimal;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe reazzjoni noċiva fil-bniedem għal prodott mediċinali veterinarju;	(e) kwalunkwe reazzjoni noċiva fil-bniedem għal prodott mediċinali veterinarju;
(f) kwalunkwe sejba ta' sustanza attiva fi prodott ta' annimal għall-konsum li taqbeż il-livelli ta' residwi stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009.	(f) kwalunkwe sejba ta' sustanza attiva fi prodott ta' annimal għall-konsum li taqbeż il-livelli ta' residwi stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009;
	(fa) kwalunkwe trażmissjoni suspettata u mhux intenzjonata ta' xi aġent infettiv permezz ta' prodott mediċinali veterinarju.

Emenda 180

Proposta għal regolament

Artikolu 73 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom, flimkien mal-avvenimenti previsti taħt il-paragrafu 2, jipprovdu lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u lid-detenturi tal-annimali mezzi differenti biex jirrappurtawlhom kwalunkwe reazzjoni f'annimal għal prodott mediċinali tal-bniedem.

Emenda 181

Proposta għal regolament

Artikolu 73a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 73a
	Sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-fattibbiltà ta' sistema ta' rieżami bbażata fuq is-sustanza ('monografiji') u alternattivi oħra potenzjali għall-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tal-prodotti mediċinali veterinarji, li għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposta leġiżlattiva.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 182

Proposta għal regolament

Artikolu 74 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm database tal-Unjoni dwar il-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali veterinarji (id-"database dwar il-farmakoviġilanza").	1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm database tal-Unjoni dwar il-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali veterinarji (id-"database dwar il-farmakoviġilanza")***, marbuta mad-database tal-prodotti mediċinali veterinarji. Id-database tal-Unjoni dwar il-prodotti mediċinali veterinarji għandha tkun l-uniku punt ta' ġbir tal-avvenimenti avversi rrappurtati mid-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni. Iż-żamma tad-database għandha tinkludi l-arkivjar elettroniku tar-rapporti oriġinali, tar-rapporti relatati sussegwenti u tal-kontroll kontinwu tal-kwalità tad-dejta.***

Emenda 183

Proposta għal regolament

Artikolu 74 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***F'kollaborazzjoni*** mal-Istati Membri u ***l-Kummissjoni***, l-Aġenzija għandha tfassal l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali għad-database dwar il-farmakoviġilanza.	2. ***F'konsultazzjoni*** mal-Istati Membri***, il-Kummissjoni*** u ***l-partijiet interessati***, l-Aġenzija għandha tfassal l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali għad-database dwar il-farmakoviġilanza. ***Dawn għandhom jinkludu dejta dwar monitoraġġ ambjentali li tirrapporta effetti mhux mixtieqa fuq speċijiet mhux fil-mira fl-ekosistema, u jestendu sorsi ta' input għas-sistema ta' farmakoviġilanza biex jinkludu l-osservazzjoni u l-monitoraġġ minn speċjalisti li mhumiex neċessarjament veterinarji.***

Emenda 184

Proposta għal regolament

Artikolu 74 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Aġenzija għandha tassigura li l-informazzjoni rrappurtata lid-database dwar il-farmakoviġilanza tittella' u ***ssir disponibbli*** skont l-Artikolu 75.	3. L-Aġenzija għandha tassigura li l-informazzjoni rrappurtata lid-database dwar il-farmakoviġilanza tittella' u ***titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku*** skont l-Artikolu 75.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 185

Proposta għal regolament

Artikolu 74 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Aġenzija għandha tiżgura li t-trasferiment ta' informazzjoni bejn id-database tagħha u d-databases nazzjonali tal-Istati Membri individwali dwar il-farmakoviġilanza jiġi salvagwardjat.

Emenda 186

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' avvenimenti avversi rrappurtati kull sena, maqsuma skont ***il-prodott***, l-ispeċi tal-annimal u t-tip ta' avveniment avvers;	(a) in-numru ta' avvenimenti avversi rrappurtati kull sena, maqsuma skont ***it-tip ta' prodott u s-sustanza attiva***, l-ispeċi tal-annimal u t-tip ta' avveniment avvers;

Emenda 187

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) informazzjoni dwar l-inċidenza ta' avvenimenti avversi.

Emenda 188

Proposta għal regolament

Artikolu 75 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-professjonisti tas-saħħa għandu jkollhom aċċess għad-database dwar il-farmakoviġilanza f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni li ġejja:
	(a) in-numru ta' avvenimenti avversi rrappurtati kull sena, maqsuma skont il-prodott, l-ispeċi tal-annimal u t-tip ta' avveniment avvers;
	(b) dikjarazzjonijiet preċedenti dwar l-istess prodott u n-numru ta' każijiet għal kull speċi fis-sitt xhur preċedenti;
	(c) informazzjoni dwar ir-riżultati tas-sistema ta' detezzjoni tas-sinjali għal prodotti u gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 189

Proposta għal regolament

Artikolu 76 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw ***fid-database dwar il-farmakoviġilanza*** l-avvenimenti avversi kollha li ***kienu rrappurtati lilhom mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa*** u ***d-detenturi ta' annimali u li*** jkunu ***seħħew fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom***, fi żmien ***30*** jum minn meta jkunu ***rċevew ir-rapport tal-avveniment*** avvers.	1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw ***u jivvalutaw*** l-avvenimenti avversi kollha li ***jsiru jafu dwarhom skont l-Artikolu 73 u li jseħħu fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom*** u ***għandhom idaħħluhom minnufih, iżda mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta*** jkunu ***rċevew l-informazzjoni, fid-database dwar il-farmakoviġilanza. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw kwalunkwe avveniment avvers serju fl-annimali, reazzjoni noċiva fil-bnedmin għal prodott mediċinali veterinarju jew inċident ambjentali osservat wara li jingħata prodott mediċinali veterinarju lil annimal*** fi żmien ***15-il*** jum minn meta jkunu ***rċevew tali rapport dwar avveniment*** avvers.

Emenda 190

Proposta għal regolament

Artikolu 76 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jirreġistraw ***fid-database dwar il-farmakoviġilanza*** l-avvenimenti avversi kollha li kienu rrappurtati lilhom mill-professjonisti tal-kura ***tal-saħħa*** u d-detenturi ta' annimali u li jkunu seħħew fi ħdan l-Unjoni jew f'pajjiż terz fir-rigward tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati tagħhom, fi żmien ***30 jum minn meta jkunu rċevew ir-rapport tal-avveniment avvers***.	2. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom jirreġistraw ***u jevalwaw*** l-avvenimenti avversi kollha li kienu rrappurtati lilhom mill-professjonisti tal-kura ***tas-saħħa*** u d-detenturi ta' annimali u li jkunu seħħew fi ħdan l-Unjoni jew f'pajjiż terz fir-rigward tal-prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati tagħhom***. L-avvenimenti avversi serji fl-annimali, ir-reazzjoni noċiva fil-bnedmin għal prodott mediċinali veterinarju u l-inċidenti ambjentali osservati wara li jingħata prodott mediċinali veterinarju lil annimal għandhom jiġu rrappurtati*** fi żmien ***15-il jum wara l-wasla ta' tali rapport dwar avveniment avvers. Avvenimenti avversi inqas serji relatati mal-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji għandhom jiġu rrappurtati mhux aktar tard minn 42 jum wara li tkun waslet l-informazzjoni. Għandhom japplikaw rekwiżiti differenti f'każ ta' avvenimenti avversi osservati fil-provi kliniċi, kif speċifikat fil-linji gwida dwar prattika klinika tajba għall-provi kliniċi***.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 191

Proposta għal regolament

Artikolu 76 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq inizjattiva proprja tagħhom jew fuq talba tal-Aġenzija, jitolbu lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni biex ***jiġbor*** dejta speċifika ta' farmakoviġilanza, ***b'mod partikolari*** fir-rigward tal-użu ta' prodott mediċinali veterinarju fi speċi partikolari ta' annimal, fil-kuntest tas-saħħa pubblika u tal-annimali, is-sigurtà tal-persuni li jamministraw il-prodott, ***u l-protezzjoni*** tal-ambjent. L-awtorità għandha tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet għat-talba u tinforma biha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija.	3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq inizjattiva proprja tagħhom jew fuq talba tal-Aġenzija, jitolbu lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni biex ***jipprovdi*** dejta speċifika ta' farmakoviġilanza, ***pereżempju informazzjoni relatata ma' valutazzjonijiet tar-riskji u l-benefiċċji li jkunu għaddejjin*** fir-rigward tal-użu ta' prodott mediċinali veterinarju fi speċi partikolari ta' annimal, fil-kuntest tas-saħħa pubblika u tal-annimali, is-sigurtà tal-persuni li jamministraw il-prodott, ***jew il-protezzjoni*** tal-ambjent. L-awtorità għandha tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet għat-talba u tinforma biha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija. ***Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom ikunu obbligati jikkonformaw ma' din it-talba qabel skadenza xierqa stabbilita mill-awtorità kompetenti.***

Emenda 192

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkun responsabbli għall-farmakoviġilanza tal-prodotti li għalihom ikollu awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	1. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkun responsabbli għall-farmakoviġilanza tal-prodotti li għalihom ikollu awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ***u għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex iheġġeġ lill-membri tal-professjonijiet tas-saħħa u d-detenturi tal-annimali jirrappurtaw avvenimenti avversi***.

Emenda 193

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-kompiti ta' farmakoviġilanza jkunu ngħataw b'kuntratt mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni lil parti terza, ***dawk l-arranġamenti*** għandhom jiġu stabbiliti ***fid-dettall*** fil-master fajl għas-sistema ta' farmakoviġilanza.	2. Fejn il-kompiti ta' farmakoviġilanza jkunu ngħataw b'kuntratt mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni lil parti terza ***(il-kuntrattur)***, ***ir-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet*** għandhom jiġu stabbiliti ***b'mod espliċitu f'kuntratt u*** fil-master fajl għas-sistema ta' farmakoviġilanza.

Emenda 194

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkollu l-obbligu li jivverifika b'mod regolari li l-kuntrattur qed iwettaq ix-xogħol skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 195

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkollu b'mod permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu persuna kwalifikata ***waħda jew aktar*** responsabbli għall-farmakoviġilanza. ***Dawn il-persuni għandhom ikunu*** residenti u ***joperaw*** fl-Unjoni. ***Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jaħtar persuna kwalifikata waħda biss għal kull master fajl*** għas-sistema ta' farmakoviġilanza.	3. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jkollu b'mod permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu persuna kwalifikata ***kif xieraq*** responsabbli għall-farmakoviġilanza. ***Din il-persuna għandha tkun*** residenti u ***topera*** fl-Unjoni. ***Il-persuna kwalifikata responsabbli għall-farmakoviġilanza tista' tiddelega oqsma speċifiċi ta' xogħol lil persunal imħarreġ b'mod xieraq iżda għandha tibqa' responsabbli għas-sistema ta' farmakoviġilanza tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-profil ta' sigurtà tal-prodotti mediċinali veterinarji tiegħu.***

Emenda 196

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn il-kompiti tal-persuna kwalifikata responsabbli għall-farmakoviġilanza elenkati fl-Artikolu 78 ikunu ngħataw b'kuntratt lil parti terza, ***dawk*** l-arranġamenti għandhom jiġu ***dettaljati fil***-kuntratt.	4. Fejn il-kompiti tal-persuna kwalifikata responsabbli għall-farmakoviġilanza elenkati fl-Artikolu 78 ikunu ngħataw b'kuntratt lil parti terza, l-arranġamenti ***rilevanti*** għandhom jiġu ***stabbiliti b'mod espliċitu f'***kuntratt.

Emenda 197

Proposta għal regolament

Artikolu 77 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni m'għandux jikkomunika informazzjoni dwar avvenimenti avversi lill-pubbliku ġenerali fir-rigward tal-prodott mediċinali veterinarju mingħajr ma ***l-ewwel javża bl-intenzjoni tiegħu*** lill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew lill-Aġenzija meta l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tkun ingħatat skont il-proċedura ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata.	6. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni m'għandux jikkomunika informazzjoni dwar avvenimenti avversi ***u tħassib potenzjali relatat mal-farmakoviġilanza*** lill-pubbliku ġenerali fir-rigward tal-prodott mediċinali veterinarju mingħajr ma ***jibgħat minn qabel kopja ta' dik il-komunikazzjoni*** lill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew lill-Aġenzija meta l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tkun ingħatat skont il-proċedura ta' awtorizzazzjoni ċentralizzata.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 198

Proposta għal regolament

Artikolu 77a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 77a
	Master fajl uniku
	L-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-farmakoviġilanza mwettqa mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandha tiġi deskritta f'master fajl wieħed, li għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Istati Membri. Il-proċeduri ta' valutazzjoni uniċi għal dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri u d-deċiżjonijiet li jirriżultaw għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Unjoni kollha.
	L-awtorità kompetenti għandha toħroġ deċiżjoni dwar din l-awtorizzazzjoni fi żmien 90 jum minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta.
	Il-master fajl uniku għandu jiġi indirizzat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-persuna kwalifikata nominata mid-detentur twettaq l-operazzjonijiet deskritti f'dan il-master fajl. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lid-detentur tal-awtorizzazzjoni u għandha tirreġistraha fid-database tal-Unjoni dwar il-prodotti mediċinali veterinarji flimkien ma' kopja tal-master fajl uniku rilevanti.
	Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu wkoll jinforma lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla sostanzjali li ssir fil-master fajl uniku tiegħu.

Emenda 199

Proposta għal regolament

Artikolu 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Persuna kwalifikata responsabbli għall-farmakoviġilanza	Persuna kwalifikata responsabbli għall-farmakoviġilanza
Il-persuni kwalifikati responsabbli għall-farmakoviġilanza kif imsemmija fl-Artikolu 77(3) għandhom ***iwettqu*** l-kompiti li ġejjin:	Il-persuni kwalifikati responsabbli għall-farmakoviġilanza kif imsemmija fl-Artikolu 77(3) għandhom ***jiżguraw li jitwettqu*** l-kompiti li ġejjin:
(a) ***jelaboraw*** u ***jżommu*** deskrizzjoni dettaljata tas-sistema ***ta'*** farmakoviġilanza użata mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ***fir-rigward tal-prodott mediċinali veterinarju li għalih tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni*** ("master fajl għas-sistema ta' farmakoviġilanza") għall-prodotti kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom;	(a) ***it-tfassil*** u ***ż-żamma ta'*** deskrizzjoni dettaljata tas-sistema ***ta'*** farmakoviġilanza użata mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ("master fajl għas-sistema ta' farmakoviġilanza") għall-prodotti kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom;
(b) ***jallokaw*** numri ta' referenza għall-master fajl tas-sistema ta' farmakoviġilanza u ***jikkomunikaw in-numru*** ta' referenza ***tal-master fajl tal-farmakoviġilanza ta'*** kull prodott ***lid-database tal-prodotti***;	(b) ***l-allokazzjoni ta'*** numri ta' referenza għall-master fajl tas-sistema ta' farmakoviġilanza u ***l-komunikazzjoni tan-numru*** ta' referenza ***rilevanti għad-database tal-prodotti għal*** kull prodott;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jinnotifikaw*** lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija dwar il-post fejn topera l-persuna kwalifikata u fejn is-sistema ta' farmakoviġilanza tkun aċċessibbli fl-Unjoni;	(c) ***in-notifika*** lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija dwar il-post fejn topera l-persuna kwalifikata u fejn is-sistema ta' farmakoviġilanza tkun aċċessibbli fl-Unjoni;
(d) ***jistabbilixxu*** u ***jżommu*** sistema li tassigura li l-avvenimenti avversi kollha li jinġiebu għall-attenzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jinġabru u jiġu rreġistrati sabiex ikunu aċċessibbli tal-anqas f'sit wieħed fl-Unjoni;	(d) ***l-istabbiliment*** u ***ż-żamma ta'*** sistema li tassigura li l-avvenimenti avversi kollha***, inkluži dawk fuq speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent,*** li jinġiebu għall-attenzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jinġabru u jiġu rreġistrati sabiex ikunu aċċessibbli tal-anqas f'sit wieħed fl-Unjoni;
(e) ***jippreparaw ir-rapporti*** tal-avvenimenti avversi msemmija fl-Artikolu 76;	(e) ***it-tħejjija tar-rapporti*** tal-avvenimenti avversi msemmija fl-Artikolu 76;
(f) ***jassiguraw*** li r-rapporti miġbura tal-avvenimenti avversi jiġu rreġistrati fid-database dwar il-farmakoviġilanza;	(f) ***l-iżgurar*** li r-rapporti miġbura tal-avvenimenti avversi jiġu rreġistrati fid-database dwar il-farmakoviġilanza;
(g) ***jassiguraw*** li kwalunkwe talba mill-awtoritajiet kompetenti jew l-Aġenzija għall-għoti ta' informazzjoni addizzjonali neċessarja għall-evalwazzjoni tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' prodott mediċinali veterinarju tiġi mwieġba b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, inkluż l-għoti ta' informazzjoni dwar il-volum tal-bejgħ jew ***il-preskrizzjonijiet tal-prodott*** mediċinali veterinarju kkonċernat;	(g) ***l-iżgurar*** li kwalunkwe talba mill-awtoritajiet kompetenti jew l-Aġenzija għall-għoti ta' informazzjoni addizzjonali neċessarja għall-evalwazzjoni tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' prodott mediċinali veterinarju tiġi mwieġba b'mod sħiħ u mingħajr dewmien, inkluż l-għoti ta' informazzjoni dwar il-volum tal-bejgħ jew ***tar-riċetti li bihom ikun ġie ordnat il-prodott*** mediċinali veterinarju kkonċernat;
(h) ***jipprovdu*** lill-awtoritajiet kompetenti ***tal-Aġenzija*** kwalunkwe informazzjoni rilevanti għas-sejbien ta' bidla fil-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' prodott mediċinali veterinarju, inkluża informazzjoni xierqa dwar l-istudji tas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq;	(h) ***l-għoti,*** lill-awtoritajiet kompetenti ***jew lill-Aġenzija, ta'*** kwalunkwe informazzjoni rilevanti għas-sejbien ta' bidla fil-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' prodott mediċinali veterinarju, inkluża informazzjoni xierqa dwar l-istudji tas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq;
(i) ***jevalwaw*** permezz tas-sistema ta' farmakoviġilanza ***l-informazzjoni*** kollha, billi ***jqisu*** l-opzjonijiet għall-minimizzazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju u billi ***jieħdu*** l-miżuri xierqa jekk ikun meħtieġ;	(i) ***l-evalwazzjoni,*** permezz tas-sistema ta' farmakoviġilanza***, tal-informazzjoni*** kollha, billi ***jitqiesu*** l-opzjonijiet għall-minimizzazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju u billi ***jittieħdu*** l-miżuri xierqa jekk ikun meħtieġ;
(j) ***jimmonitorjaw is-sistema*** ta' farmakoviġilanza u ***jassiguraw*** li jekk ikun meħtieġ, jiġi ppreparat u implimentat pjan ta' azzjoni korrettiva xieraq;	(j) ***il-monitoraġġ tas-sistema*** ta' farmakoviġilanza u ***l-iżgurar*** li jekk ikun meħtieġ, jiġi ppreparat u implimentat pjan ta' azzjoni korrettiva xieraq;
(k) ***jassiguraw*** li l-persunal kollu involut fit-twettiq tal-attivitajiet ta' farmakoviġilanza jirċievi taħriġ kontinwu;	(k) ***l-iżgurar*** li l-persunal kollu involut fit-twettiq tal-attivitajiet ta' farmakoviġilanza jirċievi taħriġ kontinwu ***mfassal għad-dmirijiet tiegħu, fuq bażi kontinwa; il-korsijiet ta' taħriġ jiġu dokumentati u jsir rieżami tal-effikaċja tagħhom;***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) ***jikkomunikaw*** kwalunkwe miżura regolatorja li tittieħed f'pajjiż terz u tkun ibbażata fuq dejta mill-farmakoviġilanza lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija fi żmien 15-il jum minn meta ***jirċievu*** tali informazzjoni.	(l) ***il-komunikazzjoni ta'*** kwalunkwe miżura regolatorja li tittieħed ***fi Stat Membru jew*** f'pajjiż terz u tkun ibbażata fuq dejta mill-farmakoviġilanza lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Aġenzija fi żmien 15-il jum minn meta ***tasal*** tali informazzjoni;
	(la) it-twettiq ta' rieżami annwali tar-riskji u l-benefiċċji għal kull prodott b'kont meħud tad-dejta kollha ta' sorveljanza tal-farmakoviġilanza disponibbli dwar il-prodott ikkonċernat, inkluż il-monitoraġġ tas-sinjali ta' farmakoviġilanza. Dan ir-rieżami għandu jiġi dokumentat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u l-eżitu għandu jiġi rreġistrat fid-database dwar il-farmakoviġilanza. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni ġustifikattiva fir-rigward tal-eżitu tar-rieżami fuq talba tal-awtorità kompetenti nazzjonali jew waqt it-twettiq ta' spezzjoni mwettqa skont l-Artikolu 128;
	(lb) id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkollu l-obbligu li jiżgura li l-persuna kwalifikata responsabbli għall-farmakoviġilanza tkun awtorizzata żżomm u tiżviluppa s-sistema ta' farmakoviġilanza u ttejjeb il-konformità mar-rekwiżiti.

Emenda 200

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw l-avvenimenti avversi kollha rrappurtati lilhom mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u d-detenturi ta' annimali, jimmaniġġjaw ir-riskji u fejn ikun meħtieġ jieħdu l-miżuri msemmija fl-Artikoli minn 130 sa 135 rigward l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni.	1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw l-avvenimenti avversi kollha rrappurtati lilhom ***mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni,*** mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa u d-detenturi ta' annimali, jimmaniġġjaw ir-riskji u fejn ikun meħtieġ jieħdu l-miżuri msemmija fl-Artikoli minn 130 sa 135 rigward l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 201

Proposta għal regolament

Artikolu 79 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom ***jipprovdu fil-ħin lill-pubbliku ġenerali, lill-veterinarji u professjonisti oħra tal-kura tas-saħħa*** l-informazzjoni importanti kollha dwar avvenimenti avversi relatati mal-użu ta' prodott mediċinali veterinarju b'mod elettroniku jew b'mezzi ta' komunikazzjoni oħra pubblikament disponibbli.	4. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom ***jippubblikaw*** l-informazzjoni importanti kollha dwar avvenimenti avversi relatati mal-użu ta' prodott mediċinali veterinarju b'mod elettroniku jew b'mezzi ta' komunikazzjoni oħra pubblikament disponibbli. ***L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li l-veterinarji jirċievu rispons dwar l-avvenimenti avversi rrappurtati u rispons regolari dwar ir-reazzjonijiet avversi kollha rrappurtati.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 203

Proposta għal regolament

Artikolu 80 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorità kompetenti tista' tiddelega kwalunkwe wieħed mill-kompiti fdati lilha kif imsemmija fl-Artikolu 79 lil awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor soġġett għall-qbil bil-miktub ta' dan tal-aħħar.	1. Awtorità kompetenti tista' tiddelega kwalunkwe wieħed mill-kompiti fdati lilha kif imsemmija fl-Artikolu 79 lil awtorità ***pubblika*** kompetenti fi Stat Membru ieħor soġġett għall-qbil bil-miktub ta' dan tal-aħħar.

Emenda 204

Proposta għal regolament

Artikolu 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċess ta' ġestjoni tas-sinjali	Proċess ta' ġestjoni tas-sinjali
1. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw fil-monitoraġġ tad-dejta fid-database dwar il-farmakoviġilanza sabiex jiddeterminaw jekk ikunx hemm xi bidla fil-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodotti mediċinali veterinarji bil-għan li jinstabu riskji għas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-ambjent ("proċess ta' ġestjoni tas-sinjali").	1. ***Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni,*** l-awtoritajiet kompetenti***, awtoritajiet ikkonċernati oħra*** u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw fil-monitoraġġ tad-dejta fid-database dwar il-farmakoviġilanza sabiex jiddeterminaw jekk ikunx hemm xi bidla fil-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodotti mediċinali veterinarji bil-għan li jinstabu riskji għas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-ambjent ("proċess ta' ġestjoni tas-sinjali").
2. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jistabbilixxu gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji li għalihom il-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali jista' jiġi kombinat sabiex jinstabu r-riskji għas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-ambjent.	2. L-awtoritajiet kompetenti u l-Aġenzija għandhom jistabbilixxu gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji li għalihom il-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali jista' jiġi kombinat sabiex jinstabu r-riskji għas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-ambjent.
3. L-Aġenzija u l-grupp ta' ***koordinazzjoni*** għandhom jiftiehmu dwar il-qsim tal-monitoraġġ tad-dejta dwar il-gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji rreġistrati fid-database dwar il-farmakoviġilanza. Għal kull grupp ta' prodotti mediċinali veterinarji, għandha tinħatar awtorità kompetenti jew l-Aġenzija bħala responsabbli għall-monitoraġġ tiegħu ("awtorità tat-tmexxija").	3. L-Aġenzija u l-grupp ta' ***farmakoviġilanza veterinarja*** għandhom jiftiehmu dwar il-qsim tal-monitoraġġ tad-dejta dwar il-gruppi ta' prodotti mediċinali veterinarji rreġistrati fid-database dwar il-farmakoviġilanza. Għal kull grupp ta' prodotti mediċinali veterinarji, għandha tinħatar awtorità kompetenti jew l-Aġenzija bħala responsabbli għall-monitoraġġ tiegħu ("awtorità tat-tmexxija").
4. Ir-riżultati tal-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali għandhom jiġu maqbula mill-awtoritajiet kompetenti u, fejn ikun xieraq, mill-Aġenzija. L-awtorità tat-tmexxija għandha tirreġistra r-riżultati fid-database dwar il-farmakoviġilanza.	4. ***Peress li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni huma s-sors primarju tal-kompetenza u l-informazzjoni dwar prodotti taħt ir-responsabbiltà tagħhom, l-awtorità tat-tmexxija tista', fejn ikun meħtieġ, tikkonsulta magħhom waqt il-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali.*** Ir-riżultati tal-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali għandhom jiġu maqbula mill-awtoritajiet kompetenti u, fejn ikun xieraq, mill-Aġenzija. L-awtorità tat-tmexxija għandha tirreġistra r-riżultati fid-database dwar il-farmakoviġilanza.
5. Fejn ikun meħtieġ, fuq il-bażi tar-riżultati tal-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali msemmi fil-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jew il-Kummissjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa kif imsemmija fl-Artikoli minn 130 sa 135.	5. Fejn ikun meħtieġ, fuq il-bażi tar-riżultati tal-proċess ta' ġestjoni tas-sinjali msemmi fil-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jew il-Kummissjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa kif imsemmija fl-Artikoli minn 130 sa 135.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 205

Proposta għal regolament

Artikolu 82 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità ta' ***3*** snin, l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid f'suq limitat mogħtija skont l-Artikolu 21 għandhom jerġgħu jiġu eżaminati wara applikazzjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. Wara r-rieżami inizjali, hija għandha terġa' tiġi eżaminata kull ***5*** snin.	Qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità ta' ***ħames*** snin, l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid f'suq limitat mogħtija skont l-Artikolu 21 għandhom jerġgħu jiġu eżaminati wara applikazzjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. Wara r-rieżami inizjali, hija għandha terġa' tiġi eżaminata***, jekk ikun meħtieġ,*** kull ***ħames*** snin.

Emenda 206

Proposta għal regolament

Artikolu 83

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 83	***imħassar***
Proċedura għar-rieżami ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni f'ċirkustanzi eċċezzjonali	
1. Qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità ta' sena, l-awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 22 għandhom jerġgħu jiġu eżaminati wara applikazzjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	
2. L-applikazzjoni għal rieżami għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti li tkun tat l-awtorizzazzjoni jew lill-Aġenzija mill-anqas 3 xhur qabel ma tiskadi l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	
3. Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal rieżami, l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandha tibqa' valida sakemm tiġi adottata deċiżjoni dwar l-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni.	
4. L-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni jistgħu fi kwalunkwe ħin jagħtu awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni valida għal perjodu ta' żmien mingħajr limitu, bil-kundizzjoni li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jippreżenta d-dejta komprensiva nieqsa dwar issigurtà u l-effikaċja kif imsemmija fl-Artikolu 22(1).	

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 207

Proposta għal regolament

Artikolu 88 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 5, il-prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 89 u li mhumiex prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi immunoloġiċi, għandhom jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 90.	1. B'deroga mill-Artikolu 5, il-prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 89 u li mhumiex prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi immunoloġiċi, għandhom jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 90. ***Il-prodotti mediċinali veterinarji rreġistrati jew approvati skont ir-regoli nazzjonali qabel il-31 ta' Diċembru 1993 m'għandhomx jiġu affettwati minn dan l-Artikolu.***

Emenda 208

Proposta għal regolament

Artikolu 88 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi li mhumiex soġġetti għall-Artikolu 89(1) għandhom jiġu awtorizzati f'konformità mar-regolamenti ġenerali. Meta t-testijiet tas-sigurtà, il-provi prekliniċi u kliniċi tal-prodotti mediċinali veterinarji omeopatiċi ma jkunux soġġetti għall-Artikolu 89 (1), Stat Membru jista' jintroduċi jew iżomm fit-territorju tiegħu regoli speċifiċi f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi kif prattikati f'dak l-Istat Membru.

Emenda 209

Proposta għal regolament

Artikolu 89 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm grad suffiċjenti ta' dilwizzjoni sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-prodott mediċinali; b'mod partikolari, il-prodott mediċinali m'għandux ikun fih aktar minn parti waħda f'kull 10 000 tat-tintura prinċipali;	(b) ikun hemm grad suffiċjenti ta' dilwizzjoni sabiex tiggarantixxi s-sigurtà tal-prodott mediċinali; b'mod partikolari, il-prodott mediċinali m'għandux ikun fih aktar minn parti waħda f'kull 10 000 tat-tintura prinċipali***, sakemm l-ingredjenti tal-prodott mediċinali ma jkunux inklużi fit-Tabella 1 tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bil-kumment "L-ebda livell massimu ta' residwi (MRL) meħtieġ";***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 210

Proposta għal regolament

Artikolu 90 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isem xjentifiku jew isem ieħor mogħti f'farmakopea tal-ħażna jew ħażniet omeopatiċi, flimkien ma' dikjarazzjoni tar-rotot diversi ta' amministrazzjoni, forom farmaċewtiċi u grad ta' taħlit li għandhom ikunu rreġistrati;	(a) isem xjentifiku jew isem ieħor mogħti f'farmakopea ***jew dokumentat f'monografija*** tal-ħażna jew ħażniet omeopatiċi, flimkien ma' dikjarazzjoni tar-rotot diversi ta' amministrazzjoni, forom farmaċewtiċi u grad ta' taħlit li għandhom ikunu rreġistrati;

Emenda 211

Proposta għal regolament

Artikolu 91 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) minbarra awtorizzazzjoni tal-manifattura, il-manifatturi inkwistjoni għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom prova u konferma ta' konformità mal-prassi tajba ta' manifattura (PTM);

Emenda 212

Proposta għal regolament

Artikolu 91 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Awtorizzazzjoni tal-manifattura m'għandhiex tkun meħtieġa wkoll għall-preparazzjoni, il-mili jew it-tibdil fl-ippakkjar jew fil-preżentazzjoni meta dawn il-proċessi jitwettqu biss għad-distribuzzjoni minn spiżjara fi spiżerija jew minn veterinarji fi prattika veterinarja.

Emenda 302

Proposta għal regolament

Artikolu 92 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) dettalji dwar is-sit tal-manifattura fejn il-prodotti mediċinali veterinarji jridu jiġu mmanifatturati jew ittestjati;	(c) dettalji dwar is-sit tal-manifattura fejn il-prodotti mediċinali veterinarji jridu jiġu mmanifatturati jew ittestjati***, inkluża dejta dwar emissjonijiet, rilaxxi u telf tas-sustanza attiva u l-prekursuri tagħha fl-ambjent***;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 213

Proposta għal regolament

Artikolu 93 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Awtorizzazzjoni tal-manifattura tista' tingħata b'mod kondizzjonali, soġġett għal rekwiżit li l-applikant ***jieħu azzjonijiet jew jintroduċi proċeduri speċifiċi*** fi żmien perjodu speċifikat. L-awtorizzazzjoni tal-manifattura tista' tiġi sospiża jekk dawn ir-rekwiżiti ma jiġux osservati.	5. Awtorizzazzjoni tal-manifattura tista' tingħata b'mod kondizzjonali ***meta jiġu identifikati nuqqasijiet żgħar***, soġġett għal rekwiżit li l-applikant ***jirrettifika n-nuqqasijiet*** fi żmien perjodu speċifikat. L-awtorizzazzjoni tal-manifattura tista' tiġi sospiża jekk dawn ir-rekwiżiti ma jiġux osservati. ***L-awtorizzazzjoni tal-manifattura għandha tiġi rrifjutata jekk il-manifattura tikkawża riskji inaċċettabbli għall-ambjent.***

Emenda 214

Proposta għal regolament

Artikolu 98 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jirrispetta r-regoli dwar il-prassi tajba ta' manifattura għall-prodotti mediċinali stabbiliti fl-Unjoni u juża biss bħala materja prima sustanzi attivi manifatturati skont ir-regoli dwar il-prassi tajba ta' manifattura għall-materja prima stabbilita fl-Unjoni;

Emenda 215

Proposta għal regolament

Artikolu 104 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-provvisti ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti mediċinali veterinarji minn bejjiegħ bl-imnut wieħed m'għandhomx jitqiesu bħala distribuzzjoni bl-ingrossa.***	3. ***L-operazzjonijiet ta' xiri, bejgħ, importazzjoni u esportazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji jew kull tranżazzjoni kummerċjali oħra li għandha x'taqsam ma' dawn il-prodotti mediċinali, għall-qligħ jew le, huma soġġetti għall-pussess ta' awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa tal-prodotti mediċinali veterinarji. Awtorizzazzjoni bħal din m'għandhiex tapplika għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw il-fornitura, min-naħa ta' manifattur, ta' prodotti mediċinali veterinarji manifatturati minnu stess, u lanqas ma għandha tapplika għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji minn persuni awtorizzati biex jeżerċitaw din l-attività skont l-Artikolu 107.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 216

Proposta għal regolament

Artikolu 104 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Abbażi tal-mudell tal-prattiki tajba eżistenti għall-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta l-prinċipji u l-linji gwida ta' prattiki tajba tad-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali veterinarji, li l-bejjiegħa bl-ingrossa huma marbuta li jirrispettaw.

Emenda 217

Proposta għal regolament

Artikolu 104 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Il-bejjiegħa bl-ingrossa m'għandhomx jixtru l-provvižjon tagħhom ta' prodotti mediċinali ħlief mingħand il-manifattur, persuna nominata mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni jew minn persuni li huma stess għandhom awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa.

Emenda 218

Proposta għal regolament

Artikolu 104 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-bejjiegħa bl-ingrossa għandhom jirrispettaw l-obbligi stabbiliti fil-punti (ca) u (cc) tal-Artikolu 105(3) fir-rigward tal-forniment ta' prodotti mediċinali.

Emenda 219

Proposta għal regolament

Artikolu 105 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu persunal teknikament kompetenti u bini xieraq u suffiċjenti li ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-ħażna u l-immaniġġjar ta' prodotti mediċinali veterinarji;	(a) ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu persunal teknikament kompetenti u bini xieraq u suffiċjenti***, aċċessibbli f'kull mument għar-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti,*** li ***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-ħażna u l-immaniġġjar ta' prodotti mediċinali veterinarji;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 220

Proposta għal regolament

Artikolu 105 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fir-rigward tal-forniment ta' prodotti mediċinali lil persuni awtorizzati sabiex iwettqu attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut fl-Istat Membru skont l-Artikolu 107(1), ikun jista' jiggarantixxi varjetà adegwata ta' prodotti mediċinali li jilħqu l-bżonnijiet tat-territorju li qed jiġi fornut u jiżgura t-twassil tal-provvisti mitluba fi żmien qasir ħafna fit-territorju msemmi kollu kemm hu;

Emenda 221

Proposta għal regolament

Artikolu 105 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) jiżgura, fil-limiti tar-responsabbiltà tiegħu, provvista xierqa u kontinwa ta' prodotti mediċinali lill-persuni awtorizzati biex iwettqu attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut fl-Istat Membru skont l-Artikolu 107(1), b'mod li jiġu koperti l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali tal-Istat Membru kkonċernat;

Emenda 222

Proposta għal regolament

Artikolu 105 – paragrafu 3 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) ikun jista' jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull waqfien fil-provvista ta' stokkijiet li jista' jikkawża dannu għall-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 223

Proposta għal regolament

Artikolu 106a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 106a
	Persuni kwalifikati
	1. Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għad-distribuzzjoni bl-ingrossa għandu jagħmel użu permanenti u kontinwu mis-servizzi ta' mill-inqas persuna waħda kwalifikata li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, li għandha tkun responsabbli, b'mod partikolari, biex twettaq il-kompitu speċifikat fl-Artikolu 104.
	2. Persuni kwalifikati għandu jkollhom diploma, ċertifikat, jew kwalunkwe għamla oħra ta' prova li turi li dawn huma kwalifikati kif suppost u jkunu kisbu esperjenza suffiċjenti ta' distribuzzjoni bl-ingrossa. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni jista' jassumi r-responsabbiltà msemmija fil-paragrafu 1, jekk dik il-persuna stess jissodisfa dawk il-kundizzjonijiet kif speċifikati hawn fuq.
	3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-obbligi tal-persuni kwalifikati msemmija fl-Artikolu 100 jiġu ssodisfati, permezz ta' miżuri amministrattivi xierqa jew billi tali persuni jsiru soġġetti għal kodiċi ta' kondotta professjonali. L-awtorità kompetenti tista' tissospendi temporanjament lil tali persuni wara li jibdew proċeduri amministrattivi jew dixxiplinarji kontrihom għax ma jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 224

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-persuni kwalifikati sabiex jordnaw prodotti mediċinali veterinarji skont il-liġi nazzjonali applikabbli għandhom ibigħu prodotti antimikrobiċi biss għal annimali li jkunu taħt il-kura tagħhom, u fl-ammont biss li jkun meħtieġ għall-kura kkonċernata.	2. Il-persuni kwalifikati sabiex jordnaw prodotti mediċinali veterinarji skont il-liġi nazzjonali applikabbli għandhom ibigħu prodotti antimikrobiċi biss għal annimali li jkunu taħt il-kura ***immedjata*** tagħhom, ***soġġett għal dijanjożi veterinarja bbażata fuq eżami kliniku tal-annimal(i) kkonċernat(i),*** u fl-ammont biss li jkun meħtieġ għall-kura kkonċernata. ***Fil-każ ta' annimali għall-konsum, il-kontinwazzjoni tal-kura permezz ta' prodotti antimikrobiċi għandha tiġi deċiża abbażi ta' eżami kliniku ġdid min-naħa ta' veterinarju.***

Emenda 225

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet aktar iebsa, ġustifikati għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, saħħa tal-annimali u protezzjoni ambjentali, għall-bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji fit-territorju tagħhom, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ikunu proporzjonati għar-riskju u ma jirrestringux bla bżonn il-funzjonament tas-suq intern.

Emenda 226

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Għandha tkun ipprojbita kwalunkwe parteċipazzjoni kummerċjali f'kumpaniji li jinnegozjaw, jimmanifatturaw jew jimportaw prodotti mediċinali veterinarji.

Emenda 227

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Fid-dawl tar-riskji marbuta mar-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-kumpaniji farmaċewtiċi m'għandhom jagħtu ebda inċentiv ekonomiku fi kwalunkwe forma, direttament jew indirettament, lil min jippreskrivi mediċini veterinarji.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 228

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-bejjiegħa bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji għandhom iżommu rekords dettaljati tal-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull xiri u bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji:	3. Il-bejjiegħa bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji għandhom iżommu rekords dettaljati tal-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull xiri u bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji ***li jistgħu jinkisbu biss b'riċetta***:

Emenda 229

Proposta għal regolament

Artikolu 107 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jqisu li jkun neċessarju, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-obbligu taż-żamma tar-rekords imsemmija hawn fuq ikun japplika bl-istess mod għax-xiri u l-bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji mingħajr riċetta.

Emenda 230

Proposta għal regolament

Artikolu 108

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji mill-bogħod	Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji mill-bogħod
1. Persuni awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji skont l-Artikolu 107(1) jistgħu joffru prodotti mediċinali veterinarji ***permezz*** ta' ***servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fis-sens tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([28]) lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni bil-kundizzjoni li ***dawk il-prodotti mediċinali jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.***	1. Persuni awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji skont l-Artikolu 107(1) jistgħu joffru prodotti mediċinali veterinarji***, bl-eċċezzjoni*** ta' ***antimikrobiċi, prodotti mediċinali psikotropiċi u bijoloġiċi jew immunoloġiċi, fuq l-internet*** lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni bil-kundizzjoni li:
	(a) il-prodotti mediċinali veterinarji u r-riċetti jkunu konformi mal-liġi tal-Istat Membru ta'destinazzjoni;
	(b) il-persuna fiżika jew ġuridika li toffri l-prodotti mediċinali veterinarji tkun awtorizzata jew kwalifikata biex tforni prodotti mediċinali veterinarji lill-pubbliku bir-riċetta u mingħajrha, anke mill-bogħod, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fiha tkun stabbilita dik il-persuna;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) il-persuna msemmija fil-punt (a) tkun innotifikat tal-inqas l-informazzjoni li ġejja lill-Istat Membru tal-istabbiliment:
	(i) l-isem jew l-isem tal-kumpanija u l-indirizz permanenti tal-post tan-negozju minn fejn jiġu fornuti l-prodotti mediċinali veterinarji;
	(ii) id-data li fiha ġew offruti għall-bejgħ mill-boġħod lill-pubbliku permezz tal-internet l-ewwel prodotti mediċinali veterinarji;
	(iii) l-indirizz tas-sit elettroniku użat għal dak l-iskop u l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa sabiex jiġi identifikat dak is-sit elettroniku.
	1a. Għal raġunijiet ta' saħħa pubblika jew tal-annimali, benesseri tal-annimali jew protezzjoni ambjentali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jillimitaw jew jikkundizzjonaw, jew it-tnejn, il-bejgħ mill-boġħod fuq l-internet għall-pubbliku ta' prodotti mediċinali veterinarji fit-territorju tagħhom jew ta' prodotti mediċinali veterinarji suġġetti għal riċetta għal annimali li jipproduċu l-ikel.
2. Minbarra r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]), is-siti elettroniċi li joffru prodotti mediċinali veterinarji għandhom jinkludu mill-anqas:	2. Minbarra r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]) ***u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([29a]), is-siti elettroniċi li joffru prodotti mediċinali veterinarji għandhom jinkludu mill-anqas:
(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-bejjiegħ bl-imnut li joffri l-prodotti mediċinali veterinarji;	(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-bejjiegħ bl-imnut li joffri l-prodotti mediċinali veterinarji;
(b) hyperlink għas-sit elettroniku tal-Istat Membru tal-istabbiliment stabbilit skont il-paragrafu 5;	(b) hyperlink għas-sit elettroniku tal-Istat Membru tal-istabbiliment stabbilit skont il-paragrafu 5;
(c) il-logo komuni stabbilit skont il-paragrafu 3 muri b'mod ċar fuq kull paġna tas-sit elettroniku li jirrigwarda l-offerta għall-bejgħ mill-boġħod lill-pubbliku, ta' prodotti mediċinali veterinarji, u li jinkludi hyperlink għad-dħul tal-bejjiegħ bl-imnut fil-lista tal-bejjiegħa bl-imnut awtorizzati msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 5.	(c) il-logo komuni stabbilit skont il-paragrafu 3 muri b'mod ċar fuq kull paġna tas-sit elettroniku li jirrigwarda l-offerta għall-bejgħ mill-boġħod lill-pubbliku, ta' prodotti mediċinali veterinarji, u li jinkludi hyperlink għad-dħul tal-bejjiegħ bl-imnut fil-lista tal-bejjiegħa bl-imnut awtorizzati msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 5.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għandu jiġi stabbilit logo komuni li jintgħaraf madwar l-Unjoni kollha, filwaqt li jippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-persuna li toffri prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod. Il-logo għandu jintwera b'mod ċar fuq is-siti elettroniċi li joffru prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod.	3. Għandu jiġi stabbilit logo komuni li jintgħaraf madwar l-Unjoni kollha, filwaqt li jippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-persuna li toffri prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod. Il-logo għandu jintwera b'mod ċar fuq is-siti elettroniċi li joffru prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-disinn tal-logo komuni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-disinn tal-logo komuni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2).
5. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sit elettroniku dwar il-bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji mill-bogħod, li mill-anqas jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:	5. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sit elettroniku dwar il-bejgħ ta' prodotti mediċinali veterinarji mill-bogħod, li mill-anqas jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:
(a) informazzjoni dwar ***il-leġislazzjoni*** nazzjonali tiegħu applikabbli għall-offerta ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod ***lill-pubbliku permezz tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni***, inkluża informazzjoni dwar il-fatt li jista' jkun hemm differenzi bejn l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni tal-provvista tal-prodotti mediċinali veterinarji;	(a) informazzjoni dwar ***il-leġiżlazzjoni*** nazzjonali tiegħu applikabbli għall-offerta ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod ***fuq l-internet***, inkluża informazzjoni dwar il-fatt li jista' jkun hemm differenzi bejn l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni tal-provvista tal-prodotti mediċinali veterinarji;
(b) informazzjoni dwar il-logo komuni;	(b) informazzjoni dwar il-logo komuni;
(c) lista tal-bejjiegħa bl-imnut stabbiliti fl-Istat Membru li huma awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku ***permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni*** skont il-paragrafu 1 kif ukoll l-indirizzi tas-siti elettroniċi ta' dawk il-bejjiegħa bl-imnut.	(c) lista tal-bejjiegħa bl-imnut stabbiliti fl-Istat Membru li huma awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku ***fuq l-internet*** skont il-paragrafu 1 kif ukoll l-indirizzi tas-siti elettroniċi ta' dawk il-bejjiegħa bl-imnut***; u hyperlink għas-sit elettroniku tal-Aġenzija mwaqqfa skont il-paragrafu 6;***
	(ca) informazzjoni rigward il-proċeduri applikabbli għar-rimi sikur ta' mediċini, bl-indikazzjoni tal-korp pubbliku jew privat responsabbli fil-livell nazzjonali jew lokali għar-rimi tar-residwi farmaċewtiċi veterinarji u l-punti tal-ġbir disponibbli mingħajr ħlas għar-rimi nnifsu;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) hyperlinks għas-siti elettroniċi tal-korpi responsabbli f'kull Stat Membru biex jidentifikaw il-bejjiegħa nazzjonali awtorizzati.
Is-siti elettroniċi stabbiliti mill-Istati Membri għandu jkun fihom hyperlink għas-sit elettroniku tal-Aġenzija stabbilit skont il-paragrafu 6.	
6. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi sit elettroniku li jipprovdi informazzjoni dwar il-logo komuni. Is-sit elettroniku tal-Aġenzija għandu jsemmi b'mod espliċitu li s-siti tal-Istati Membri jinkludu informazzjoni dwar il-persuni awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod ***permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni*** fl-Istat Membru kkonċernat.	6. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi sit elettroniku li jipprovdi informazzjoni dwar il-logo komuni. Is-sit elettroniku tal-Aġenzija għandu jsemmi b'mod espliċitu li s-siti tal-Istati Membri jinkludu informazzjoni dwar il-persuni awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod ***fuq l-internet*** fl-Istat Membru kkonċernat. ***Is-sit elettroniku tal-Aġenzija għandu jkun konness mal-paġni elettroniċi tal-korp responsabbli ta' kull Stat Membru fejn huma elenkati l-bejjiegħa awtorizzati fl-Istati Membri.***
7. L-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet, ġustifikati abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, għall-bejgħ bl-imnut fit-territorju tagħhom, ta' prodotti mediċinali offruti għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.	
	7a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li persuni barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 li joffru prodotti mediċinali veterinarji għall-bejgħ mill-bogħod lill-pubbliku permezz tal-internet u li joperaw fit-territorju tagħhom ikunu soġġetti għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi fil-każ ta' abbuż jew prattika illegali jew nuqqas ta' azzjoni skont il-kodiċi ta' kondotta professjonali tagħhom.
	7b. Sa mhux aktar tard minn (sitt) xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida li jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' sistema armonizzata ta' riċetti diġitali madwar l-Unjoni, inkluži miżuri għall-kontroll ta' riċetti veterinarji transkonfinali.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. Abbażi tal-linji gwida msemmija fil-paragrafu 7b, l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġati jiżviluppaw sistema ta' riċetti diġitali fil-livell nazzjonali, sabiex jinkludu miżuri għat-twassil u l-kontroll tar-riċetti. L-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġati wkoll jistabbilixxu sistema li tiffaċilita s-sottomissjoni elettronika tar-riċetti permezz ta' database nazzjonali, konnessa direttament mal-ispiżeriji kollha (dawk b'ħanut jew fuq l-internet), mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u mal-veterinarji.
([28]) ***Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).***	
([29]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') (ĠU L 178,17.7.2000, p. 1).	([29]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).
	([29a]) ***Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).***

Emenda 231

Proposta għal regolament

Artikolu 109 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali ***veterinarji*** anaboliċi, antiinfettivi, ***antiparasittiċi***, antiinfjammatorji, ormonali jew psikotropiċi	Bejgħ bl-imnut ***biss*** ta' prodotti mediċinali ***soġġetti għal riċetta jew sustanzi attivi bi proprjetajiet*** anaboliċi, antiinfettivi, ***antiparassitiċi***, antiinfjammatorji, ormonali***, immunoloġiċi*** jew psikotropiċi

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 232

Proposta għal regolament

Artikolu 109 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Manifatturi, distributuri bl-ingrossa u bejjiegħa bl-imnut biss ***speċifikament*** awtorizzati biex jagħmlu dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli għandhom ikunu permessi li jfornu u jixtru prodotti mediċinali veterinarji li għandhom proprjetajiet anaboliċi, antiinfettivi, ***antiparassittiċi***, antiinfjammatorji, ormonali jew psikotropiċi jew sustanzi li jistgħu jintużaw bħala prodotti mediċinali veterinarji li għandhom dawn il-proprjetajiet.	1. Manifatturi, distributuri bl-ingrossa u bejjiegħa bl-imnut biss awtorizzati biex jagħmlu dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli għandhom ikunu permessi li jfornu u jixtru prodotti mediċinali veterinarji li ***jingħataw biss b'riċetta u li*** għandhom proprjetajiet anaboliċi, antiinfettivi, ***antiparassitiċi***, antiinfjammatorji, ormonali***, immunoloġiċi*** jew psikotropiċi jew sustanzi li jistgħu jintużaw bħala prodotti mediċinali veterinarji li għandhom dawn il-proprjetajiet. ***Fil-każ ta' annimali li ma jipproduċux l-ikel (jiġifieri annimali żgħar u tal-kumpanija), il-bejjiegħa bl-imnut kollha – li jvarjaw minn supermarkets, ħwienet tal-annimali domestiċi, għal spiżeriji (veterinarji) tradizzjonali u online – għandhom jitħallew ibigħu prodotti antiparassitiċi u antiinfjammatorji, mingħajr il-ħtieġa li jkunu speċifikament awtorizzati li jagħmlu dan.***

Emenda 233

Proposta għal regolament

Artikolu 109 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dawn il-manifatturi u l-forituri għandhom iżommu rekords dettaljati tal-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull tranżazzjoni ta' xiri u bejgħ:	3. Dawn il-manifatturi u l-forituri għandhom iżommu rekords dettaljati tal-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull tranżazzjoni ta' xiri u bejgħ ***ta' prodotti mediċinali veterinarji soġġetti għal riċetta***:

Emenda 234

Proposta għal regolament

Artikolu 109 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-isem u l-indirizz tal-fornitur fil-każ ta' xiri***, jew tar-riċevitur fil-każ ta' bejgħ***.	(d) l-isem u l-indirizz tal-fornitur fil-każ ta' xiri.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 235

Proposta għal regolament

Artikolu 110

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Riċetti veterinarji	Riċetti veterinarji
1. Riċetta veterinarja għandu jkun fiha mill-anqas l-elementi li ġejjin ("rekwiżiti minimi"):	1. Riċetta veterinarja għandu jkun fiha mill-anqas l-elementi li ġejjin ("rekwiżiti minimi"):
(a) identifikazzjoni tal-annimal li jkun qed jingħata l-kura;	(a) identifikazzjoni tal-annimal ***jew tal-klassi tal-annimal*** li jkun qed jingħata l-kura ***u l-kundizzjoni li tkun qed tiġi kkurata;***
(b) l-isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt tas-sid jew l-indokratur tal-annimal;	(b) l-isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt tas-sid jew l-indokratur tal-annimal;
(c) id-data tal-ħruġ:	(c) id-data tal-ħruġ;
(d) l-isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt, il-kwalifiki u n-numru tas-sħubija professjonali tal-persuna li tikteb ir-riċetta;	(d) l-isem sħiħ u d-dettalji ta' kuntatt, il-kwalifiki u n-numru tas-sħubija professjonali tal-persuna li tikteb ir-riċetta;
(e) firma jew forma elettronika ekwivalenti tal-identifikazzjoni tal-persuna li ***tikteb*** ir-riċetta;	(e) firma jew forma elettronika ekwivalenti tal-identifikazzjoni tal-persuna li ***toħroġ*** ir-riċetta;
(f) l-isem tal-prodott ordnat;	(f) l-isem tal-prodott ordnat ***u s-sustanza(i) attiva(i)***;
(g) il-forma farmaċewtika (pillola, soluzzjoni, eċċ.);	(g) il-forma farmaċewtika (pillola, soluzzjoni, eċċ.);
(h) il-kwantità;	(h) il-kwantità***, u f'każijiet fejn it-trattament ikollu jiġi ripetut, dan għandu jinkludi wkoll in-numru ta' drabi li jista' jiġi ripetut***;
(i) is-saħħa.	(i) is-saħħa;
(j) l-iskeda ta' dożaġġ;	(j) l-iskeda ta' dożaġġ;
(k) il-perjodu tal-irtirar jekk ikun rilevanti;	(k) il-perjodu tal-irtirar jekk ikun rilevanti;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) kwalunkwe twissija neċessarja;	(l) kwalunkwe twissija ***u restrizzjoni*** neċessarja***, inkluži, jekk ikunu rilevanti, ir-riskji involuti fl-użu irresponsabbli ta' antimikrobiċi***;
(m) jekk prodott jiġi ordnat għal kundizzjoni li ma tkunx imsemmija fl-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-prodott, dikjarazzjoni f'dak ir-rigward.	(m) jekk prodott jiġi ordnat għal kundizzjoni li ma tkunx imsemmija fl-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' dak il-prodott, dikjarazzjoni f'dak ir-rigward;
	(ma) il-perjodu ta' validità tar-riċetta.
2. Riċetta veterinarja għandha tinħareġ biss minn persuna kwalifikata biex tagħmel dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli.	2. Riċetta veterinarja għandha tinħareġ biss minn ***veterinarju jew*** persuna ***oħra*** kwalifikata biex tagħmel dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli***, wara valutazzjoni xierqa tal-qagħda ta' saħħet l-annimal ikkonċernat***.
	2a. Riċetta veterinarja ta' prodott mediċinali veterinarju li jkollu proprjetajiet jew sustanzi anaboliċi, antiinfettivi, antiinfjammatorji (minbarra antelmintiċi), kontra l-kanċer, ormonali jew psikotropiċi għandha tinħareġ biss minn veterinarju wara eżami kliniku u dijanjożi.
3. Meta prodott mediċinali veterinarju jiġi fornut b'riċetta, il-kwantità ordnata u fornuta għandha tkun ristretta għall-ammont meħtieġ għall-kura jew it-terapija kkonċernata.	3. Meta prodott mediċinali veterinarju jiġi fornut b'riċetta, il-kwantità ordnata u fornuta għandha tkun ristretta għall-ammont meħtieġ għall-kura jew it-terapija kkonċernata. ***Il-kwantità massima ta' prodotti mediċinali veterinarji maħruġa f'darba m'għandhiex, madankollu, tkun akbar minn trattament ta' xahar. Fil-każ ta' mard kroniku u trattamenti perjodiċi, il-kwantità massima m'għandhiex tkun akbar minn trattament ta' tliet xhur.***
4. Ir-riċetti veterinarji għandhom ***jiġu*** rikonoxxuti madwar l-Unjoni kollha. Prodott mediċinali veterinarju ordnat b'riċetta għandu jiġi fornut skont il-liġi nazzjonali applikabbli.	4. Ir-riċetti veterinarji ***maħruġa minn veterinarju*** għandhom ***ikunu*** rikonoxxuti madwar l-Unjoni kollha. Prodott mediċinali veterinarju ordnat b'riċetta għandu jiġi fornut skont il-liġi nazzjonali applikabbli.
	Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għar-riċetti maħruġa taħt iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali stabbiliti fl-Artikoli 115 u 116. Dawk l-Istati Membri li jirrikonoxxu riċetti fis-sistemi nazzjonali tagħhom maħruġa minn kwalunkwe persuna għajr il-veterinarju għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni, li mbagħad għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Istati Membri kollha.

Emenda 236

Proposta għal regolament

Artikolu 110 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. It-tneħħija ta' ostakoli regolatorji u amministrattivi għal dan ir-rikonoxximent m'għandux jaffettwa kwalunkwe dmir professjonali jew etiku tal-professjonisti li jagħtu l-mediċini li jirrifjutaw li jagħtu l-mediċina msemmija fir-riċetta.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 237

Proposta għal regolament

Artikolu 111 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom jintużaw skont it-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.	1. Il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom jintużaw ***b'mod responsabbli skont il-prinċipju ta' trobbija tajba tal-annimali u*** skont it-termini tal-awtorizzazzjoni ***għall-kummerċjalizzazzjoni jew tar-reġistrazzjoni jekk ma tkunx meħtieġa awtorizzazzjoni*** għall-kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 238

Proposta għal regolament

Artikolu 111 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-mediċini veterinarji antimikrobiċi m'għandhom taħt l-ebda ċirkustanza jintużaw biex titjieb il-prestazzjoni jew biex jikkumpensaw għal trobbija ħażina tal-annimali. L-użu profilattiku ta' rutina tal-antimikrobiċi huwa pprojbit. L-użu profilattiku tal-antimikrobiċi għandu jkun awtorizzat biss għall-mediċini veterinarji fuq annimali individwali u meta jkun ġustifikat bis-sħiħ minn veterinarju b'indikazzjonijiet eċċezzjonali, li l-Aġenzija għandha tfassal lista tagħhom.
	L-użu metafilattiku tal-mediċini veterinarji antimikrobiċi għandu jkun ristrett għall-użu f'annimali klinikament morda u għal dawk l-annimali li huma identifikati bħala f'riskju għoli ta' kontaminazzjoni, biex jiġi evitat it-tixrid ulterjuri tal-marda fil-grupp. Jekk dawn il-prodotti jkunu se jintużaw għal metafilassi mhux ta' rutina, il-proprjetarji u l-indokraturi ta' annimali li jipproduċu l-ikel għandhom jiżguraw li jkollhom pjan ta' saħħa li jispeċifika miżuri mhux mediċi adegwati biex jitnaqqas il-bżonn li jirrikorru għal użu metafilattiku fil-futur. Barra minn hekk, dawn għandu jkollhom l-obbligu li jikkonformaw mal-miżuri li ġejjin:
	(i) użu ta' stokk ta' trobbija b'saħħtu u tajjeb b'diversità ġenetika adatta;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii) kundizzjonijiet li jirrispettaw il-ħtiġijiet ta' imġiba tal-ispeċijiet, inklużi interazzjonijiet/ġerarkiji soċjali;
	(iii) densitajiet ta' stokkijiet li ma jżidux ir-riskju ta' trażmissjoni ta' mard;
	(iv) iżolament tal-annimali morda 'l bogħod mill-bqija tal-grupp;
	(v) għat-tiġieġ u annimali iżgħar, suddivižjoni tal-merħliet fi gruppi iżgħar u separati fiżikament;
	(vi) implimentazzjoni tar-regoli eżistenti dwar il-benesseri tal-annimali diġà previsti fl-ambitu tal-kundizzjonalità fil-qafas tar-Regolament orizzontali (UE) Nru. 1306/2013, l-Anness II, SMRs 11, 12, 13 tal-Politika Agrikola Komuni.
	(Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23), id-Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tniżżel il-livelli minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33), id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tipprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28))

Emenda 239

Proposta għal regolament

Artikolu 111a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 111a
	Forniment u użu ta' antimikrobiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jirrestringu jew jipprojbixxu l-forniment jew l-użu, jew it-tnejn, ta' ċerti antimikrobiċi fl-annimali fit-territorju tagħhom jekk tiġi ssodisfata xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(a) l-antimikrobiċi huma ta' importanza kritika għall-użu fil-bniedem; jew
	(b) l-amministrazzjoni tal-antimikrobiċi fuq l-annimali tmur kontra l-implimentazzjoni ta' politika nazzjonali dwar l-użu prudenti tal-antimikrobiċi u li l-politika tkun konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni.
	2. Qabel jiġu adottati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu ġew ikkonsultati.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3. Il-miżuri adottati mill-Istati Membri abbażi tal-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati u mhux iżjed restrittivi fuq il-kummerċ minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali.
	4. Stat Membru li jadotta miżura abbażi tal-paragrafu 1 għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Emenda 240

Proposta għal regolament

Artikolu 112 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-sidien jew, fejn l-annimali ma jkunux miżmuma missidien, l-indokraturi ta' annimali għall-konsum għandhom iżommu rekords tal-prodotti mediċinali veterinarji li jużaw u, jekk applikabbli, kopja tar-riċetta veterinarja.	1. Is-sidien jew, fejn l-annimali ma jkunux miżmuma missidien, l-indokraturi ta' annimali għall-konsum għandhom iżommu rekords tal-prodotti mediċinali veterinarji ***bir-riċetta tal-veterinarju u tal-prodotti mediċinali veterinarji b'perjodu tal-irtirar li jkun iżjed minn xejn*** li jużaw u, jekk applikabbli, kopja tar-riċetta veterinarja.

Emenda 241

Proposta għal regolament

Artikolu 112 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-data tal-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju lill-annimal;	(a) id-data tal-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju lill-annimal ***u l-marda trattata***;

Emenda 242

Proposta għal regolament

Artikolu 112 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-isem*** il-fornitur u l-indirizz tiegħu;	(d) ***isem*** il-fornitur u l-indirizz tiegħu ***u, jekk applikabbli, kopja tan-nota tal-kunsinna***;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 243

Proposta għal regolament

Artikolu 112 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-identifikazzjoni tal-annimali trattati;	(e) l-identifikazzjoni tal-annimali trattati ***u d-dijanjożi tal-marda trattata***;

Emenda 244

Proposta għal regolament

Artikolu 112 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-dettalji li jkunu diġà fir-riċetta jew f'nota tal-kunsinna m'għandhomx bżonn jerġgħu jiġu rreġistrati jekk tista' ssir referenza ċara għar-riċetta korrispondenti u għan-nota tal-kunsinna.

Emenda 245

Proposta għal regolament

Artikolu 112a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 112a
	Eżami tal-frekwenza tat-terapija
	1. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tidentifika, abbażi tal-ammonti determinati skont l-Artikolu 112, għal kull nofs sena, l-għadd medju ta' trattamenti b'sustanzi antibatteriċi effettivi u l-frekwenza tat-trattament skont standard Ewropew ewlieni, abbażi tan-negozju partikolari u t-tip partikolari ta' annimali miżmuma, b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' użu.
	2. L-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinforma lill-bidwi f'konformità mal-paragrafu 1 dwar il-frekwenza tat-terapija biannwali għall-ispeċi partikolari ta' annimali miżmuma minnu b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' użu tagħhom.
	3. L-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1 mill-awtorità nazzjonali kompetenti tiġi evalwata mill-Kummissjoni Ewropea u mqabbla madwar l-Unjoni.
	4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu dejta ulterjuri.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 246

Proposta għal regolament

Artikolu 112b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 112b
	Tnaqqis tal-approċċi terapewtiċi bbażati fuq sustanzi antibatteriċi
	1. Sabiex jiġi ffaċilitat it-tnaqqis effettiv rigward l-użu ta' farmaċewtiċi li fihom sustanzi antibatteriċi, kull min huwa involut fit-trobbija tal-annimali għandu:
	(a) jiddetermina, rispettivament, xahrejn wara l-iżvelar taċ-ċifri ewlenin dwar il-prevalenza tat-terapija stabbilita f'konformità mal-Artikolu 112(b), jekk il-prevalenza tat-terapija biannwali li tikkonċerna l-ispeċi tal-annimali mrobbija tiegħu, u b'kunsiderazzjoni tat-tip tal-użu waqt perjodu ta' ħin li jkun għadda, tkunx ogħla mill-medja tal-prevalenza tat-terapija;
	(b) jirreġistra minnufih ir-riżultati tal-valutazzjoni skont il-punt 1.
	2. F'każ fejn il-prevalenza tat-terapija biannwali operattiva ta' dak li jrabbi l-annimali fir-rigward tan-negozju tiegħu tkun ogħla mill-medja biannwali, dak li jrabbi l-annimali b'konsultazzjoni ma' veterinarju għandu jivvaluta r-raġunijiet li setgħu wasslu biex tinqabeż il-medja, u kif tista' titnaqqas il-kura tal-merħla tiegħu b'farmaċewtiċi li jkun fihom sustanzi antibatteriċi.
	Jekk il-valutazzjoni ta' dak li jrabbi l-annimali tasal għal riżultat li terapija permezz tal-farmaċewtiċi kkonċernati tista' titnaqqas, dak li jrabbi l-annimali għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex iwettaq it-tnaqqis. Dak li jrabbi l-annimali għandu jqis il-benesseri tal-merħla tiegħu u jiggarantixxi l-kura medika meħtieġa.
	3. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw miżuri li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti msemmija hawn fuq.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 247

Proposta għal regolament

Artikolu 115 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 111, meta ma jkun hemm l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fi Stat Membru għal kundizzjoni li taffettwa annimal mhux għall-konsum, il-veterinarju responsabbli jista', taħt ir-responsabbiltà personali diretta tiegħu/tagħha u ***b'mod partikolari biex jevita l-ikkawżar ta' tbatija mhux aċċettabbli***, jikkura b'mod eċċezzjonali lill-annimal ikkonċernat ***b'dan*** li ***ġej***:	1. B'deroga mill-Artikolu 111, meta ma jkun hemm l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fi Stat Membru għal kundizzjoni li taffettwa annimal mhux għall-konsum, il-veterinarju responsabbli jista', taħt ir-responsabbiltà personali diretta tiegħu/tagħha u ***fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimal***, jikkura b'mod eċċezzjonali lill-annimal ikkonċernat ***b'dawn*** li ***ġejjin, f'ordni ta' preferenza dekrexxenti***:
(a) prodott mediċinali	(a) ***kwalunkwe*** prodott mediċinali ***veterinarju awtorizzat skont dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' prodotti antimikrobiċi użati bħala miżura profilattika ta' rutina, sakemm mhux speċifikament awtorizzata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju;***
(i) prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ir-Regolament fl-Istat Membru kkonċernat sabiex jintuża fi speċi oħra ta' annimal, jew għal kundizzjoni oħra fl-istess speċi;	
(ii) prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ir-Regolament fi Stat Membru ieħor sabiex jintuża fl-istess speċi jew fi speċi oħra, għall-istess kundizzjoni jew għal kundizzjoni oħra;	
(iii) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat skont id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [30] ***jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004;***	
(b) jekk ma jkun hemm l-ebda prodott kif imsemmi fil-punt (a)***, prodott mediċinali veterinarju ppreparat b'mod improvvizat skont it-termini ta' riċetta veterinarja minn persuna awtorizzata biex tagħmel dan skont il-leġislazzjoni nazzjonali.***	(b) jekk ma jkun hemm l-ebda prodott kif imsemmi fil-punt (a):
	(i) prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat jew fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [30] ***jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004. Il-prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-użu mill-bniedem jistgħu jintużaw biss soġġett għall-ħruġ ta' riċetta minn veterinarju u l-approvazzjoni tal-awtorità veterinarja responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħidma tal-veterinarju kkonċernat.***
	(ii) prodott mediċinali veterinarju ppreparat b'mod improvizzat skont it-termini ta' riċetta veterinarja minn persuna awtorizzata biex tagħmel dan skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

[30] Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li jirrelata ma' prodotti mediċinali għall-użu uman (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

[30] Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li jirrelata ma' prodotti mediċinali għall-użu uman (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 303

Proposta għal regolament

Artikolu 115 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. B'deroga mill-paragrafu 1, annimali li ma jipproduċux l-ikel jistgħu jingħataw prodotti mediċinali omeopatiċi.

Emenda 249

Proposta għal regolament

Artikolu 116 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'deroga mill-Artikolu 111, meta ma jkun hemm l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fi Stat Membru għal kundizzjoni li taffettwa annimal għall-konsum, ta' speċi mhux akkwatika, il-veterinarju responsabbli jista', taħt ir-responsabbiltà personali diretta tiegħu/taġħha u ***b'mod partikolari biex jevita li tiġi kkawżata tbatija mhux aċċettabbli***, jikkura b'mod eċċezzjonali lill-annimal ***kkonċernat b'xi wieħed minn dawn li ġejjin***:	1. B'deroga mill-Artikolu 111, meta ma jkun hemm l-ebda prodott mediċinali veterinarju awtorizzat fi Stat Membru għal kundizzjoni li taffettwa annimal għall-konsum, ta' speċi mhux akkwatika, il-veterinarju responsabbli jista', taħt ir-responsabbiltà personali diretta tiegħu/taġħha u ***fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimal***, jikkura b'mod eċċezzjonali lill-annimal ***ikkonċernat b'dawn li ġejjin, f'ordni ta' preferenza dekrexxenti***:
(a) prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ir-Regolament ***fl-Istat Membru kkonċernat sabiex jintuża*** fi ***speċi oħra ta' annimal għall-konsum, jew għal kundizzjoni oħra fl-istess speċi***;	(a) ***kwalunkwe*** prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ir-Regolament***, bl-eċċezzjoni ta' prodotti antimikrobiċi użati bħala profilassi b'mod individwali jew*** fi ***grupp, meta ma jkunx hemm dijanjożi ta' marda f'xi wieħed mill-annimali***;
(b) prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ir-Regolament fi Stat Membru ieħor sabiex jintuża fl-istess speċi jew fi speċi oħra għall-konsum għall-istess kundizzjoni jew għal kundizzjoni oħra;	

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jekk ma jkun hemm l-ebda prodott kif imsemmi fil-punt (a):
(c) prodott mediċinali awtorizzat għall-użu uman fl-Istat Membru konċernat skont id-Direttiva 2001/83/KE jew bir-Regolament (KE) Nru 726/2004, jew	
(d) jekk ma jkun hemm l-ebda prodott kif imsemmi fil-punt (a), prodott mediċinali veterinarju ppreparat b'mod improvvižat skont it-termini ta' riċetta veterinarja minn persuna awtorizzata biex tagħmel dan skont il-leġislazzjoni nazzjonali.	
	(i) prodott mediċinali għal użu mill-bniedem awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat skont id-Direttiva 2001/83/KE jew skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004. Il-prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-użu mill-bniedem jistgħu jintużaw, soġġett għall-ħruġ ta' riċetta minn veterinarju u l-approvazzjoni mill-awtorità veterinarja responsabbli mill-monitoraġġ tal-ħidma tal-veterinarju inkwistjoni, jekk il-kura bi prodott mediċinali veterinarju kif imsemmi fil-punt (a) jew il-punt (ba) ma tkunx possibbli; jew
	(ii) prodott mediċinali veterinarju ppreparat b'mod improvizzat skont it-termini ta' riċetta veterinarja maħruġa minn persuna awtorizzata biex tagħmel dan skont il-liġi.

Emenda 251

Proposta għal regolament

Artikolu 116 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati skont dan ir-Regolament fi Stat Membru ieħor biex jintużaw fl-istess speċi akkwatika jew fi speċi akkwatika li tipproduċi l-ikel oħra għall-kundizzjoni inkwistjoni jew għal kundizzjoni oħra.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 252

Proposta għal regolament

Artikolu 116 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2, u sakemm jiġi stabbilit l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4, jekk ma hemm l-ebda prodott kif imsemmi fis-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 2, veterinarju jista' b'mod eċċezzjonali, taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu u b'mod partikolari biex jevita li tiġi kkawżata tbatija inaċċettabbli, jitratta annimali li jipproduċu l-ikel ta' speċijiet akkwatiċi f'impriża partikolari bi:	3. B'deroga mill-paragrafu 2, u sakemm jiġi stabbilit l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4, jekk ma hemm l-ebda prodott kif imsemmi fis-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu 2, veterinarju jista' b'mod eċċezzjonali, taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu u b'mod partikolari biex jevita li tiġi kkawżata tbatija inaċċettabbli, jitratta annimali li jipproduċu l-ikel ta' speċijiet akkwatiċi f'impriża partikolari bi:
(a) Prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ***ir-Reoglament*** fl-Istat Membru kkonċernat jew fi Stat Membru ieħor għal użu ma' speċi mhux akkwatika li tipproduċi l-ikel;	(a) prodott mediċinali veterinarju awtorizzat skont dan ***ir-Regolament*** fl-Istat Membru kkonċernat jew fi Stat Membru ieħor għal użu ma' speċi mhux akkwatika li tipproduċi l-ikel; ***jew***
(b) Prodott mediċinali għal użu mill-bnedmin awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat skont id-Direttiva 2001/83/KE jew skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004.	(b) ***jekk ma jkun hemm l-ebda prodott kif imsemmi fil-punt (a),*** prodott mediċinali għal użu mill-bnedmin awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat skont id-Direttiva 2001/83/KE jew skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004.

Emenda 304

Proposta għal regolament

Artikolu 116 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafi 1 sa 3, annimali li jipproduċu l-ikel jistgħu jingħataw prodotti mediċinali omeopatiċi taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju bil-kundizzjoni li jkun fihom biss ingredjenti attivi elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bħala sustanzi li għalihom m'hemm għalfejn jiġi stabbilit l-ebda limitu massimu.

Emenda 255

Proposta għal regolament

Artikolu 116 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-sustanzi farmakoloġikament attivi inklużi fil-prodott mediċinali użat skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu inklużi fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE)Nru 37/2010. Il-veterinarju għandu jispeċifika perjodu tal-irtirar xieraq skont l-Artikolu 117.	6. Is-sustanzi farmakoloġikament attivi inklużi fil-prodott mediċinali użat skont il-paragrafu 1 ***u l-paragrafu 3(b)*** għandhom ikunu inklużi fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010. Il-veterinarju għandu jispeċifika perjodu tal-irtirar xieraq skont l-Artikolu 117.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 256

Proposta għal regolament

Artikolu 117 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fir-rigward ta' prodotti*** mediċinali veterinarji omeopatiċi***, il-perjodu tal-irtirar għandu jiġi stabbilit għall-ebda jum.***	4. ***Il-perjodu tal-irtirar għandu jiġi stabbilit għall-ebda jum għall-prodotti*** mediċinali veterinarji omeopatiċi ***li jkun fihom biss sustanzi attivi elenkati fit-Tabella 1 tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 bil-klassifikazzjoni "L-ebda livell massimu ta' residwi (MRL) meħtieġ"***

Emenda 257

Proposta għal regolament

Artikolu 117 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Id-dejta dwar l-użu tal-antibijotiċi barra mit-termini tal-awtorizzazzjoni għandha tinġabar u tiġi rrappurtata b'mod obbligatorju lill-awtoritajiet nazzjonali skont l-Artikolu 54.

Emenda 258

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Użu ta' ***prodotti mediċinali veterinarji*** antimikrobiċi għal speċijiet jew indikazzjonijiet barra mit-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni	Użu ta' ***sustanzi*** antimikrobiċi għal speċijiet jew indikazzjonijiet barra mit-termini tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni

Emenda 259

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prodotti mediċinali antimikrobiċi għandhom jintużaw biss skont l-Artikoli 115 u 116 għall-kura ta' kundizzjonijiet li għalihom ma jkun hemm l-ebda trattament ieħor disponibbli, u l-użu tagħhom ma jippreżentax riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali.	1. Il-prodotti mediċinali antimikrobiċi għandhom jintużaw biss skont l-Artikoli 115 u 116 għall-kura ta' kundizzjonijiet li għalihom ma jkun hemm l-ebda trattament ieħor disponibbli, u l-użu tagħhom ma jippreżentax riskju għas-saħħa pubblika jew tal-annimali. ***L-Artikoli 115 u 116 ma japplikawx għal antimikrobiċi ta' importanza kritika kif imsemmija fl-Artikolu 32(2).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 260

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni ***tista'***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2), u wara li tikkunsidra l-parir xjentifiku tal-Aġenzija, tistabbilixxi lista ta' ***prodotti mediċinali*** antimikrobiċi li ma jistgħux jintużaw skont il-paragrafu 1, jew li jistgħu jintużaw biss għal kura skont il-paragrafu 1 soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.	2. Il-Kummissjoni ***għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 145(2), u wara li tikkunsidra l-parir xjentifiku tal-Aġenzija, tistabbilixxi lista ta' ***sustanzi jew gruppi ta' sustanzi*** antimikrobiċi li ma jistgħux jintużaw skont il-paragrafu 1, jew li jistgħu jintużaw biss għal kura skont il-paragrafu 1 soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

Emenda 261

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-prinċipji li għandhom jintużaw biex tiġi stabbilita l-lista ta' antimikrobiċi li għandom jiġu ristretti fil-mediċina veterinarja m'għandhomx jinterferixxu mal-Istati Membri jew jimpedulhom milli jipprojbixxu l-użu ta' ċerti antimikrobiċi f'xi speċijiet jekk iqisu li jkun il-każ.

Emenda 262

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-riskji għas-saħħa pubblika jekk il-prodott antimikrobiku jintuża skont il-paragrafu 1;	(a) ir-riskji għas-saħħa pubblika jekk il-prodott antimikrobiku jintuża skont il-paragrafu 1***, inklużi r-riskji involuti fl-użu ta' antimikrobiċi kritiċi għas-saħħa tal-bniedem fl-annimali li jipproduċu l-ikel***;

Emenda 263

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) id-disponibbiltà ta' metodi oħra tal-biedja li jistgħu jkunu ta' prevenzjoni kontra t-tifqigħa tal-marda;

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 264

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-pajjiżi terzi li l-liġi tagħhom tawtorizza l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi li jidhru fil-lista msemmija f'paragrafu 2 f'kundizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti f'dak il-paragrafu ma jistgħux jidhru f'xi waħda mil-lista ta' pajjiżi terzi previsti mil-liġi komunitarja li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw annimali tat-trobbija jew tal-akkwakultura jew laħam jew prodotti miksuba minn annimali bħal dawn.

Emenda 265

Proposta għal regolament

Artikolu 118 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu wkoll l-importazzjoni minn pajjiżi terzi li qegħdin f'xi waħda mil-listi msemmija fil-paragrafu 2a ta':
	(a) annimali tat-trobbija jew tal-akkwakultura li jkunu ngħatawlhom ċerti sustanzi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2, sakemm dawk is-sustanzi ma jkunux ingħataw f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1;
	(b) laħam jew prodotti miksuba minn annimali li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 266

Proposta għal regolament

Artikolu 119 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-Artikolu 111, f'każ ta' tifqigħa ta' marda elenkata kif imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru…/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]) awtorità kompetenti tista' tippermetti, għal perjodu ta' żmien limitat u taħt restrizzjonijiet speċifiċi, l-użu ta' prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku awtorizzat fi Stat Membru ieħor.	2. B'deroga mill-Artikolu 111, f'każ ta' tifqigħa ta' marda elenkata kif imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru…/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]) ***jew kwalunkwe sitwazzjoni ta' saħħa kritika rikonoxxuta mill-Kap Uffiċjal Veterinarju tal-Istat Membru,*** awtorità kompetenti tista' tippermetti, għal perjodu ta' żmien limitat u taħt restrizzjonijiet speċifiċi, l-użu ta' prodott mediċinali veterinarju immunoloġiku ***mingħajr awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni fl-Istat Membru inkwistjoni imma li huwa*** awtorizzat fi Stat Membru ieħor ***jew skont il-liġijiet ta' pajjiż terz, fin-nuqqas ta' prodott mediċinali xieraq u wara li l-Kummissjoni tiġi infurmata bil-kundizzjonijiet dettaljati tal-użu***.
([31]) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ….. dwar is-saħħa tal-annimali (ĠU L …).	([31]) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar is-saħħa tal-annimali (ĠU L …).

Emenda 267

Proposta għal regolament

Artikolu 122 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, permezz ta' atti delegati, sistema armonizzata għall-ġbir ta' dawn it-tipi ta' prodotti u materjal ta' skart fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 268

Proposta għal regolament

Artikolu 123 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Stat Membru jista' jipprevedi kundizzjonijiet addizzjonali f'termini tar-reklamar ta' prodotti mediċinali veterinarji biex jipproteġi s-saħħa pubblika u tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u l-ambjent inklużi kundizzjonijiet f'termini ta' reklamar komparattiv u qarrieqi jew prattiki kummerċjali inġusti.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 269

Proposta għal regolament

Artikolu 124 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-projbizzjoni ***stabbilita*** fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika għar-reklamar lil persuni permessi li joħorġu riċetta għal jew ifornu prodotti mediċinali veterinarji.	2. Il-projbizzjoni ***msemmija*** fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika għar-reklamar lil persuni permessi li joħorġu riċetta għal jew ifornu prodotti mediċinali veterinarji.

Emenda 270

Proposta għal regolament

Artikolu 125 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli tal-manifatturi, l-importaturi, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, id-distributuri bl-ingrossa u l-forituri tal-prodotti mediċinali veterinarji b'mod regolari, fuq bażi tar-riskju, sabiex jivverifikaw li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu qed jiġu mħarsa.	1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli tal-manifatturi, l-importaturi, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, id-distributuri bl-ingrossa u l-forituri tal-prodotti mediċinali veterinarji ***kif ukoll l-annimali u l-oġġetti tal-ikel*** b'mod regolari, fuq bażi tar-riskju, sabiex jivverifikaw li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu qed jiġu mħarsa.

Emenda 271

Proposta għal regolament

Artikolu 125 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura approċċ armonizzat għall-ispezzjonijiet u l-kontrolli ta' mediċini veterinarji fl-Unjoni kollha.

Emenda 272

Proposta għal regolament

Artikolu 125 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Sabiex jikkumbattu l-frodi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan għal verifika għal għarrieda fil-kliniċi veterinarji u ffuq il-merħliet sabiex jivverifikaw li l-prodotti mediċinali miżmuma jikkonformaw mal-istandards ta' kwalità.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 273

Proposta għal regolament

Artikolu 125 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ikun meħtieġ, l-ispezzjonijiet ***jistgħu*** jitwettqu għal għarrieda.	L-ispezzjonijiet ***kollha għandhom*** jitwettqu għal għarrieda.

Emenda 274

Proposta għal regolament

Artikolu 125 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-ispezzjonijiet jistgħu jitwettqu wkoll fil-post minn fejn joperaw il-manifatturi ta' sustanzi attivi użati bħala materjali tal-bidu għal prodotti mediċinali veterinarji meta jkun hemm raġunijiet ta' suspett ta' nuqqas ta' konformità mal-prassi tajba ta' manifattura.

Emenda 275

Proposta għal regolament

Artikolu 125 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ir-rapporti tal-ispezzjonijiet għandhom jittellgħu fid-database xierqa, b'aċċess kontinwu għall-awtoritajiet kompetenti kollha.	6. Ir-rapporti tal-ispezzjonijiet għandhom jittellgħu fid-database xierqa, b'aċċess kontinwu għall-awtoritajiet kompetenti kollha. ***Għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sommarju tar-riżultati tal-ispezzjoni.***

Emenda 276

Proposta għal regolament

Artikolu 128 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw approċċ armonizzat għall-ispezzjonijiet tal-mediċina veterinarja.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 277

Proposta għal regolament

Artikolu 132a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 132a
	Sospensjoni u rtirar ta' awtorizzazzjonijiet ta' distribuzzjoni bl-ingrossa
	F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 104, 105 u 106, l-awtorità kompetenti tista':
	(a) tissospendi d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti mediċinali veterinarji;
	(b) tissospendi l-awtorizzazzjoni tad-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' kategorija ta' prodotti mediċinali veterinarji;
	(c) tirtira l-awtorizzazzjoni tad-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' kategorija waħda, jew tal-kategoriji kollha, ta' prodotti mediċinali veterinarji.

Emenda 279

Proposta għal regolament

Artikolu 136 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu kompiti skont dan ir-Regolament.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu kompiti skont dan ir-Regolament. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fost affarijiet oħra, ikunu responsabbli biex jipprovdu l-kompetenza xjentifika għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha taħt dan ir-Regolament.***

Emenda 280

Proposta għal regolament

Artikolu 136 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-ġestjoni tal-fondi maħsuba għall-attivitajiet marbuta mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament, it-tħaddim tan-netwerks ta' komunikazzjoni u s-sorveljanza tas-suq għandhom ikunu taħt il-kontroll permanenti tal-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza ta' dawn l-awtoritajiet.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 281

Proposta għal regolament

Artikolu 136 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra l-appoġġ meħtieġ u utli għal dan il-għan. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni xierqa lil xulxin, b'mod partikolari rigward il-konformità mar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjonijiet tal-manifattura u ta' distribuzzjoni bl-ingrossa, għaċ-ċertifikati ta' prassi tajba ta' manifattura jew għall-awtorizzazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.	2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin ***u ma' awtoritajiet ikkonċernati oħra*** fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra l-appoġġ meħtieġ u utli għal dan il-għan. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni xierqa lil xulxin ***u lil awtoritajiet ikkonċernati oħra***, b'mod partikolari rigward il-konformità mar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjonijiet tal-manifattura u ta' distribuzzjoni bl-ingrossa, għaċ-ċertifikati ta' prassi tajba ta' manifattura jew għall-awtorizzazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 305

Proposta għal regolament

Artikolu 140 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-membri, il-membri supplenti u l-esperti li jakkumpanjawhom kollha għandhom jipprovdu dikjarazzjoni ta' interess li tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Emenda 282

Proposta għal regolament

Artikolu 140 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kumitat jista' jikkooptja massimu ta' ħames membri addizzjonali magħżula fuq il-bażi tal-kompetenza xjentifika speċifika tagħhom. Dawn il-membri għandhom jinħatru għal terminu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded, u ma għandux ikollhom supplenti.	7. Il-Kumitat jista' jikkooptja massimu ta' ħames membri addizzjonali magħżula fuq il-bażi tal-kompetenza xjentifika speċifika tagħhom. Dawn il-membri għandhom jinħatru għal terminu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded, u ma għandux ikollhom supplenti. ***Il-membri kkooptjati jistgħu jagħmluha ta' rapporteurs.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 283

Proposta għal regolament

Artikolu 141 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) jindirizza l-kontribut tal-prattiki tal-biedja għall-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, billi jibni fuq pjanijiet ta' azzjoni eżistenti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, speċifikament billi jiżviluppa u jimplimenta strateġiji biex:
	— jitnaqqas l-użu ġenerali,
	— jitnaqqas l-użu ta' antimikrobiċi li huma ta' importanza kritika għall-użu mill-bniedem, u
	— jintemm l-użu profilattiku ta' rutina.
	Dik il-ħidma għandha titniżżel fi pjan li l-Kumitat iressaq lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak il-pjan għandu jkun fih miri għat-tnaqqis fl-użu u skeda taż-żmien biex jintlaħaq dan it-tnaqqis.

Emenda 284

Proposta għal regolament

Artikolu 144 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jeżamina kwistjonijiet li jirrigwardaw il-farmakoviġilanza ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati fl-Istati Membri;	***imħassar***

Emenda 285

Proposta għal regolament

Anness 2 – parti 1 – punt 1.1 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-esperimenti fuq annimali oħra u li ***mhumiex provi kliniċi għandhom*** jitwettqu b'konformità mad-Direttiva 2010/63/UE.	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li ***l-esperimenti kollha fuq l-annimali*** jitwettqu b'konformità mad-Direttiva ***2010/63/UE. Kif speċifikat fid-Direttiva 2010/63/UE, għandu jkun meħtieġ li l-ittestjar fuq annimali vertebrati jiġi sostitwit, imnaqqas jew perfezzjonat. Dawn il-metodi għandhom ikunu rieżaminati u mtejba regolarment bil-għan li jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali vertebrati u jitnaqqas in-numru ta' annimali involuti.***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 286

Proposta għal regolament

Anness 2 – parti 1 – punt 1.3 – subpunt 1.3.1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ir-riskji potenzjali relatati mal-iżvilupp tar-reżistenza antimikrobika.	(e) ir-riskji potenzjali relatati mal-iżvilupp tar-reżistenza antimikrobika ***waqt il-produzzjoni u l-użu***.

Emenda 287

Proposta għal regolament

Anness 2 – parti 1 – punt 1.3 – subpunt 1.3.1 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din il-valutazzjoni għandha normalment issir f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi tal-valutazzjoni għandha ssir dejjem u t-tieni fażi għandha titwettaq biss jekk ikun meħtieġ. Id-dettalji tal-valutazzjoni għandhom ikunu pprovduti skont il-linji gwida aċċettati. Il-valutazzjoni għandha tindika ***l-espożizzjoni*** potenzjali tal-ambjent għall-prodott u l-livell ta' riskju assoċjat ma' ***espożizzjoni*** bħal ***din*** filwaqt li tikkunsidra b'mod partikolari l-punti li ġejjin:	Din il-valutazzjoni għandha normalment issir f'żewġ fażijiet. ***Għandha titqies id-dejta kollha disponibbli li jkollha affidabbiltà u rilevanza suffiċjenti, inkluża l-informazzjoni miksuba matul il-proċess tal-iskoperta tal-mediċina.*** L-ewwel fażi tal-valutazzjoni għandha ssir dejjem u t-tieni fażi għandha titwettaq biss jekk ikun meħtieġ. Id-dettalji tal-valutazzjoni għandhom ikunu pprovduti skont il-linji gwida aċċettati. Il-valutazzjoni għandha tindika ***l-esponiment*** potenzjali tal-ambjent għall-prodott u l-livell ta' riskju assoċjat ma' ***esponiment*** bħal ***dan*** filwaqt li tikkunsidra b'mod partikolari l-punti li ġejjin:

Emenda 288

Proposta għal regolament

Anness 2 – parti 1 – punt 1.3 – subpunt 1.3.1 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fit-tieni fażi għandha ssir, skont il-linji gwida stabbiliti, aktar investigazzjoni speċifika tad-destin u tal-effetti tal-prodott fuq ekosistemi partikolari. Il-limitu tal-esponiment tal-prodott għall-ambjent, u l-informazzjoni disponibbli dwar il-karatteristiċi fiżiċi/kimiċi, farmakoloġiċi u/jew tossikoloġiċi tas-sustanza/sustanzi kkonċernata/ikkonċernati, inklużi l-metaboliti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.	Fit-tieni fażi għandha ssir, skont il-linji gwida stabbiliti***, u billi jitqies l-effett farmakoloġiku tal-prodott kif ukoll kwalunkwe effett sekondarju rilevanti***, aktar investigazzjoni speċifika tad-destin u tal-effetti tal-prodott fuq ekosistemi partikolari. Il-limitu tal-esponiment tal-prodott għall-ambjent, u l-informazzjoni disponibbli dwar il-karatteristiċi fiżiċi/kimiċi, farmakoloġiċi u/jew tossikoloġiċi tas-sustanza/sustanzi kkonċernata/ikkonċernati, inklużi l-metaboliti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 289

Proposta għal regolament

Anness 2 – parti 1 – punt 1.3 – subpunt 1.3.1 – subparagrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali għandha tiġi aġġornata meta jkun hemm informazzjoni ġdida li tbiddel l-istima tar-riskju.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0088

L-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali veterinarji ***

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Marzu 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2014)0557 – C8-0142/2014 – 2014/0256(COD)) ([1])

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 050/27)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jikkostitwixxu l-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-manifattura, l-awtorizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji. Madankollu, fid-dawl tal-esperjenza miksuba u wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-funzjonament tas-suq intern għal prodotti mediċinali veterinarji, il-qafas regolatorju għall-prodotti veterinarji mediċinali ġie rivedut, u r-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali veterinarji ġie adottat.	(1) Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jikkostitwixxu l-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-manifattura, l-awtorizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji. Madankollu, fid-dawl tal-esperjenza miksuba u wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-funzjonament tas-suq intern għal prodotti mediċinali veterinarji, il-qafas regolatorju għall-prodotti veterinarji mediċinali ġie rivedut, u r-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali veterinarji ġie adottat***, bil-ħsieb li jiġu armonizzati l-liġijiet tal-Istati Membri***.

([5]) Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

([7]) Ir-Regolament … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'… … … dwar il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L…, … … …, p. …).

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 61(2), it-tieni subparagrafu (A8-0035/2016).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandhom jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness ***għal progress*** tekniku u xjentifiku, ***li jiddetermina*** s-sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jiġu rikjesti studji tal-effikaċja wara l-awtorizzazzjoni, ***li jistabbilixxi*** d-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq soġġett għal ċerti obbligi speċifiċi, ***li jistabbilixxi*** l-proċeduri għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal varjazzjonijiet fil-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet ***għat-tqegħid fis-suq*** u għall-eżami tal-applikazzjonijiet għat-trasferiment ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u ***li jistabbilixxi*** l-proċedura għall-investigazzjoni tal-vjolazzjonijiet u l-impożizzjoni ta' multi jew ħlasijiet penali perjodiċi fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament, l-ammonti massimi ta' dawn il-penalitajiet kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-metodi li jirrigwardaw il-ġbir tagħhom.	(4) Minħabba d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandhom jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Anness ***fir-rigward tal-progress*** tekniku u xjentifiku, ***sabiex jiġi ffaċilitat it-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali ġodda, jiġu ddeterminati*** s-sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jiġu rikjesti studji tal-effikaċja wara l-awtorizzazzjoni, ***jiġu stabbiliti*** d-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq soġġett għal ċerti obbligi speċifiċi, ***jiġu stabbiliti*** l-proċeduri għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal varjazzjonijiet fil-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjonijiet ***għall-kummerċjalizzazzjoni*** u għall-eżami tal-applikazzjonijiet għat-trasferiment ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni u ***tiġi stabbilita*** l-proċedura għall-investigazzjoni tal-vjolazzjonijiet u l-impożizzjoni ta' multi jew ħlasijiet penali perjodiċi fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament, l-ammonti massimi ta' dawn il-penalitajiet kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-metodi li jirrigwardaw il-ġbir tagħhom.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).	(6) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ***u veterinarju***. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).
([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-avvanzi fit-testijiet alternattivi jirrikjedu l-ħolqien ta' qafas regolatorju kapaċi jadatta għall-iżviluppi ġodda f'dan il-qasam, inklużi pereżempju r-rikonoxximent u l-evalwazzjoni tat-teknoloġiji ta' mmudellar u simulazzjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 6 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) It-testijiet fuq l-annimali attwalment jiżvolġu rwol regolatorju u xjentifiku kruċjali fl-iżvilupp tal-mediċini, u fir-rigward tas-sostituzzjoni, it-tnaqqis jew ir-raffinament tat-testijiet fuq l-annimali huma soġġetti għad-Direttiva 2010/63/UE.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 6 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6c) Fl-interess tas-saħħa pubblika, id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni adottati skont il-proċedura ċentralizzata għandhom jittieħdu abbażi tal-kriterji xjentifiċi oġġettivi ta' kwalità, sikurezza u effikaċja.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 6 d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6d) Għandhom isiru disposizzjonijiet biex il-kriterji ta' kwalità, sikurezza u effikaċja stabbiliti fid-Direttivi 2001/83/KE u 2001/82/KE japplikaw għall-prodotti mediċinali awtorizzati mill-Unjoni u għandu jkun possibli li jiġi vvalutat il-bilanċ bejn ir-riskji u l-benefiċċji tal-prodotti mediċinali kollha meta jitqiegħdu fis-suq, fil-mument meta tiġġedded l-awtorizzazzjoni u fi kwalunkwe ħin ieħor li l-awtorità kompetenti tikkunsidra xieraq.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 6 e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6e) L-Istati Membri żviluppaw evalwazzjoni tal-effikaċja komparattiva tal-prodotti mediċinali maħsuba biex tinstab pożizzjoni għal prodott mediċinali ġdid f'relazzjoni ma' dawk li diġà jeżistu fl-istess kategorija terapewtika. B'mod simili, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-prodotti mediċinali u s-saħħa pubblika, adottati fid-29 ta' Ġunju 2000, enfasizza l-importanza li jiġu identifikati l-prodotti mediċinali li jippreżentaw valur terapewtiku miżjud. Dik l-evalwazzjoni għandha titwettaq fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) Fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:
"Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jolqtu l-poteri tal-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-prodotti mediċinali jew l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema nazzjonali tas-saħħa jew tal-iskemi ta' sigurtà soċjali fuq il-bażi ta' kondizzjonijiet tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu mid-dettalji murija fl-awtorizzazzjoni ***għall-'marketing'*** dawk l-indikazzjonijiet terapewtiċi u daqsijiet ta' pakketti li ser ikunu koperti mill-korpi ta' sigurtà soċjali tagħhom."	"Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jolqtu l-poteri tal-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar l-iffissar tal-prezzijiet tal-prodotti mediċinali jew l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema nazzjonali tas-saħħa jew tal-iskemi ta' sigurtà soċjali fuq il-bażi ta' kondizzjonijiet tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali***, sakemm l-Istati Membri jqisu kif dovut l-evalwazzjoni komparattiva ta' riferiment tal-prodott mediċinali għall-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 9(4)***. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu mid-dettalji murija fl-awtorizzazzjoni ***għall-kummerċjalizzazzjoni*** dawk l-indikazzjonijiet terapewtiċi u daqsijiet ta' pakketti li ser ikunu koperti mill-korpi ta' sigurtà soċjali tagħhom."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE għandhom ikunu applikabbli għall-ġanijiet ta' dan ir-Regolament."	"Id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE ***u, jekk ikun xieraq, fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** ([1a]) għandhom ikunu applikabbli għall-ġanijiet ta' dan ir-Regolament."

([1a]) ***Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L …)*** [***2014/0257(COD)***] .

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***Fil-paragrafu*** 2***, il-punt (b)*** huwa mibdul b'dan li ġej:	(a) ***il-paragrafu*** 2 huwa mibdul b'dan li ġej:
	"2. ***Kwalunkwe prodott mediċinali li ma jidhirx fl-Anness jista' jingħata awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mill-Unjoni bi qbil ma' dan ir-Regolament, jekk:***
	(a) il-prodott mediċinali jkun fih sustanza attiva ġdida li, fid-data tad-dhul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ma kinitx awtorizzata fl-Unjoni; jew
"(b) l-applikant juri li l-prodott mediċinali jikkostitwixxi innovazzjoni terapewtika, xjentifika jew teknika sinifikanti jew li l-għoti tal-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament hu fl-interess tas-saħħa tal-pazjenti fil-livell tal-Unjoni."	(b) l-applikant juri li l-prodott mediċinali jikkostitwixxi innovazzjoni terapewtika, xjentifika jew teknika sinifikanti jew li l-għoti tal-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament hu fl-interess tas-saħħa tal-pazjenti fil-livell tal-Unjoni."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 5 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 6 – paragrafi 4a u 4b (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fl-Artikolu 6, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	"4a. L-Aġenzija għandha tivverifika li l-applikanti għal awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni jkunu aġixxew bi qbil mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2010/63/UE.
	4b. L-Aġenzija għandha tiżviluppa qafas, għall-aċċettazzjoni regolatorja ta' mudelli alternattivi u għandha tqis l-opportunitajiet ippreżentati minn dawn il-kunċetti ġodda li jimmiraw biex jipprovdu mediċini aktar predittivi. Dawn jistgħu jiġu bbażati fuq mudelli informatiċi jew ċellulari rilevanti għall-bniedem, ir-rotot ta' tossiċità jew ir-rotot ta' eżitu negattiv."

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 5 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5b) Fl-Artikolu 9(4), jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(da) l-evalwazzjoni komparattiva tal-prodott mediċinali għall-bniedem;"

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 55 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10a) Fl-Artikolu 55, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:
L-Aġenzija għandha tkun responsabbli ***mill-kordinazzjoni*** tarriżorsi xjentifiċi ***eżistenti*** mqegħdin ***għad-disposizzjoni*** tagħha mill-Istati Membri ***biex issir valutazzjoni***, ***sorveljanza*** u ***farmako-viġilanza tal-prodotti mediċinali***.	"L-Aġenzija għandha tkun responsabbli ***mill-koordinazzjoni*** tarriżorsi xjentifiċi mqegħdin ***għad-dispożizzjoni*** tagħha mill-Istati Membri ***għall-evalwazzjoni, is-sorveljanza u l-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem***, ***kif previst f'dan ir-Regolament***, u ***għal użu veterinarju, kif previst fir-Regolament (UE) …/…*** (*)."

(*) ***2014/0257(COD).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 56 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10b) Fl-Artikolu 56(2), l-ewwel subparagrafu qed jiġi mibdul b'dan li ġej:
2. Kull wieħed mill-kumitati msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (d) jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma permanenti jew temporanji. Il-kumitati msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) jistgħu jistabbilixxu gruppi xjentifiċi konsultattivi b'konnessjoni ***mal-valutazzjoni*** ta' prodotti jew kuri mediċinali speċifiċi, u l-kumitat konċernat jista' ***jgħaddilhom*** ċertu xogħol assoċjat ***mal-kitba tal-opinjonijiet*** xjentifiċi ***msemmija fl-Artikoli*** 5 u ***30***."	"2. Kull wieħed mill-kumitati msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (d) jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma permanenti jew temporanji. Il-kumitati msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) jistgħu jistabbilixxu gruppi xjentifiċi konsultattivi b'konnessjoni ***mal-evalwazzjoni*** ta' prodotti jew kuri mediċinali speċifiċi, u l-kumitat konċernat jista' ***jiddelegalhom*** ċertu xogħol assoċjat ***mat-tfassil ta' opinjonijiet*** xjentifiċi ***msemmi fl-Artikolu*** 5 ***ta' dan ir-Regolament*** u ***fl-Artikolu 141(1) tar-Regolament (UE) …/…*** (*)." (*) ***2014/0257(COD).***

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 c (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10c) Fl-Artikolu 57(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:
1. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Komunità bl-aħjar pariri xjentifiċi possibbli dwar kull kwistjoni relatata ***mal-valutazzjoni*** tal-kwalità, ***sigurtà*** u ***effikaċja*** tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju li tkun ***irreferita*** lilha skont ***id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni*** tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali."	"1. L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Komunità bl-aħjar pariri xjentifiċi possibbli dwar kull kwistjoni relatata ***mal-evalwazzjoni*** tal-kwalità, ***is-sikurezza, l-effikaċja*** u ***l-valutazzjoni komparattiva*** tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju li tkun ***irreferuta*** lilha skont ***id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni*** tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 d (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ta (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10d) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 57(1), jiġi miżjud dan il-punt:
	"(ta) tikkopera man-Netwerk ta' Valutazzjoni tat-Teknoloġija fil-qasam tas-Saħħa, mal-korpi ta' valutazzjoni tat-teknoloġija fil-qasam tas-saħħa u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra involuti fl-aċċess għas-suq, b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tagħhom u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-aċċess tal-pazjenti għat-teknoloġiji fil-qasam tas-saħħa."

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 10 e (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt tb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10e) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 57(1), jiġi miżjud dan il-punt:
	"(tb) f'kooperazzjoni mal-EFSA u l-ECDC tippubblika annwalment rapport dwar l-użu ta' sustanzi antimikrobiċi kif ukoll dwar is-sitwazzjoni attwali tar-reżistenza antimikrobika fl-Unjoni."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 11

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 57 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-bażi ***tad-dejta*** prevista fil-paragrafu 1(l) ***għandu jinkludi*** s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, il-fuljett imqieġħed fil-pakkett għall-pazjent jew għal min juża l-prodott u l-informazzjoni murija fuq it-tikketta. Il-bażi ***tad-dejta*** għandha tkun żviluppata fi stadji, waqt li tingħata prijorità lill-prodotti mediċinali awtorizzati skont dan ir-Regolament u dawk awtorizzati taħt il-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE. Il-bażi ***tad-dejta*** għandha sussegwentement ***tkun*** estiża biex tinkludi kull prodott mediċinali awtorizzat fl-Unjoni.	2. Il-bażi ***ta' data*** prevista fil-paragrafu 1(l) ***għandha tinkludi*** s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, il-fuljett imqieġħed fil-pakkett għall-pazjent jew għal min juża l-prodott u l-informazzjoni murija fuq it-tikketta. Il-bażi ***ta' data*** għandha tkun żviluppata fi stadji, waqt li tingħata prijorità lill-prodotti mediċinali awtorizzati skont dan ir-Regolament u dawk awtorizzati taħt il-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE. Il-bażi ***ta' data*** għandha sussegwentement ***tiġi*** estiża biex tinkludi kull prodott mediċinali ***għall-użu mill-bniedem*** awtorizzat fl-Unjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu, wara konsultazzjoni mal-Bord Amministrattiv, jaħtar, għal perjodu ta' tliet snin li jista' jiġġedded, membru wieħed u membru sostitut għall-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 13 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 62 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(13a) L-Artikolu 62(2) jinbidel b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Aġenzija l-ismijiet tal-esperti nazzjonali b'esperjenza ppruvata fl-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali ***għall-użu mill-bniedem*** li, filwaqt li jittieħed kont tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 63, għandhom ikunu disponibbli biex iservu fi gruppi ta' ħidma jew gruppi konsultattivi ta' esperti xjentifiċi fi kwalunkwe wieħed mill-Kumitati msemmija fil-paragrafu (1) tal-Artikolu 56, flimkien ma' indikazzjoni tal-kwalifiki u l-oqsma speċifiċi ta' kompetenza tagħhom.	"2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Aġenzija l-ismijiet tal-esperti nazzjonali b'esperjenza ppruvata fl-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali li, filwaqt li jittieħed kont tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 63, għandhom ikunu disponibbli biex iservu fi gruppi ta' ħidma jew gruppi konsultattivi ta' esperti xjentifiċi fi kwalunkwe wieħed mill-Kumitati msemmija fil-paragrafu (1) tal-Artikolu 56, flimkien ma' indikazzjoni tal-kwalifiki u l-oqsma speċifiċi ta' kompetenza tagħhom.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
L-Aġenzija għandha żżomm lista aġġornata ta' esperti akkreditati. Il-lista għandha tinkludi l-esperti msemmija fl-ewwel subparagrafu u ***esperti oħra*** maħtur ***adirettament*** mill-Aġenzija. Il-lista għandha tkun aġġornata."	L-Aġenzija għandha żżomm lista aġġornata ta' esperti akkreditati. Il-lista għandha tinkludi l-esperti msemmija fl-ewwel subparagrafu u ***kwalunkwe espert ieħor*** maħtur mill-Aġenzija ***jew mill-Kummissjoni***. Il-lista għandha tkun aġġornata."

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 14

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***fl-***Artikolu 62***(3) jitħassar it-tieni subparagrafu;***	(14) L-Artikolu 62 ***qed jiġi emendat kif ġej:***
	(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:
	"Meta jkun qed jikkonsulta mal-gruppi xjentifiċi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 56(2), il-Kumitat għandu jgħaddilhom l-abbozz tar-rapport(i) ta' valutazzjoni mfassla mir-rapporteur jew mill-korapporteur. L-opinjoni maħruġa mill-grupp xjentifiku konsultattiv għandha tiġi mgħoddija lill-president tal-Kumitat rilevanti b'tali mod li jiġi żgurat li jiġu rispettati l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (UE) …/… (*)***.";***
	(b) fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:
	"Is-sustanza tal-opinjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' valutazzjoni ppubblikat bi qbil mal-Artikolu 13(3) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 40(11) tar-Regolament (UE) …/… (*)***.";***

(*) ***2014/0257(COD).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 14 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 64 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(14a) L-Artikolu 64(1) jinbidel b'dan li ġej:
1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun maħtur mill-Bord Amministrattiv, fuq proposta mill-Kummissjoni, għal perjodu ta' ħames snin fuq bażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali ***ta' l-Unjoni*** Ewropea u ***x'imkien*** ieħor. Qabel il-ħatra, il-kandidat nominat mill-Bord Amministrattiv għandu jkun mistieden biex fil-pront jagħmel dikjarazzjoni lill-Parlament Ewropew u biex iwieġeb ***xi mistoqsijiet tal-Membri*** tiegħu. Il-mandat tiegħu jista' ***jkun imġedded darba***. Il-Bord Amministrattiv, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jneħħi d-Direttur Eżekuttiv mill-kariga tiegħu.	"1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun maħtur mill-Bord Amministrattiv, fuq proposta mill-Kummissjoni, għal perjodu ta' ħames snin fuq bażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali ***tal-Unjoni*** Ewropea u ***kwalunkwe mkien*** ieħor. Qabel il-ħatra, il-kandidat nominat mill-Bord Amministrattiv għandu jkun mistieden biex fil-pront jagħmel dikjarazzjoni lill-Parlament Ewropew u biex iwieġeb ***għal kwalunkwe mistoqsija mressqa mill-Membri*** tiegħu. Il-mandat tiegħu jista' ***jiġġedded darba mill-Bord Amministrattiv, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni***. Il-Bord Amministrattiv, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jneħħi d-Direttur Eżekuttiv mill-kariga tiegħu."

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 14 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 66 – punti a u j

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(14b) L-Artikolu 66 jiġi emendat kif ġej:
	(a) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:
(a) jadotta opinjoni dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem u l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (L-Artikolu ***61***);	***"(a)*** jadotta opinjoni dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem ***(l-Artikolu 61 ta' dan ir-Regolament)*** u l-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (l-Artikolu ***140 tar-Regolament (UE) …/…*** (*))";
	(b) il-punt (j) jitħassar.

(*) ***2014/0257(COD).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 15

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 67 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu*** 67(3) jinbidel b'dan li ġej:	(15) ***L-Artikolu*** 67(3) jinbidel b'dan li ġej:
"Id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti minn ***kontribut mill-Unjoni, il-miżati mħallsa mill-impriżi biex jiksbu u jżommu awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni għat-tqegħid fis-suq u għal servizzi oħra pprovduti mill-Aġenzija, jew mill-grupp ta' koordinazzjoni fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tiegħu b'konformità mal-Artikoli 107c, 107e, 107 g, 107k u 107q tad-Direttiva 2001/83/KE u imposti għal servizzi oħra pprovduti mill-Aġenzija."***	"Id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti minn:
	(a) kontribuzzjoni mill-Unjoni;
	(b) kontribuzzjoni minn kwalunkwe pajjiż terz Ewropew li miegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehimiet;
	(c) it-tariffi mħallsa mill-impriżi biex jiksbu u jżommu awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali għall-bniedem u dawk veterinarji u għal servizzi oħra pprovduti mill-Aġenzija, kif previst f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) …/…* (*)*, jew mill-grupp ta' koordinazzjoni fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tiegħu b'konformità mal-Artikoli 107c, 107e, 107 g, 107k u 107q tad-Direttiva 2001/83/KE;
	(d) imposti għal kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Aġenzija; kif ukoll
	(e) sorsi oħra ta' dħul, inkluż kwalunkwe għotja ad hoc fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu VI tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a])***.***
	Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ('l-awtorità baġitarja'), meta jkun hemm bżonn, għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-livell tal-kontribuzzjoni tal-Komunità, imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, abbażi ta' evalwazzjoni tal-bżonnijiet u billi jittieħed kont tal-livell tat-tariffi."

([1a]) ***Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).***

(*) ***2014/0257(COD).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 15 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 67 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15a) Fl-Artikolu 67(3), is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:
	"Sabiex jiġu salvagwardjati l-flutwazzjonijiet fid-dħul mill-miżati, kwalunkwe eżitu pożittiv tal-baġit għal sena finanzjarja (N) għandu jitwarrab bħala dħul assenjat u jservi ta' riżerva fil-każ li d-dħul effettiv mill-miżati jkun anqas mill-approprjazzjonijiet ibbaġitjati. L-ammont totali tat-tali fond ta' salvagwardja m'għandux jaqbeż l-approprjazzjonijiet tal-Aġenzija għad-dħul mill-miżati tas-sena preċedenti."

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 15 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 67 – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15b) Fl-Artikolu 67(6), jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:
	"L-abbozz ta' organigramma għandu jinkludi l-għadd ta' persunal rikjest mill-Aġenzija biex tipprovdi s-servizzi ffinanzjati minn miżati u l-għadd ta' persunal iffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 15 c (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 67 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15c) L-Artikolu 67(8) jinbidel b'dan li ġej:
8. Fuq il-bażi tal-istima, il-Kummissjoni għandha tinkludi fl-abbozz preliminari ***tal-"budget"*** ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-istimi li ***tikkonsidra*** li huma neċessarji ***għall-pjan ta' "establishment"*** u l-ammont tas-sussidju li għandu jkun iddebitat ***lill-"budget"*** ġenerali, liema stimi għandhom jitpoġġew quddiem l-awtorità ***tal-"budget"*** skont l-Artikolu 272 tat-Trattat.	"8. Fuq il-bażi tal-istima, il-Kummissjoni għandha tinkludi fl-abbozz preliminari ***tal-baġit*** ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-istimi li ***tikkunsidra*** li huma neċessarji ***għall-organigramma fir-rigward tal-persunal iffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni*** u l-ammont tas-sussidju li għandu jkun iddebitat ***lill-baġit*** ġenerali, liema stimi għandhom jitpoġġew quddiem l-awtorità ***baġitarja*** skont l-Artikolu 272 tat-Trattat."

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 15 d (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 67 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15d) Fl-Artikolu 67(9) it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:
L-awtorità tal-"budget" għandha tadotta ***l-pjan ta' "establishment"*** għall-Aġenzija.	***"L-awtorità baġitarja*** għandha tadotta ***l-organigramma fir-rigward tal-persunal iffinanzjat mill-baġit tal-UE*** għall-Aġenzija."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 15 e (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 68

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(15e) L-Artikolu 68 jinbidel b'dan li ġej:
1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta ***l-"budget" ta' l-Aġenzija***.	"1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta ***l-baġit tal-Aġenzija***.
2. ***Sa mhux aktar tard mill-***1 ta' Marzu ***ta' kull sena*** finanzjarja***, l-uffiċċjal taż-żamma tal-kotba ta' l-Aġenzija*** għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji ***lill-uffiċċjal taż-żamma tal-kontijiet*** tal-Kummissjoni ***flimkien ma' rapport fuq l-amministrazzjoni tal-"budget"*** u ***finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċċjal taż-żamma tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet u tal-korpi deċentralizzati skont l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-"budget" ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [19] (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju Ġenerali").**	2. ***Sal-***1 ta' Marzu ***tas-sena*** finanzjarja ***segwenti, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Aġenzija*** għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji ***lill-uffiċjal tal-kontabilità*** tal-Kummissjoni u ***lill-Qorti tal-Awdituri***.
3. ***Sa mhux aktar tard mill-31 ta'*** Marzu ***wara kull sena*** finanzjarja***, l-uffiċjal kontabbli tal-Kummissjoni għandu jgħaddi l-kontijiet provviżorji*** ta' ***l-Aġenzija lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni tal-budget u dik finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja.*** Ir-rapport fuq l-amministrazzjoni ***tal-"budget"*** u finanzjarja ***għas-sena finanzjarja għandu ukoll jintbagħat*** lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill***.	3. ***Sal-31 ta'*** Marzu ***tas-sena*** finanzjarja ta' ***wara, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat*** ir-rapport fuq l-amministrazzjoni ***baġitarja*** u finanzjarja lill-Parlament Ewropew***, lill-Kunsill*** u ***lill-Qorti tal-Awdituri***.
4. ***Meta jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti*** ta' ***l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji*** ta' ***l-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv*** għandu ***jfassal*** il-kontijiet ***finali ta' l-Aġenzija taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu u jgħaddihom lill-Bord Amministrattiv għall-opinjoni***.	4. ***Sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija, ikkonsolidati mal-kontijiet provviżorji tal-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri.***
	Meta jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija skont l-Artikolu 148 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-uffiċjal tal-kontabilità għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Aġenzija u d-Direttur Eżekuttiv għandu jgħaddihom lill-Bord Amministrattiv għall-opinjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test fis-seħħ	*Emenda*
5. Il-Bord Amministrattiv ***ta' l-Aġenzija*** għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali ***ta' l-Aġenzija***.	5. Il-Bord Amministrattiv għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali ***tal-Aġenzija***.
6. ***Mhux aktar tard mill-***1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, ***id-Direttur Eżekuttiv*** għandu ***jgħaddi l-kontijiet*** finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, ***lill-Kummissjoni*** u lill-Qorti ***ta' l-Awdituri***, flimkien ***ma' l-opinjoni*** tal-Bord Amministrattiv.	6. ***Sal-***1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, ***l-uffiċjal tal-kontabilità*** għandu ***jibgħat il-kontijiet*** finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, ***lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni*** u lill-Qorti ***Ewropea tal-Awdituri***, flimkien ***mal-opinjoni*** tal-Bord Amministrattiv.
7. Il-kontijiet finali għandhom ikunu ppubblikati.	7. Il-kontijiet finali għandhom ikunu ppubblikati ***f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara***.
8. Id-Direttur Eżekuttiv ***ta' l-Aġenzija*** għandu jibgħat lill-Qorti ***ta' l-Awdituri*** tweġiba dwar l-osservazzjonijiet tagħha ***sa mhux aktar tard mit-***30 ta' Settembru. ***Għandu ukoll jibgħat din it-tweġiba lill-Bord Amministrattiv.***	8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Qorti ***tal-Awdituri*** tweġiba dwar l-osservazzjonijiet tagħha ***sat-***30 ta' Settembru.
9. Id-Direttur Eżekuttiv, għandu jagħti lill-Parlament Ewropew, fuq talba tiegħu, kull informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni mingħajr diffikultajiet tal-proċedura ta' rilaxx għas-sena finanzjarja in kwistjoni, ***kif stabbilit fl-Artikolu 146*** (3) tar-Regolament Finanzjarju ***Ġenerali***.	9. Id-Direttur Eżekuttiv, għandu jagħti lill-Parlament Ewropew, fuq talba tiegħu, kull informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni mingħajr diffikultajiet tal-proċedura ta' rilaxx għas-sena finanzjarja in kwistjoni, ***bi qbil mal-Artikolu 165***(3) tar-Regolament Finanzjarju ***applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni***.
10. ***Il-Parlament Ewropew,*** fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill ***li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata***, qabel ***it-30*** ta' ***April*** tas-sena N + 2, għandu jagħti ***rilaxx*** lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward ***ta' l-implimentazzjoni tal-"budget"*** għas-sena N.	10. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill***, il-Parlament Ewropew***, qabel ***il-15*** ta' ***Mejju*** tas-sena N + 2, għandu jagħti ***kwittanza*** lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward ***tal-implementazzjoni tal-baġit*** għas-sena N.
11. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom ***ikunu*** adottati mill-Bord Amministrattiv wara li l-Kummissjoni ġiet konsultata. Dawn ir-regoli ***ma jistgħux*** imorru kontra r-Regolament tal-Kummissjoni (***KE, Euratom***) Nru ***2343/2002 tad- 19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) applikabbli għall-"budget" ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej***, sakemm dan ***mhux*** meħtieġ speċifikament għat-tħaddim ***ta' l-Aġenzija*** u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.	11. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom ***jiġu*** adottati mill-Bord Amministrattiv wara li l-Kummissjoni ***tkun*** ġiet konsultata. Dawn ir-regoli ***m'għandhomx*** imorru kontra r-Regolament ***Delegat*** tal-Kummissjoni (***UE***) Nru ***1271/2013***, sakemm dan ***ma jkunx*** meħtieġ speċifikament għat-tħaddim ***tal-Aġenzija*** u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 16

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Artikolu 70 jinbidel b'dan li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 70	
1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 2, tadotta atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 87(2), li jispeċifikaw:	
(a) l-istruttura u l-livell tal-miżati u l-imposti msemmija fl-Artikolu 67(3);	
(b) is-servizzi li għalihom l-imposti jistgħu jinġabru;	
(c) il-kundizzjonijiet li fihom intrapriżi ta' daqs żgħir u medju jistgħu jħallsu miżati mnaqqsa, jiddeferixxu l-pagament ta' miżati jew jirċievu għajnuna amministrattiva;	
(d) ir-regoli li jiddefinixxu remunerazzjoni għal xogħol imwettaq minn membru tal-Kumitat rilevanti jew il-grupp ta' koordinazzjoni li jaġixxi bħala relatur; kif ukoll	
(e) il-kundizzjonijiet għall-ħlas u r-remunerazzjoni.	
Il-miżati għandhom jiġu stabbiliti f'livell tali li jevita li jkun hemm defiċit jew akkumulazzjoni sinifikanti ta' eċċess fil-baġit tal-Aġenzija u għandhom jiġu riveduti meta dan ma jkunx il-każ.	
2. Meta tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis dan li ġej:	
(a) il-miżati għandhom ikunu stabbiliti f'livell li jiżgura li d-dħul idderivat minnhom, huwa, fil-prinċipju, suffiċjenti sabiex ikopri l-ispejjeż tas-servizzi mwassla u ma għandhomx ikunu aktar minn dak li huwa meħtieġ sabiex jitkoprew dawk l-ispejjeż;	
(b) il-livell tal-miżati għandu jikkunsidra r-riżultati ta' evalwazzjoni trasparenti u oġġettiva tal-ispejjeż tal-Aġenzija u l-ispejjeż tal-kompiti mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.	

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs għandhom jitqiesu, skont il-każ, inkluża l-possibbiltà ta' qsim ta' ħlas f'diversi ħlasijiet bin-nifs u f'fażijiet;	
(d) għal raġunijiet ta' saħħa pubblika l-miżata tista' tkun totalment jew parzjalment rinunzjata għal xi kategorija partikolari ta' prodotti mediċinali;	
(e) l-istruttura u l-ammont tad-drittijiet għandhom iqisu jekk it-tagħrif ġiex ippreżentat f'daqqa jew separatament;	
(f) f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati u wara aċċettazzjoni mill-Aġenzija, il-miżata kollha jew parti minnha tista' tkun eżentata;	
(g) ir-remunerazzjoni għax-xogħol tar-relatur għandha titħallas fil-prinċipju lill-awtorità nazzjonali kompetenti li timpjega r-relatur jew, meta r-relatur mhuwiex impjegat minn awtorità nazzjonali kompetenti, l-Istat Membru li ħatru;	
(h) iż-żmien għall-ħlas ta' miżati u imposti għandu jiġi ffissat b'qies tal-limiti ta' żmien skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru […]";	

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 16 a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 70a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 70a
	Fir-rigward tal-livell u l-istruttura tal-miżati msemmija fl-Artikolu 67(3) ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 297/95 u r-Regolament (UE) Nru 658/2014 għandhom ikunu applikabbli sa meta jiġu adottati u jsiru applikabbli emenda tar-Regolament (KE) Nru 297/95 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra dwar miżati."

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 16 b (ġdid)

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 82 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(16b) L-Artikolu 82(3) jinbidel b'dan li ġej:
3. Bla ħsara għan-natura ***tal-Unjoni unika*** tal-kontenut tad-dokumenti msemmija fil-punti (a) sa (d) ***tal-paragrafu (4)*** tal-Artikolu 9 ***u fil-punti (a) sa (e) tal-paragarfu*** (4) ***tal-Artikolu 34***, dan ir-Regolament ma għandux jipprojbixxi l-użu ***ta'*** żewġ disinni kummerċjali jew aktar għal prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem ***partikolari*** li ***jaqa'*** taħt awtorizzazzjoni ***għat-tqegħid fis-suq waħda***.	"3. Bla ħsara għan-natura ***unika u tal-Unjoni*** tal-kontenut tad-dokumenti msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 9(4), dan ir-Regolament ma għandux jipprojbixxi l-użu ***ta'*** żewġ disinni kummerċjali jew aktar għal prodott mediċinali ***partikolari*** għall-użu mill-bniedem li ***jaqa'*** taħt awtorizzazzjoni ***unika għall-kummerċjalizzazzjoni***."

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 18

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 86

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-inqas kull ***għaxar*** snin, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba bħala riżultat tat-tħaddim tal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE	Mill-inqas kull ***ħames*** snin, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba bħala riżultat tat-tħaddim tal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE ***u fir-Regolament (UE) …/…*** (*)***.*** (*) ***2014/0257(COD).***

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 20

Regolament (KE) Nru 726/2004

Artikolu 87b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3(4), 10b (1), 14(7), 16(4) u 84(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ***taż-żmien mhux determinat*** li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.	2. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3(4), 10b (1), 14(7), 16(4) u 84(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta' ħames snin*** li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat sa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT